# il-malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXIX 2007

# Il-Malti

Rivista ta' l-Akkademja tal-Malti

UNIVERSITY OF MALTA
-MAIN LIBRARY-

ĦARĠA AKKADEMIKA
LXXIX
2007

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

301391

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Marco Galea
*Membri*: David Agius Muscat
Clare Azzopardi
Joseph P. Borg
Adrian Grima

Pubblikazzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti
© 2007 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-178-9

# Werrej

L-Editorjal
Marco Galea ........................................................................................1

Abbrevjazzjonijiet....................................................................................5

"Il Gharusa tal Mosta"
u Drammi Manuskritti Oħrajn ta' Qabel l-1845
fil-*Fondo Panzavecchia*
David Agius Muscat ..................................................................................7

Il-Kardinal Giuseppe Mezzofanti u l-Malti
Mario Cassar ..........................................................................................41

Il-Poeżija ta' Daniel Massa:
It-Tiftixa ta' Tfulija Dejjiema
Oliver Friggieri ......................................................................................55

L-Element tal-Konfront
f'Monsinjur Pietru Pawl Saydon
Sergio Grech ..........................................................................................63

Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut
Adrian Grima ..........................................................................................81

Gwerrieri u Sinjorini: Mary Meylak u l-Poeżija tal-Ġisem
Immanuel Mifsud ........ 105

Il-Meraq taż-Żmien: Ħarsa lejn ir-Raba' Taqsima ta' *Bil-Varloppa* - l-Ewwel Ġabra ta' Poeżiji ta' Louis Briffa
Peter Serracino Inglott ........ 117

Laurent Ropa u l-Maltin ta' l-Alġerija
Dorothy Scerri ........ 123

Tieqa Mbexxqa fuq is-Semantika Lessikali
Michael Spagnol ........ 137

Ktejjeb Rari ta' Cannolo
Olvin Vella ........ 159

Wiċċ Malta Qabel Ma Ġie l-Ordni
Godfrey Wettinger ........ 177

Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku bl-Ilsien Malti: *Taghlim Nisrani* (1752) ta' Franġisku Wzzinu
William Zammit ........ 193

Dokumentazzjoni
Id-'Dar' ta' l-Għaqda/Akkademja
Anton Agius Muscat ........ 219

# L-Editorjal

Marco Galea

Din l-edizzjoni ta' *Il-Malti* tagħlaq ċiklu ta' sentejn fil-ħidma ta' l-Akkademja tal-Malti. Il-kitbiet li jidhru hawnhekk huma frott it-tip ta' riċerka li l-Akkademja tixtieq tara fil-qasam tal-Malti. Uħud mill-artikli huma r-riżultat dirett ta' attivitajiet li wettqet l-Akkademja, meta stiednet studjużi prominenti jitkellmu dwar il-qasam tar-riċerka tagħhom. Fost l-artikli l-oħra hemm ukoll ix-xogħol ta' studjużi aktar żgħażagħ, li aktarx se taqraw il-kitba tagħhom għall-ewwel darba. Magħhom imbagħad hemm artikli oħra ta' studjużi magħrufa sew fil-qasam tal-Malti.

Il-bord editorjali għamel sforz biex minbarra li l-artikli jkunu kollha ta' livell għoli, ikun hemm firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' suġġetti mill-oqsma kollha ta' l-istudji Maltin. Ninsabu sodisfatti li dawn l-għanijiet ilħaqniehom, għalkemm naturalment inħallu lill-qarrejja jiġġudikaw.

L-esperjenza ta' dawn is-sentejn bħala editur ta' *Il-Malti* u president ta' l-Akkademja tal-Malti wrietni sitwazzjonijiet li qabel ma kontx midħla daqshekk tagħhom. Fi tmiem dan it-terminu naħseb li nista' nitkellem dwar ir-rwol ta' l-Akkademja fil-kuntest soċjali u politiku ta' żmienna, u f'relazzjoni ma' entitajiet oħra li jaħdmu fil-qasam tal-Malti u tal-kultura.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li mbagħad saret l-Akkademja tal-Malti, intrabtet f'moħħ il-Maltin ma' l-alfabett, l-ortografija, u l-grammatika tal-Malti. Bir-raġun. M'hemmx dubju f'moħħi illi kieku ma kinitx il-ħidma tal-pijunieri

ta' l-Għaqda kmieni fis-seklu għoxrin, il-kitba bil-Malti llum hija ħafna inqas stabbli milli hi. Imma dan ix-xogħol irridu nqegħduh f'perspettiva usa'. In-nies li tawna l-alfabett li nużaw u stabbilew ir-regoli tal-grammatika kienu qed jaħdmu fil-qafas ta' għaqda li tirrappreżenta l-kittieba. L-interess fl-ortografija qatt ma kien l-għan ewlieni ta' l-attività tagħhom. Kien biss il-mezz biex bħala kittieba Maltin ikunu jistgħu jikkomunikaw. Imma l-ewwel u qabel kollox kienu jqisu lilhom infushom bħala kittieba.

Ftit aktar minn sentejn ilu, bit-twaqqif tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti, lill-Akkademja "tteħditilha" l-funzjoni li tkun il-kustodja ta' l-ortografija u l-grammatika. Naturalment, l-Att dwar l-Ilsien Malti, li permezz tiegħu twaqqaf il-Kunsill, jirrikonoxxi x-xogħol li għamlet l-Akkademja f'dan il-qasam, u minbarra li l-Akkademja hija rrappreżentata fil-Kunsill imsemmi, trid tiġi kkonsultata f'diversi sitwazzjonijiet. Imma r-responsabbiltà l-kbira ta' l-iżvilupp ta' l-ortografija issa waqgħet fuq il-Kunsill.

Hafna nies li tul ħajjithom taw sehemhom fl-Akkademja setgħu raw dan l-iżvilupp bħala umiljazzjoni għall-Akkademja. Imma naħseb li nistgħu nħarsu lejn is-sitwazzjoni minn naħa oħra. Għal ħafna snin in-nies kienu jħarsu lejn l-Akkademja bħala istituzzjoni li hija marbuta ma' patrimonju prezzjuż imma li qed issibha bi tqila biex tamministrah. Jista' jkun illi kieku fis-snin li għaddew l-Akkademja rriformat ruħha u dehret quddiem is-soċjetà bħala istituzzjoni dinamika li tista' tagħti direzzjoni lill-Maltin quddiem l-isfidi l-ġodda li sab quddiemu l-Malti bil-firxa tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, illum l-Akkademja kien ikollha aktar kontroll fuq kif tiżviluppa l-kitba tal-Malti. Imma minbarra li dan huwa kollu argument inutli, għaliex issa l-istorja seħħet kif seħħet, fir-realtà l-Akkademja naqsitilha xi ħaġa importanti mill-identità tagħha b'dak li ġara?

Nissogra ngħid li llum l-Akkademja tinsab f'sitwazzjoni aħjar biex tagħmel ix-xogħol tagħha. Il-missjoni ewlenija tagħha hija li ġġib 'il quddiem l-interessi tal-kittieba Maltin. U x'jistgħu jkunu dawn l-interessi? L-ewwel interess għandu jkun li titjieb il-kwalità tal-kitba tagħna kemm jekk aħna studjużi, poeti, rumanziera, tradutturi jew ġurnalisti, u l-bqija. Qatt ma nistgħu ngħidu li ma nistgħux nagħmlu aktar biex niktbu aħjar. Ma nistgħux inkunu kuntenti li l-Akkademja qed tagħmel biżżejjed f'dan il-qasam. Fl-aħħar sentejn organizzajna numru ta' seminars u taħditiet li fihom għadd ta' riċerkaturi kellhom il-possibbiltà li jiddiskutu r-riċerka tagħhom ma' riċerkaturi oħra, studenti u mal-pubbliku interessat fis-suġġett. Irridu nippruvaw nagħmlu xi ħaġa simili f'oqsma oħra. Irridu wkoll insibu mezzi biex il-kittieba Maltin ikollhom aktar

kuntatti ma' kittieba minn pajjiżi oħra, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna. Dan għandna nagħmluh kemm fuq livell individwali kif ukoll bħala organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-kittieba.

L-Akkademja trid taħdem ukoll fuq il-preżenza u l-viżibilità tal-kittieba u l-kitba tagħhom fis-soċjetà. Ma nistgħux nippretendu li dak li għandhom xi jgħidu l-kittieba jkun importanti daqs dak li jgħidu l-kantanti li nibagħtu għall-*Eurovision*, imma rridu nippruvaw noħolqu klima fejn il-kittieba, l-istudjużi, il-ġurnalisti serji, fi kliem ieħor, il-kategoriji li f'ambjenti oħrajn jitqiesu bħala l-intellettwali, in-nies li jaħsbu, ikollhom sehem ewlieni mill-mod kif tiġi ffurmata l-opinjoni pubblika f'pajjiżna. Ma nistgħux inwaħħlu biss fis-soċjetà li mhix interessata fil-kittieba, irridu nsibu mezzi kif il-kitba (u b'kitba ma nifhimx biss il-letteratura, imma wkoll ir-riċerka u l-ġurnaliżmu) issir aktar ċentrali għall-ħajja tal-pajjiż. Jekk l-Akkademja, li tirrappreżenta lill-kittieba, ma tibdiex diskussjoni bħal din, ma nafx min jista' jkollu interess jibdieha.

Din il-preżenza trid tibda fuq livell istituzzjonali. F'pajjiżna, m'għandna ebda istituzzjoni li hija responsabbli mill-iżvilupp tal-letteratura. Jeżisti l-Kunsill tal-Ktieb, jeżisti l-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, hemm il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti; ilkoll għandhom interess li jmexxu 'l quddiem il-letteratura Maltija u lkoll iwettqu inizjattivi f'dan is-sens, imma m'hemmx strateġija ċara ta' x'inhu meħtieġ biex il-letteratura tagħna titjieb fil-kwalità u tinfirex aktar fost il-Maltin u l-barranin. Mhux qed ngħid li dawn il-kunsilli ma jaħdmux biżżejjed, għaliex naf biċ-ċert li jagħmlu ħafna iżjed milli hu mistenni minnhom bil-fondi li jingħatawlhom. Qed ngħid biss li ħadd qatt ma ħaseb li fuq livell governattiv hemm bżonn politika koerenti li tgħin il-letteratura tiżviluppa. Il-kittieba, bħall-produtturi tal-patata, għandhom bżonn appoġġ istituzzjonali biex jagħmlu xogħolhom aħjar, u meta jagħmluh, biex isibu suq għalih, u meta jbigħuh jitħallsu tiegħu. Jgħidu li l-letteratura kbira tinħoloq ukoll f'sitwazzjonijiet diffiċli, u allura m'għandhiex bżonn għajnuna, imma ma naħsibx li għandna l-lussu li nħallu l-politika tagħna f'idejn xi Pinochet jew Stalin biex naraw x'jiġri mil-letteratura tagħna.

Fil-qasam tar-riċerka s-sitwazzjoni mhix wisq aħjar. Id-Dipartiment tal-Malti fl-Università huwa wieħed mill-iżgħar dipartimenti tal-lingwi f'termini ta' riżorsi umani minkejja li jilqa' numru kbir ta' studenti kull sena. Għal għadd ta' snin issa, id-dipartiment kellu effettivament professur wieħed tal-letteratura, waqt li per eżempju d-Dipartiment ta' l-Ingliż għandu erbgħa, bejn professuri u għalliema oħra speċjalizzati fil-letteratura. Kif tista' ssir riċerka

serja fil-qasam letterarju jekk l-uniku dipartiment universitarju fid-dinja fejn suppost issir ir-riċerka dwar il-letteratura Maltija huwa daqshekk fqir?

Id-diskors dwar ir-relazzjoni ta' l-istituzzjonijiet mal-lingwa u l-letteratura Maltija jista' jibqa' sejjer. Imma naħseb li kollha kemm aħna nistgħu nġibu għexieren ta' eżempji li kollha kemm huma juru li jonqosna ħafna biex nuru li l-oqsma marbuta mal-lingwa u l-letteratura Maltija neħduhom bis-serjetà li jistħoqqilhom. Imma fuq l-istituzzjonijiet l-influwenza tagħna tista' tkun limitata. It-triq li forsi xi darba twassalna biex ikollna kultura li tqis il-Malti bħala riżorsa u mhux xkiel għall-iżvilupp tagħna bħala poplu tista' tuża lilna bħala kittieba, studjużi, tradutturi, ġurnalisti, għalliema u l-bqija li nħaddmu l-Malti biex naqilgħu x'nieklu u għaliex għandna rabta intellettwali u emozzjonali miegħu. Imma biex dan jiġri rridu nuru li bħala kategorija u bħala individwi aħna nies li nafu xogħolna u li lesti nikkontribwixxu biex is-soċjetà li ngħixu fiha timxi 'l quddiem. L-Akkademja naħseb li għandha tkun is-simbolu ta' dan l-impenn. Jekk ma tilqax din l-isfida, jitfaċċaw formazzjonijiet oħrajn li jagħmluna irrilevanti.

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| AAM | Arkivju Arċiveskovili ta' Malta |
| AOM | Arkivju ta' l-Ordni ta' Malta |
| ASVSS | Arkivju Sigriet tal-Vatikan, Segreterija ta' l-Istat |
| AUM | Arkivju ta' l-Università ta' Malta |
| AKM | Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina |
| BNM | Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta |
| Pan | Panzavecchia |
| U | Università |

# "Il Gharusa tal Mosta" u Drammi Manuskritti Oħrajn ta' Qabel l-1845 fil-*Fondo Panzavecchia*

David Agius Muscat

**L-interess ta' Panzavecchia fix-xena teatrali**

Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797–1850) twieled u għex l-Isla, u huwa magħruf l-aktar għall-ħidma li wettaq fil-qasam ta' l-edukazzjoni popolari u fil-qasam ta' lsienna.[1] Fl-aħħar artiklu li ġibna f'*Il-Malti* konna tkellimna fuq rakkont miktub minnu, u konna qisnieh bħala wieħed fost l-eqdem rakkonti miktubin bi lsienna. Għalkemm sadanittant sibna xi rakkonti oħrajn tiegħu, u se nitkellmu fuqhom iktar 'il quddiem, illum se nitfgħu ħarsitna fuq drammi qodma bil-Malti li jinsabu fil-*Fondo Panzavecchia*, iddepożitat fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina.

Id-drammi huma lkoll manuskritti u nistgħu naqsmuhom f'erbgħa, jiġifieri (i) manuskritti ta' żewġ drammi bit-Taljan, mhux miktubin minn Panzavecchia, (ii) manuskritti ta' biċċiet minn żewġ drammi bit-Taljan, miktubin minn Panzavecchia, (iii) biċċa minn dramm bil-Malti, miktub minn Panzavecchia, u (iv) abbozz ta' dramm poetiku bil-Malti, miktub minn Panzavecchia.

Dawn il-ftit manuskritti jixhdu l-interess ta' Panzavecchia fil-qasam teatrali. Minn kitbiet oħrajn tiegħu nafu li hu kien mar ta' l-inqas darba fit-teatru tal-Belt u dakinhar huwa u missieru kienu qagħdu "*al palchetto di Decaro*" jaraw l-opra *La Vedova del Malabar*.[2] Meta siefer, Panzavecchia kien żar teatri f'Ġenova, f'Turin u f'Ġinevra.[3]

Nibdew billi naghtu harsa lejn żewġ drammi manuskritti li għalkemm jinsabu fil-*Fondo Panzavecchia* mhumiex miktubin minn Panzavecchia. Din mhix l-ewwel darba li nsibu materjal ta' ħaddieħor qalb il-manuskritti ta' Panzavecchia u wisq probabbli dawn kien ipoġġihom huwa stess biex jużahom waqt l-istudji tiegħu.[4]

L-ewwel dramm manuskritt jismu *Intermezzo* u għalkemm ma jinsabx l-isem ta' min kitbu nafu li l-awtur kien il-Monsinjur Palermitan Domenico Boccadifuoco.[5] Dan id-dramm huwa miktub bl-Isqalli iżda fih xi kliem u frażijiet bil-Malti wkoll. Dawn huma: "ghesuira", "ara min", "mirhbabich", "musbiech" (f. 192), "iaħasra" (f. 194$^{v}$), "marric musc tabilħac", "iena n'itħacħ" (f. 195), "Iggri" (f. 195$^{v}$), "gioia calbi imsci mur" (f. 196), "iggri tir pħal ħasfur" (f.196$^{v}$).

Studji fuq l-istess dramm diġà għamluhom Arnold Cassola u Joseph M. Brincat. Huma studjaw il-kopja li tinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali fl-i*Stromati* ta' Injazju Saverju Mifsud.[6] Cassola kiteb li fil-kopja li ra hu, Mifsud kien żied bil-pinna "imur" fil-vers "Iggiri imur, tir pħal hasfur".[7] Mill-frażijiet bil-Malti, din il-frażi hija l-unika waħda li hija differenti mill-kopja li nsibu fil-*Fondo Panzavecchia*, jiġifieri "iggri tir pħal ħasfur". Mill-bqija, kollox jidher li huwa l-istess.

Dramm ieħor, miktub bit-Taljan u mill-istess id li ttraskriviet id-dramm ta' qabel, jismu *Piccolo Dramma – Dedicata al Ill$^{mo}$ Sig. Comm$^{re}$ della Comend$^{a}$ di S. Gio: Batta dell'Abbondantissima Città di Ragusa Fr D$^{r}$ Carlo M$^{a}$ Olgiati in occasione dell'attentato che pretendeasi fare dal Basà Gov$^{re}$ di Rodi, e suoi seguaci*.[8] Għalkemm dan id-dramm ma fihx kliem jew frażijiet bil-Malti, il-ġrajja li naqraw fih seħħet f'pajjiżna tassew u tittratta l-attentat ta' rewwixta mill-iskjavi fl-1749.[9] Dan id-dramm ma fihx minn kitbu iżda jista' jkun li l-awtur tiegħu kien Vittorio Gristi (c. 1714–1787). Gristi kien letterat u nafu li kiteb ta' l-inqas dramm ieħor, jiġifieri *Il Naufragio di San Paolo in Malta Osia La Conversione di San Publio e dell'Isola – Opera Morale 1748*. Il-kitbiet tiegħu kważi lkoll jittrattaw temi patrijottiċi, u ħafna minnhom huma mitlufin.[10] Fuq ir-rewwixta ta' l-iskjavi Gristi kien mgħarraf sewwa għaliex, barra li għexha, kiteb studju dettaljat fuqha bl-isem *Relazione Istorica delle Ribellioni*.[11]

## Xenetti minn drammi ta' Panzavecchia

B'kollox sibna erba' drammi miktubin minn Panzavecchia, u wieħed minn dawn huwa silta ta' ftit folji, bit-Taljan.[12] Huwa diffiċli nsiru nafu fuqxiex jittratta imma, wisq probabbli, minħabba li l-personaġġi huma l-maskri tal-*Commedia dell'Arte*, kien satiriku. Lanqas ma nafu jekk dan id-dramm kienx maħsub biex jittella' fuq il-palk jew inkella kienx se jidher ippubblikat f'xi ġurnal. Fil-ġurnali tal-perjodu niltaqgħu bosta drabi ma' karattri tal-*Commedia dell'Arte* biex jgħaddu kummenti kritiċi fuq is-soċjetà ta' żmienhom.

Dramm ieħor bit-Taljan, miktub minn Panzavecchia wkoll, għandu xeħta patrijottika.[13] Dan jinsab f'manuskritt differenti u huwa abbozz ta' dramm poetiku li jittratta l-konġura ta' Dun Mikiel Xerri (1737–1799) u sħabu fi żmien il-Franċiżi f'Malta. Barra l-kor, jieħdu sehem fost l-oħrajn D. Michele Xerri, Guglielmo Lorenzi, u Michele (wisq probabbli Vella),[14] li kienu xkubettjati mill-Franċiżi.

La dawn iż-żewġ drammi bit-Taljan u lanqas id-drammi l-oħra bil-Malti ma għandhom miktub fuqhom min kitibhom u meta nkitbu. Fl-istess ħin nistgħu nkunu kważi ċerti li kitibhom Panzavecchia għax il-kaligrafija tagħhom tixbah lil dik li nsibu fil-bqija tal-manuskritti tiegħu. Barra minn hekk, nifhmu li d-drammi bil-Malti aktarx inkitbu qabel l-1842 għaliex f'dak iż-żmien fil-manuskritti tiegħu Panzavecchia kien diġà jikteb bl-alfabett tiegħu li nsibuh fil-*Grammatica della Lingua Maltese* (1845).

L-ewwel dramm bil-Malti huwa biss abbozz u jidher li Panzavecchia kellu l-ħsieb li jkomplih.[15] Id-dramm m'għandux isem u huwa magħmul minn erba' xenetti li jittrattaw ġurnata f'dar Maltija waqt il-karnival, b'kummenti u battuti tad-daħq tipiċi tal-fares popolari Maltin li ttellgħu fis-seklu dsatax. Fid-dramm insibu lill-missier li qed jipprova jikteb xi kontijiet filwaqt li wliedu ċkejknin ma jħalluhx jikkonċentra għaliex ommhom tibgħathom jilagħbu u jdoqqu għandu. Ma jonqosx il-qaddej "intelliġenti", *Xmun*, li għandu f'rasu kif joħroġ minn dan l-inkwiet lis-sinjur tiegħu.

Wisq probabbli l-ħsieb ta' dan id-dramm kien li jittella' fi żmien il-karnival ladarba jittratta dan iż-żmien tas-sena.[16]

**"Il Gharusa tal Mosta"**

L-itwal dramm miktub minn Panzavecchia huwa l-iktar wieħed li fixkilna. In-numru ta' xeni neqsin, il-verżjonijiet differenti ta' l-istess xeni, ix-xeni inkompleti, il-qtugħ ta' kliem u versi, u l-ismijiet tal-personaġġi li mhux dejjem jaqblu mal-personaġġi li jkun semma qabel jindikaw li dan id-dramm huwa oriġinali iżda kien għadu abbozz.

Fid-dramm naqraw il-ġrajja tat-tfajla *Masa* li riedet tiżżewweġ lil *Gianni*. Iżda dan *Gianni* kien jinsab il-Barberija (jiġifieri l-Afrika ta' Fuq) wara li kien tkeċċa minn Malta minn żagħżugħ ieħor li lil *Masa* ried jiżżewwiġha hu. Minkejja li lil *Masa* jħarrfulha li dan *Gianni* issa kien miżżewweġ u li kien qaleb Tork, hi baqgħet trid lilu u jkun hu li, flimkien ma' ċorma rġiel oħra, f'jum it-tieġ ta' *Masa* maż-żagħżugħ l-ieħor, jiġu mill-Barberija, jinżlu bil-moħbi f'Wied il-Għasel, u jaħtfu mit-tieġ lil *Masa* u lill-ġenituri tagħha biex jeħduhom il-Barberija.

Il-ġrajja tfakkarna fil-leġġenda ta' *L-Għarusa tal-Mosta*, u lejn l-aħħar tal-manuskritt, f'waħda mill-erba' verżjonijiet ta' l-ewwel xena, Panzavecchia kkonferma dan billi kiteb fuqnett tal-folja "*Il Gharusa tal Mosta*". [17]

Jidher li dan id-dramm huwa l-eqdem forma letterarja tal-leġġenda li għandna. L-ewwel tagħrif fuq il-ġrajja ta' *L-Għarusa tal-Mosta* jagħtuh fis-seklu tmintax G.A. Ciantar f'*Malta Illustrata*, u manuskritt li jinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali.[18] Fl-1862 Nicola Zammit tana l-ewwel pubblikazzjoni tal-leġġenda bħala rumanz storiku, miktub bit-Taljan, u maqlub bil-Malti minn Ġużè Muscat Azzopardi u ppubblikat għall-ewwel darba fl-1878.[19] Jidher li l-leġġenda kienet ippubblikata l-ewwel darba bħala għanja minn Luigi Bonelli fl-1895, li kien ħa l-kliem tagħha minn kif kien semgħu Annibale Preca.[20] L-għanja nsibuha wkoll fil-ktieb *Malta Cananea* (1901) ta' Annibale Preca.

Kif fissirna qabel, dan id-dramm wisq probabbli nkiteb qabel l-1845. Dan il-fatt jagħtih importanza storika fil-letteratura tagħna minħabba li huwa miktub f'forma poetika wkoll. Fis-seklu dsatax nafu bi dramm poetiku ieħor biss, *Katarina*, li kien kitbu Luigi Rosato u li kien tellgħu l-ewwel darba fl-1839 fit-Teatru Manoel. Iżda minħabba li Panzavecchia ma niżżilx dati fuq il-manuskritt ma nistgħux inkunu nafu jekk id-dramm tiegħu nkitibx qabel ta' Rosato. Lanqas ma sibna jekk dan id-dramm qattx ittella' fit-teatru jew fil-pubbliku.

**Xi konklużjonijiet fuq id-drammi bil-Malti ta' Panzavecchia**

Id-drammi bil-Malti ta' Panzavecchia jitfgħu dawl ġdid fuq ix-xena tat-teatru lokali bil-Malti ta' nofs is-seklu dsatax. Fl-istess waqt nistgħu ngħidu li Panzavecchia, barra li kien awtur ta' rakkonti fi proża u poeżiji, kiteb ukoll drammi, u dawn ikomplu jikkonfermaw kemm Panzavecchia kien jixtieq li jgħallem ġrajjiet pajjiżna lill-Maltin kollha. Dan l-ideal emmen fih sa minn żgħożitu u wettqu l-aktar meta ppubblika kotba bil-Malti għat-tfal ta' l-iskola fiż-żmien li kien direttur ta' l-iskejjel primarji, jiġifieri mill-1844 sa l-1848.

Il-kontribut li Panzavecchia ta fil-kitba tad-drammi bil-Malti jixhed li f'nofs is-seklu dsatax l-attività teatrali bil-Malti kienet aktar ħajja milli konna naħsbu,[21] u fost iċ-ċirku ta' intellettwali Maltin li kienu jiktbu bi lsienna għat-teatru lokali għandna nżidu lill-Kanonku Fortunato Panzavecchia.

*Nirringrazzja lil Olvin Vella, lil Dr William Zammit u lil Dr Marco Galea talli għarrfuni b'tagħrif essenzjali għal dan l-artiklu. Grazzi wkoll lil Edward Camilleri, librar fil-Melitensia ta' l-Università ta' Malta, u lil Mario Gauci, assistent arkivista tal-Katidral ta' l-Imdina talli, bħal dejjem, għenuni kemm setgħu minn qalbhom.*

**Fil-Karnival**[22]

**[f. 180r]** *Camera con tavolino su di comparisce Gianpaolo in atto di scrivere*

*Gianpaul, dopo di aver scritto per qualche tempo alza il capo in atto di prender riposo e guardando*

> ~~Il cont [?] [?] Dana il cont kien habbilli~~
> ~~Il cont habat habba bhabba, issa Gianpaul halli nistriehu cocc kabel ma inkala sci riefnu.~~
> ~~*attorno*~~
>
> ~~Issena it~~
> ~~Ahi A ho~~[23] ~~Ahà il cont jahbat habba bhabba~~
>
> A hà, lesti ahna, il-kont jahbat habba b'habba. Issa nistriehu dackscein ghasc ghaineja bedghu inghasciu u inhoss rasi dacks ckartalla. (*Si alza e guardando attorno*) Kif inhi dina, ma naghmlusc li dissena il Carnival ~~ta dissena~~ ser jaghmel fgili. Dari ma ~~kiense~~ kenic tghaddi sigha li ma inckalasc sci riefnu, illum lanckas nisma hiss ta nies u donni f'dar il fatata .... Izda ma naghmlusc li nitghainu, ahiar nisbriga il cont lihor ckabel ma ~~nisimghu sci musikata~~ ibdghu il musikata

(*Si mette nuovamente a scrivere e dopo una breve ~~pausa~~ lasso di tempo si sente ~~uno~~ il suono di una cassettina con danaro entra una ragazzina ~~con~~ menando fortemente il danaro nella cassetta e correndogli al*

| | |
|---|---|
| Carolina[24] | Pà pà habba strina (*e batte forte*)<br>Ah ha, ghandna wahda, ~~jena ma ghie~~ dana ghitusc li ma ndumusc |
| **[f. 180v]** | ma nitghainusc. Ara sc fettillu dalghodu Giannoz mar ghand il-mamma: hallini ncicci quiet! |

*La ragazza incomincia a girare per la camera saltando e cantando e replicando* Habba strina

Carolina[25] Trijc tmur ghant l'angli bdil halia cascetta tighek ghasc dauuartli rasi. Ara haw illum [?] ~~il Karnival~~ Hadd il-Karnival [?] bl-istrina. ~~Imhatra ommoc~~ Kos [~~?ommom patt~~] [?] tidghi: Kos ommom tackilghilna dal fettuckiet (*Si mette a scrivere la ragazza riviene gridando*

Pa pa, habba strina, ghasc jek ma tatinisc indahhlek fil cantina

U mur minn hau, mur

<u>Gianpaul.</u> Ahiar nehles minnha. ~~Giannoz~~ Carolina tela [?] [?]. Tarasc marti biesc tinquietani tisua belt, biesc tnaddaf ittfal imbaghat scein ma tisua. Izda sc ghandi naghmel la Alla lackaghni ma' dil ghila. Usc habba trit, ibni, hudha imma ara targia tigi.

Giannozzo. Le pa pa

Gianpaul. Ara iceckcicha il cascetta

Giannozzo Le pa, frattanto corre e fa più chiasso

Gianpaul. Ahiar ma nghit scein dalghodu. Si mette a scrivere. Dopo alcuni momenti si sente uno strepito di [?] [?]

<u>Gianpaul.</u> Isma lihor gei bil [?] dalghodu. Ara Breibes tehillusc bil Gimgha il cbira

*Entra Giannozzo facendo il* [?]

Gianpaul Oi, oi, oi tric tnehhi mnideck dak limbiereck ta' [?], ghasc inkissirulek fuck

**[f. 181$^{r}$]** rasek

Giannuzzo (*Continuando a fumare ed a scemare*[26]) Pa pa tathuli il mamma)

Gianpaul Jen ma ghittusc li dik limbierca tackilghilhom il [?]. Li kien Alla jatini il pacenzia cont immur il genna. Int dritt

Giannoz[27] (*al ragazzo*) [?] hawn ibni, tric habba u ~~ma~~ tmur tatih lommok eh?

Giannuzzo Iva pa.

Gianpaulo Izda arra iddockcku

Giannuzzo Le pa, *frattanto gli fa delle smorfie e corre suonando più forte*

Gianpaolo Donnisc ghittlu dock. Bilfors ommhom thassarhom, ~~ommhom thassarhom~~. Ma iservi scein u la jek insauuathom, u la ek nibghathom skejel telghin phazziu tal figel. Oh avanti megliu (*continua a scrivere e dopo qualche tempo si sente vicino un suono di bullina da carnevale*

*Gianpaolo come scosso da sorpresa mette le mani agli orecchio* Issa ghockot sewwa, brogna kienet tonckos u ma widneja (*frattano si sentono nell'interno la cassettina il* [?] *&*

Nicolino *Entra suonando il buccino*
*Gianpaolo si alza dalla sedia*. Nicolino tric tmurli minn haun bdik il halia brogna ghasc nitfaghlek [?] ma' sackaik dassiggu.

Nicolino Papà tathieli ommi.

Gianpaolo Iva haun geit iddockha wara widneja

Nicolino Papa ommi baghtitni

Gianpaolo Issa din titlifsc lirwieh, dau fadalli nisma, tibghathomli biesc tehles minnhom

**[f. 181ᵛ]** Issa min kieku [?] [?] jaghmilsc tajep.

*Mentre Nicolino continua a suonare*. Halli narau nehilsusc minnu. Nicolin tric sold tmur tisctrih mendli perlini, izda mur dock barra smaic: [?] ara tiggielet mattfal.

Nic. Le pà *frattanto dopo di aver avuto il soldo suonando più forte se ne va*

Gianpaul Jena manafsc, kollha allaibierek sciorta uahda; u bil fors. Jek dik limbierka tfissidhom u ma thallinisc natihom daccka (*si mette nuovamente a scrivere frattanto si sentono dentro i primi suoni poco dopo ma fortemente*

Gianpaulo (*alzandosi* min ista' ikteb fdil Babilonia, ~~Govidigrass~~ Carnival sabih sebah dalghodu .... Scmun scmun . . . . . Scmun tismasc

*Scena 2.*

Scmun e detto

Scmun (*entrando*) Haun jen signur. Scidirlek mill-musicata ta dalghodu.

Gianp. Ghalhekk ghajjattlech, biesc issicchithom ghasc dauruli rasi, tilfuli ruhi, nehheuli ghakli, u la naf scniktep u la naf scnaghmel u nhoss ugigh ta ras u . . . .

~~Signur~~ Scmun. Signur ghitilha lissignura li ma [?] bdal hsejes ghasc cont naf li inti cont tichtep: izda hi ~~tisma thalliho~~ tisma **[f. 182$^{r}$]** min dik in-nassa ta Minuzza isseftura; u hi marret ckalghitilhom dawn listurmenti

Gianp Iva mur u ara kif issicchithom

*Scena 3.*

*Si mette a scrivere nuovamente frattanto entra Scandru un altro figlio grandotto scemo in camicia strascinandosi una canna e cantando* ~~Scandru~~ La la le

Gianp [?] Issa dan kien jonckos ~~biese~~ ghal pckia tal erba rbghaja. Narau scnacksu. Scandru sci trit ibni

Scandru	Pa pa rit habba, u nisctri mascra nilbes mascarat mal mamma u ma ohti Paulina [?] fil carnival

Gianp.	Eh . . . . . Eh. miseriu c'è. Ghalhech dalghodu scein ma smait hisshom. Narau scmanikata iridu jaghmlu. Scandru ibni tala hau. Ma min ghandha tilbes ommoc u ohtoc mascarata; ghidli biesc natik haga

Scandru.	Pa inti ~~ma~~ le taf? [?] Jena ghidtlek smaic ommi, u ohti andhom [?] mascarati ma Chicchu lispiziar, u ma Gianninu ittabip u huma ~~[?] dejem billeil~~ iddobba [?] gen u gabu lbiesi bih bih u mascri.

Gianp.	Caspita, dana backaghli nara fdari. Ser [?] bil-Paulina issa. Issa daun ma humesc hwejec ta min iggennen. Scidirlek mara minn disciorta tibaghtiksc linfern. Jena **[f. 182v]** inhoss demmi tala gio rasi u min jatini [?] neklilha ckalbha. Izda ma nockoghdusc fuck kliem ittfal, nivverificau laffari u nistudiauha tajep jena u Scmun.

*Scena 4*

Simone e detti

Scmun	Signur hlisteck minnhom, ~~taitom~~ mort sctraithilhom erba pastizzi kul wihet u hathom ghant izzia

Gianp.	Affja[28] ghalik o Scmuni tighi, izda taf li inckala latin ihor.

Scm.	Jackau Signur.

Gianp.	Tafsc li ~~ghanna~~ ithlunna il ġrieden fiddar u manafusc bihom.

Scm.	Sci grieden Signur

Gianp. Inti taf lit-tfal ikscfu il ghuar: mela ~~dalghodu~~ issa ~~ekalli~~ ckieghed ighidli Scandru li du Ciccu lispiziar ~~ta bisuitna~~ li jockghod lisfel u dak il trascketta ta Gianninu ittabip ghandhom ilbsu mascarati illeila, massignura marti u massignura binti.

Scm. Tghit? ..... ~~Oh~~ Isma jena nemmen kollosc .. ghasc dik Minuzza li dik martek tant thobba ghandha hila iddahhalleck f'dareck torck isuet . . . Izda signur ghandicsc hila naghmlu hagia?

Gianp. Sci trid naghmlu

Scm. Naghmlulhom dahca li tinchitep.

**[f. 183r]**

Gianp. Kif.

Scm. Signur, halli naghmel jena, u dal grieden stess indahhluhom fin-nassa.

Gianp. Izda kif comu? ghidli, fehimni . . .

**Il-Għarusa tal-Mosta**[29]

*Nell'aprirsi la scena si vede il padre che conta e mette in un sacco dei fasci di verdure.* [?] [?] *vedranno altri sacchi preparati. La moglie che fila dall'altra parte, e lo Zio che tiene il sacco*

| | |
|---|---|
| ~~*Padre*~~ | ~~Iżra' u ħawwel, bati u saqqi~~ |
| | Biex imbagħad tieħu il-bejgħa |
| ~~*Padre*~~ | ~~Iżra' u ħawwel, saqqi u agħżaq~~ |
| | Ħallas qbejla, itma' |
| *Padre* | Iżra' u ħawwel saqqi u agħżaq, [?] qbiela itma' [?] |
| | Xita u xemx ħudhom fuq dahrek, egħreq u ixraq aħdem u bati |
| | Biex fis-suq tieħu dil-bejgħa, u ma ġġibx kemm tixtri rbati |
| *Zio* | Jieklu kollox il-putkali, nies bla ruħ, rwieħ indannati? |
| *Madre* | Ara ħsiebu fejnu dejjem, fuq il-qligħ u fuq il-flejjes |
| | Bu bu x'raġel messni nieħu, kemm hu rgħib u x'kilba għandu |
| | Ma jaħsibx xi ftit fit-tifla li bis-swied ta' qalb ser tmutlu |
| | Puh għal wiċċha l-ħalja regħba, aħraq ruħha l-ħalja xeħħa |
| | Mela mmur naħraq lil binti biex neħdilha raġel għani? |
| | Ħalli jegħreq il-ġid u l-għana l-interess ma jagħmilx bija |
| | Jekk jien [?] li mmur nitlob, ma rridx nara 'l binti hekka |
| | La hi trid bilfors lil Gianni, jien lil Gianni rrid nagħtiha. |
| *Padre* | Isma' 'l oħtok bedgħet tredden, il-ġurnata donnha mgħajba |
| | Ara llum x'ġurnata ġejja, Alla llum ibgħatha tajba |
| *Zio* | Jien kunjatu ingħid is-sew, għandha lsien ta' waħda qħajba |

**[f. 155v]**

| | |
|---|---|
| *Padre* | *Diriggendosi alla moglie* |
| | Ħalli naħdem, naqla' l-kisra, għax inkella nibda nidgħi |
| | U tafx kemm indum insalli sa kemm toħroġ ruħi minn ġismi |
| | ~~Mela iskot~~ |
| | Iskot mela, lsienek rażżnu: u ħallini kwiet ġurnata |
| *Madre* | Jien maniex[30] nitkellem miegħek |
| *Padre* | Ma' min mela int titkellem |
| *Madre* | Jien nitkellem mal-luqqata |
| *Zio* | Oħti qalbi oħti ruħi kemm is-sabra int stinata |
| | Ħatni ismagħni u ħallik minnha. Ejja llestu l-bejgħa tagħna |

Għax ~~jekk~~ inkella żġur tiftluha, tagħmlu dirgla u n-nies tismagħna

*Padre*[31] *Fa segno d'impazienza e si mettono a travagliare*

Ara hawn nistax nitkellem! Għandux ħila jsoddli ħalqi
Dina [?] kienet tonqos. Ma kontx naf li sirna rsiera.
Huwa jgħid li jrid u jogħġbu, lilna jridna nibqgħu siekta
Alla tani lsieni f'ħalqi biex nitkellem kemm jogħġobni
Jekk xi ħadd ma jridx jismagħni jieħu ħaġra jiġi jidrobni

*Padre* Ara x'mara tad-demonju
Mal-ġurnata trid toqtolni, filgħaxija tgħid li tħobbni

*Zio* Ħej tridx tħalli nagħmel lili, jien dalqwat għandi nsikkitha
Ingħidilha kelma sewwa minn xitan nagħmilha nagħġa
Għal kull ħaġa trid il-għaqal, 'ma man-nisa trid il-ħjiena

*Padre* Le le ħej taħdem fil-batal ma ssibx le rkaptu tal-piena

*Zio* Inti mur daqsxejn sa ġewwa. U ħallini nagħmel jiena
Aħjar nidħol ftit sa ġewwa, inħossni mimli bħal qordiena

Parte

**[f. 156r]**

*Scena 2a*

*Madr.* *Guarda e non lo vede*

Hu skappali u daħal ġewwa? ... Taħseb forsi li nerħilu?
Ma jafx kemm għad irraddinlu u kemm għad nekollu qalbu

*Zio* Aħraq ruħu dak ilsienek, issa trid [?] [?]?
Intom nisa d'dana lsienkom lilkom stess tagħmluh id-deni
Tufx[32] li llum bit-traddin tiegħek iddisprajtu lill-kunjatu
Kellu ħsieb jaqtgħilkom libsa; issa forsi biddel ħsiebu
~~Issa~~ Għidli x'ħadt bit-tgemgim tiegħek? Ma tarax kemm inti belha
Biż-żegħil u bil-karizzi, minn du[33] żewġek tieħu kollox
Inti tifhem li bi kliemek lil da[34] żewġek tista' ddawru
~~U~~ Int bi kliemek titlef kollox u *di più* taqtagħli jiesi

*Mad.* Min kien jifhem min kien jobsor li kien ser jaqtgħalna lbiesna
Li kont għamiżtni u xħittli kelma kieku kont naf kif nitkellem
Iżda int ħija xejn ma tfittex tgħinni b'kelma u b'xi ħaġ'oħra

'Ma jien naf kif indewwiha, u kif narġa' paċi miegħu
B'żewġ karizzi li nagħmillu jiena [?] [?] [?]

[f. 157$^{r}$]

*Atto 1°*
*Scena 3*

*Entra guardando*. Donnhom ħarġu donnhom marru . . . .

*Poi*

Dina marti għat-tfal tagħha għandha ħila titlef ruħha
L-interess xejn ma jgħabbiha, biss tixtieq [?]
~~'Ma bil-mod~~
~~Iżda l-mod~~
~~Iżda n-nifs~~
~~U mid-dar xejn ma jimpurtaha. Iżda jekk tonqos xi ħaġa~~
'Ma bil-mod, kieku ngħidilha, għax iż-żejjed kollu mbidded
Inti tħobbhom bis-saħħa u l-hena, iżda fittex il-ġid tagħhom.
Agħmel kont li nżewġu t-tifla, lil dak Peppu li trid hija
Xi jsir minnha llum *o* għada? Jiena nafu b'tifel tajjeb
Jiena naf li hu hieni u bieżel. Iżda ~~xejn ma~~ dak li għandu tiegħu
Hija ~~dik~~ biss il-biċċa kisra li jaqlagħha b'ħidmet riġlu.[35]
Li għall-inqas kellu dwejra, biċċa raba' *o* xi ħaġa oħra
li għallinqas kellu merħla, *o* żewġ baqar biex jaħdimhom
kont ingħid ħalli tiżżewweġ, għaliex għandha fiex tippoġġa
Iżda b'xejn[36] it-tifla tbati, l-iktar meta jiġu ż-żrameġ
Ħalli mela marti tqaqi,[37] ħalli t-tifla ssewwed qalbha
Jiena ma rridx ~~nagħti~~ naħraq 'il binti, lis-sinjur irrid nagħtiha

Tabilħaqq li nisma' jgħidu
L-ikel għoġba u ż-żwieġ namuri
Iżda tajjeb kieku jżidu
Li daż-żwieġ hu tas-sinjuri

~~Għax iż-żwieġ għalina foqra~~
~~Għal Ara min jaqla' ħajtu b'idu~~

Għax iż-żwieġ għalina foqra
Li intgħamel bin-namuri
Kif nisimgħu jgħid il-Malti
Dejjem żbriga bid-duluri

**[f. 157v]**

*Scena 4*

*Zio della ragazza.*
*Entra.*

| | |
|---|---|
| *Zio.* | Dawl il-qamar ~~beda~~ xejn ma juri? |
| *Padre* | Ħallik minnu [?] dawl il-qamar, għax din oħtok qalbet rasha. |
| *Zio* | ~~Min~~ Min? Kif? *Comu?*[38] Oħti Masa? |
| ~~*Padre*~~ | ~~Inti dejjem tibbordilja, u minn niesek~~ |
| *Padre* | Iva, Masa, tilfet moħħha, u ġennitli 'l binti bħalha. |
| Zio | Int ma tafx li moħħ in-nisa mimli kollu bin-nuħħala? |
| ~~*Padre*~~ | ~~Inti dejjem xorta waħda~~ |
| *Padre.* | Ma nistax nitħaddet miegħek; kliemek kollu ċajt u frugħa. |
| *Zio* | Għax il-kelma[39] li trid tgħidli[40] li naf li hi kelma tal-bluha[41] |
| *Padre* | Ar ja ħatni kif titkellem |
| *Zio* | Jiena ma nafx ingħid ħaġ'oħra, jien b'kappelli naf insellem. |
| ~~*Padre*~~ | ~~Tafx xi jżommni li ma naqbad~~ |
| *Padre* | Li ma kontx tiġi missieri, kont dal-waqt nekollok wiċċek |
| *Zio* | Xejn la tarfa' idek fuqi għax fil-qorti għada nfittxek |
| *Padre* | Mela f'dari tidħak bija |
| *Zio* | Jien nitħalaq, ruħi qalbi, nitolbok teħux għalija |
| *Padre* | Masa, Masa, fisa, fisa, ejja keċċi 'l du[42] l-imbierek |

*Scena V*
*Masa e detti*
*Entra con impeto.*

**[f. 158r]**
*Scena VIII*

*Madr. Zio, Sposa*

*Madre* Isma’ binti dak li ngħidlek: inti taf li jiena nħobbok
~~Mhux~~ U ma rridx ħlief il-ġid tiegħek: isma’, immela, u kliemi sorru.
Għad li jiena inżomm miegħek, għad li nċanfar lil missierek
Għad li rrid narak kuntenta, għad li rridek tgħammar hienja
[?] la li tant jogħġobni dak iż-żwieġ li kont ridt tagħmel
Ma’ dak Gianni li sefirlek, u li llum jaf Alla fejnu.
Jien ma ngħidx li l-qlub ta’ l-għarajjes ma għandhomx jintaqgħu[43] flimkien
Jien ma ngħidx li għandek tieħu li ma’ min ma jaqbilx demm
Iżda dina l-fehma tiegħek li bilfors tieħu lil Gianni
Xejn ma taqbel ma’ fehemti, lanqas jien naraha sewwa
Agħmel kont li l-għarus l-ieħor li qalagħlek ġa missierek
Ma tridux int b’għarus tiegħek, u li lanqas tista’ ġġergħu
Mhux għalhekk fil-pajjiż tagħna, ma [?] xi ġuvni ieħor
Insa mela lil dak Gianni, u ħallini naħseb jiena
~~Jien infittxlek~~ Infittxlek ġuvni sbejjaħ, u nsibhulek tifel tajjeb
U fuq kollox naqlagħhulek li ma jkunx wisq wisq tawwali
Jekk tiżżewweġ għal fehemti Alla stess jagħtik ir-risq
Għid int ħija.

*Zio* Iva, sewwa, titħadditha. U jien dejjem nisma’ jgħidu
Alla wieħed irġiel wisq.

*Sposa* Le le, jomm, ma rridikx taħseb, li l-għarus li sab missieri
Għandu demmu jirbuttani: *o* li hu raġel fuq qalbi,
Jekk ma kienx il-maħbub Gianni, dana t-tieni kien jogħġobni
Inti tifhem li jien belha u li ma nħobbx is-sinjurija
**[f. 158v]** U kemm naf li Gianni hu fqajjar, u li dana hu sinjur kbajjar!
U kemm naf li ma’ da ngawdi, u ma’ Gianni jkolli nqanċaċ
Iżda dana xejn ma jservi: jiena nħoss katina f’qalbi
Li marbuta ma’ qalb Gianni, u li ma tista’ qatt tinqata’
Jiena nħobbu u nħobbu bosta, u ħabbejtu mindu trabba

*Zio.* Qalbi ruħi il-ġid fittex, għax ma tiswiex flus l-imħabba[44]

*Madr.* Le ja ħija tgħidhiex dil-ħaġa għax fiż-żwieġ tinħtieġ l-imħabba
Iżda jiena ingħid ħaġ’oħra. Agħmel kont li trid ’il Gianni
Agħmel kont li nżewġuhulha. Iżda fejnu da l-imbierek

*Zio.* Ingħid li żżewweġ in-nanna Għula.

*Madre* Dejjem toħroġ b'xi skartata donnok trabbejt mal-ħmir u l-bgħula
Jekk immela trid nitħaddtu jaħtieġ tħalli ċ-ċajt apparti
Għidli is-sewwa ingħidx tajjeb: nitħadditx ta' omm li jiena
*Zio.* Iva, j'oħt, titkellem tajjeb. Iżda lsienek ta' raddiena.

**[f. 159r]**

*Atto 2º*

*Irland.* Mela xrik li jaħdem miegħi, kellu jogħġob aktar minni!
Xi jservuni l-ġid u l-għana, jekk ħaddiem jiskapriċċani?
Għamilt ta' raġel, ħdimt ta' għaref; u servewni darba flusi
Jien bi flusi ġa tajjartu. Jiġi issa jieħu 'l Masa
Ħalli jbati, ħalli jbakkar. Ħalli jara kemm hu minnu
Li jagħmel ħażin bosta: Min jeħodha ma' min akbar minnu

X

*Padre* Smajt xejn jabni l-aħbar ġdida, li ġibuha ż-żewġ mifdija
Daka Gianni li ridt toqrod, sar sinjur ġo Barbarija
Jien għidtulek bosta drabi, li daż-żwieġ ma għandikx tfittxu
Jien għidtulek bosta drabi li tħallih jeħodha 'l Masa
Ma tarax li Alla mis-sema biċ-ċar juri li ma hemmx fuqu
X'servew issa l-flus li nfaqna biex begħednieh minn pajjiżna
Jiena raġel la rajt bosta, u naf kulma d-dinja tagħti
Kun af li min iwebbes rasu *o* ġurnata *o* l-oħra jbati
*Irland.* Ja missier temminx, iż-żejjed, għax din għandha tkun xi ħrafa
U minn fejn dis-sinjurija jekk il-bieraħ għadu jsiefer
U tkun ħaġa bosta kbira jekk ġa wasal ~~Barbarija~~ sa Sqallija
*Padre* Ibni qalbi għadek ċkejken, u ma tafx lid-dinja [?] x'tagħti
Jekk niftakar qabel siefer jiena kont kollox ninnota
Sinjur, qallek, agħmel kulma tiflaħ, iżda afli d-dinja rota[45]

**[f. 159v]**

*Irland.* Ma kontx nemmen li raġel bħalek jagħti kont ta' kliem ċaċċari
Għax għalkemm iddur dir-rota dad-dawran ma jservix lilu

Nagħmlu kont li hu jistagħna u jarġa' jiġi jieħu 'l Masa
Tifhem b'għaqli ma nafx fisa Niżżewwiġha u niħodhielu.
Intom xjuħ kontu nies tajba, ma tafux iddawru l-[?]
Ara llum kif nagħmel nassa, u kif għadha Masa tridni
Iżda qabel ma nagħmilha għandi bżonn nara l-mifdija
~~Li ġiebu~~
Dawk li ġiebu l-aħbar tiegħu, u li rawh ġo Barbarija~~*Padre*~~
~~Ibni aħsibha tajjeb tajjeb~~.

*Padre.* Jekk int trid titkellem magħhom nibgħathomlok dik is-siegħa
Iżda aħsibha tajjeb tajjeb, għax xi mard ma jridx tidwija

X

*Irland.* ~~Jien~~ Inħoss qalbi trid tinqasam, inħoss demmi jdur ma' qalbi
Ah kemm kien aħjar għalija li b'sikkina żbrigajt minnu!
[?] li kont stajt nagħti, sassa[46] kieku ġa kont qridtu
U midfun f'xi għalqa bogħod, isma' qatt ma kien issemma
Ma' missieri ibażżagħni: għax igħidli ibża' għar-ruħek[47]
Ara issa x'waħda ġrali b'da l-iskrupli tan-nuħħala
Xejn ma trid biex tisma' Masa li ġa stagħna Gianni tagħha
U dak żwieġi dlonk jitħassar: għax hi żgur lilu tistenna
Jekk imbagħad dana Gianni, jiġi għani f'dan raħalna
U narah miżżewweġ lilha jixtri il-[?] u jagħmel [?]**[f. 160$^{r}$]**

Kif insofri l-ħalja għira, jekk ġa nħossni mejjet mn'issa?
Mela nfittex niżżewwiġha qabel xejn ma tisma' b'Gianni
U jekk hu xi darba jiġi, jibqa' sajjem jibqa' jgħanni.
Jien f'dattant ġa ħsibt kif nagħmel. Halli jiġu l-mifdija:
Dina l-borża tagħmel tajjeb: u ngħallimhom kif jitkellmu
Ara moħħi kemm jgħinni, ara għaqli kemm jiswieli
Jekk bil-ġid ma stajtx nistadha, nara x'tista' tagħmel l-għira
U jekk tħobbu kienet Masa, nara kif inbegħidhulha

X

*Picchia la porta ~~ed entrano li due~~ Sidoru va ad aprire e nel riconoscere li due schiavi riscattati li accoglie*

Merħba bikom idħlu u għaddu. Nifirħilkom, ħudu s-siġġu
Meta smajt bil-miġja tagħkom, fraħt bħal kieku kontu ħuti
Bgħatt għalikom biex narakom, għax jien nifraħ b'ġid il-proxxmu
Agħmlu f'raskom xejn la tistħu, agħmlu kont li intom f'darkom.

*Il primo* Mgħallem inti tobbligana, għax narawk tifraħ wisq bina
Jekk nistgħu nservuk f'xi ħaġa, nitolbuk li tikkmandana

*Il secondo* U jekk trid tgħinna b'xi kelma lil missierek rikkmandana

*Isid.* Għal [?] għal nagħmel jiena: 'ma għiduli u stqarru s-sewwa
Tabilħaqq li ċertu Gianni li kien xrik fir-raba' tagħna
Wasal waħdu Barbarija, u jkun qiegħed jistagħna

*Il prim.* Iva, mgħallem, għamel xorti: u ftit huma ogħna minnu

*Il sec* Għandu flus kemm tasa' Malta u ma hawnx min[48] aqwa minnu

*Isid* Iddew mela fis għiduli kif dal-bniedem stagħna f'daqqa
Għax minn hawn siefer bla ħabba. Mar għarwien b'żarbun imraqqa'[49]

[f. 160$^{v}$]

*Il primo.* Inti taf x'inhuma t-Torok, kemm-il ġenju jagħmel bihom
Għandek taf immela, mgħallem, li bla flus ġie f'Tuneż Gianni
Iżda donnha x-xorti tiegħu lilu kienet trid tistenna
Kien hemm f'Tuneż mirkant għani mingħajr tfal u mingħajr mara
Malli raħ ried jieħdu b'ibnu, ġidu kollu ried jiktiblu
Illum Gianni sar ġa rajjes, u ġa ħadlu bosta prejjeż

*Il second.* U jekk Alla jibqa' jgħinnu, ma jkunx jaf x'jagħmel bil-flejjes

*Isid.* Qiegħed nifraħ u nithenna: b'dana kollu li għidtuli
Iżda ħaġa nitlob minkom, dal-pjaċir irrid tagħmluli
Għandkom tgħidu li dak Gianni, ġa sar Tork u biddel dinu
Għandkom tgħidu li ġa żżewweġ u li ħa tliet nisa Torok
Dina l-vuċi rridha toħroġ għax irrid [?] [?]
'Ma fdattant la ġejtu foqra rrid ingħinkom b'xi [?]
Ħudu immela dina l-borża, u jien naħseb inħaddimkom

*Il pmo.* Biex nobduk li trid ingħidu

*Il secondo* Anzi wisq aktar inżidu

*Isid.* Ġa ftehemna tistgħu tmorru, nitlobkom tikkumpatuni

*Il primo* Mgħallem qalbi tridx ħaġ'oħra, għax għalik jien nagħmel kollox

*Il secondo*
*da parte*

**[f. 161ʳ]**

<u>*Scena*</u>.

*Il padre ed i suddetti*

*Pad* Binti kemm inti xxurtjata. Alla ġie refgħek minn xuxtek
Issa 'l Gianni xejn ma tfittxu, għaliex Gianni għalik mejjet
Issa mur ibki u tnieħed, u għalih itlef partit tajjeb
Gianni żżewweġ Barbarija, għandu tlieta minflok waħda

*Madr.* Irġiel kollha xorta waħda.

*Zio . . .* U x'kien jagħmel b'mara waħda. Oh min kien minfloku?

Figlia . . U min ġiebha dina l-bxara (*confusa e fuor di se!*)
Għaliex xejn jien ma nemminha
U kif tista' tkun dil-ħaġa? Fuq mitt darba hu ħalifli
Li qalbu taha lili, u li ma għandux iħobb mar'oħra
U kemm ħwejjeġ in-nies jgħidu, u qatt ma jkunu sewwa
Li dak Gianni ma hux kiefer, biex jagħmel dina l-ħaġa

*Madr.* Binti qalbi ma jkunx l-ewwel

*Zio* Mhux għalxejn il-qasba ġġelgel

*Padr.* Kif ja binti, ma tridx temmen? Jiena nġiblek min ġie lbieraħ
~~U~~ U min raħ qoddiemu jaqleb, isir Tork, u hemm jiżżewweġ

*Figlia.* (*Irritata*) Jekk tinsab dil-ħaġa vera, isem Gianni ma [?]
Jien dalwaqt inġibhom hawna, ~~għax~~

*Zio.* Jien dal-waqt rajthom bil-wegħda [?] Għall-qoddiesa hawn jisimgħu

**[f. 162ʳ]**

*Scena.*

*Masa* Jiena nħossha rasi faret: la naf x'naħseb la x'nitkellem
Jekk niftakar x'qalli Gianni ftit mumenti qabel siefer
Ma nistax indaħħal f'rasi li fi żmien qasir insieni
Jiena għadni narah jaħlef li ma jħobbx ħlief lili waħdi
Jien nistħajlu għadu jgħidli li qatt f'ħajtu ma jinsieni
Kif immela issa jgħiduli li dal-bniedem ġa bidilni?
~~U li~~ bidlini hawn pajjiżi, li ħa xi oħra isbaħ minni
Jista' jkun li kont naħfirlu, u kont ninsa li wegħedni
Iżda jieħu mara Torka, u għal waħda jieħu tlieta
Dina l-ħaġa mn'awl id-dinja qatt ma nstemgħet qatt ma saret
Mela jien għalih inbati, mela jien għalih niċċanfar
Mela jien għalih nirrofta żwieġ li bosta oħrajn jixtiequ
U hu minsi b'kulma qalli, malli jsiefer ibbandunani!
'Ma tibżax xejn ma jimporta, jiena naf nagħtih risposta
Lil Sidoru nieħu b'żewġi, ħalli ismu, u jaqsam qalbu
U jekk nista' għad ġurnata, immur b'żewġi Barbarija
Biex nurih kemm nagħti kontu, u kif ħadt lill-għadu tiegħu
Madankollu kliem imbattal, għaliex Gianni għadu għaref
Din l-aħbar għandha tkun ċajta, li qalgħuha n-nies battala

X

**[f. 162ᵛ]**

*Scena.*

*Zio* Binti Masa għadek taħseb? Del-ħin Ġanni fost tliet nisa
Qiegħed forsi jieħu l-kaħwa, u xejn żgur ma għandu ħsiebek
Inti hawn qiegħda titbekka, huwa sejjer forsi l-Mekka
Għidli x'rajtlu Masa qalbi li ġġennint urajh tant bliħt
Ma nemminx li mbagħad ġmielu hu xi ħaġa tant ta' l-għaġeb.

**[f. 163ʳ]**

*Scena*

*Padre.* Jekk ma ridtx toqgħod fuq kliemi, hawn dan-nies isma' xi

jgħidu
(*entrano*)
Dawna kielu u xorbu miegħu; ma nemminx li jqarrqu bina
Binti qalbi staqsi lilhom; ara Gianni kemm iħobbok
Jiena nħossni kollni mgħaġġeb, għax da kollu ma kontx nemmnu
Jien kont nagħmlu tifel [?], kelli ħila għalih[50] naħlef
Min kien jemmen min kien jobsor li dak Gianni kellu ~~jaqleb~~ [?]

*Primo.* Meta wasal Barbarija, ~~mat-Torok beda~~ ma' tliet Torok mar intriga

**[f. 165r]**

*Scena*

*Il Padre e detti*

*Padre*[51] Meta ż-żwieġ ikun ġej mn'Alla, waħdu jseħħ waħdu [?]
Aħna konna bil-kliem ilna, iżda issa il-forn saħan[52]
Għax dik Masa li ilha mħajra li titħallat mad-dar tagħkom
Issa donnha taha f'moħħha, ma ssemmix ħlief lil Sidoru
Jiena naf l'intom Sinjuri, u li ftit nista' nagħtiha
Lanqas kien ikolli ħila li lilkom nagħmel dil-ħotba
Jekk ma kontx naf li Sidoru ma' din binti għandu l-grazzja
Mela nħallu ċ-ċirimonji, u nitkellmu kelma sewwa[53]
Jekk għad għandkom l-ħbieb ta' l-ewwel bejn ftit ġranet nistgħu norbtu
Jien nagħtiha dak li wigħedtha, żewġ għalqiet flimkien magħquda

*Figlio*[54] Jiena kont neħodha 'l Masa iżda ma' ieħor hi miġbuda

*Padre* Le xejn tieħu qalb ta' mara, li 'l ħaddieħor tkun megħuda
Jiena fhimtkom sa mill-ewwel għax narakom b'ċerta bruda

*Isidoro* Jekk imbagħad tiżgurani li qalb Masa m'hix miġbuda
Jien ġa għidtlek drabiet oħra li lil Masa jien neħodha

**[f. 165v]**

*Padre.* Jekk 'il Masa ibni [?] ~~jiena~~ ma nafx [?] [?]

*Padre.* Jekk l-affari hi kif tgħidu, nistgħu ntejġu bikri għada [?]
Jiena [?][?]waħda, intom tafu d-dota tagħha
Biċċa raba' f'tarf ir-raħal, u l-lok żgħir ta' ħdejn il-Knsija
Nagħtihomlha minn żmien ħajti: Ċeppun ommha u żewġ għenienel
U erba' mija flus jaħirqu, indoqqomlha kif itejġu.

*Padre* } *Figlio* } Aħna 'l Masa biss irridu: ma nfittxux il-flus u l-ħwejjeġ

*Padre* Mela ser immur inħejji biex filgħodu għada ntejġu
Għax jien nisma' n-nies jgħidu li l-affari agħmilha s'hawn
Ser nistieden lill-ħaddara, biex jagħmlu dil-lejla magħna
U jekk tridu tistgħu llejla tiġu lkoll issebbħu magħna
Biex filgħodu kmieni kmieni niżbrigawha darba u ntejġu

*Padre* } *Figlio* } Ħsibtu tajjeb mur illesti, aħna wkoll immorru nħejju

*Figlio (solo)* Għidlu issa jiġi Gianni bħala ħmar u jieħu Masa.

**[f. 168r]**

*La scena rappresenta Wied il-Għasel con una barca da cui scende [?] seguito da altri in [?] rimoroso per non essere veduti*

*Scena prima*

*Uno di loro* Għadni mmidd riġli f'pajjiżi
~~U ġa nħoss qalbi tithenna~~
U ġa nsejt dak li batejna
Sewwa jgħidu li jibqa' jiġbed
Il-pajjiż li fih trabbejna
'Ma min jaf x'ser nara issa

Min jaf x'hemm [?] lest għalija
Iżda mill-mewt ma hemmx għaqqalha
Nara 'l [?] u nxerred dmija.
Triduni rajjes? Waslu l-bqija?

Tagħmlux ħsejjes, ħuti u isktu, għaliex nara dawl fil-bogħod
U nifs wieħed li jisimgħu, taraw dinja ġejja fuqna:
Jekk f'dad-dlam jien nara sewwa, dan fejn aħna hu Wied il-Għasel
U minn hawn għal tarf il-Mosta, ma hawnx bgħid ġirja ta' żiemel
Mela [?] erbgħa jżommu d-dgħajsa bl-imqadef f'idhom jistennewna
U aħna l-bqija qajla qajla nimxu dritt fejn il-wied jeħodna
Fittxu niżżlu [?] [?] biex ħdejja jiena nsibkom ...

*Uno scende dalla barca e gli dice.* Dawk ix-xwabel tridna nġibuhom?

*Uno di loro*[55] Ġibhom, iva, ~~u [?] il~~ mingħajr ħsejjes, u kull wieħed jieħu tiegħu
(*va e ritorna poi colle sciabole*)
La xejn tibżgħu ja [?] tiegħi għax illum xortina ġejja

*Uno* Fisa ħuti kollha staħmu, nisma' ġejja il-għannejja

*Si sente da lontano un suono di persone.*[56] *Tutti s'appiatano. Il suono s'avvicina e comparisce ~~un~~ dopo qualche tempo un ragazzo pastore che mena una greggia ed un altro con lui.*

**[f. 168v]**

*Scena 2*

*Mentre il ragazzo che suona si vuol mettere a sedere l'altro gli dice*

*Uno* Ejja mmorru, il-ħin ġa daħal.

*Suon.*[57] Fejn immorru?
*Uno* Lejn ir-raħal.
*Suon.* Jien ġa fhimtek, ħija qalbi, trid naraw it-tieġ ta' Masa.
Iżda tafx li qalbi tgħidli, li sal-lejla iż-żwieġ jitħassar?
Għaliex smajtha tgħid mitt darba
Li ~~ma~~ l-imsiefer trid tiżżewweġ allavolja tmur titjassar
'Ma [?] missieri għadu iebes, u bil-fors ser iżewwiġha
Għalkemm ommi tgħid u tħambaq, għalkemm oħti [?] u tibki
Iżda dal-għarus li għandha, xejn ma daħal fil-qalb ta' Masa
*Uno* Mela żgur li ma tiżżewġu, għax dik oħtok hi [?][?]
(*Il rajjes nell'avvicinar per sentir meglio fa uno* [?])
Għax din hija tifla tajba, għad li hi tifla tal-knejjes.
*Suon.* Iskot, ħej, għax nisma' l-ħsejjes.
*Uno.* Dana hu jaħtieġlu jibża' min iżomm fi bwietu l-flejjes (*scherzando*)
*Suon.* Le le ħej, xejn la nitwaħħxu, għandu jkun ir-riħ mal-ħxejjex.
*Uno* Jien dal-ħiss xejn ma jwaħħaxni għax dal-ħiss ili li drajtu

(*Fanno segno e due di loro attaccano con pugnale li due ragazzi, mettono le mani sulla bocca loro e dicono*)

*Scena 3*

*Due turchi* Xejn la tibżgħu u xejn la tgħajtu.

*Mentre i ragazzi incominciano a* [?] *dalla paura*

*Il rajjes dirigendosi al suonatore*

M'għaraftnix? Jien dak l-imsiefer[58] li tistenna oħtok Masa
Xejn tinqata' ~~għax~~ dawn nies tiegħi
Halli 'l sieħbek hawn ma' sħabi, xejn la tibża' ejja miegħi
**[f. 171$^{r}$]** Inti mbagħad (*dirigendosi all'altro*) oqgħod hawna
Hu dil-borża u għad inżidek. Inti tafni jiena Gianni
Sa ma aħna mmorru u niġu agħmel tabirruħek tgħanni

*Ragazzo* Jien jaħtieġli nobdi kelmtu għax inkella ~~ma nafx~~ malannu

*Il ragazzo si pone a sedere ed incomicia a cantare ...*

**[f.169r]**

*Atto 1.*
*Scena pma*

*Figlia* Meta tridni nibdlu u nbigħu?
Jien missieri ngħid is-sewwa, miegħu demmi xejn ma jaqbel
Għandu ħaġa li tkeċċini, u narah tant demmu biered
Li jekk kelli ingħix miegħu qatt ma kont inkun kuntenta

~~Dejjem~~ Din hi ħaġa mn'awl id-dinja Dejjem smajt in-nies jgħidu
Li kull qalb tintrabat m'oħra, u ma nħobbux lil min irridu

~~Iżda meta~~

Iżda dak li tbiegħed minni, ma nafx x'kont naralu f'wiċċu
Jekk kien biss jgħidli kelma kont inħoss qalbi tithenna
*Padre* 'Ma kont tħossok donnok f'ġenna? (~~*Scherzando*~~ *in atto di partire scherzando*)
*Figlia* Xejn tħallini,[59] stenna stenna
Dawn mhux ħwejjeġ ta' bi ħlieqa ħaġa ż-żwieġ ma huwiex vojt

**[f. 170r]**

*Atto Pmo*
*Scena 2*

*Padre* Għamilthieli x'inti kuntenta? Tħallashieli għad ġurnata
Bil-kliem tiegħek binti ttajret: inti ġibtli l-għali f'dari
Inti kont iġġerri d-dgħajsa, qabel siefer dak l-imbierek
Ara kif titlef xortiha bil-ġenn tagħha u bil-kliem tiegħek

*Zija* Iżda dejjem hekk jiġrilu min idaħħal in-nies f'daru

~~Serva~~ Ara kemm [?] saru
Fid-dar tiegħek minn żmien ilu, tagħhom lili tagħti l-ħtija
Iżda jekk trid tgħid is-sewwa, inti kont il-ħtija tagħhom
Jien ma ngħidx li ma żidtx ħatab, li ma għintx xi ftit id-dgħajsa
~~Jiena~~
Jien għidtilha bosta drabi li kien sbejjaħ dak ħaninha
Għad li snieni kollha waqgħu

Dik l-imħabba ta' żgħużiti

**[f. 172ʳ]**

*Atto primo*
*Scena prima*

*Casa campestre con erbaggi*
*Ghirgor ~~comparisce in scena~~ in atto di mettere nel sacco sostenuto da Slajvu alcuni mazzi di erbari*

*~~Casa~~ Camera di campagna*

*Interiore di una casa di campagna, sacchi pieni di erbaggi. ~~Gregorio Ghirgor dopo di aver messo nel sacco Sidor con un sacco in atto di~~ Masa che lavora colla sua conocchia da un ~~l'altro~~ lato, dall'altro ~~Ghi Isidoro~~ Slajvu che riceve in un sacco gli erbari ~~che Ghirgor~~ dalle mani di Ghirgor*

*Ghirgor* ~~Iżra' u ħawwel~~
[?] Iżra' u ~~saqqi~~ ħawwel, saqqi, u agħżaq
Ħallas qbiela u itma' bhejjem
Xita u xemx ilqa' fuq dahrek;
Egħreq u israq, u mur bati
Biex fis-suq tieħu dil-bejgħa
U ma ġġibx b'kemm tixtri irbati
*continua a* [?]

*~~Slajvu~~*
*~~Slajvu~~* ~~Hej tafx min jeklilna kollox?~~
~~Il-putkali [?] jekluna~~

~~Uċuħ bla demm~~
~~Nies bla ruħ, rwieħ ta' avukati~~
~~Għax għandhom rwieħ ta' avukati~~
*Ghirg.* Tafx ~~min ġiebu~~ imnejn ġiena dana kollu

**[f. 174r]**

~~Malta ħanina~~

Ser inħallik Malta ħanina
U ġa nħoss qalbi tingħasar
Fik igawdi il-barrani
Int għal min ulidt pajjiż il-jasar
=

Se nħallik, Malta ħanina
U ġa nħoss qalbi tingħasar

**[f. 174v]**
*Il-Għarusa tal-Mosta*
*Atto Primo*
*Scena Prima*

Xejn ma jservi l-ġid u l-għana meta l-qalb ma tkunx kuntenta
=
Iżda kif neħilsu minnu jekk ġa għidtlu l'inti tħobbu
Jekk bi mħabbtek ġa hu mġennen, jekk biss lilek huwa jsemmi
Inti taf kemm għandu għana, taf li r-raħal kollu tiegħu
~~Mindu siefer~~
Taf li jien u ħutek kollha, lilu naħdmu u [?] miegħu

Mindu siefer ~~maħbub qalbi~~ dawl għajnejja ma nafx dalma waqgħet fuqi
~~Qalbi nħossha imbikkija~~
~~Għandi ħaġa tferfer qalbi~~
Dawn għajnejja jridu jdemmgħu

Mindu siefer maħbub qalbi ma nafx dalma waqgħet fuqi

Dawn għajnejja jridu jibku, qalbi sewda trid ~~tinqasam~~ titnikket
Xejn ma jservi nitlob 'l Alla li jbegħduli minn għajnejja[60]
Għax narah qoddiem għajnejja u nisthajjel narah dejjem
U kif tridni, Missier ~~qalbi~~ ruħi nagħti qalbi 'l raġel ieħor
Jekk minn mindu konna trabi qalbna ngħaqdet u saret waħda
Le, le le ma ttinix ~~qalbi~~ ruħi li ~~dil~~ [?] qalb li hi ġa [?]
Lanqas jixraq nieħu raġel [?] li ma' ieħor jien miġbuda

~~*Padre*~~ ~~Binti qalbi~~

*Padre* Mela qalbek hi magħquda?
Li kont naf ja binti qalbi, li di qalbek tħobb qalb oħra
Ma kontx nagħti kelma 'l sidna li ġurnata nżewġek lilu

**[f. 175r]**

*Scena ultima*

*La scena figurerà Wied il-Għasel. Si vede un turcho che tiene la corda della barca e che parla con un'altro in serra sulla barca si vedono altri turchi colli remi*

*Turco in terra colle mani legate che parla a quello della corda.*

Il-lejl daħal, daħal bosta: u għal ftit ma narahx sebaħ
Sħabna donnhom marru ndifnu. Jiena qalbi nħossha ttaqtaq
Ma nagħmlux li n-nies ħassewhom, ma nagħmlux li nibqgħu rsiera
L-isbaħ ħaġa llestu l-qala' u nfilaw daqs għoxrin qama
Inqiegħdu t-tmun nħejju l-imqadef u nżommu t-tagħan f'idejna
Biex jekk qatt [?] mill-bogħod xi nies jiġru u jiġu fuqna
Naqtgħu ċ-ċima fisa, fisa, u neħilsu mill-burraxka
Għax biex tafu t-temp inkesa u ġa nara l-ajru mgħajjeb.

*L'altro* Biex ingħidlek kif inħossha; sewwa tgħid taħsibha tajjeb
L-aħwa mela (*dirigendo ai compagni*) lestu kollox
Isaw fisa dik l-[?]

~~Inżlu ħudu dana l-griefex, fisa [?] kollox~~
Jiena nħossni ġa nitkexkex jien ma nżommx fuq [?]

*Primo* Eddew għidli, inti tara; ma humiex nies dawka li ġejja
U jidhirli li huma għalina jekk jaraw sewwa għajnejja

**[f. 175v]**

*Scena Terza*

*Si sente un calpestio entrano il primo*

*Gianni che ~~con una mano~~ che avendo in una mano il pugnale e con l'altra tenendo Isidoro lo trascina indi un*[61] *turchi che portano svenuta la sposa, poi ~~un~~ altri che ~~tengono~~ il padre, ed altri legati*

*Entrano Giovanni*[62] *dice ad Isidoro*

Xejn la tgħajjat ja kelb, kiefer, għax dal-mus tarah fi grieżmek
Għadda ż-żmien li kont tagħfisni, issa ħajtek hi f'idejja
Tiftakarx meta kont tgħidli: Xortik Gianni għadha ġejja
*Isid* Iva aħfirli, ħija Gianni jekk għamiltlek bosta nkejja
*Giov.* Inti mindu konna trabi, dejjem bgħadtni u għirt għalija
Inti dejjem kellek miegħi: mindu kont għadek tarbija
Jiena kont inħobb lil Masa, inti għirt minni u ridtha lilek
Inti begħedtni minn pajjiżi u mid-dinja ridt toqrodni
Fl-aħħarnett ġejt taħt idejja, għarus fqajjar mingħajr dota
Sewwasew kif darba għidtlek li did-dinja hija rota
Isma' immela u ftakarha, din kulħadd imissu jafha
Dak li jisraq qalb ta' mara u li żwieġ fuq qalb iħassar
*O* jmissu jmur [?] *o* imur għalhekk imjassar

**[f. 176r]**

*Scena ~~ultima~~ seconda*

*Masa* *A chi vuol partire.* Le, ħallini ġo dar ommi, tifridnix, Gianni minn niesi

Inti taf kif jien ħabbejtek, hekk, immela trid tħallasni
~~Trid tbegħidni~~ Ġejt teħodni minn ġo raħli? Trid tbegħedni minn dil-gżira?
Dan baqgħali għalik nara, nitlef 'l ommi u niġi rsira

*Gian.* Ruħi Masa xejn la tibża' la teħodha xejn bi kbira
M'intix ġejja le biex tbati, 'ma biex tgawdi l-għana miegħi
Nġibu 'l ommok u 'l missierek biex igawdu wkoll magħna
Jien bil-flus insewwi kollox, u għad niġu f'dina l-gżira
Għad jgħidu r-raħal tagħna: ġiet sinjura Masa rsira

*Entra Isidoro* Fisa erħuni u itilquni, għax ma rridx magħkom insiefer

*Scena 1*

*Passano ad uno ad uno*

*Zio* Ara x'għors kien dan ta' Masa għal dal-mard ma hemmx tidwija
~~[?] ħsieb~~
[?] saqqi għal ikla tajba ser [?] Barbarija

*Madr* Kontx ingħidlek żewweġulha, ~~Ara issa sa [?] [?]~~ fejn [?] miegħek
Tarax fejn fl-aħħar ġebitek il-ħalja ħneżrija tiegħek

*Padr* Ah żbaljatha iva żbaljajtha, 'ma jien għamiltu għall-ġid tagħha
Issa lkoll sejrin inbatu, għandna l-ħajja għandna s-saħħa
Fisa ġejja mur ismagħha

**[f. 178r]**

*Entra Gianni con Masa in braccio=*[63]

**Noti**

1 David Agius Muscat, "Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797–1850) – Il-Lingwista u l-Edukatur," teżi tal-M.A., U. ta' Malta, 2005.

2 Agius Muscat 64. *La Vedova del Malabar* inkitbet fl-1770 minn Antoine Marin Lemierre.

3 Agius Muscat 107–9.

4 Agius Muscat 37–38.

5 AKM, Pan 51, ff. $192^{r}$–$196^{v}$.

6 Arnold Cassola, *L'Italiano di Malta – Storia, testi e documenti* (Malta: Malta University Press, 1988) 53–92. Ara wkoll Joseph M. Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* (Malta: PIN, 2000) 105–6 .

7 Cassola 91-92, v. 183.

8 AKM, Pan 51, ff. $196^{v}$–$201^{v}$.

9 Ħajr lil Dr William Zammit ta' din it-tagħrifa. Għal tagħrif fuq ir-rewwixta ara Godfrey Wettinger, *Slavery in Malta* (Malta: PEG, 2002) 145–51. Ara wkoll William Zammit, *Il Naufragio di San Paolo in Malta Osia La Conversione di San San Publio e dell'Isola – Opera Morale 1748* (Malta: PEG, 2004) 61.

10 Zammit 58.

11 Wettinger 145. Ara wkoll 'Relazione Istorica della Congiura dei Schiavi Turchi di Malta scoperta li 6 Giugno dell'anno corrente 1749, e di tutti i fatti posteriorm$^{te}$. seguiti', f'AKM, Pan 122, ff. 39–48. Din il-kitba mhijiex miktuba minn Panzavecchia.

12 AKM, Pan 51, ff. 188–91.

13 AKM, Pan 127, ff. 133–81.

14 Panzavecchia semma lil Dun Mikiel Xerri fil-manuskritti li jittrattaw l-istorja ta' pajjiżna. Ara AKM, Pan 4, ff. $377^{r}$, $389^{r}$; AKM, Pan 6, ff. 145–46. Ara wkoll Agius Muscat 205–7.

15 AKM, Pan 51, ff. 180–83.

16 Forsi mhux b'kumbinazzjoni li l-ewwel teatrini ta' pajjiżna, fil-Belt u fil-Kottonera, infetħu fil-karnival ta' l-1847. Panzavecchia kien Senglean u jista' jkun li, jekk kemm-il darba d-dramm inkiteb qabel l-1845, kien hawn attività teatrali bil-Malti qabel l-1847. Ara Marco Galea, *It-Teatru Malti tas-Seklu Dsatax*, vol. 1 (Malta: Mireva, 1997) ix.

17 AKM, Pan 51, f. $174^{v}$.

18 A. Cremona, "Is the Maid of Mosta a Myth?", *Journal of the Malta University Literary Society*, 10 (1934) 469-70.

19 Cremona 465.

20 Cremona 465.

21 Marco Galea, "It-Teatru bil-Malti – Mill-Bidu sat-Tieni Gwerra Dinjija," teżi ta' l-M.A., U. ta' Malta, 1996, 37–38.

22 It-titlu ma jinsabx fl-oriġinal. Id-dramm huwa traskritt bl-ortografija oriġinali biex nuru s-sistema ortografika ta' Panzavecchia qabel ma ppubblika *Grammatica della Lingua Maltese* (1845). Meta ttraskrivejt dan id-dramm sibt diffikultà biex naqra t-test u xi kliem li ma stajtx nagħraf kelli naqbżu u minfloku nagħmel il-punt interrogattiv bejn il-parenteżi kwadri.

23 Flok "A ho" kiteb "U hù".

24 Qata' l-isem Giannoz u kiteb Carolina.

25 Qata' l-isem Giannoz u kiteb Carolina.

26 Fuq "scemare" kiteb "ed a ballare".

27 Wisq probabbli hawnhekk ried jikteb Gianpaulo.

28 Jiġifieri "offi".

29 It-titlu ma jinsabx fl-oriġinal. Xi kliem li ma stajtx nagħraf kelli naqbżu u minfloku nagħmel il-punt interrogattiv bejn il-parenteżi kwadri. Id-dramm inkiteb bl-istess sistema ortografika tad-dramm ta' qablu iżda, għal aktar prattiċità, ġie traskritt bl-ortografija tal-lum.

30 Jiġifieri "miniex".

31 Ried jikteb *Madre*.

32 Jiġifieri "tafx".

33 Jiġifieri "dan".

34 Jiġifieri dan.

35 Panzvecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "għabura" flok "riġlu".

36 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jekk "b'xejn" jiktbhiex qabel "iżda".

37 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "tinħoq" flok "tqaqi".

38 Jiġifieri kif, bl-Isqalli.

39 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "id-diskors" flok "il-kelma".

40 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "tagħmilli" flok "tgħdli".

41 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "hu diskors [?]" flok "hi kelma tal-bluha".

42 Jiġifieri "dan".

43 Jiġifieri "jiltaqgħu".

44 Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "l-amur ma jiswiex ħabba" flok "ma tiswiex flus l-imħabba".

45 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "tagħmilx bosta u ftakar li" flok "agħmel kulma tiflaħ, iżda afli".

46 Jiġifieri "sa issa".
47 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "mn'Alla" flok "għar-ruħek".
48 Wisq probabbli kellu jżid "hu".
49 Panzavecchia kien qed ji0kkunsidra jiktibx "mqatta'" flok "imraqqa'".
50 Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "minnu" flok "għalih".
51 Missier Masa.
52 Panzvecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "ġa beda jisħon" flok "saħan".
53 Panzvecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "waħda" flok "sewwa".
54 Jiġifieri "Isidoro".
55 Panzavecchia ma kitibx li din qalha "*uno di loro*".
56 Panzvecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "*un canto*" flok "*persone*".
57 Jiġifieri "*suonatore*", daqqaq. Dan huwa ħu Masa.
58 Jiġifieri "Gianni".
59 Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "tiċċajta" flok "tħallini".
60 Panzavecchia kien qed jikkunsidra jiktibx "ibegħidli l-ħsieb tiegħu" flok "jbegħeduli minn għajnejja".
61 Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "due" flok "un".
62 Jiġifieri "Gianni".

# Il-Kardinal Giuseppe Mezzofanti u l-Malti

Mario Cassar

## Min kien il-Kardinal Mezzofanti?

Il-Kardinal Mezzofanti (1774–1849) kien aktarx l-akbar poliglotta fl-istorja. Baqa' magħruf għall-fakultà straordinarja li kellu biex jitgħallem il-lingwi. Minħabba dan id-don kważi soprauman, fi żmienu, kien magħruf bħala 'Pentekoste ħaj', u sal-lum għadu jidher fil-*Guinness Book of Records* bħala l-aktar persuna li qatt kienet taf ilsna u djaletti. Il-fama tiegħu diġà kienet leġġendarja fi żmienu tant li xi xettiċi ma kinux lesti jemmnu kulma kien jingħad fuqu. Bosta vjaġġaturi eruditi, kittieba (fosthom Lord Byron), ambaxxaturi, filologi, u saħansitra imperaturi marru Ruma apposta biex iġarrbuh u jisfidawh bil-lingwa tagħhom. Kull wieħed minnhom mar lura mmeraviljat bil-ħila tiegħu. Sintendi mhux kull aneddotu dwaru huwa kredibbli, imma ħafna minn dawk li ltaqgħu miegħu jgħidulek li mhux biss kien jitkellem bl-ilsna bl-aktar mod naturali, iżda talli kien kapaċi jħawwar kliemu b'diversi idjomi u battuti umoristiċi. Il-bijografu ewlieni tiegħu huwa l-Irlandiż Charles William Russell, D.D. (1812–1880), saċerdot, professur ta' l-istorja ekkleżjastika, u president ta' St Patrick's College, Maynooth.[1] Russell, fil-fatt, kien wieħed minn dawk li marru jiltaqgħu mal-kardinal biex jivverifikaw ix-xnigħat dwaru, darba fl-1841, u darba oħra fl-1843. Tant baqa' impressjonat li aktar tard iddeċieda li jikteb il-ħajja ta' Mezzofanti. Hu intervista lil diversi nies li, f'xi żmien, iltaqgħu u tkellmu mal-kardinal, filwaqt li fela għadd kbir ta' ittri privati u

djarji miktuba minn oħrajn.[2] Il-ġenju ta' Mezzofanti jinteressana aktar mill-qrib minħabba l-fatt li fost l-għadd ta' lingwi li rnexxielu jitgħallem insibu sewwasew il-Malti. Ta' min jgħid li Russell, fil-bijografija tiegħu, jipprovdi wkoll bosta kitbiet qosra b'diversi lingwi bil-kalligrafija tal-kardinal innifsu; b'xorti ħażina, m'hemmx eżempju bil-Malti.

## Barranin oħra li kienu jafu l-Malti fis-sekli 17, 18, u 19

Il-fatt li Mezzofanti kien jaf bil-Malti jobbligana nsemmu barranin oħra li ftit jew wisq kienu midħla ta' lsienna.[3] Matul il-ħakma ta' l-Ordni kien hemm diversi kavallieri li wrew interess fil-Malti u saħansitra tgħallmu l-lingwa. Jidher li kienu l-membri Franċiżi li wrew l-akbar entużjażmu. Il-Balliju de Neveu, pereżempju, tant kien profiċjenti fl-ilsien Malti li kien kapaċi jagħraf minn liema naħa tal-gżira kien il-kelliem mill-aċċent li juża.[4] Fi żmien l-Ordni wkoll dehru l-ewwel dizzjunarji u grammatiki tal-Malti. Ħafna minnhom baqgħu manuskritti u ntilfu. Pereżempju, Ignazio Saverio Mifsud, fil-*Biblioteca Maltese*, isemmi grammatika Maltija b'dizzjunarju Malti-Taljan-Franċiż tal-Kommendatur Fra Francesco Bardon. Dan ix-xogħol ħadd ma jaf x'sar minnu;[5] l-istess, m'għandna l-ebda traċċa tal-grammatika, imsemmija minn Ġan Franġisk Agius de Soldanis, li nkitbet mill-kavallier de Tournon.[6] Biex sawru dawn l-opri bilfors li kemm Bardon kif ukoll de Tournon kellhom għarfien, imqar rudimentari, ta' lsienna.

L-ewwel dizzjunarju tal-Malti li dwaru għandna tagħrif sostanzjali nkiteb minn kavallier tal-familja Thezan-Venasque, probabbilment François de Vion Thezan Court (m. 1649), madwar is-sena 1650. Dan id-dizzjunarju aktarx qatt ma ġie stampat fi żmienu u l-manuskritt oriġinali s'issa għadu ma nstabx. Kopja tiegħu, miżjuda minn ħaddieħor, probabbilment minn kavallier Provenzal tal-familja Fougasse de la Bastie, kienet ippubblikata minn Arnold Cassola fl-1992 bl-isem *Regole per la Lingua Maltese*. Fil-bidu tiegħu hemm ġabra ta' noti dwar il-grammatika Maltija, filwaqt li fl-aħħar hemm għadd ta' istruzzjonijiet għas-suldati bit-Taljan u bil-Malti.[7]

Fl-ewwel deċennji tal-perjodu Ingliż, niltaqgħu ma' studjużi oħra li kellhom għarfien ta' lsienna. Fl-1804, il-kavallier Pierre-Marie-Louis de Boisgelin de Kerdu (m. 1816), membru tal-Prijorijat ta' Aquitaine, fix-xogħol tiegħu *Ancient and Modern Malta*, iddeskriva l-Malti bħala *patois* jew djalett kampanjol, aktar milli lingwa vera. Matul is-soġġorn tiegħu f'Malta huwa jidher li kiteb



*Ritratt ta' Giuseppe Mezzofanti, 1838, pittura ta' P. Garosini*[36]

grammatika ċkejkna tal-Malti u kkompila xi djalogi, għanjiet, u rakkonti lokali; b'xorti ħażina, m'għadx fadal ħjiel ta' dawn il-kitbiet.[8]

L-orjentalist magħruf Wilhelm Gesenius (m. 1842), fil-*Versuch über die Maltesische Sprache* (*Stħarriġ dwar l-Ilsien Malti*, ippublikat f'Leipzig fl-1810), iddefenda bis-sħiħ in-nisel Għarbi tal-Malti. Fl-1838, imbagħad, ir-Rev. Christoph Friedrich Schlienz (m. 1868), Arabista Ġermaniż li għex Malta bejn l-1827 u l-1842, ippubblika *Views on the Improvement of the Maltese Language and Its Proper Use for the Purpose of Education and Literature*. Schlienz kien editur u traduttur taċ-*Church Missionary Society* (CMS) fis-snin 1827–30 u supretendent ta' l-istess soċjetà fis-snin 1830–42. Hu rnexxielu jitgħallem il-Malti u għaraf l-importanza li l-klassijiet soċjali kollha fil-pajjiż jitgħallmu jiktbu u jaqraw bl-ilsien nattiv tagħhom.[9] Mill-bqija diffiċli tgħid x'kompetenza kellhom fil-Malti de Boisgelin u Genesius, imma xi grad ta' għarfien kellhom żgur.

James Somerville (1777–1860) kien Skoċċiż minn Glasgow li serva fiċ-ċivil hawn Malta bejn l-1817 u l-1834. Kien arkeologu u kollezzjonist ta' l-antikitajiet.[10] Qabel ma wasal Malta, kien viċi-konslu tal-Maestà Tiegħu fi Tripli. Hemmhekk kien tgħallem xi ftit Għarbi; għaldaqstant, ma kinitx sorpriża li hawn Malta beda jinteressa ruħu fi lsienna. Somerville saħansitra kkompila dizzjunarju mdaqqas tal-Malti li baqa' mhux ippubblikat.[11] Ħadem fuq dan ix-xogħol fis-snin għoxrin tas-seklu dsatax; b'xorti ħażina, ma nafux x'sar minn dan il-manuskritt.

Ingliż ieħor li ċertament tgħallem il-lingwa kien ir-Rev. George Percy Badger (1815–1888). Qabel ma ħalla l-gżira fl-1841 biex jistudja għas-saċerdozju, huwa qatta' l-parti l-kbira ta' żgħożitu hawn Malta fejn kien jaħdem ta' stampatur. L-għarfien tal-Malti, fil-fatt, kien il-bażi għall-imħabba tiegħu għall-Għarbi u l-ilsna orjentali. Għal xi żmien ħadem spalla ma' spalla ma' Ahmad Faris al-Šidyak Efendi fid-dipartiment editorjali taċ-CMS.[12] Badger, fil-ktieb *Description of Malta and Gozo* (1838), inkluda xi għanjiet popolari bil-Malti. Fl-istess sena, bħala editur ta' l-ewwel ġurnal Malti, *L-Arlekkin jew Kawlata Ingliża u Maltija,* ippubblika wkoll żewġ poeżiji: 'L-Imħabba u Fantasija' u 'Sunett'. Imbagħad, fl-1841, Badger ippubblika *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools* u ppreżenta s-sistema alfabetika tiegħu. F'dan iż-żmien Badger kien qed jaħdem ukoll fuq dizzjunarju Ingliż-Malti li baqa' mhux ippubblikat.[13]

Fl-1876, il-lingwista Ġermaniż Carl Sandreczki (m. 1892) kiteb l-istudju 'Die maltesische Mundart' ('Id-Djalett Malti') fil-ġurnal tas-Soċjetà Orjentali Ġermaniża. Fl-1894 Luigi Bonelli (m. 1947) intbagħat Malta mill-Istitut Orjentali ta' l-Università ta' Napli biex jistudja l-Malti. Fl-1895, ippubblika l-osservazzjonijiet tiegħu fil-volum *Saggi del folklore dell'Isola di Malta,* filwaqt li fl-*Archivio Glottologico Italiano* (1897), deher is-suppliment 'Il dialetto maltese: attinenze organiche tra il maltese e l'arabo'. Għal darba oħra, mhux lakemm tiġġudika l-livell ta' kompetenza li kellhom Sandreczki u Bonelli fil-Malti.

### Ħjiel bijografiku

Giuseppe Gaspare, bin Francesco Mezzofanti u Gesualda Dall'Olmo, twieled Bologna nhar is-17 ta' Settembru 1774. Sa minn ċkunitu kellu memorja prodiġjuża, u minkejja li missieru kien mastrudaxxa fqir, il-ġenituri tiegħu

ħasbu biex jagħtuh edukazzjoni xierqa. Ta' tnax-il sena beda l-kors tal-filosofija fis-seminarju arċiveskovili, imma meta spiċċa l-istudji teoloġiċi tiegħu ma kienx adult biżżejjed biex jordna saċerdot. Kien f'dan iż-żmien ta' stennija li beda jinteressa ruħu fl-ilsna orjentali, għalkemm nafu li s'hawn kien diġà kellu ħakma tajba tal-Latin, il-Grieg, l-Ispanjol, il-Ġermaniż, u xi djaletti Sud-Amerikani.

Ħa l-quddiesa fit-23 ta' Settembru 1797, ta' ftit aktar minn 22 sena. Minnufih inħatar professur ta' l-Għarbi u l-Ebrajk fl-Università ta' Bologna. Biss ma damx ma tilef postu billi naqas li jieħu ġurament ta' lealtà lejn ir-Repubblika Ċisalpina. Wettaq xogħol pastorali fejjiedi fost is-suldati ta' diversi ġnus fl-isptarijiet ta' Bologna matul it-taqbid ta' l-1799–1800, sakemm reġa' laħaq professur ta' l-Ilsna Orjentali u l-Grieg fl-istess Università, kariga li żamm fis-snin 1804–08 u fis-snin 1814–31. Fl-1806, Napuljun stiednu jmur Pariġi, iżda Mezzofanti rrifjuta l-offerta. Fl-1814, il-Papa Piju VII ħatru segretarju tal-*Congregazione di Propaganda* u ħajru jinżel Ruma; għal darba oħra, huwa ppreferixxa jibqa' Bologna. F'din il-kariga wettaq ħafna xogħol utli; pereżempju, fl-1828, imqabbad mill-Kardianl Cappellari (aktar tard il-Papa Gregorju XVI), Mezzofanti rreveda l-Brevjarju Siro-Maroniku. Sakemm dam f'belt twelidu, rawwem interess ukoll fl-etnoloġija, l-arkeoloġija, in-numismatika, u l-astronomija.

Fl-1831, telaq lejn Ruma fuq talba tal-Papa Gregorju XVI biex jaħdem qrib tiegħu fis-*Santa Sede*. Fl-istess sena nħatar kanonku fi ħdan il-kapitlu ta' Santa Maria Maggiore. Għamel perijodu qasir f'Napli, fejn niżel biex jistudja ċ-Ċiniż, esperjenza li litteralment eżawrietu. Mezzofanti laħaq kanonku tal-bażilika ta' San Pietru (1833), kuratur ewlieni tal-Librerija tal-Vatikan (1833), wara Angelo Mai, u konsultur fuq l-Indiċi tal-Knisja fi ħdan is-*Sacra Congregazione* (1834).

Mezzofanti laħaq kardinal fl-1838 u ħa sehem fil-konklav ta' l-1846 li minnu ħareġ elett il-Papa Piju IX. Inħatar membru onorarju ta' l-Akkademja Xjentifika Russa (1843), u prefett ta' l-istudji fil-kulleġġ tal-*Congregazione Propaganda Fide* (1845), fejn saċerdoti Kattoliċi kienu jitħarrġu għall-missjoni.

Russell jiddeskrivi lil Mezzofanti bħala bniedem umli, konġenjali, u aktarx axxetiku. Il-kardinal kellu d-drawwa jbakkar, jiekol mill-anqas, u jibqa' jistudja, dejjem fl-isfera lingwistika, sa tard bil-lejl. Minkejja li kiteb għadd ta' studji akkademiċi, qatt ma kien xi awtur kbir.[14] Barra minn hekk, minħabba l-impenji tiegħu f'diversi karigi, ħalla ħafna xogħlijiet mhux mitmuma li baqgħu manuskritti.[15]

Il-ġrajjiet imqanqla ta' l-1848, li heżżew il-fibra soċjo-politika ta' l-Italja, komplew għarrqulu saħħtu li kienet diġà dgħajfa ħafna. Hu miet Ruma fil-15 ta' Marzu 1849, u ndifen fil-knisja ta' Sant'Onofriju, fl-istess belt.

## Mistoqsijiet

Kemm-il lingwa kien jaf Mezzofanti? Ma teżistix tweġiba ċara u tonda. Aktar ma kiber aktar kompla jitgħallem, għalkemm wieħed irid jgħid li ma kienx jaf kull lingwa b'mod perfett. Xi wħud kien jafhom daqs kelliem nattiv; oħrajn, bħas-Sanskritt, il-Malasjan, it-Tibetjan, u l-Iżlandiż, kien jaqrahom jew jiktibhom biss.

Hawn min jgħid li minn ta' l-anqas kien jaf 27 lingwa tajjeb ħafna, u għadd sostanzjali ta' lingwi oħra mhux ħażin. Fil-*Grande Enciclopedia De Agostini*, naqraw li kien jaf b'madwar 40 lingwa.[16] Biss, Russell isostni li l-kardinal kellu ħakma perfetta ta' 38 lingwa, fosthom l-Ingliż, il-Ġermaniż, l-Olandiż, il-Fjamming, id-Daniż, l-Iżvediż, l-Ungeriż (Magjar), iċ-Ċek (Boem), ir-Russu, il-Pollakk, it-Taljan, l-Ispanjol, il-Portugiż, il-Franċiż, il-Latin, il-Grieg (kemm Qadim kif ukoll Modern), l-Armen, l-Albaniż, il-Persjan, it-Tork, iċ-Ċiniż, l-Ebrajk (kemm Bibliku kif ukoll Rabbiniku), l-Għarbi, il-Kopt, u l-Malti; filwaqt li kien iġaħġaħ xi ħaġa bi 30 lingwa oħra, fosthom is-Sirjak, il-Bask, l-Angolan, il-Ġorġjan, il-Bulgaru, il-Peruvjan, iċ-Ċilen, il-Messikan, il-Ġappuniż, l-Irlandiż, is-Serb, il-Gaelic, u l-Hindustani; apparti xi ħamsin djalett tal-lingwi msemmija, fosthom l-Isqalli, in-Naplitan, is-Sard, il-Provenzal, il-Gaskon, u l-Katalan.[17]

Kif irnexxielu jitgħallem daqstant lingwi? Qabelxejn, l-ironija li għadha tikkonfondi lil kulħadd hi li Mezzofanti qatt ma rifes f'art stranġiera, u qatta' l-parti l-kbira ta' ħajtu bejn Bologna u Ruma. Hu rnexxielu jitgħallem dawn l-ilsna kollha billi kien jaqra l-ħin kollu traduzzjonijiet ta' kotba klassiċi, bibbji, u dizzjunarji tal-lingwi minn kull rokna tad-dinja. Il-librerija tal-Vatikan kellha l-akbar kollezzjoni ta' kotba b'ilsna barranin; dawn kienu l-ħin kollu għad-dispożizzjoni tiegħu billi kien il-kuratur ta' l-istess librerija. Apparti minn hekk, Mezzofanti kien jaħtaf kull okkażjoni biex jitħallat ma' kull razza ta' nies f'Ruma, kif ukoll jitkellem ma' l-istudenti diversi li kien jgħallem fil-kulleġġ tal-*Propoganda*. Għamilha wkoll ma' suldati u infermiera ta' diversi nazzjonijiet fl-isptarijiet fejn serva.

**Il-Malti ta' Mezzofanti**

F'Kapitlu XI (1834), Russell jikteb hekk:

*Among these less commonly cultivated languages, I may also class Maltese. In this Mezzofanti was equally at home. As Maltese can scarcely be said to possess anything like a literature, it may be presumed that he acquired it chiefly by oral instruction, partly from occasional visitors to Rome, partly from some Maltese servants who were in the Propaganda at the time of his arrival. This much at least is certain, that, in the year 1840, he spoke the language freely and familiarly. Father Andrew Schembri,*[18] *of La Valetta, during a residence in Rome in that year, having conducted the preparatory spiritual exercises for a number of youths to whom the Cardinal administered the first communion in the church of San Vito, met his Eminence at breakfast in the convent attached to this church. No sooner was Father Schembri presented to him as a Maltese, than he entered into conversation with him in his own language. Another Maltese ecclesiastic, Canon Falzou [Falzon] of the cathedral, met the Cardinal in Rome at a later date, in 1845–6. In the course of his sojourn he 'had frequent opportunities, for a period of eleven months, of conversing with him in Maltese, which he spoke very well.'*[19] *I need scarcely observe that, although in the capital and the principal towns of Malta, the prevailing language is Italian, the dialect spoken by the rural population contains a large admixture of foreign elements, chiefly Arabic and Greek [sic]. To what a degree the former language enters into the composition of Maltese, may be inferred from the well-known literary imposture of Vella, who attempted to pass off a forgery of his own as an Arabic history of Sicily under the Arabs.*[20]

Minn dan it-test jidher ċar li Mezzofanti kien jaf il-Malti sewwa. Fil-fatt, Russell, f'lista li jagħti band'oħra, iqiegħed il-Malti fost dawk il-lingwi li l-kardinal kien jaf b'mod perfett. Il-kliem eżatt ta' l-awtur hu: "*tested and spoken with rare excellence*".[21] It-test jirreferi għal ġrajjiet li seħħew fis-snin erbgħin tas-seklu dsatax, iżda minn evidenza li jipprovdi l-istess Russell, nafu fi żgur li Mezzofanti kien diġà jaf il-Malti fis-snin tletin. Pereżempju, f'Kap. XIII (1836–38) jgħidilna li f'daż-żmien hu kien jgħallem l-Għarbi lil student Malti li kien jattendi l-kulleġġ tal-*Propaganda*. B'hekk Mezzofanti kellu l-opportunità jitħarreġ fiż-żewġ ilsna fl-istess waqt:

*...from the day of his first coming to the Propaganda, he 'fastened upon' an Egyptian student named Sciahuan, with whom he conversed continually in Arabic; and that he also undertook (thus enjoying an opportunity of practice in two languages at once) to instruct in it a young Maltese, likewise a student of the college.*[22]

Fl-istess kapitlu, imbagħad, naqraw ittra miktuba mir-Rev. Charles Fernando, li aktar tard serva bħala missjunarju appostoliku fis-Ceylon (illum Sri Lanka). Fiha jiftakar lill-għalliem tiegħu ikellem lill-istudenti bil-lingwa rispettiva tagħhom, xi ħaġa li kienet togħġobhom ferm. Fost ħwejjeġ oħra jgħid li kien ikellem lil ċertu Abdo bl-Għarbi-Malti:

*I may mention the names of many with whom the Cardinal thus conversed; with Moses Ngau ... in the Peguan language; with Zaccaria Cohen in Abyssinian; with Gabriel, another Abyssinian, in the Amarina dialect; with Sciata, an Egyptian, in the Coptic; with Hollas in Armenian ; with Churi in Arabic; with Barsciu in Syriac; with Abdo in Arabico-maltese, (the Maltese speak a mixture of Arabic and Italian) ...*[23]

L-interess ta' Mezzofanti fil-Malti hu attestat minn kittieba oħra, fosthom ir-Rev. J.P. Fletcher. Dan Fletcher kellu jħejji rapport fuq il-prattika tar-reliġjon u l-letteratura fost il-Knejjes Insara tal-Lvant. Fi triqtu lejn l-Orjent, Fletcher waqaf Malta fl-1842 u fid-djarju tiegħu ħażżeż bosta osservazzjonijiet interessanti dwar diversi aspetti tal-ħajja f'dil-gżira. Fost ħwejjeġ oħra, kiteb: "Its language excited the interest and occupied the attention of one of the first linguists in Europe, the late Cardinal Mezzofanti." [24]

## Ġudizzju ta' l-aħħar

Mezzofanti rnexxielu jaħkem bosta lingwi, inkluż il-Malti, mingħjar qatt ma ħareġ mill-Italja. L-istorja tiegħu m'hijiex ħrafa esaġerata. Il-provi oġġettivi li jġib Russell fil-bijografija msemmija jsawru xhieda konvinċenti tal-ħila ta' l-għaġeb tiegħu. Biex tgħallem dawn il-lingwi kollha, kellu jistudja b'dixxiplina assidwa bħal ħaddieħor; sintendi, kellu doni naturali kbar u kien vantaġġjat miċ-ċirkostanzi li għex fihom.

*I do not say that in all these languages, or perhaps in any of them, Cardinal Mezzofanti was the perfect paragon which some have described him; but, reverting to the standard with which I set out, I cannot hesitate to infer from these united testimonies, that his knowledge of each and every one of the leading languages of the world, ancient and modern, fully equalled, and in several of these languages excelled, the knowledge of those who are commonly reputed as accomplished linguists in the several languages, even when they have devoted their attention to the study of one or other of these languages exclusively. ... if the attestations*

*recorded in this volume have any meaning, they lead to the inevitable conclusion, that in the power of speaking the languages in which he was best tried—whether Hebrew, or Arabic, or Armenian, or Persian, or Turkish, or Albanese, or Maltese, or Greek, or Romaic, or Latin, or Italian, or Spanish, or Portuguese, or French, or Swedish, or Danish, or Dutch, or Flemish, or English, or Russian, or Bohemian, or Magyar, or Chinese —his success is entirely beyond suspicion ...*[25]

Irridu ngħidu wkoll li l-għarfien lingwistiku ta' Mezzofanti kien wieħed intuwittiv aktar milli analitiku. Carlo Tagliavini, li kien professur fl-Università ta' Budapest u espert fuq il-ħajja u l-ħidma tal-kardinal, kiteb hekk:

Il Mezzofanti parlava correntemente e correttamente moltissime lingue. Si suole però credere che il Mezzofanti avesse solo il dono di apprendere le lingue macchinalmente e fosse privo di acume critico e scientifico.[26]

Madankollu, il-ħiliet akkademiċi tiegħu ma jistgħux jiġu kkonfutati. Fil-katalgu tal-librerija tiegħu jidher li f'idejh diġà kellu l-ewwel studji ta' grammatika komparattiva, bħal ngħidu aħna x-xogħol ta' Franz Bopp.[27] Fl-1805, kien diġà qed jistudja s-Sanskritt, snin qabel ma Friedrich von Schlegel ġibed l-attenzjoni ta' l-istudjużi Ewropej fuq l-importanza fundamentali ta' din il-lingwa. Mezzofanti ppreċiża l-pożizzjoni tar-Rumen fost l-ilsna Neo-Latini, apparti li stabbilixxa b'ċertezza ċerti regoli fonetiċi ta' l-istess lingwa. Kiteb ukoll żewġ dissertazzjonijiet fuq is-sistema numerika tal-Messikani ta' l-epoka pre-Kolombjana li minkejja li baqgħu manuskritti, għadhom jitqiesu xogħlijiet indispensabbli. Dawn l-impriżi, fost ħafna oħrajn, huma prova biżżejjed tar-reqqa filoloġika tiegħu.[28]

It-tagħlim tal-lingwi kien l-ossessjoni primarja ta' ħajtu; il-kotba li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu u n-numru kbir ta' nies li ltaqa' magħhom fil-mekka tal-Kristjaneżmu, bla dubju, ħaffewlu l-proċess. Pereżempju, jidher li tgħallem il-Malti minn xi saċerdoti jew qaddejja li kienu jservu fis-*Santa Sede* jew minn xi studenti li kienu jattendu l-kulleġġ tal-*Propaganda*. Filippo Bonifazj jagħti l-lista tal-kotba Maltin fil-katalgu privat ta' Mezzofanti: Il-Vanġeli u l-Atti ta' l-Appostli,[29] il-*Grammatica della Lingua Maltese* tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia,[30] *Della Lingua Punica* ta' Ġanfranġisk Agius de Soldanis,[31] kif ukoll il-*Mylsen*[32] u l-*Lexicon* ta' Mikiel Anton Vassalli.[33] Minn dawn il-ħamsa, Russell isemmi biss tlieta – il-Vanġeli, il-*Grammatica*, u l-*Lexicon*.[34] Interessanti l-fatt li Bonifazj jelenka dawn il-kotba taħt is-sottotitlu 'Dialetti varii d'Italia – Maltese'.[35]

**Noti**

1 C.W. Russell, *The Life of Cardinal Mezzofanti, with an introductory memoir of eminent linguists, ancient and modern* (Londra: Longman, Roberts & Green, 1858, 1863). Kopja ta' dan il-ktieb tinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta (Ref. PU.2.21). Verżjoni bit-Taljan ta' dan ix-xogħol dehret f'Bologna fl-1859. Bijografiji oħra fuq Mezzofanti jinkludu *Esquisse historique sur le cardinal Mezzofanti* (Tolosa: 1853; Parigi: 1854) ta' A. Manavit, *Giuseppe Cardinal Mezzofanti* (Würzburg: 1880) ta' Alphons Bellesheim, u *Il Cardinale Giuseppe Mezzofanti, poliglotta e bibliotecario* (Bolognia, 1963) ta' Luciano Meluzzi.

2 Għal tagħrif dwar Charles William Russell ara s-sit elettroniku *New Advent*, ed. Kevin Knight, 10 ta' Mejju, 2007 <http://www.newadvent.org/cathen/13231a.htm>. It-test sħiħ tal-bijografija tiegħu fuq Mezzofanti jista' jinqara fis-sit elettroniku *How to Learn any Language*, ed. Francois Micheloud, 10 ta' Mejju, 2007 <http://how-to-learn-any-language.com/e/mezzofanti/index.html>.

3 Kien hemm diversi studjużi u lingwisti oħra li kitbu fuq il-Malti, mingħjar ma kienu jafu effettivament il-lingwa. Fit-test ewlieni jissemmew biss dawk li kienu jafu l-Malti fiċ-ċert jew almenu għandna ħjiel li setgħu kienu jafuh. Sakemm ma titfaċċax evidenza ġdida, dan il-kriterju jeskludi lil nies bħal Hieronymus Megiser, Burchardus Niderstedt de Holstein, Sir Philip Skippon, Johannes Heinrich Maius, Antoine Court de Gébélin, Jakob Jonas Bjoernstahl, Johann Joachim Bellermann, Johannes Cristoph Adelung, Antoine-Isaac-Sylvestre de Sacy, u l-Baruni MacGucking de Slane.

4 Louis de Boisgelin, *Ancient and Modern Malta*, vol. I (Londra: G. & J. Robinson, 1804) 98.

5 I.S. Mifsud, *Biblioteca Maltese* (Malta: 1764) 325n.

6 G.P.F. Agius de Soldanis, *Della lingua punica presentamente usata dai maltesi* (Ruma: 1750) 61.

7 Arnold Cassola, ed., *The Biblioteca Vallicelliana 'Regole per la lingua maltese'* (Malta: Said International, 1992). L-ewwel referenza għad-dizzjunarju ta' Thezan tinsab ukoll fix-xogħol ta' Mifsud, 324–5. Dizzjunarju manuskritt ieħor ibbażat fuq ir-*Regole*, imsemmi "Dizionario Francese-Italiano-Maltese," jinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta [Ref. BNM Lib. 70]. Anki dan id-dizzjunarju, li la fih isem l-awtur u lanqas data, aktarx kien ikkompilat sabiex jaqdi lill-kavallieri Franċiżi. Ara Olvin Vella, "L-Għejun ta' l-Istorja ta' l-Ilsien Malti: Ġabra ta' Dokumenti bil-Malti mill-Bidu sa Vassalli," teżi ta' l-M.A., U ta' Malta, 2006, 81–82.

8 Boisgelin 98: "*During my residence in Malta, I employed myself in compiling a Maltese grammar; to which I added several dialogues, songs, and tales. I have*

*been taught to believe, that it may be probably be restored to me; but as that is uncertain, I think it necessary to say, I composed it merely for amusement, and if ever it should prove useful, it must be to those who making a long residence at Malta, would naturally be desirous of learning the language, in order to make themselves more intimately acquainted with the inhabitants.*"

9 Anna Borg Cardona, "Early 19th Century Hymns for Maltese Protestants," *Treasures of Malta* 12, 3 (2005) 24.

10 Kien bl-inizjattiva tiegħu u tal-Kurunell Otto Bayer, dak iż-żmien gvernatur ta' Għawdex, li ġew skavati l-fdalijiet preistoriċi tax-Xagħra (magħrufa bħala l-*Brockdorff Stone Circle*) u tal-Ġgantija. Ara Giovanni Bonello, "The Gozo Megalithic Sites: Early Visitors and Artists," *Maltese Prehistoric Art 5000–2500 BC* (Malta: Patrimonju Publishing Limited, 1996) 21, 29. Bħall-ħafna residenti u viżitaturi Ingliżi ta' żmienu, Sommerville kien jemmen li l-Maltin kienu etnikament imnisslin mill-Feniċi, anki jekk jitkellmu xorta ta' Għarbi korrott.

11 Ara l-ittri ta' Donald Sultana u Victor G. Griffiths, *The Sunday Times* 11.xiii.1996.

12 Fl-1855 Ahmed Faris al-Šidyaq, fil-ktieb *Al-Wāsita fi Ma'rifat Ahwāl Maltitah* (ippubblikat f'Tuneż), qal li l-Maltin kienu jitkellmu b'Għarbi mħassar li għandu mid-djaletti tal-Magħreb daqskemm mid-djalett tas-Sirja. Hu kien stazzjonat f'Malta fil-perjodu 1833–48 u jista' jkun li anki hu kien jaf bil-Malti.

13 Il-ktieb tiegħu *Elementi della lingua inglese sulla base della Grammatica di Venoroni* kien ippublikat hawn Malta ftit wara li telaq lura lejn pajjiżu biex isir qassis Anglikan. Ir-Rev. Badger, aktar tard, kiteb ukoll *The Nestorians and Their Rituals* (Londra: J. Masters, 1852) u *An English-Arabic Lexicon* (Bejrut: Librairie du Liban, 1881), filwaqt li ttraduċa x-xogħol storiku *Arabic History of the Imams and Seyyids of OmĐn, by SalĐl-ibn-RazĐk, from A.D. 661–1856* (1871).

14 Xi wħud mill-istudji tiegħu ġew stampati wara mewtu. Ara *Saggi inediti di lingue americane*, ed. E. Teza (Pisa, 1869) u *La lingua degli Indi Luiseños*, ed. C. Tagliavini (Bologna, 1926).

15 Ħafna mill-manuskritti u l-korrispondenza ta' Mezzofanti llum jinsabu fil-biblijoteka komunitarja ta' l-arċiginnasju ta' Bologna. Xi manuskritti oħra jinsabu f'kollezzjoni privata fi New York. Ara C. Taglaivini, "Notizie intorno ad alcuni manoscritti sconosciuti del cardinal Mezzofanti esistenti a New York," *Il Comune di Bologna* 16, 2 (1929) 39.

16 *Grande Enciclopedia De Agostini*, vol. XIV (Novara: Istituto Geografico De Agostini, 1997) 474.

17 Russell 463–65. Interessanti l-fatt li Mezzofanti kien stqarr li l-itqal lingwa hija

l-Bask, li l-isbaħ lingwa tad-dinja hi t-Taljan, filwaqt li l-aktar lingwa espressiva hi l-Ingliż. Għalih it-Taljan ta' Dante u l-Ingliż ta' Shakespeare m'għandhom ebda rivali f'ilsna oħra.

18 Informazzjoni msejsa fuq ittra ddatata 18.ii.1857. Dan aktarx kien il-patri Ġiżwita Andrea Schembri (1805–1875), imwieled Ħal Luqa. Laħaq qassis djoċesan fl-1829, iżda mbagħad tela' Ruma biex jingħaqad mal-Kumpanija ta' Ġesù (1839). Reġa' lura Malta fl-1845; għaldaqstant, is-sena 1840 li jagħti Russell hija kongruwenti. Fl-1849, insibuh missjunarju fl-Alġerija, fejn għamel ħafna ġid fost l-emigranti Maltin, u eventwalment miet. Huwa l-awtur ta' *Ġemgħa ta' Kliem Li Jingħad mill-Maltin ta' l-Arġiel* (1864) u ta' xi poeżiji li dehru fis-seniela *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*. Jibqa' magħruf għall-għanja tal-Milied "Ninni La Tibkix Iżjed". Ara Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (Malta, 1975) 260–61 u Ġużè Galea, 'Il-Ġiżwita Indrì Schembri: Poeta Malti,' *Il-Malti* (Ġunju–Settembru 1940) 34–40.

19 Informazzjoni msejsa fuq ittra ddatata 20.ii.1857. Minħabba li Russell ma jipprovdix l-ewwel isem ta' dan il-qassis, diffiċli tgħid min seta' kien. Dr Don Salvatore Falzon, arċidjaknu tal-katidral, inħatar wieħed mill-viċi-presidenti ta' *La società delle scuole normali della Valletta* fl-1833 mill-Gvernatur Ponsonby, filwaqt li ċertu Kanonku Falzon kien rettur tal-knisja Ta' Ġieżu, il-Belt, fis-snin ħamsin tas-seklu dsatax.

20 Russell 35–6. Fl-1786, l-orjentalist Franċiż Joseph De Guignes, fil-*Journal de Scavans*, kien diġà kkonkluda li s-suppost Għarbi tad-dokumenti psewdo-medjevali ta' l-Abbati Giuseppe Vella (1749–1814) ma kien xejn għajr Malti. Miegħu qabel l-orjentalist Sqalli Rosario Gregorio. Għal informazzjoni ddettaljata fuq l-impostura ta' Vella ara Thomas Freller, *The Rise and Fall of Abate Giuseppe Vella: A Story of Forgery and Deceit* (Malta: PIN, 2001).

21 Russell 467.

22 Russell 361–62.

23 Russell 364–65.

24 Fletcher ippubblika l-ktieb *Notes from Nineveh and Travels in Mesopotami, Assyria and Syria* fl-1850, sena wara l-mewt ta' Mezzofanti.

25 Russell 472.

26 Carlo Tagliavini, *Enciclopedia Italiana* [Treccani], vol. XXIII (Ruma, 1949) 149.

27 Il-katalgu tal-librerija privata ta' Mezzofanti, għalkemm mhux nieqes mill-iżbalji, kien ippubblikat minn Filippo Bonifazj, *Catalogo della libreria dell'eminentissimo cardinale G.M. Mezzofanti compilato per ordine di lingue* (Ruma, 1851). Kopja ta' dan il-katalgu tista' tinqara minn *Google Book Search*, 10 ta' Awwissu 2007

http://books.google.com/boks?id=ID0RAAAAIAAJ&pg=PA1&dq=catalogo+della+libreria+mezzofanti#PRA1-PA90,M1›. Hajr lis-Sur David Agius Muscat li ġibidli l-attenzjoni tiegħu. Il-kotba tal-librerija privata ta' Mezzofanti nxtraw mill-Papa Piju IX u ngħataw lill-Bibljoteka Universitarja ta' Bologna.

28 Tagliavini, *Enciclopedia Italiana*, 149.

29 L-isem sħiħ fil-katalgu huwa *Evangelia IV et Actus Apostolorum juxta vulg. edit. Romae MDXCII editium: nec non eorundem versio Melitensis*. Dan hu, bla dubju ta' xejn, it-traduzzjoni bil-Malti ta' l-Erba' Vanġeli u l-Atti ta' l-Appostli li Vassalli niseġ fis-snin 1823–29. Il-ktieb ħareġ f'Londra ftit wara l-mewt ta' Vassalli fl-1829; hu kien ħadem fuq il-verżjoni Latina tal-Vulgata, li tidher f'test parallel mat-traduzzjoni Maltija. Fl-1847, imbagħad, ir-Rev. Michelangelo Camilleri ta' l-għaqda Protestanta *Society for Promoting Christian Knowledge*, irriveda x-xogħol ta' Vassalli u ttraduċa l-Ittri ta' l-Appostli u l-Apokalissi, imsejsa fuq il-verżjoni *King James* tal-Bibbja, biex b'hekk issawwar it-Testment il-Ġdid kollu.

30 L-isem sħiħ ta' dan ix-xogħol kien *Grammatica della lingua Maltese secondo i principj delle lingue Orientali e della lingua Italiana*; kien ippubblikat Malta stess fl-1845. Il-Kanonku Panzavecchia kkompila wkoll dizzjunarju etimoloġiku tal-Malti li baqa' mhux ippubblikat.

31 *Della lingua Punica presentamente usata da' Maltesi* deher Ruma fl-1750. Il-ktieb kien jinkludi 'Nuova Scuola di Grammatica per agevolmente apprendere la lingua Punica-Maltese' – l-ewwel grammatika tal-Malti li qatt ġiet stampata. Fost l-istudjużi li kkummentaw fuq dan ix-xogħol insibu lil Passeri (1751), Jean Lami (1752), u P. Zaccharia. F'dan ix-xogħol, De Soldanis inkluda ukoll it-talba kommemorattiva 'Il-Mewt ta' NN.'.

32 Il-*Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis* kien stampat f'Ruma fl-1791. Interessanti d-daħla intitolata 'Lill-Malti Li Qiegħed Jaqra'.

33 *Ktŷb yl Klŷm Malti Mfysser byl-Latin u byt-Talyân,* magħruf aħjar bħala l-*Lexicon Melitense-Latino-Italum,* b'madwar 18,000 kelma, kien mitbugħ f'Ruma fl-1796.

34 Russell 335n.

35 Bonifazj 90.

36 Meħud mis-sit elettroniku *Museo di Roma*, 10 ta' Lulju 2007, ‹http://www.museodiroma.comune.roma.it/PalazzoBraschi/VISUALIZZA_SCHEDA_OPERA.show?p_prgscheda=132515&p_tipo_scheda=OA&p_museo=10001&p_web=INTE›

# Il-Poeżija ta' Daniel Massa: It-Tiftixa ta' Tfulija Dejjiema

Oliver Friggieri

Sa minn meta deher fi *Kwartett* (1965) Daniel Massa wera l-għażla tiegħu favur poeżija differenti minn dik li trabba fiha bħala Malti. Ir-ritmu, il-frażjoloġija, l-għalqa metaforika, it-tonalità huma lkoll diġà mbegħdin ħafna mit-tradizzjoni romantika sa snin sħaħ tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Bħal għadd ta' "tas-sittinijiet", Massa kien diġà ntebaħ li fid-dinja l-kbira, Ewropea u Amerikana, il-poeżija kienet ilha li għaddiet minn tibdil sħiħ. L-għarfien tal-letteratura dinjija kontemporanja, l-iżjed bis-saħħa tal-ftuħ li toffri minnha nnifisha l-edukazzjoni universitarja (hi stess kważa ewlenija tad-dħul tal-moderniżmu f'Malta), wasal malajr għall-konklużjoni li l-poeżija Maltija kellha tfittex tegħleb l-iżvantaġġi storiċi kbar u ssib il-pass li bih biss setgħet titqies valida u rilevanti. Maż-żmien Massa, lettur u mbagħad Professur tal-letteratura Ingliża fl-Università, kellu jsir wieħed mill-ftit kriterji li bihom l-ispirazzjoni lokali setgħet titkejjel bil-qisien ta' żmienha.

Mill-wirt formali tal-poeżija Maltija ta' qabel, wild it-tradizzjoni klassika-romantika Taljana, Massa żamm ftit li xejn. Il-punt tar-riferiment tiegħu deher minnufih Ingliż u Amerikan, u minn din it-tadizzjoni għanja reċenti silet fuq kollox l-ambigwità u l-implikazzjoni, żewġ xejriet li l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin f'Malta ma setax jagħrafhom għal bosta raġunijiet, fosthom għaliex il-poeżija rriflettiet bil-fedeltà kollha l-qagħda intelletwali tal-pajjiż. Kontra ċ-ċarezza fl-espressjoni, kontra s-sempliċità tal-viżjoni, Massal daħħal il-

possibbiltà li test jinqara f'aktar minn dawl wieħed. Il-kelma kellha tikseb importanza relattiva li ma tistrieħx wisq fuq id-denotazzjoni emottiva, mibnijin sikwit bil-qies ta' min qiegħed jinseġ djarju intimu, bdiet taħkem il-metafora ta' xeħta ċerebrali, kalma, meqjusa, imqiegħda bir-reqqa ta' min jikkalkula fit-tul qabel ma jasal għall-verżjoni aħħarija. Il-proċess kreattiv stess hu mifhum f'termini ġodda, u forsi wkoll il-poeżija stess, sistema ta' elementi li lit-tifsira jaħbuha biex bħallikieku tinstab inċidentalment, jew wara qari sistematiku. L-effett ta' l-immedjatezza ma kellux jibqa' jingħata s-siwi li kellu qabel. Il-qari kellu jsir għamla ta' tilwima mat-test stess.

Id-diffikultà li joffri x-xogħol ta' Massa biex "jiftiehem" hi l-istess prerogattiva tiegħu, il-privileġġ li jieħu l-poeta minn rajh, biex lill-qarrej donnu jeħilsu mit-toqol ta' tifsira iebsa, magħmula u lesta, waħda li tgħodd dejjem u kullimkien.Tassew li l-poeżija hija minnha nnifisha ambigwa, iżda t-tradizzjoni għarfet trodd għallinqas minimu ta' tifsir li fuqu setgħu jaqblu kemm il-kritiċi u kemm il-qarrejja. Għall-kuntrarju, it-tip ta' poeżija li jippreżenta Massa jispiċċa biex ibiddel element wieħed, l-ambigwità, fin-natura sħiħa tal-poeżija. Aktarx li dan hu l-aspett li bih il-poeta jinqata' l-iżjed mill-qafas klassiku, milqugħ, tal-poeżija Mediterranja li l-poeżija Maltija tat-tradizzjoni pre-moderna, istintivament u bl-għajnuna tal-kultura Taljana li hi trabbiet fiha qatt ma ħarġet minnu.

F'termini kulturali, it-tensjoni semantika li joffru l-poeżiji ta' Massa tista' titqies bħala riżultat tal-qagħda duwalistika li l-poeta jiftiehem l-aħjar fiha: il-konflitt jew id-diversità essenzjali, bejn id-dinja Mediterranja u d-dinja Anglo-Sassona. L-ewwel waħda hi wirt naturali u storiku, u t-tieni waħda hi għażla kulturali. Fi kliem ieħor, poeta Malti jitħaxken bejn il-qagħda tal-pajjiż bħala punt ġeografiku u l-qagħda tal-pajjiż bħala ex-kolonja Ingliża li, madankollu, anki wara l-Indipendenza kellha tibqa' miftuħa beraħ għall-influwenza Ingliża. Fl-identità tal-poeta, Malti u wkoll studjuż tal-letteratura Ingliża, jista' jingħabar id-duwaliżmu tipiku tal-kultura Maltija kollha mis-sittinijiet 'il quddiem.

Min-naħa l-oħra, il-medjazzjoni kollha tal-kultura Maltija tinħass ukoll, u naturalmnet hawn hu fejn tixref l-iżjed l-oriġinalità ta' Massa bħala poeta li, meta jitqies kulma ngħad, xorta jibqa' eminentement Malti. Il-mudell ta' l-assimilazzjoni, li bih tiftiehem fil-profondità tagħha l-identità kulturali Maltija, issa jiftiehem skond kriterju ieħor (minflok kontinentali, Taljan, bħal qabel) waqt li l-istess mediterranjetà hi mistħarrġa u mġarrba kritikament (minflok istintivament, bħal qabel). F'dawn ix-xejriet, fil-kwadru tal-poeżija Maltija kollha tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin, Massa hu aktarx ruħ solitarja, differenti

ħafna mill-poeti l-oħra li ftit jew wisq, wara l-polemika tal-bidu u minn madwar nofs is-sebgħinijiet 'il quddiem reġgħu sabu l-għeruq mediterranji u għalhekk kitbu b'mod sostanzjalment differenti mill-fażi bikrija tagħhom stess.

It-tiġdid tekniku huwa minnu nnifsu tiġdid tematiku. Fid-dawl ta' dan il-prinċipju jrid jitfisser kif il-baħar, tema u metafora, jikseb f'Massa tifsiriet li l-ispirazzjoni ta' qabel ma tatux. Il-baħar jidher minnufih bħala l-ambjent konsistenti, l-aspett l-iżjed importanti tad-dimensjoni ta' l-ispazju ('Xibkatuliss', 'Il-Mewt tas-Sajjied', 'Il-Bajja ta' San Tumas', 'Dayadhvam', 'Delimara', 'L-iskuna tal-Holm', 'Qarnita', 'Għawma bil-Lejl'). Il-'baħar żmerald', bħaż-'żiemel abjad' hija frażi-muftieħ, u għandha tifsira eżatta (esperjenza tas-sens tal-ħars) daqskemm għandha tifsira metaforika (esperjenza tal-kuxjenza). Il-poeta li jissublima l-baħar huwa wkoll il-bniedem li jsib lilu nnifsu fil-baħar. Il-ħtieġa ta' twelid ġdid, in-nostalġija għal storja mbiegħda wisq iżjed mit-tfulija, ir-ritorn lejn l-ilma: dawn huma temi daqskemm huma sensazzjonijiet. Għall-għawwiem li jsir għaddas hemm ukoll il-possibiltà li l-għaddas isir abitant permanenti mingħajr forom fissi. L-ambigwità li dehret bħala xejra tal-kontenut hi fiha nnifisha qagħda tar-ruħ. Il-poeta li jilgħab bl-ilma huwa wkoll l-adult li ma jridx joħroġ mit-tfulija daqskemm ma jagħrafx mod ieħor għajr l-adultezza biex it-tfulija tingħaraf sewwa:

> Ferragħni
> fil-fonti nhar l-għid tat-tberik,
> għarraqni ġo l-ilma tal-maqdes
> ...
> Jista' bniedem jitwieled mill-ġdid
> jerġa' għall-ġuf meta ra d-dawl?
> ...
> Aħfirli
> bigħedni mill-ħlas tat-twelid
> għassisni rekkinni f'ġuf ommi.

Il-klawstrofobija, problema karatteristika ta' l-awturi ewlenin tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin f'Malta, tingħeleb billi jitfittex il-kontinent il-ġdid, il-qiegħ tal-baħar. M'huwiex aktar il-baħar pittoresk jew il-baħar metafora ta' l-infinit, kif kien għar-romantiċi u oħrajn, iżda hu l-baħar metafora ta' l-art imwiegħda, id-destinazzjon tal-klawstrofobu li mbagħad jidher bis-saħħa kollha fil-waqtiet ta' bixra politika ('Reżurrezzjoni', 'Monologu mill-Gżira ta' l-Isponoż', 'L-Offerta tal-Kaliban', 'Voila Pouquoi', 'Malta Kif Inħsadt?', 'Mewt fil-Gudja',

'L-impenn'). Hawn ukoll id-duwaliżmu tipiku jieħu xeħta figurattiva: l-għeluq jinsab fuq l-art, u l-ftuħ jinsab biss fil-baħar. Kontra l-"gżira ta' l-isponoż" hemm "l-iskuna tal-ħolm". Il-baħar jiġbor fih il-fidwa mixtieqa kollha. F'dan il-kuntest tingħaraf il-funzjoni tal-frażarju elementari tal-poeta, li jinkludi kelmiet bħal "mera", "ċirku", "ċagħak" flimkien mal-verbi kollha mseħbin ma' l-esperjenza ta' l-għawwiem u ta' l-għaddas.

Xi drabi xejriet tal-liturġija Kattolika huma mħaddmin b'mod li jpinġu l-aspett attiv ta' l-esperjenza poetika ('Milied', 'Epifanija'), iżda drabi oħrajn l-imġiba stess tal-poeta tieħu x-xeħta ta' liturġija personali. Ġesti sempliċi jsiru simboliċi u l-kwadru kollu jitbiddel f'parabbola tal-qagħda umana. Hemm għallinqas żewġ waqtiet f'dan il-proċess. Fl-ewwel wieħed il-poeta jinsab waħdu:

Waħdi
Biċ-ċagħka f'idejja għall-ħobża w sardina,
imbeżżża' miċ-ċrieki eterni li jduru
maż-żwiemel imħabbla f'misteru,
nitriegħed bħaċ-ċagħka li tiżloq minn idi
fir-ramla bla fidi.

"Il-Bajja ta' San Tumas"

Fit-tieni waqt tissejjaħ il-mara, reali daqskemm ideali, li tissieħeb miegħu f'esperjenza li tirrappreżenta t-twaħħid tal-bniedem man-natura kollha. Il-ħtieġa tat-tiġdid tidher fiżika iżda hi spiritwali, u l-azzjoni hi mill-ġdid liturġika:

Nitgħammdu,
o mara sabiħa bħall-baħar,
fl-għejun t'ilma frisk.
Għax issa x-xgħir jimtela,
għax issa l-ilma joħla
u l-ħut jilma fix-xbieki stirati
f'nofs aħdar żmerald.

"Pentekoste II"

Għadd ta' poeżiji oħrajn ('Searchlight', 'Matriċi', 'Metro') jiżvolġu l-istess motiv u jseddqu l-impressjoni li Massa qiegħed jikteb poeżija twila u sħiħa waħda magħmula minn waqtiet differenti. Ruħu hi "amfibja" ('Matriċi') u s-sensi tiegħu huma msaħħrin mix-"xebba tistenna l-iskuna tal-ħolm" ('L-

Iskuna tal-Ħolm'). Fl-adultezza t-tfulija tinħass bħala ċ-ċarezza mitlufa ('Arani Għada') u għalhekk kollox jinġabar fis-sensazzjoni ta' tfulija dejjiema. Il-post ideali hu qiegħ il-baħar fejn il-ħolqien mhux mittiefes u ż-żmien jidher li ma jħallix il-marka li xxejjaħ u teqred:

hawn kont diġà
-qabel ġarrabt il-fsieqi ta' ġensi
-qabel għalaqt it-twieqi ta' wensi
-qabel ombrajt l-għekiesi ta' niesi
qalb id-dell tal-kannizzati kont diġà
forsi mrekken mal-koralli
fi spiralli stalaktiti ma' l-artikli kkuluriti
sekli ilu kont
diġà.

"Delimara"

Dan hu l-waqt l-iżjed solenni fl-esperjenza fiżika-spiritwali kollha ta' Massa, imfisser bl-aħjar riżorsi poetiċi: il-mużikalità ritmika, l-alliterazzjoni, ir-rima, l-iffullar tal-metafori, is-sentenzjożità. Il-mogħdija mill-imgħoddi għall-preżent hi megħluba u ż-żmien isir esperjenza kontinwa ogħla mil-liġi tat-tibdil.

Minħabba t-tlaqqigħ ta' dawn ix-xejriet kollha flimkien "Delimara" diġà tisthoqq ħarsa mill-qrib. Iżda hemm raġunijiet oħrajn li jwassluha biex titqies bħala l-qofol tal-poeżija ta' Massa, għamla ta' dokument tal-poetika tiegħu kollha. "Delimara" hi espressjoni narrattiva ta' esperjenza li ma tistax tkun irrakkontata. Fil-binja ta' rakkont il-poeta jdaħħal il-motivi tematiċi u l-elementi tekniċi li jsawru x-xogħol tiegħu. L-ewwel erba' versi jistabbilixxu l-ambjent fejn se jseħħ kollox. Sensiela ta' verbi, mill-vers 5 'l quddiem, jindikaw l-azzjoni: "żlaqt", "smajt", "bqajt ħiereġ". L-istrofa ta' l-għaddas tingħaraf minnufih bħala parabbola; it-tifsira ta' kulma jidher tinsab xi mkien ieħor. Iż-żelqa ħafifa (vers 6) tfakkar fil-ħruġ tat-tarbija mill-ġuf (vers 7), u hi ħarġa li ġġib magħha bidla kbira ("minn fuq l-alka għal taħt il-blat", vers 8). Id-deskrizzjoni tal-post hi mseddqa mid-diwi alternattiv tal-konsonanti "n" ("għanja", "sireni", "fiddien", "nistad", "ċeren", "ninżel", "ngħarrex", "fond", "il-fond", "fejn", "għajn").

Fit-tieni strofa l-poeta jsir minnufih il-protagonista, waqt li l-importanza tas-silta hi maqsuma bejn is-seħer ta' taħt wiċċ il-baħar u s-sensiela ta' ċaqliqiet tiegħu li jitqallbu minnufih maċ-ċaqliq tal-ħlejjaq l-oħra. Qalb il-ġabra ta' metafori mfissra hemm il-metafora implikata, li b'mod tipiku tiegħu Massa

jagħtiha importanza mingħajr ma jiżviluppaha: il-poeta, il-bniedem innifsu, huwa ħuta. Mit-tiftixa, mill-azzjoni fiżika, il-poeta jgħaddi għar-riflessjoni. U hi riflessjoni magħmula fil-kuxjenza, mingħajr ħoss li jiddisturba s-sliem tad-dinja ġdida misjuba: "u għedt f'qalbi". Mill-bqija, s-silenzju huwa aspett ieħor tal-poeżija kollha ta' Massa, u jissieħeb mal-ħakma ta' għadd ta' lwien li ewlieni fosthom hu l-abjad. Ir-riflessjoni (versi 21-36) tinġabar kollha fil-kelmiet "hawn kont diġà", għamla ta' għarfien tal-preistorja, tal-fażi ta' qabel it-twelid, li mhix id-disa' xhur tat-tqal iżda speċi ta' eternità li s-sens tagħha hu mitwieled. Donnu Massa jadatta għalih it-twemmin ta' Jung fl-inkonxju kollettiv tar-razza umana kollha; il-bniedem jitwieled diġà bis-sens ta' żmien li beda qabel il-bijografija personali. Il-Poeżija għalih hi sewwasew it-tiġrib ta' din ir-rabta dejjiema mal-bqija ta' l-essri.

Il-versi 27-35 huma fost il-versi l-aktar mużikali li qatt inkitbu bil-Malti. Il-ħakma tal-piedi magħżula (li joffru interpretazzjoni metrika varja skond il-qari: anapest, ġjambu, trokew, amfibrakkju) tissieħeb mal-ħakma ta' ħsejjes alternattivi ("spiralli", "stalaktiti", "artikli", "kkuluriti" u l-bqija) li bejniethom ileħħnu, jagħtu ħoss lis-sens miksub: is-serħan li ma jistax jintilef aktar.

Kollox iwassal għall-konklużjoni, għall-att li bih il-poeta jagħmel id-deċiżjoni mibnija fuq l-għarfien ta' "kont diġà", li issa, imlissna għat-tielet darba, bħallikieku ritornell reliġjuż ieħor tipiku ta' Massa, issir il-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni aħħarija: "nista' nibqa'" (vers 39). Kollox jinġabar fiż-żewġ versi ta' l-għeluq fejn jerġa' jixref ir-ritornell:

> għax f'dawn l-ibħra, qalb din l-alka
> kont diġà.

"Delimara" hi aktarx l-aħjar eżempju ta' l-istrateġija letterarja tal-poeta. Ir-rakkont jibda minn punt magħruf u jgħaddi malajr biex jieħu tifsira metaforika; l-elementi tal-kitba poetika tradizzjonali (mir-rima sa l-alliterazzjoni, mill-versi metrikament regolari sal-versi li jvarjaw fir-regolarità f'pied wieħed jew aktar) huma mħaddmin b'mod li jiġġeddu u joħolqu l-effetti moderni mixtieqa; is-sentiment hu mrażżan b'mod li ma jaħkimx fuq l-ordni razzjonali li l-poeta jixtieq li jaħkem fuq kollox; id-deskrizzjoni mhix għan fiha nnifisha iżda spunt għal suġġeriment dwar il-qagħda tal-kuxjenza. Il-programm tat-tiġdid tekniku li Massa seddaq fil-poeżija Maltija, waqt li ma jasalx sa l-estremitajiet ta' l-epoka, jitbiegħed ħafna mit-tradizzjoni u fl-istess ħin jibqa' jimraħ fi ħdanha. Il-kelma u l-frażi jibqgħu jingħażlu mill-ħażna li l-kuntest letterarju magħruf jistenna u jilqa' minnufih; il-metafori, mogħtijin importanza wisq aktar minn

qabel u msenslin flimkien sal-punt li t-test kollu jassumi l-bixra ta' ħrafa jew allegorija, jibqgħu mimlijin b'kontenut emottiv. F'termini oħrajn, l-ambigwità mhix biss metodu ta' espressjoni letterarja; hi wkoll l-istess kontenut, it-tema fundamentali. Waqt li poeti kontemporanji oħrajn ħaduha kontra l-limitu li sabu fil-pajjiż daqskemm fiċ-ċiviltà ta' żmienhom, Massa jiskopri r-realtà mixtieqa fl-ispazju lilhinn mill-art, fejn il-limitu ma jinħassx u fejn il-bniedem jista' jsir il-ħlejqa ħielsa li hawn hi tipiċizzata fil-ħuta.

Fl-isfond ta' "Delimara" hemm l-identità tal-poeta bħala abitant ta' gżira, jiġifieri ta' art li fid-definizzjoni tagħha tinkludi r-relazzjoni mal-baħar. Mhix il-gżira idealizzata tal-poeti romantiċi u lanqas mhi l-gżira miċħuda ta' wħud mill-poeti moderni. Hi t-territorju li jitbiddel hu stess fi xbieha tal-qagħda tar-ruħ, imbandla f'oċean ta' ħsibijiet u sentimenti. Imdaħħla f'dan il-kwadru, l-ispirazzjoni kollha ta' Massa tidher immexxija minn viżjoni waħda. Tema ewlenija tgħaqqad il-varjazzjonijiet tagħha flimkien u l-problema ta' komunikazzjoni li tista' toffri l-poeżija tinħall fi proċess ta' għarfien gradwali. Jekk jingħaraf il-qofol, jingħarfu l-irqaqat.

L-unità tematika hi megħjuna saħansitra mill-kontinwità anki grammatikali li hemm bejn tliet poeżiji ('X-Ray', 'Deflorazzjoni', 'Pasiphae'), iżda hi riflessa l-aktar fil-preżenza tal-baħar reali u metaforiku fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji. Uħud jagħlqu bir-rima ('Il-Bajja ta' San Tumas', 'Il-Mewt tas-Sajjied', 'Indeċiżjoni'), bosta oħrajn jisħqu fuq l-amfibrakkju, it-trokew u l-ġjambu b'regolarità li fl-istess ħin hi ħielsa. Id-diskors isir ma' Alla, ma' mara u ma' semmiegħ ipotetiku. Għadd ta' metafori ewlenin, imtennija, huma żviluppati f'kuntesti differenti. L-ambigwità ssir il-lingwa magħżula, miksuba bħala grad ogħla taċ-ċarezza bikrija, waqt li huma rari l-waqtiet meta Massa jinqeda bit-taħdit dirett u letterali ('Xi Nħobb', 'L-Aħħar Borra', 'Warda'). Kollox juri li din il-poeżija miktuba bil-kelma, bi ħsieb strateġiku, b'kontroll sħiħ fuq l-irqaqat kollha, bħala esperjenza li tiddistilla lill-waqt tal-kitba. Hi poeżija li ma ttaħħattx il-komunikazzjoni għall-espressjoni, għad li dejjem tikkonċedi l-possibbiltà li titnissel sensazzjoni.

Daniel Massa jipproduċi xogħol maħdum b'reqqa arkitettonika sħiħa, bi skruplu kbir fl-għażla tal-ħoss u tas-sens tal-kelma. Il-misterjożità tibqa' l-atmosfera tipika tiegħu, imseddqa mill-kontenut daqskemm mit-tqegħid flimkien tal-metafori u mill-ħażna ta' assoċjazzjonijiet u implikazzjonijiet li jistgħu jixirfu b'qari mill-qrib. F'dawn l-aspetti kollha l-poeta, rappreżentant ewlieni tal-poeżija Maltija ta' żmienu, jibqa' maqtugħ għall-ilħna l-oħra. Taħt is-saffi kotrana tat-tifsir hemm, paradossalment, it-tiftixa tas-sempliċità u fl-aħħarnett is-sejba tagħha.

# L-Element tal-Konfront f'Monsinjur Pietru Pawl Saydon[1]

Sergio Grech

Wieħed mill-elementi li jispikka b'mod persistenti fil-bijografija ta' Monsinjur Pietru Pawl Saydon huwa l-konfront. Ma tkunx qed tiżbalja, jekk tara l-ħajja ta' dan il-qassis Żurrieqi bħala konfront kontinwu; konfront mhux biss ma' ċertu element politiku imma fuq kollox ma' dak ekkleżjastiku.

Diskussjoni ta' din it-tema b'ċerta rigorożità hi għal kollox nieqsa fl-istorjografija lokali. Probabbli l-esperjenzi morri li għadda minnhom Saydon u fuq kollox il-pajjiż kollu fis-sittinijiet jagħmlu diskors bħal dan ċensurabbli f'diversi aspetti.

Meta qed titkellem dwar Saydon, qed titkellem dwar eċċezzjoni fil-kleru Malti ta' dik il-ħabta. Sa żmienu wieħed anki jiddubita mill-ħiliet akkademiċi ta' ċerti professuri universitarji fil-kamp teoloġiku. L-idea ta' professur medhi fl-istudju kienet għadha 'l bogħod; eċċezzjonijiet kien hemm dejjem. Diffiċli tmqadar per eżempju lill-Professur Anastasju Cuschieri li anki kellu dibattiti mal-filosfu Taljan Benedetto Croce.

Saydon kien il-bniedem li ħabb l-istudji, siefer barra minn butu għall-kungressi, xtara l-kotba, aġġorna ruħu akkademikament, u ħareġ mill-fosdqa lokali biex wasal biex welled il-kapolavur tiegħu: it-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa. Mhux ta' b'xejn li ta' Saydon hawn żewġ monumenti f'din in-naqra ta' gżira; wieħed fiż-Żurrieq[2] u l-ieħor fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela.[3]

**Il-ġurnata minn kmieni turik**

Ir-riżultati universitarji jikkonfermaw jekk qatt kien hemm bżonn is-saħħa intelletwali li kellu Saydon u l-ġibda tiegħu lejn l-Istudji Bibliċi.

Il-marki ta' l-ewwel sena kienu hekk:[4]

| Dommatika | Morali | Skrittura Mqaddsa/ Ebrajk | Total | Ordni tal-Mertu |
|---|---|---|---|---|
| 187 | 200 | 197 | 584 | L-Ewwel |

Fl-orali li sar fit-13 ta' Lulju ta' l-1916, kiseb "*cum laude.*"[5]

Fit-tieni sena kiseb dawn il-marki:[6]

| Dommatika | Morali | Skrittura Mqaddsa/ Ebrajk | Total | Ordni tal-Mertu |
|---|---|---|---|---|
| 195 | 169 | 197 | 561 | L-Ewwel |

Fl-orali, li sar fil-11 ta' Lulju, 1917, Saydon "*passed with honours.*"[7]

Fit-tielet sena tal-kors ġab dawn il-marki:[8]

| Morali | Dommatika | Total | Ordni tal-Mertu |
|---|---|---|---|
| 184 | 176 | 360 | It-Tieni[9] |

Fl-orali kiseb "*cum laude.*"[10]

Dik is-sena beda jistudja l-Liġi Kanonika u ġie l-ewwel fil-parti tal-kitba. Qasam dan l-unur miegħu Angelo Ghigo.[11] Fl-orali ġie "*approved.*"[12]

Fir-raba' sena Saydon mar hekk:[13]

| Dommatika | Morali | Total | Ordni tal-Mertu |
|---|---|---|---|
| 196 | 187 | 383 | L-Ewwel |

Fl-orali kien "*unanimously approved.*"[14]

Fil-Liġi Kanonika ġie r-raba'.[15] Fl-orali kien "*unanimously approved.*"[16]

## L-oppożizzjoni mit-tfulija

Fatt li żgur li għen lil Saydon kien li hu twieled f'ambjent finanzjarjament komdu. Hu nnifsu jistqarr dan. "Missieri kien jagħmilha tajjeb u ommi kienet ġejja minn familja tajba wkoll. Minn għand missieri writt il-ħeġġa għax-xogħol u mingħand ommi[17] writt qalb li tħoss u li tħobb, li tħenn u li tagħder."[18]

L-element tal-konfront tista' tgħid li beda sa minn ċkunitu u l-karatteristika li ma jħallix lil min jagħmillu l-bżieq fuq imnieħru dehret sa minn kmieni f'ħajtu.

Saydon jirrakkonta kif telaq mill-iskola tar-raħal wara li s-surmast kien keċċieh għax viċin il-festa ta' *Corpus* qabeż l-iskola u mar "mat-tfal biex jiġbor il-ward għall-knisja."[19]

Saydon irrakkonta li s-surmast, l-għada li mar l-iskola bagħtu d-dar u, aktarx tant ħassu umiljat, li ddeċieda li ma jidħolx darba oħra hemm.

Minflok, beda jmur il-privat għand Dun Gejt Muscat B.Litt DD[20] li dik il-ħabta kien "għadu student tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta."[21]

## Saydon f'konfront ma' l-isqfijiet tiegħu

Joħroġ ċar li Saydon ma tantx kien imur tajjeb ma' l-Isqof Mauro Caruana u wisq inqas ma' l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Skond Saydon, Caruana "ma tantx kellu grazzja miegħi. Qassisin oħra iżgħar minni u inqas minni kellhom l-aqwa unuri, jien bqajt dejjem fejn kont sempliċi qassis."[22] Kien hemm każ meta qassis ħabib tiegħu "ħarbitlu dil-kelma: Iwa, kellek min hu kontra tiegħek."[23]

L-istess ħsieb kien fissru mal-poeta Karmenu Vassallo.[24] Saydon jiddikjara: "fi żmien l-Isqof Caruana jien ma kont insarraf xejn; ma kontx fid-dinja; qatt ma rċivejt l-iċken unur ..."[25]

Każ bejn Saydon u Caruana seħħ fl-1927. Saydon innifsu kixef dan waqt akkademja f'ġieħu.[26]

Jirrakkonta li hu bagħat il-manuskritt tal-ktieb tal-Ġenesi maqlub għall-Malti lill-Kurja għaċ-ċensura. Iżda ġara li ċ-ċensur ma qabilx ma' parti mit-tielet kapitlu.

Saydon ma żammx mal-mudell magħruf fil-famuża sentenza "Hi tisħaqlek rasek."[27] Imma hu qalibha, "Hu jisħaqlek rasek."[28] Dan kien ifisser li kien se jaqleb dak li kien sar tradizzjoni fit-tagħlim tal-Knisja.

Iċ-ċensur Monsinjur Matteo Cortis żamm iebes.[29] L-Isqof qabel ma' Saydon imma safrattant ma riedx li jwaqqa' l-kelma taċ-ċensur tiegħu.[30]

## L-oriġni tal-kunflitt ma' Monsinjur Mikiel Gonzi

L-oppożizzjoni lejn Gonzi ma kinitx biss minħabba l-famużi sittinijiet imma kienet marbuta wkoll ma' raġuni akkademika.

Aktarx ftit jafu li Saydon kien student ta' Mikiel Gonzi. Wara li studja fl-Università ta' Malta, Gonzi kien mar jistudja l-Università Gregorjana ta' Ruma minn fejn kiseb il-grad *Juris Canoncis Doctor.*

Fl-1915 Dun Mikiel beda jgħallem l-Iskrittura fl-Università "bla ħlas bħala *libero docente*."[31] Darba li twaqqfet il-kattedra tax-Xjenzi Bibliċi u l-Ilsien Ebrajk, Gonzi kellu salarju ta' £140 fis-sena.[32]

Saydon iżda jpoġġi f'dubju kemm Gonzi qatt seta' jokkupa dak is-siġġu: "Gonzi kien għadu mhux imħarreġ biżżejjed għal dan it-tagħlim. Meta kien għadu student qatt ma studja Skrittura; bħall-qassisin kollha ta' żmienu ma kien jaf xejn fuq l-Iskrittura."[33]

It-traduttur Żurrieqi jfakkar li Gonzi Ruma kien studja d-Dritt Kanoniku.[34] Ikompli jsostni li Gonzi "studju kbir ma kellux, u kien jibqagħlu ħafna żmien x'jaħli fi studju ieħor. Għalhekk ġieh il-ħsieb, imħajjar minn ħaddieħor, li jistudja l-Iskrittura, u qabad kors li ngħidulu *undergraduate*, l-Università Gregorjana. Fl-istess ħin kien imur għal xi lezzjoni fl-Istitut Bibliku, li kien għadu kemm fetaħ għall-*post-graduate courses*."[35]

Għalkemm Saydon jikkonkludi li Gonzi meta beda jgħallem kien "novizz, mhux imrawwem biżżejjed f'dan l-istudju u inqas imħarreġ mill-istudenti tiegħi tal-lum"[36] faħħru f'xogħlu fis-sens li kien "jieħu x-xogħol ta' l-iskola bl-ikbar serjetà.[37] Iżid ukoll "billi kien nieqes mill-esperjenza ta' tagħlim kbir, u terġa' b'dak il-leħen li ma tantx kien ħelu, kultant kien idejjaqna."[38] Ma' din l-asserzjoni żgur ma jaqbilx Dun Carlo Manche fejn jiddeskrivi "l-*lectures* tiegħu qishom qrajt ktieb li tibqa' tiftakru."[39]

Hemm ipoteżi għalkemm mhux studjata f'ċertu dettall ta' Monsinjur Karm Sant li ssostni li seta' kien Gonzi l-għalliem li ħeġġeġ lil Saydon l-istudent, "biex imur il-Bibliku."[40]

Meta Gonzi sar Isqof tad-djoċesi Għawdxija,[41] inħolqot vakanza u Saydon kien applika. Dan kien f'Awwissu ta' l-1924.

Dwar dan kien kiteb f'*Il-Malti* fejn insista li l-persuna li ħadet il-kariga

fl-1924 ma kellhiex il-kwalifiki meħtieġa kollha.[42] Saydon isostni "xejn ma kienu jiswew l-istudji kbar li kont għamilt; xejn ma kienet tiswa l-kelma tal-Papa li ftit xhur qabel ... ħareġ ordni li l-Professur ta' l-Iskrittura kellu jkollu l-gradi fl-Iskrittura u ħadd ħliefi ma kellu."[43] Il-persuna li laħqet wara Gonzi kienet Patri Daniel Callus, O.P.

Għandna biżżejjed xhieda li turina kif sar il-proċess ta' l-għażla wara li post id-Dumnikan Callus tbattal u mtela minn Saydon. Preżenti għall-għażla kien hemm ukoll Mons. Nerik Dandria.[44]

Tlieta tefgħu l-applikazzjoni għall-post battal: Saydon, Dun P.P. Grima, u s-Sur Calleja Schembri.[45] L-applikazzjoni ta' l-aħħar wieħed waqgħet mill-ewwel.[46]

Wara "*a long discussion*", Dandria ppropona li "*before, reporting fully on the individual merits of the candidates, the council recommended that Rev. Saydon and Rev. Grima be required to submit to a didactic test, being a lesson given to the class of Theology in the presence of council or members* ..."[47]

Min-naħa tiegħu Mons. Farrugia ressaq emenda fuq il-proposta ta' Dandria biex jiġi spjegat l-għan wara l-eżami li kien ser isir. Hu ppropona xi tibdiliet u li jiżdied il-kliem fil-bidu: "*The Faculty of Theology although recongnising the superiority of the testimonials submitted by Rev. Saydon* ..."[48]

## F'konfront mal-kappillani

Waħda mill-ġlidiet persistenti li kellu Saydon kienet mal-kappillani li amministraw il-parroċċa Żurriqija. Dik kienet epoka meta l-kappillan kien l-alfa u l-omega fil-parroċċa. Il-jeddijiet tiegħu kienu ġejjin mill-funzjoni tiegħu li jħares it-twemmin tal-parruċċani. Kien forza fir-raħal li ma stajtx taqbiżha jew tagħmel ta' birruħek li ma teżistix.[49] Kif jgħid Bossevain, il-Kappillan kien "*the village's chief spokesman, and many still refer to him as il-prinċipal tar-raħal, the head of the village.*"[50]

L-ewwel arċpiriet li Saydon kien serva taħtu kien Dun Manwel Mifsud. Qabel kien kappillan il-Għargħur fejn skond Mangion kien, "maħbub u miġjub ..."[51]

Saydon jiddeskrivi lil Mifsud bħala "qasir imma ta' kmand."[52] Saydon jgħid li jismagħhom jgħidu li qabel ħa l-pussess kien għamilha ċara li għalkemm fiżikament hu kien qasir "il-kmand hu jien."[53]

Dun Manwel kien jieħu sehem attiv ħafna fil-ħajja tal-parruċċani tant li kien "jindaħal fil-familji biex jagħti daqqa t'id meta fid-dar ma jkunx hemm min jinqala'.[54]

Saydon jgħid li Mifsud żbalja għax kellu x-xewqa li jsir Monsinjur.[55] "Meta ra li bl-ebda mod ma seta' jaqta' xewqtu li jsir Monsinjur beda jiddejjaq mill-parroċċa. Ix-xogħol tefgħu kollu fuq il-viċi Dun Ġwann Sultana ... u hu kera dar Tas-Sliema fejn kien jgħaddi ħamest ijiem" fil-ġimgħa.[56] Mifsud għamel waħda tinkiteb f'festa minnhom meta ddeċieda li l-banda Karmelitana tieħu sehem fil-festa ta' Santa Katerina u dan ħoloq pandemonju sħiħ.

## L-imħabba lejn Santa Katerina

L-element li jistona f'dan il-kwadru hu l-imħabba esaġerata li Saydon kellu għal Santa Katerina; element li normalment mhux daqstant faċli li ssibu f'min ħareġ 'il barra mid-djuqija ta' raħal permezz ta' l-istudju.

Trevor Żahra jirrakkonta annedottu ħelu li fis-sempliċità tiegħu jgħid ħafna. L-awtur jiftakar li Saydon kien mar id-dar tagħhom, waqt il-festa fiż-Żejtun.[57] Il-missier, Walter, infurmah li ibnu kien qed jikteb il-poeżiji. Il-poeżiji ta' Trevor ntlaqgħu tajjeb minn Saydon imma tah *ċamata* għax qatt ma kien kiteb xejn fuq il-qaddisa: "Kif ma ktibtx fuq Santa Katerina?" saqsieh Saydon. "Miż-Żejtun u ma tiktibx fuq Santa Katerina? Qis li tikteb."[58]

Saydon sa kiteb dramm dwar din il-qaddisa. Carmel Bezzina jistqarr li hu għandu dubji serji jekk dan id-dramm inkitibx verament minn Saydon. Skond Bezzina, dan id-dramm fih ftit jew xejn kwalitajiet artistiċi.[59] Id-dramm kien inħadem għall-ewwel darba fl-1960 mill-membri tas-Soċjetà Mużikali Santa Katerina u l-Kor Cantate Domino.[60]

Li Santa Katerina kienet "issaħħru", jikkonfermaha wkoll il-Kanonku Joachim Schembri.[61] Skond il-kanonku, "lil Santa Katerina kien iħobbha daqs id-dawl t'għajnejh."[62] Schembri jinsisti li din l-imħabba kienet ukoll frott ta' zijuh Dun Pawl li kien prokuratur tal-festa.[63]

Kien hemm ukoll qraba oħra li ħabbew il-festa bħal qaribu Ġużeppi Saydon, "l-ispiżjar, li kien jaħdem in-nar anke fid-dar ... stess għall-festa ..."[64] Mill-familja ta' kuġinuh Dun Vinċenz ma naqsitx ukoll il-ġenorożità lejn il-festa. "Oħtu Peppina żżewġet lil Fonzu Gauci, neguzjant tal-patata, benefattur kbir għall-każin u l-festa ta' Santa Katerina li tagħha kien ħallas għall-bradella ta' l-istatwa."[65]

"Daru kienet biswit il-bieb tan-nofs tal-knisja ta' Santa Katerina."[66] Wara kollox meta l-bieb tal-knisja parrokkjali kien ikun miftuħ, Saydon minn daru kien jara l-istatwa.[67]

**Jikkarga l-inkwiet mal-kappillani**

Wara Mifsud fl-1924, il-parroċċa għaddiet f'idejn Dun Ġwann Battista Ghigo.[68] Hu Ghigo, Dun Anġ, kien sar saċerdot ma' Saydon u kienu flimkien fil-kors universitarju.[69]

Għal Saydon, Ghigo "għall-ġbejna kien lest li jbigħ parroċċa."[70] Saydon isostni li Ghigo sa qabel ma ħa l-pussess kien "nqaleb fuq in-naħa tal-Karmnu."[71]

Il-kwistjonijiet fil-festi tant ħraxu li Ghigo spiċċa biex qala' xebgħa u b'riħet hekk sar parti waħda mal-partit Karmelitan.[72] Kien daż-żmien li l-festa tal-Karmnu kibret ħafna "u saret tħabbatha mal-festa tat-titular."[73] Ma jeskludix lanqas li s-seftura kienet qed tiġbdu lejn il-Karmelitani![74]

Saydon isostni li hu u kuġinuh Dun Vinċenz kienu ġew akkużati bosta drabi minnu li kienu qed ixewxu l-partit ta' Santa Katerina.[75]

Sacco imma jsostni li l-parrokat ta' Ghigo qajla kien faċli.[76] Fid-19 ta' Settembru ta' l-1932, il-familja Saydon kienet tilfet lil Dun Pawl, iz-ziju.

In-neputi kien iddeċieda li konsegwenza ta' dik il-mewta ma jiħux sehem fil-festa. Sadanittant dawruhielu mar-raħal li l-familja Saydon ma riditx li ssir il-festa bħala vistu. Dan ġab reazzjoni kuntrarja mill-poplu.

Mill-ħafna prokuri li kellu z-ziju la hu u lanqas kuġinuh Dun Vinċenz ma messu xejn u allura "r-rebħa ta' Ghigo kienet bla qies."[77] Ir-riżultat kien li hu warrab u ngħalaq mal-kotba: "ma bqajtx nagħmel servizz fil-knisja, anqas fil-festa ta' Santa Katerina."[78]

Wara Ghigo wasal Dun Salv Gauci li qabel kien kappillan Ħal Għargħur. Saydon immaġina li r-relazzjoni tagħhom kienet ser tkun tajba għax Gauci kien anki student tiegħu.[79] Jiddeskrivih bħala "tifel kwiet kemm kemm mhux skrupluż."[80]

Il-wasla ta' Gauci għal ftit tatu l-ferħ għax "irġajt dħalt fil-knisja u qbadt is-servizz kollu kif kont nixtieq."[81]

Saydon jikteb li dil-ħabta sar nervuż u jdejjqu kollox tant li lil "kulħadd nistħajlu għadu tiegħi."[82] Fuq kollox bdiet iddejqu "l-imġiba ħażina tal-poplu fil-knisja"[83] u dan fetaħ kapitlu ta' inkwiet ma' l-arċipriet li kien ħaġa waħda ma' l-Isqof Gonzi.

Kien imdejjaq għall-mewt b'poplu li jġib ruħu l-knisja qisu qiegħed id-dar: "taħbijiet ta' siġġijiet u bankijiet, sogħla, tqaħqiħ u ħsejjes oħra."[84] Kien isikkithom imma kollu għalxejn; sa talab lill-arċipriet biex jieħu azzjoni. Iddeċieda li jibda jqaddes privat "barra mill-Ħdud."[85] Imma l-"ħsejjes baqgħu

u l-istorbju baqa'."[86] Sa fl-aħħar ħa azzjoni li l-quddies tal-Ħadd ma jqaddsux. Lil Gauci qallu: "Il-parroċċa tiegħek u saħħti tiegħi, aħseb għall-quddies ta' nhar ta' Ħadd, għax jien ma niflaħx."[87]

Gauci ma taħx ċans u rrapporta lil Gonzi. Gonzi kitiblu bit-Taljan nhar il-25 ta' Ġunju ta' l-1948.

Gonzi kien mgħarraf li Saydon kien qed jirrifjuta "*di celebrare ... in pubblico nelle Domeniche e Feste di precetto.*"[88] Saydon wieġeb lil Gonzi u ċaħad li qal li ma jridx iqaddes imma ġibidlu l-attenzjoni li hu lill-kappillan qallu li ma jiflaħx.[89]

Wara l-ittra ta' Gonzi hu qaddes xi quddiesa oħra imma s-sitwazzjoni baqgħet kif ħallieha. Reġa' ma qaddisx u Gonzi ta struzzjonijiet ċari lil Gauci biex ma jħallihx iqaddes privatament.[90] Gauci mar jistennieh il-knisja biex jgħaddilu l-messaġġ u Saydon darba li l-messaġġ kien wasal, "ħriġt u mort id-dar."[91] Imma l-affari dakinhar ma waqfitx hemm. Bdiet kriżi oħra: "kif ma tatnix puplesija dakinhar ma nafx. Kemm bkejt, u kemm għajjatt u kemm tajt fuq rasi!"[92] Min hemm iddeċieda li ma jqaddisx iktar fil-parroċċa. "Jew kont immur Bengħisa jew ma kont inqaddes xejn."[93]

Saydon jakkuża wkoll li Gauci kien il-ħtija tal-mewt ta' kuġinuh Dun Vinċenz. Ir-raġel tatu puplesija ħtija "tas-suppervja u l-egoiżmu ta' l-arċipriet Gauci."[94] Miet tlett ijiem wara l-attakk.[95] Dun Vinċenz miet fid-19 ta' Settembru ta' l-1946. Kellu 52 sena.

Wara li Gauci rtira, postu ttieħed minn Dun Pawl Pace. Pace wasal iż-Żurrieq fl-1960 meta Malta kienet qed tgħum f'inkwiet politiku reliġjuż kbir.

Lil Pace, Saydon jagħtih it-titlu ta' "neguzjant" u "neguzjant Qormi." Il-Monsinjur isostni li Pace ġie apposta għax "kien jaf li l-parroċċa taż-Żurrieq tirrendilu iktar minn dik ta' Ħal Kirkop" fejn kien kappillan.[96] Skond Saydon Pace "għolla l-kera u l-qbejjel kollha tal-Knisja."[97]

Saydon sab ruħu mdaħħal fil-kwistjoni politika reliġjuża. Għall-elezzjoni ta' l-1966 hu kien qed jgħid li l-pastorali ta' l-isqfijiet ma kien fiha xejn dwar hux dnub jew le li tivvota l-M.L.P. Apparti li waqt il-quddiesa ma kienx qara l-pastorali kollha u għamel riassunt tagħha biss. Hu sostna li "m'hemm l-ebda dnub imsemmi u għalhekk min jivvota Labour ma jagħmilx dnub. Kulħadd għandu jivvota skond kif tgħidlu l-kuxjenza."[98]

Ittra ffirmata minn Wiżu f'*L-Orizzont* kienet allegat li fin-Nadur il-qassisin kienu taw struzzjonijiet biex in-Nadurin ma jivvutawx lill-M.L.P.[99] Biex il-kwadru jkun sħiħ, fl-istess gazzetta, għaxart ijiem wara, kien deħret ittra tfaħħar lill-kleru Bormliż għall-mod kawt kif kien miexi fil-kwistjoni kollha.[100]

**Powsters ma' daru**

Il-kwistjoni kkumplikat ruħha meta ma' dar Saydon twaħħlu xi kartelluni Laburisti. Milli jidher ingħata xi żmien biex ineħħihom. L-ordni ma ġietx esegwita mill-ewwel u Saydon nhar is-26 ta' Marzu, 1966 tilef il-jedd li jaqdi dmiru ta' qassis. Saydon wieġeb billi tela' Ruma.[101] X'sar Ruma baqa' misteru.

Nhar is-26 ta' Marzu ta' l-1966, kemm f' *L-Orizzont* kif ukoll fil-*Malta News* deher artiklu fejn il-protagonista kien Saydon u fih Saydon jagħmel ġudizzju dwar il-qassisin. Il-ġudizzju mhu xejn kumplimentuż u Saydon jakkuża li, "il-qassisin qatt ma jiftiehmu bejniethom ... darba ftiehmu biex sallbu lil Kristu."[102]

Meta ġie lura minn Ruma, kien sar tentattiv mill-partitarji Laburisti biex jagħmlulu "dimostrazzjoni."[103]

Iżda skond "mhu mifhum, Saydon talab lill-pulizija, biex ma jħalluhx jiġi f'idejn id-dimostranti."[104] Skond ittra li dehret f'*Il-Haddiem*, waqt din id-dimostrazzjoni, id-dimostranti kienu qalu diskors bħal "Abbasso l-Isqof", "Abbasso l-Qassisin", "Nixtieq li hawn qassis minn hawn biex inqattgħu bċejjeċ", u "Dan hu l-uniku saċerdot li sfida l-Isqof."[105]

Saydon, dwar din id-dimostrazzjoni, kien kiteb ittra lil editur Anton Cassar biex jippubblikaha f'*L-Orizzont* jew f'*It-Torċa*.[106] F'nota privata ma' l-ittra, Saydon wiegħed lil Cassar li "aktar ma ddum il-gwerra kontra tiegħi iktar indum niġġieled."[107]

Fl-ittra Saydon jirringrazzja lil dawk kollha li marru jilqgħuh l-ajruport u jtenni li jiddispjaċih li "biex inżomm il-kwiet kelli noħroġ mill-ajruport bil-moħbi."[108]

Saydon jispjega li darba li wasal lura daru sab "mewġa kbira ta' aħbarijiet koroh kontra tiegħi."[109] Saydon jibda biex isemmi li l-Arċipriet Pace waqt il-quddiesa tal-Hadd 27 ta' Marzu, li kien ukoll jum il-votazzjoni, kien qal minn fuq il-pulptu li Saydon kien "sospiż mill-quddiesa u mill-qrar bħala kastig ta' l-Isqof."[110]

Saydon f'din l-ittra jpinġi wkoll l-kwadru tiegħu ta' dak li seħħ dwar il-kartelluni. "Mad-dar tiegħi twaħħlu xi powsters politiċi. Kien hemm min ma għoġbuhx u rraportawni lill-Isqof. Nhar il-Ġimgħa f'nofsinhar waslitli ittra mill-Kurja, iffirmata mis-Segretarju Mons. A. Bonnici ... li fiha qalli: "L-Isqof jordnalek li tneħħi l-powsters ... jagħtik żmien sal-lejla. Jekk ma tneħħihomx taqa' taħt il-piena tas-sospensjoni *a divinis*."[111]

Saydon ikompli jikteb li "b'dan l-ordni ma nafx l-Isqof justifika l-pretendiex li jien nilbes il-boiler suit, naqbad is-sellum u l-ixkupa u l-ilma biex inneħħi l-powsters u r-ritratti."[112] Saydon jgħid li hu kien avża lill-pulizija biex il-kartelluni jinqalgħu.[113]

Il-*Malta News* tikkwota l-każ ta' saċerdot ieħor li kellu l-kartelluni mwaħħlin mal-faċċata ta' daru. Dan kien Dun Ġużepp Zarb li kien kappillan ta' Ħaż-Żabbar u skond il-gazzetta dan kellu mwaħħlin kartelluni Nazzjonalisti u "*no attempt was made to remove them.*"[114]

Tlett ijiem wara li ġie minn Ruma, Monsinjur Saydon qal li "lest biex nirranġa kollox."[115] Saydon insista li hu "mhux ribell."[116] Iddikjara "mingħajr tlaqliq" li "kont, għadni u nibqa' leali lejn l-Arċisqof."[117] Kompla jgħid li "daħal bejn il-basla u qoxritha ... bla ma kien jaf. Li għamilt ma għamiltux b'sens politiku. Li għidt għidtu għax ħassejt hekk."[118]

Il-pożizzjoni aħħarija fir-raba' jum ta' April ta' l-1966 kienet "issa spiċċa kollox. Ma rrid inkellem lil ħadd iżjed aktar fuq dak li ġara u nqala'. Issa kollox għadda."[119]

Saydon isostni li matul il-ġlieda "qatt ma ksirt l-ordnijiet ta' l-Isqof, imma anqas ma xegħilt xemgħa quddiem l-ebda partit. Dejjem ridt nimxi bis-sagramenti."[120]

## Il-qrar

Saydon ma kienx qed isegwi d-direttivi li ħarġu dwar il-qrar mill-Kurja. Dan jammettih hu stess. Għal Saydon, il-qrar kien is-sagrament "tal-ħniena, ta' l-imħabba, tal-maħfra."[121] Fil-qrar kien iwiddeb "lill-penitent, inħeġġu għall-indiema, u meta kont narah dispost kont nagħtih l-assoluzzjoni bla ma nqis ma' liema partit iżomm."[122]

Fl-24 ta' April ta' l-1966, Saydon ikkomunika ma' l-editur ta' *L-Orizzont* u talbu jġiblu ittra dwar li tar-Redifussion jew l-MTV kienu qalu "li l-Isqof neħħieli s-suspensjoni wara li tlabt maħfra ta' li għamilt."[123]

Għall-kuntrarju, hu jgħid, "jien dejjem ħassejtni bla ħtija, u li ma kellix għalfejn nitlob maħfra, u għalhekk qatt ma tlabt maħfra. L-Arċisqof għaraf li ma kellix ħtija u qalli ċar u tond li jien stajt nibqa' nqaddes."[124]

Fl-ittra jgħid li hu talab skuża lill-Arċisqof għal xi kliem li seta' kiteb f'mument "ta' eċitament."[125]

**Skontru mal-Ministru Caruana**

Il-Ministru Nazzjonalista Carmelo Caruana "ried jiftaħ triq minn quddiem il-knisja sa Brittania Street" u biex jiġri dan Saydon kien ser jitlef biċċa minn ħwejġu.[126]

Fil-Parlament kien intqal li l-Arċipriet Pace kien favur dan il-proġett.[127] Saydon jisħaq li "qalb l-arċipriet Pace ma kinitx mal-Knisja u mal-qassisin imma mal-Ministru Caruana u mal-Partit Nazzjonalista."[128]

Saydon sa jallega li Pace kien kuntent b'li ġralu u li kienu ser iħassrulu d-dar tant li jum minnhom waqt li "kien ħiereġ għall-funeral, ra raġel tax-xogħol ħiereġ minn għandi; fil-pront dar lejn il-qassisin ta' ħdejh u qalilhom ara, ara, ser jeħdolu biċċa mid-dar, sa jibda x-xogħol!"[129]

Sa anki talab lil Gonzi jidħol fil-kwistjoni biex forsi jgħinu imma l-gvern lanqas ma ta kas Gonzi.[130] U hawn Saydon jikkritika lin-Nazzjonalisti li huma lil Isqof jużawh u jdaħħluh fil-kwistjonijiet tagħhom: "Għax l-Isqof hu Isqof biex in-Nazzjonalisti jisservew bih biss mhux biex jobduh u jagħmlu dak li jixtieq."[131]

Ix-xogħol beda tmint ijiem qabel il-festa ta' Santa Katerina u Saydon ra dan bħala pass biex "qabel il-festa jkollu d-dar mħassra; wara l-festa x-xogħol waqaf u dam wieqaf ħafna."[132]

Anton Buttigieg qajjem il-każ fil-Parlament f'Marzu ta' l-1965 fejn talab iktar rispett gal Saydon imma l-Ministru Caruana pront pront qatagħlu diskorsu u fakkar lid-deputat Laburista li hu kien irċieva "ittra insolenti" mingħand Saydon.[133] Saydon kien anki qal pubblikament li l-Ministru Carmelo Carauna kien għadda mill-Matrikola "bil-ħniena tiegħi u mhux bil-ħila tiegħu."[134]

Caruana u Saydon webbsu l-pożizzjoni tagħhom tant li Carauna talab il-permess ta' Gonzi biex ikun jista' jħarrek lill-qassis. Għall-bidu Gonzi "ma riedx jagħtih il-permess."[135] Dik il-ħabta qassis ma setax jittieħed il-Qorti mingħajr il-permezz ta' l-Isqof tiegħu.[136]

Skond Saydon, "f'dak l-eżami ... l-istudenti ma kienu jafu xejn u, biex ma nwaħħlux lil kulħadd, kellna nużaw xi ftit tal-ħniena. B'hekk is-Sur Caruana rnexxielu jgħaddi."[137] Dik ir-reazzjoni urtat lil Ministru. Imma Saydon żamm iebes.[138] Gonzi ċeda għall-pressjonijiet u Caruana ħa lil Saydon il-Qorti.[139]

Sadanittant ta' l-inqas żewġ saċerdoti – Dun Rikard Attard u Dun Victor Grech – għamlu pressjoni diretta fuq il-Ministru biex jikkanċella l-kawża.

F'kumment li tani Grech, spjegali li l-għan tagħhom kien li jirrikonċiljaw il-partijiet.[140] Caruana kien tahom l-impressjoni li "m'għandu l-ebda *grudge*"

għal Saydon.[141] Skond Mons. Victor Grech, Caruana "laqgħana ħafna" u "ried jirrikonċilja."[142] Monsinjur Grech ammetta ma' l-awtur preżenti li d-distanza taż-żmien hija ta' xkiel għalih biex jiftakar il-fatti eżatti kif ġraw. Ftakar li kienu marru jinfurmawh bil-laqgħa mal-Ministru Caruana Bengħajsa u hu kien laqagħhom bil-birra.[143]

Ta' min ifakkar li dik ma kinitx l-unika darba li Saydon ħabat ma' min kien fil-poter. Tletin sena qabel f'Malta kienet għaddejja l-Kwistjoni tal-Lingwa u Saydon ma qagħadx lura milli jopponi d-deċiżjoni li ħa l-gvern biex il-Malti fl-iskejjel ikun mgħallem u miktub kif jinħass u kif jinstema'.

Dakinhar ukoll kien hemm gvern Nazzjonalista li għaxar snin wara l-każ hu kien iddeskrivieh bil-kliem "għedewwa tal-Malti."[144] Għal Saydon dik id-deċiżjoni kien ser ikollha dannu kbir.

Il-pożizzjoni swiet ħafna għawi għalih u għall-Għaqda tal-Malti li anki tkeċċiet mis-swali ta' l-Università. Li hu interessanti li f'dak id-diskors ikkwotat iktar 'il fuq Saydon feraħ bil-bidla fil-gvern. Eżattament hu qal: "Sena damet sejra l-ġlieda. Novembru 1933 ġieb miegħu tibdil kbir fil-gvern. Jiem l-għedewwa tagħna u tal-Malti kienu magħdudin u issa waslu fi tmiemhom. Is-setgħa li kellhom tilfuha; u l-mibegħda lejn il-Malti baqgħet biss therrilhom qalbhom bla ma setgħet iżjed ittiefes il-Malti tagħna. Tniżżlu mill-ħakma mgħobbijin bil-għajb ta' għamilhom ..."[145]

X'kien ifisser dan id-diskors? Fl-1933, Malta bdiet titmexxa mill-Palazz wara li n-Nazzjonalisti ntefgħu 'l barra mill-gvern mill-Ingliżi. Kif jikteb Brincat, "...il-Gvern Kolonjali, inkwetat bil-minaċċi tal-Faxxiżmu fl-Italja li reġa' qajjem il-fantażma ta' l-artijiet irredenti, iddeċieda li ma jħallix il-kwistjoni (tal-lingwa) iżjed f'idejn il-Maltin u ħassar it-Taljan mill-użi uffiċjali kollha."[146] Il-Kostituzzjoni damet sospiża tliet snin. U terġa' l-Kostituzzjoni li ħadet Malta fl-1936 ma kellha x'taqsam xejn ma' l-1921. "... biex il-gvernatur ma jidhirx li baqa' jmexxi waħdu, ġiet proklamata Kostituzzjoni farsa li kienet titfagħna mitt sena lura."[147]

Dan l-istudju pprova jħares lejn Saydon minn lenti oħra mingħajr ma jwaqqa' l-ġenju tiegħu. Din il-kitba fliet lil Saydon mil-lenti tal-ġlidiet kbar li kellu f'ħajtu bil-kummenti u l-veduti tiegħu stess. B'hekk il-bijografija tiegħu setgħet titkabbar ftit ieħor. Jinħass ħafna f'dan l-istudju Saydon ippersegwitat li ma beżax jaffronta sidru fil-mumenti tat-telgħa.

**Noti**

1 L-awtur jixtieq irodd ħajr lis-sinjuri Anthony Mangion u David Agius Muscat ta' l-għajnuna u l-pariri siewja li tawh f'din il-kitba.
2 Il-monument inkixef fl-1995 fl-okkażjoni tal-mitt sena minn twelidu. Il-monument huwa xogħol Alfred Camilleri Cauchi.
3 Il-monument inkixef fit-22 ta' Ġunju ta' l-1994.
4 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 127. Ħajr lil Mary Samut Tagliaferro ta' l-għajnuna tagħha biex stajt nikkonsulta l-materjal.
5 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 127.
6 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 141.
7 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 142.
8 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 157.
9 L-ewwel kien ġie Annibale Preca li kien ġab sitt marki iżjed minn Saydon u miegħu fit-tieni post kien ġie Angelo Ghigo. Dan Preca m'għandux jiġi mfixkel ma' Annibale Preca magħruf fil-qasam tal-Malti.
10 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 155.
11 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 157.
12 AUM, Special Council of Theology (1898–1919) 158.
13 AUM, Special Theology Council (1919–1948) 8.
14 AUM, Special Theology Council (1919–1948) 11.
15 AUM, Special Theology Council (1919–1948) 19.
16 AUM, Special Theology Council (1919–1948) 19.
17 Pietru Pawl Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti' [manuskritt f'kollezzjoni privata] 2.
18 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 4.
19 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 4.
20 Skond ir-reġistri tal-Kurja, Dun Gejtan ordna saċerdot fl-1909. Ħajr lil Anthony Mangion u lil Charles Buttigieg ta' din l-informazzjoni.
21 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 4.
22 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 21.
23 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 21.
24 Karmenu Vassallo, *Għażiż Karmenu* (Malta: PEG, 1982) 181.
25 Vassallo 181.
26 Marcel Zammit Marmara, "Hu Jisħaqlu Rasu," *Il-Mument,* 16.vii.2006, 29.
27 Zammit Marmara 29.
28 Zammit Marmara 29.
29 Zammit Marmara 29.

30 Zammit Marmara 29.
31 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 9.
32 Michael Galea u Emmanuel S. Tonna, L-Arċisqof Gonzi, vol. 1 (Malta: KKM, 1983) 37.
33 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
34 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
35 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
36 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
37 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
38 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
39 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 10.
Galea u Tonna 38.
40 Karm Sant, "Diskors ta' Għeluq f'Ġieħ il-Prof P.P. Saydon," *Leħen il-Malti* 27 (1991) 21.
41 Joseph Bezzina, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta* (Malta: PIN, 2002), 187.
42 Arthur Sammut, *Mill-Pinna ta' Saydon* (Malta: KKM, 1972) 247.
43 Sammut 248.
44 AUM, Special Council of Theology (1919–1948) 99.
45 AUM, Special Council of Theology (1919–1948) 100.
46 AUM, Special Council of Theology (1919–1948) 100.
47 AUM, Special Council of Theology (1919–1948) 101.
48 AUM, Special Council of Theology (1919–1948) 101.
49 Carmel Cassar, "Everyday Life in Malta," *The British Colonial Experience*, ed. Victor Mallia Milanes (Malta: Mireva, 1988) 92.
50 Jeremy Boissevain, *Saints and Fireworks Religion and Politics in Rural Malta* (Malta: Progress Press, 1993) 43.
51 Anthony Mangion, "Mitt Sena Arċipretali," *Programm tal-Festi Ċentinarji f'Ġieħ Santa Katerina* (1993) 25.
52 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 14.
53 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 14.
54 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 14.
55 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 15.
56 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 15.
57 Dak iż-żmien il-festa kienet issir fix-xahar ta' Novembru nhar il-ħamsa u għoxrin.
58 Trevor Żahra ta dan il-kumment lill-awtur fis-sensiela *Niesna* mxandra fuq Campus FM.

59 Carmel Bezzina, *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti* (Malta: Preca Publications, 2006) 240.
60 Carmel Bezzina 235.
61 Joachim Schembri, "Saydon - Kif Niftakru Jien," *Leħen il-Malti* 27 (1991) 18.
62 Schembri 18.
63 Schembri 18.
64 Schembri 18.
65 Remiġ Sacco, *Iż-Żurrieq Kif Għextu Jien, 1922–1945* (Malta: Kunsill Lokali Żurrieq, 2002) 41.
66 Schembri 18.
67 Schembri 18.
68 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 21.
69 L-aħwa Ghigo llum midfunin l-Imqabba. Dun Anġ kien sar arċipriet tal-parroċċa tal-Furjana.
70 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 28.
71 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 22.
72 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 24.
73 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 25.
74 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 25.
75 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 26.
76 Sacco 35.
77 Sacco 35.
78 Sacco 35.
79 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 28.
80 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 28.
81 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 29.
82 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 29.
83 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
84 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
85 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
86 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
87 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
88 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
89 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 30.
90 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 31.
91 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 31.
92 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 31.

UNIVERSITY OF MALTA
-MAIN LIBRARY-

93 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 31.
94 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 32.
95 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 32.
96 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 36.
97 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 40.
98 Desmond Zammit Marmarà, *L-Almanakk tal-Partit Laburista* (Malta: SKS, 2005) 94.
99 Wiżu, "Il-Pastorali ta' l-Isqfijiet u l-Qassisin fin-Nadur," *L-Orizzont,* 16.iii.1966, 4.
100 Kattoliku, "L-Eżempju Tajjeb li Qed Jagħti l-Kleru f'Bormla," *L-Orizzont,* 23.iii.1966, 4.
101 Anton Gauci, *Ħwejjeġ li Rajna,* I (Għawdex: A&M Printing, 1981) 288.
102 "Mons. Saydon Jitkellem: M'Hemmx Dnub jekk Tivvota lill-M.L.P.", *L-Orizzont,* 26.iii.1966.
103 "Prof. Saydon jiġi lura minn Ruma," *Il-Ħaddiem*, 1.iv.1966, 1.
104 "Prof. Saydon jiġi lura minn Ruma," *Il-Ħaddiem*, 1.iv.1966, 1.
105 J.S. Borg, "Mons. Saydon Jattakka l-Kleru," *Il-Ħaddiem*, 6.iv.1966, 4.
106 Ittra ta' Saydon lil Anton Cassar datata 1.iv.1966. Ħajr lil Anton Cassar li ġentilment għadda kopja ta' l-ittra lill-awtur.
107 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 1.iv.1966.
108 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 1.iv.1966.
109 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 1.iv.1966.
110 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 1.iv.1966.
111 L-espressjoni *a divinis* għandha linja maqtugħa taħtha.
112 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 1.iv.1966.
113 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 1.iv.1966.
114 "Parish Priests All Out Against Mgr. Saydon, Union Press Papers," *The Malta News*, 28.iii.1966, 3.
115 Pietru Pawl Saydon, "Saydon Ikellem lil Il-Ħaddiem: Lest Biex Nirranġa Kollox," *Il-Ħaddiem*, 4.iv.1966, 1.
116 Saydon, 4.iv.1966, 1.
117 Saydon, 4.iv.1966, 1.
118 Saydon, 4.iv.1966, 1.
119 Saydon, 4.iv.1966, 1.
120 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 37.
121 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 37.
122 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 37.
123 Ittra ta' Saydon lil Anton Cassar datata 24.iv.1966.

124 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 24.iv.1966.
125 Ittra ta' Saydon lil Cassar, 24.iv.1966.
126 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 39.
127 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 39.
128 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 39.
129 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 39.
130 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 41.
131 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 41.
132 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 42.
133 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 42.
134 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 42.
135 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 42.
136 "Priest Editor in Court", "The Sunday Times of Malta Fifty Years Ago, May 5, 1957," *The Sunday Times*, 6.v.2007, 14.
137 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 43.
138 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 43.
139 Saydon, 'Tifkiriet ta' Ħajti', 43.
140 Mons. Victor Grech, Intervista personali, 2.ix.2006.
141 Mons. Victor Grech, Intervista personali, 2.ix.2006.
142 Mons. Victor Grech, Intervista personali, 2.ix.2006.
143 Mons. Victor Grech, Intervista personali, 2.ix.2006.
144 Sammut 150.
145 Sammut 150.
146 Joseph M. Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* (Malta: PIN, 2000) 173.
147 Remiġ Sacco, *L-Elezzjonijiet Ġenerali, Il-Ġrajja Politika u Kostituzzjonali ta' Malta* (Malta: KKM, 1986) 118.

# Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut

Adrian Grima

Sentejn wara li spiċċa jippubblika r-rumanz straordinarju *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, Juan Mamo xandar novella bl-isem ta' "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" fil-gazzetta *Dr. Xecchec* tal-25 ta' Frar 1933.[1] L-istorja titkellem dwar wieħed Kalċidon, bniedem rett għall-aħħar u "nobilissmu" li "kien jgħaġġiblek lin-nies bit-tieba tiegħu." Kull nhar ta' Sibt kien jitgħaxxaq jagħti l-karità lit-tlaleb li kienu jinġemgħulu wara biebu bit-tużżani. Kuljum kien jisma' l-quddies ta' l-ewwel, iqerr kull nhar ta' Sibt u jitqarben il-Ħadd, u kien "miktub fis-Seba' Kunfraternitajiet u Arċikunfraternitajiet."

L-inkwiet għal dan il-"bniedem tal-ħaqq u s-sewwa" beda meta sid il-kera pprova japprofitta ruħu mit-tjubija ta' Kalċidon u qabad u għollielu l-kera nofs lira f'daqqa fix-xahar għax irraġuna li dik il-karità li Kalċidon kien qed jagħmel mal-fqar aħjar jagħmilha miegħu. Fl-istess żmien li nqalgħet din il-kwistjoni li wasslet biex Kalċidon u sid il-kera jispiċċaw il-Qorti, "il-Partit Bolxevista tal-Ħaddiema," jikteb Mamo, "kien qiegħed jikkumbatti lir-rgħiba sidien billi jagħmlilhom Liġi" u Kalċidon, minkejja l-oppożizzjoni tal-Knisja, qabel mal-liġi l-ġdida li deherlu li kienet sewwa. Imma minħabba din il-pożizzjoni li ħa kontra l-"Pasturali" tal-Knisja, il-Kappillan ma beriklux, u skond Mamo "Tilfu t-tnejn: il-Kappillan il-flus u tiġieġa u Kalċi t-tberika."

Meta Kalċidon miet, in-nies li kienu qegħdin fit-triq innutaw li l-karru li kellu jieħdu lejn iċ-ċimiterju ma kellux salib. It-tfal bdew "jiġru wara, jgħajtu, u nisa ta'

ħabba ħafna jobżqu fl-art u jagħmlu salib fuq żaqqhom u jħarsu ikreh." Mamo jġib lin-nies jikkummentaw fuq ħajjet Kalċidon li skond huma kien "kisirhe ma' ta' fowq" u issa kellu jsib ruħu f'"ebbissi iżjed ħomor mill-bandiera li gawda." Fost dawn in-nies kien hemm: wieħed qed jiġbor iż-żibel; ieħor li jbigħ il-karawett; Ġakki tal-bigilla; Ċikka li kienet ġejja minn fuq il-mastella tal-ħasil; wieħed li kellu idu mċappsa waqt li waqaf mix-xogħol ta' taħmil ta' fossa; Mariroż, li kienet imbaqbqa mill-ġlieda manja ma' ġaritha li għajritha minn kollox; u raġel ieħor b'ħalqu mċappas bil-meraq ta' ikla patata tal-gaxen.

Huma u joqtlu lil Kalċidon imlaqqam it-Twajjob bil-kliem, għaddiet motorcar tiġri b'50 mil fis-siegħa li "ma rathomx u seħqet 'il xi erbgħa minnhem": Wiżu tal-Bużnajk, Vestru ta' Karċaħni, Mariroż ta' Burdliequ, u Stejfen ta' Żafżaf. "Tajrithom lejn is-sema firrrr," jikkummenta Mamo, "min b'saqajh b'taħmil il-fossa, min b'idejh imċappsin bil-bagħar u min b'xofftejh imdellka b'ikla gaxen ta' l-Ingliż."

Ix-xebh tematiku u sa ċertu punt strutturali ma' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* jista' jgħin biex nanalizzaw it-tmiem vjolenti tar-rumanz. F'din in-novella, Mamo jagħtina l-impressjoni li l-mewt ta' l-erbgħa min-nies hija retribuzzjoni immedjata għan-nuqqas ta' karità Kristjana u l-ingratitudni tagħhom lejn bniedem twajjeb, jiġifieri mhux biss rett fil-ħajja personali tiegħu iżda wkoll qalbu tajba ma' ħaddieħor. L-istorja ta' Mamo "tikkundanna" l-viltà tan-nies li ġġudikawh ħażin minkejja li hu dejjem għamel il-ġid minħabba li f'għajnejhom kisirha ma' Alla għax ma qabilx mal-Knisja Kattolika Maltija. Iżda l-kundanna ewlenija ta' din in-novella moralistika – kif inhuma ħafna min-novelli ta' Mamo – taqa' fuq il-Knisja Kattolika Maltija, li rat biss l-interessi tagħha u fittxet li teħodha kontra l-Partit Laburista li ried iktar ġustizzja soċjali, u fuq l-injoranza tal-Maltin. L-aħħar żewġ sentenzi tan-novella jikkonfermaw li l-mewt ta' l-erbgħa min-nies hija kastig għall-ingratitudni u l-injoranza tagħhom u ta' sħabhom: Xi ħadd, donnu n-narratur stess, jistaqsi b'mod retoriku: Dawk li mietu ma kinux dawk li bdew "jikkummentaw fuq it-twajjeb Kalċidon?" U t-tweġiba tfisser il-moral ta' l-istorja: "U mela min tridhom ikunu, f'ġieħ dik ommok!"

In-novella tikkundanna d-diskors fieragħ imma jweġġa' u jkisser ta' "ċorma" Maltin li, bħall-"motor mitlufe" li qatlet in-nies minħabba li ngarret mis-saħħa prepotenti u distruttiva tagħha stess, joqtlu b'mod inġust lil individwi bħal Kalċidon. Minħabba li huma "medhijin u mitlufin fis-saħna tad-diskors," bħall-karozza li tilfet kull kontroll fuqha nfisha, in-nies bla skola jħallu d-diskors tagħhom jiġri bihom u minflok għodda pożittiva ta' komunikazzjoni jsir magna li toqtol.

**L-Emanċipazzjoni tal-Poplu u l-Knisja Kattolika**

Novella oħra ta' Mamo, "Fl-Aħħar Alla Laħqu!" imxandra ftit xhur qabel f'*Il-Berqa* tal-31 ta' Diċembru, 1932, taqbad l-istess temi. Feliċjan huwa "raġel ta' kelmtu; iħobb is-sewwa, iħenn għal min hu agħar minnu, u ta' dmiru fil-ħwejjeġ tar-ruħ." Iżda l-Maltin ikkundannawh għax "kien tal-fehma li Lord Strickland sejjer jiswa ta' ġid lil Malta" u "li jekk f'Malta ma jkunx hawn min iżomm iebes lill-Klikek, allura miskin hu min ikun fid-dafar! Dak kollox!" Il-kundanna, jgħidilna Mamo f'din in-novella ppubblikata f'gazzetta ta' Strickland stess, ġiet mingħand "l-imjassra mill-Klikek, dawk l-imħollijin apposta injuranti, fanatiċi, bigotti, biex jaqdu b'biċċa għodda f'waqt il-ħtieġa." L-imjassra li jikkundannawh, bħal fin-novella "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" huma, fost l-oħrajn, "geġwiġija nisa pċielaq miġburin f'rokna jwerdnu, u dawk li kienu taħt il-kampnar ipejpu u jreddnu," nies li jħallu d-diskors jiġri bihom u nies li jsibu l-kenn taħt il-kampnar tal-Knisja, u għalhekk taħt il-ħarsien tagħha. Feliċjan miet ta' 96 sena imma fit-triq in-nies jgħidu li Alla kkastigah bil-mewt għax kien favur politiku li għal xi żmien ħadha wkoll kontra l-Knisja u kontra l-politiċi li kienu jippretenduha li kienu pampaluni tagħha.

Mamo jagħlaq in-novella b'dijatriba kontra l-injoranza ta' niesu stess (li tikxef ukoll il-preġudizzji tal-kittieb u tal-poplu kontra l-Afrikani). "Maltin! Taħsbu intom li biex issib l-injoranza tas-slavaġ trid tmur fil-ġewwien ta' l-Afrika? Qalb it-tigri? Le, leee." Mamo jikteb li "Aħna l-Maltin għadna lura bis-sħiħ, jew fostna għad fadal slavaġ qatigħ, għax hekk ġejna mħollijin, ma nafu xejn u jidhrilna li nafu ħafna."[2] Bħalma jagħmel f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, Mamo jixħet il-ħtija ta' din l-injoranza fuq il-klassi "l-għolja" Maltija, fuq dawk li kellhom il-ħila u d-dmir jgħallmu lill-poplu imma minflok, b'mod malizzjuż, raw li kien jaqblilhom iħallu lill-poplu "injurant," "fanatiku," u "bigotta" biex ikunu jistgħu jinqdew bih kif jidhrilhom. Evarist Bartolo jinnota li "Parti kbira miż-żmien li qed jikteb dwaru Mamo, il-popolazzjoni Maltija ta' 'l fuq minn 21 sena kienet tlaħħaq madwar 114 000. Minnhom setgħu jivvutaw biss 8, 980 raġel." Dawk eletti fil-Kunsill tal-Gvern kienu "jirrappreżentaw lill-klassi ta' fuq biss."[3]

Mamo kien jemmen li l-edukazzjoni kienet għodda ta' ġustizzja soċjali li biha l-poplu seta' jinħeles mill-oppressjoni ta' dawk il-ftit Maltin li sa minn dejjem kellhom kontroll fuq id-destin ta' nieshom. Il-Maltin kienu "injuranti, fanatiċi" minħabba l-"klikka" li ħalliethom lura hekk għal eluf ta' snin.[4] L-Ingliżi ma jaħtux; il-ħatja huma l-klikka jew "klikek," il-Maltin li jridu jilluppjaw

lill-poplu l-fqir "bil-klemijiet (biss!) ta' patrja, bandiera u reliġjon!"[5] jiġifieri s-sinjuri, il-professjonisti u l-kleru, u magħhom il-kittieba romantiċi stabbiliti li Mamo jiddieħaq bihom f'bosta mumenti fir-rumanz tiegħu. Min-naħa l-oħra, Armaġużarma huwa "kampjun tat-80 fil-mija tal-poplu mħolli kif riduh u għadhom iriduh il-ħakkiema: huwa f'partit pulitiku [...] li għandu mnejn lanqas jafu bih li hu magħhom, bħalma huma bosta."[6] Madankollu, hemm faċċata oħra marbuta ma' dan il-ħolqien ta' immaġinarju kulturali indiġenu ta' patrija u nazzjon: Albert Memmi jgħid li biex l-ikkolonizzati jirribattu l-"mitoloġija negattiva" li jitfgħu fuqhom il-kolonizzaturi joħolqu kontro-mitoloġija, mit pożittiv li fil-każ tal-Maltin jidher sew fil-kitba romantika, speċjalment ir-rumanzi storiċi-romantiċi li tant jiddieħaq bihom Mamo.[7] Skond Memmi dan ifisser li huma u jiħduha kontra l-kolonizzaturi tagħhom, l-ikkolonizzati jkomplu jaħsbu, iħossu u jgħixu kontra, u għaldaqstant, skond il-mudell tal-kolonizzaturi u l-ikkolonizzati.[8]

Mamo jippreżenta lill-Knisja Kattolika Maltija bħala ostaklu ewlieni għall-edukazzjoni u l-emanċipazzjoni tal-poplu minħabba li kien jaqblilha tħalli lill-fidili tagħha bla tagħlim biex tkun tista' tikkontrollahom kif jaqbel lilha. Fir-rumanz dan l-aspett oppressiv tal-Knisja joħroġ l-aktar fil-karattru stupidu imma invadenti ta' Frappawl u jilħaq il-qofol tiegħu meta Frappawl jaħraq il-kotba ta' awturi bħal Voltaire, Anatole France, Emile Zola, Albert Einstein, u Immanuel Kant għax iqishom bħala kuntrarji għat-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Dan il-ħruq ifakkarna fil-preġudizzju tal-Knisja u s-soċjetà Maltija kontra l-qari u l-għarfien li huwa wieħed mit-temi ewlenin tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) ta' Ġużè Ellul Mercer li ħareġ ftit snin wara *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*; ifakkarna wkoll fil-każ ta' l-attivisti xellugin, fosthom Mamo, li f'Marzu ta' l-1933, madwar sena u nofs wara l-pubblikazzjoni ta' l-aħħar faxxiklu tar-rumanz tiegħu, saret tfittxija fir-residenzi tagħhom mill-awtoritajiet kolonjali Ingliżi għal materjal sedizzjuż skond l-Ordinanza dwar il-Prevenzjoni ta' Propaganda Sedizzjuża ta' l-1932.

F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* il-protagonist ma jitfarrakx minħabba l-kotba u l-awturi li kien jaqra, kif isostni r-rumanz innifsu, kotba li ħafna minnhom isemmihom Mamo wkoll, imma minħabba s-sens ta' ħtija u biża' li tiżra' fih il-komunità li jgħix fiha ddominata minn konservattiżmu Kattoliku, komunità li la tifhmu u lanqas trid tifhmu. Waqt li fil-każ tar-relazzjoni illeċita tiegħu ma' Klara hu jħoss mill-bidunett li qed jagħmel ħażin, fil-każ tal-kilba tiegħu għall-qari u t-tagħlim, is-sens ta' ħtija jixxettel fih minn influwenzi esterni. Ir-rumanz

iqiegħed l-imħabba għall-mara "pura" (u sterjotipika) tiegħu Vira kontra l-kilba tiegħu għall-kotba meqjusin (sterjotipikament) bħala "impuri."[9]

Il-każ tas-Sedizzjoni ta' l-1933 ukoll jixħet dawl interessanti fuq il-ftehim bejn l-awtoritajiet kolonjali Ingliżi u l-Knisja Kattolika. Fost ir-residenzi li fihom saru t-tfittxijiet kien hemm dawk ta' l-attivisti Salvu Pulis u Carmelo Carabott, u l-kittieba Ġużè Orlando u Ġino Muscat Azzopardi, li lkoll jissemmew kemm-il darba fir-rumanz ta' Mamo. Ftit mill-pubblikazzjonijiet li nġabru mid-djar ta' l-akkużati kienu *Wages, Labour and Capital* u *Manifesto of the Comunist Party* ta' Karl Marx (u Friedrich Engels); għadd ta' gazzetti Ingliżi, Taljani, u Sovjetiċi, u magħhom *Il-Bandiera tal-Maltin* ta' Manwel Dimech; *Faxxiżmu* u *L-Ewwel ta' Mejju* ta' Salvu Pulis u *Il-Fakar* ta' Wiġi Azzopardi; *Ai Soldati. Agli Operai* ta' Leo Tolstoy; u t-test ta' xandira ta' George Bernard Shaw.[10] Wieħed mis-sitta li eventwalment tellgħuhom il-Qorti u sabuhom "ħatja" kien Carmelo Carabott, li għamel żmien librar ta' l-Għaqda Soċjalista Maltija li kien ilu attiv fiha sa mill-1927.[11] *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* jsemmi lil Salvu Pulis u Karmnu Carabott taż-Żejtun flimkien ma' "Mamu" nnifsu u oħrajn minn bnadi differenti, fosthom il-Birgu u l-Isla, bħala membri ta' xirka ta' nies imdawlin li kellhom stamperija żgħira u ħafna kotba.[12] Aktarx ir-rumanz qed jirreferi proprju għall-Għaqda Soċjalista Maltija.[13] Il-prosekuzzjoni akkużat lil Carabott u lill-Għaqda soċjalista li kellhom l-għan li jkissru l-monarkija, l-ordni soċjali, u r-reliġjon tal-Maltin.[14] "*Carabott was accused of clandestinely circulating and selling communist, socialist, rationalist, and atheistic literature, and of trying to undermine the religious beliefs of the people in order to guide them into atheism.*"[15] Fir-rumanz, mingħajr ma seta' jkun jaf x'kellu jiġri sena u nofs wara, Mamo jirreferi b'mod indirett għall-għaqda soċjalista u għall-"kotba li jimlew il-moħħ imxerrdin 'il hawn u 'l hemm fuq l-ixirka tal-ġebel" li eventwalment ġabuhom fl-inkwiet fl-1933.[16] L-istoriku John Chircop jgħid li permezz ta' dan l-attakk li sar fuq l-attivisti riformisti, "*The colonial government and the local Church, which carried the ideological banner of the ruling classes, united in their efforts to destroy the very first signs of proletarian organization.*" Barra minn hekk, in-Nazzjonalisti u l-Knisja wettqu rebħa fuq il-moviment riformista li kien jinbet fil-pajjiż.[17]

Dan kollu, minkejja li jseħħ wara li xxandar ir-rumanz, jagħti ħjiel tajjeb tas-soċjetà li fiha u dwarha kien qed jikteb Mamo f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. Fost il-kotba li jsib Frappawl, testi li kien tahom lill-Maltin innoċenti l-Isqalli xewwiexi Luretu Nullo, kien hemm xogħlijiet ta' Marx, Stirner, Papini, Nietzsche, Voltaire, Anatole France, Emile Zola, Einstein,

Lea, Da Verona, Dordau, Oriani, Mariani, Maurett, Tolstoy, Kant, u "fuq kollox *Storia Critica della Inquisizione di Spagna* tal-famuż ex-inkwiżitur Llorente." Frappawl idur lejn Ġakbu, wieħed mill-emigranti Maltin: "Ma tafx li kull min jaqra dawn huwa għall-infern rasu 'l isfel? Ma tafx li huma tad-dimonju?"[18] Dawn il-"kotba tal-ħuġġieġa," kif isejħilhom Mamo fir-rumanz, kienu "kotba li jekk isibuhom fuq il-Monti l-erba' ħuttafa-kotba, Tankred Borg, Juan Mamo, Ġużè Gatt u Salvu Pulis, mhux żgur li kienu jidħlulhom għax-xiri!"[19]

Il-ħruq tal-kotba minn Frappawl (u l-Knisja li jirrappreżenta) huwa wkoll marbut direttament mat-tmiem traġiku ta' l-emigranti. Meta l-qassis jaħraq il-kotba fil-kamra ċkejkna u ffullata li kienu jgħixu fiha, jispiċċa jqabbad kulm'hemm u l-emigranti Maltin jitilfu dak kollu li kellhom bejn dawk l-erba' ħitan u jkollhom jitilqu minn hemm. Sadattant, "Frappawl għosfor baxx baxx u ħadd ma raħ iżjed."[20] Din hija xena assurda, għax il-kotba jingħataw in-nar f'nofs kamra lejlet il-festa ta' San Ġwann, dakinhar li f'Malta kienu jsiru l-ħġejjeġ tradizzjonali, iżda mhix xena irreali: Mamo jrid juri lill-udjenza tiegħu kemm il-Knisja taf tkun xkiel għall-ħsieb u għall-prosperità ta' l-individwi.

Osservazzjoni oħra dwar il-Knisja b'rabta mar-rumanz jagħmilha Laurent Ropa (1891–1967), ir-rumanzier Franċiż li twieled ix-Xagħra iżda emigra lejn l-Alġerija mal-ġenituri tiegħu meta kellu sentejn. Fl-14 ta' April, 1939, Ropa kiteb ittra minn Franza lil Juan Mamo li fiha qallu: "Il-bieraħ temmejt ir-rumanz tiegħek *Ulied in-Nanna*. [...] it-talent tiegħek huwa mill-iżjed kbir, għażiż tiegħi Mamo, u nistagħġeb kif ix-xogħol tiegħek ma kontx naf bih qabel: ħadd m'għarrafni bih." Ropa donnu jissuġġerixxi għaliex ħadd ma kien għarrfu bir-rumanz: "Imma dan ir-rumanz tiegħek qiegħed jinqara *tajjeb* f'Malta? *Jew ġie kkundannat mill-Knisja?*" Imbagħad Ropa, li żgur li kellu fidi fil-qawwa tal-kelma u kien konxju ta' kemm hawn min jibża' minn din il-qawwa, iħeġġeġ lil Mamo biex jibqa' jiġġieled, jikkumbatti, "bil-qlubija tiegħek kollha l-injuranza u 'l *dawk* li jridu li l-poplu jibqa' jgħum f'din, għalbiex ikunu jistgħu jqaxxruh, jisilħuh."[21]

Adrianus Koster jikteb li l-awtoritajiet kolonjali Brittaniċi ħallew il-Knisja Kattolika Maltija timmonopolizza l-iżvilupp tal-poplu Malti u li l-Knisja daħlet "fl-isferi kollha tal-ħajja soċjali f'Malta, proċess ta' klerikalizzazzjoni li baqa' sejjer sa wara li Malta saret indipendenti."[22] Il-kritiku ta' l-arti Dominic Cutajar jikteb dwar kif ir-"relazzjonijiet kordjali" li kien hemm bejn l-amministrazzjoni kolonjali Brittanika u l-Knisja fis-seklu 19 ħolqu atmosfera intellettwali oppressiva,[23] *"an inward-looking culture compounded of obscurantism and*

*reactionary political attitudes that intellectually insulated Maltese society from the dynamic growth of European culture."*[24] Cutajar jargumenta li wħud mill-artisti iktar "liberali" fost il-Maltin tas-seklu 19 aktarx ħassew *"the withering effect"* tal-klima intellettwali kkondizzjonata mis-sitwazzjoni kolonjali u l-kultura klerikali u ma reġgħux lura Malta wara li siefru biex jistudjaw. Aktarx li din l-atmosfera oppressiva ħeġġet lil Mamo biex isiefer kemm jiflaħ u lil Feliċ biex ma jiġix lura Malta.

## Mamo u l-ħtija ta' l-Ingliżi

Bħal Fanon warajh, Mamo jinsisti fuq il-kuxjenza u l-miżuri soċjali iktar milli fuq diskors dwar il-kuxjenza "nazzjonali" li kien iqisu fieragħ. F'silta minn *The Wretched of the Earth*, Fanon, li qed jikteb dwar pajjiżi kkolonizzati li kisbu l-Indipendenza, jinsisti li jekk il-kuxjenza nazzjonali ta' dawk li ħabirku għall-ħelsien mill-oppressjoni ma tinbidilx f'kuxjenza soċjali meta jasal il-ħelsien mixtieq, fil-futur tal-ġens meħlus ma jkunx hemm liberazzjoni vera imma estensjoni ta' l-imperjaliżmu. Dan huwa t-tip ta' diskors li kellu jaqbad Dom Mintoff wara l-Indipendenza ta' Malta għaxriet ta' snin wara l-kitba ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. *"If you really wish your country to avoid regression,"* jikteb Fanon, *"or at best halts and uncertainties, a rapid step must be taken from national consciousness to political and social consciousness."* U jkompli: *"The battle-line against hunger, against ignorance, against poverty and against unawareness ought to be everpresent in the muscles and the intelligences of men and women."*[25] L-osservazzjonijiet ta' Fanon dwar ġnus li jeħlisu mill-oppressjoni jgħinuna biex naraw il-kumment ta' Mamo dwar l-abbuż mid-diskors "nazzjonalistiku" fil-kuntest ta' programm favur l-emanċipazzjoni tal-poplu ż-żgħir. Imma bil-kontra ta' Fanon, u minħabba n-natura partikulari tal-kolonizzazzjoni ta' Malta mill-Imperu Brittaniku, Mamo ma jeħodhiex kontra l-kolonizzaturi, kemm għax jammirahom u jixtieq ikun "avvanzat" bħalhom, kif ukoll għax jarahom bħala għodda f'idejh u f'idejn il-poplu biex jeħles mill-oppressjoni tal-klassi pprivileġġjata lokali. Dan minkejja li l-Ingliżi, bl-indifferenza tagħhom lejn il-qagħda soċjali tal-poplu, bil-kollużjoni mal-Knisja lokali li sikwit fittxet l-interessi tagħha, u bit-tir tagħhom li ma jċaqalqux l-ilma qiegħed li jista' jheżżeż il-kontroll tagħhom fuq il-Gżejjer Maltin, ftit li xejn ħadmu biex itejbu s-sitwazzjoni tal-massa tal-Maltin u l-Għawdxin.

Fiż-żewġ novelli u fir-rumanz Mamo ma jeħodhiex kontra l-kolonizzaturi Ingliżi minkejja li huma wkoll kienu jaħtu sew għall-għaks, il-ġuħ u n-nuqqas ta' edukazzjoni fost il-maġġoranza l-kbira tal-Maltin. Meta, fin-novella "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" isemmi l-"ikla gaxen ta' l-Ingliż," il-kritika mhix immirata lejn l-Ingliżi imma lejn il-faqar tal-Maltin li kellhom ilaqqtu l-ikel li jħallu warajhom l-Ingliżi minħabba t-tradiment ta' sħabhom Maltin li diġà kellhom il-poter f'idejhom ħafna qabel ma ġew l-Ingliżi. "Niftaħru," jironizza Mamo fin-novella "Fl-Aħħar Alla Laħqu!" "li aħna ċivilizzati mitt sena qabel l-Ingliżi (!!!)" imma l-verità hi waqt li l-Maltin tħallew jgħumu kburin fl-injoranza u l-għaks tagħhom stess, "fl-Ewropa ta' Fuq u fl-Amerika l-bniedem kważi laħaq l-aqwa perfezzjon!" Ir-referenza għat-Tramuntana ta' l-Ewropa hija referenza wkoll, naturalment, għall-"Ingliżi," nies li jidher li Mamo kien jammirahom sew minkejja dak kollu li għamlu lill-Maltin, fost l-oħrajn lill-ħabib tiegħu Manwel Dimech. Fil-ġerarkija stabbilita mill-kolonizzaturi Ingliżi (li f'għajnejn ħafna fqar dehru bħala poter alternattiv għall-prepotenza tas-sinjuri) u mill-"klikka" tal-Maltin ipprivileġġjati influwenzati minn mewġa wara oħra ta' ħakkiema barranin, il-Maltin huma inferjuri għall-Ewropej, speċjalment dawk tan-Naħa ta' Fuq tal-kontinent; imma fl-istess ġerarkija, il-Maltin kienu jaraw lilhom infushom bħala superjuri għall-Għarab u l-Afrikani u l-kumment ta' Mamo u kittieba oħrajn ta' żmienu huwa xhieda ta' dan il-kumpless tipiku tal-kolonjaliżmu. Mamo ried ikun bħal dawk ta' fuqu, l-Ewropej, mhux bħal dawk ta' taħtu, l-Għarab u l-Afrikani.

F'ittri li bagħat minn Westminster u Pariġi fl-1922, Mamo juri x-xewqa tiegħu li l-Maltin jimxu mal-progress li qed isir fl-Ewropa.[26] Jista' jkun li ma jeħodhiex kontra l-ħakma ta' l-Ingliżi f'Malta għax kien jara l-kolonizzazzjoni bħala ħaġa normali, jekk mhux ukoll naturali. Iżda jista' jkun li hemm ukoll raġunijiet personali għal din l-ammirazzjoni tiegħu ta' l-Ingliżi: nies bħal Mamo li kienu ġejjin minn familji fqar u injorati mill-Maltin li kellhom it-tmexxija ta' Malta f'idejhom, raw fl-Ingliżi poter alternattiv li seta' jagħtihom l-ispazju biex huma joħorġu miċ-ċirku tal-faqar u l-injoranza li fih kienu maqbuda l-biċċa l-kbira tal-Maltin sa minn dejjem. Frantz Fanon juri kif l-ikkolonizzati huma konvinti li jogħlew 'il fuq mill-istatus tagħhom bħala nies inferjuri skond kemm jaddottaw l-istandards kulturali tal-pajjiż li jikkolonizzahom.[27] Kollox isir għall-"Oħrajn," għax *"The Other corroborates the colonized in their search for 'self-validation.'"*[28] Minkejja l-libertà li biha hu jwaqqa' għaċ-ċajt lil uħud mill-karattri Ewropej u Amerikani fil-kitba tiegħu għax mhumiex kapaċi jifhmu l-injoranza eċċezzjonali ta' "wlied il-gżażeb,"[29] żgur li hemm

ħjiel ta' dan il-mekkaniżmu mentali ta' l-ikkolonizzati f'Mamo. Hu jixtieq jingħadd ma' tar-razza superjuri, mhux mar-razza inferjuri,[30] u forsi għalhekk fir-rumanz il-ħin kollu jrid jurina kemm jaf bl-Ingliż (u lingwi Ewropej oħrajn): inċidentalment, anki l-karattru ideali tiegħu Feliċ, "żagħżugħ intelliġenti, ħaddiem mal-ħaddiema" u "ta' mġiba tajba," kien "jaf jaqra u jitkellem bl-Ingliż u bil-Malti."[31] Fost il-kwalitajiet ta' dan il-karattru mudell, l-ilsien Taljan, li l-klassi ta' fuq użatu bħala simbolu ħaj tal-poter tagħha f'oqsma differenti tal-ħajja u ġellditu kontra l-Malti u l-Ingliż, ma jissemmiex. Barra minn hekk, Mamo kapaċi jippreżenta ruħu bħala intermedjarju ideali bejn ta' fuq u ta' taħt, għax jaf u jifhem lil ta' taħtu u fl-istess ħin jara lilu nnifsu bħala edukat daqs ta' fuqu.

F'Marzu u April ta' l-1933, ftit wara li, fit-18 ta' Marzu, l-awtoritajiet Ingliżi fittxewlu għal materjal sedizzjuż (imma ma ħadux passi kontrih), Juan Mamo kiteb f'*Il-Berqa* biex jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu wara li ntefa' dell ikrah fuqu fil-Parlament mill-Ministru tal-Pulizija u tat-Teżor, l-avukat Karmnu (Carmelo) Mifsud Bonnici, fi tweġiba għal mistoqsija tat-tabib Agius Muscat. Skond Mamo, li qabel kien kiteb kliem iebes *f'Il-Berqa* biex jiddefendi l-ilsien Malti, dan l-attakk fuqu sar għax riedu "jbikkmuh" biex "ma jitkellimx" u "leħnu ma jibqax jinstema'." Mamo stqarr li: "Taħt id-dell tal-bandiera Ingliża jiena nħoss ruħi ħieles li nista' insamma' leħni bla biża', u nifhem illi ħadd, u tabilħaqq ħadd, ma għandu l-jedd li jipprova joħnoqni."[32] Dan il-kliem jissuġġerixxi li Mamo jara l-bandiera Ingliża bħala tarka kontra l-abbużi tal-klassi pprivileġġjata f'Malta li għalih kienet l-għadu veru tal-maġġoranza tal-Maltin. F'dan l-artiklu tiegħu Mamo jxandar uħud miċ-ċertifikati tal-kondotta tiegħu u ittri ta' referenza li kitbulu nies li kien jaħdem magħhom. "Wieħed mill-isbaħ ċertifikati" kitbu J. Rowland, Kaptan, Kmandant tal-Kamp tal-Priġunieri tal-Gwerra ta' Sidi Bishr, f'Lixandra fi Frar ta' l-1921, wara li kien ilu jaf lil Mamo kważi 12-il xahar. Mamo huwa partikolarment kuntent b'dan iċ-"ċertifikat" għax kitbu "wieħed Kmandant tat-Truppi, ta' skola għolja, barrani, Ingliż, Protestant."[33]

L-ammirazzjoni ta' Mamo għas-superjorità ta' l-Ingliżi tidher ukoll fi ħrafa bl-isem ta' "Is-Saħħa tal-Maltin" imxandra f'*Il-Ħmara* tal-15 ta' Jannar 1935, li fiha jirrakkonta l-istorja ta' Ingliż bl-isem ta' *Mr.* James (titlu li jfakkrek f'*Mrs.* Flemington ta' Ġużè Aquilina) li jiddeċiedi li jżur Malta għax qara dwarha u saħħritu bil-qedem u l-"eżotiċità" tagħha. Iżda waqt li jkun Malta, jitpaxxa u jiggosta dak kollu li jara bil-perspettiva orjentalista tiegħu, jaħbat ġo fih u jsammru ma' l-art Ġakomin bin Nikodemu li kien sejjer jiġri (u fil-fatt jibqa'

sejjer) mill-Imgieret sal-Furjana biex jimla landa tal-kunserva bil-minestra tal-Kapuċċini. Is-superjorità tas-sinjur Ingliż edukat taħbat mal-figura u l-moħħ rozz ta' Malta b'saħħtu imma bil-ġuħ u bla skola.

Fir-rumanz innifsu ma jidhirx li Mamo jmaqdar lill-Ingliżi bil-kliem iebes li jerfa' għall-klikka pprivileġġjata ta' nutara, avukati, politiċi, qassisin, u kittieba assoċjati ma' l-Italja. Ix-xewwiex Sqalli Luretu Nullo jipprova jkeskes lil ulied in-nanna Venut biex "inqajmu rivoluzzjoni fil-gżira ta' Pawlu, dik il-ħelwa blata f'nofs il-Mediterran li qisha d-dgħajsa ta' Pawlu, u dan għall-ġid ta' ommna l-Italja,"[34] Imma Feliċ, assoċjat mad-"Dimekkjani, iż-żerriegħa ta' Malta ġdida"[35] u "laburist ta' moħħ jilħaqlu u jaf l-affarijiet kif sejrin,"[36] jiqaflu u jħarbat il-pjan "ambizzjuż" tiegħu. Fil-karattru ta' Feliċ, l-uniku wieħed ta' skola fost dan il-grupp ta' emigranti, hemm il-kwalitajiet li Mamo jfittex fi bniedem Malti: ftit wara li waslu l-Amerika nfired minn magħhom minħabba mġibithom u kien l-uniku li baqa' hemmhekk u salva. F'dan is-sens, Feliċ u Mamo n-narratur huma l-uniċi tnejn li jibqgħu ħajjin mill-ispedizzjoni kollha. Interessanti wkoll li Feliċ, li kien għosfor għal kollox mill-istorja minħabba li kien inqata' minn ma' l-emigranti l-oħra, jitfaċċa f'salt proprju f'dan il-mument meta kien hemm periklu għall-komunità Maltija kollha. Is-sigriet tas-suċċess ta' Feliċ, u tal-Maltin kollha, huwa l-edukazzjoni. Wara x-xena ma' Nullo, Feliċ jerġa' jogħsfor mill-istorja tal-Maltin, did-darba għal dejjem, kif forsi xtaq jagħmel ukoll Mamo. F'dan is-sens ma tantx huwa Dimechjan għaliex ma jidhirx li jixtieq jerġa' lura Malta biex idawwal lill-kompatrijotti tiegħu: forsi, bħal Mamo, qata' qalbu li l-poplu magħkus jista' jemanċipa ruħu u li l-klikka se tħallih.

Dan il-kapitlu (54), l-aħħar wieħed qabel ir-ritorn ta' l-emigranti lejn Malta, jagħlaq b'Armaġużarma jiġri bla ma jara fejn sejjer minħabba li deffsulu bumbardun f'rasu: Mamo jxebbhu ma' "wieħed mis-sinjuri Maltin bit-tomna fis-7 ta' Ġunju 1919, jiġri biex jistaħba."[37] Il-karattri li jispikkaw, għalhekk, f'din il-parti tar-rumanz, huma Luretu Nullo, ismu miegħu; Feliċ, l-imdawwal; il-Maltin fqar, bla skola u sfruttati li jduru ma' kull riħ li jipprova jdawwarhom favur tiegħu bil-ħażen ta' moħħu; u s-sinjuri Maltin jaħarbu mill-għadab tal-folla. F'dan ix-xenarju Mamo jidentifiku ruħu ma' Feliċ, favur id-drittijiet tal-poplu sfruttat, u kontra l-interessi tat-Taljani assoċjati mal-klassi pprivileġġjata Maltija u s-sinjuri li huma għedewwa tal-maġġoranza tal-Maltin u ta' l-Ingliżi. Il-kapitlu ta' wara (55), fil-fatt, jibda b'kumment fil-ġenb ta' l-istorja, tipiku ta' Mamo, dwar kif "il-partiti tal-ħaddiema u l-Kostituzzjonali,"[38] it-tnejn b'xi mod viċin ta' l-Ingliżi u kontra l-poteri lokali, iddejqu bis-"saram ġdid" wara "l-wisq famuża pasturali" tal-Knisja li l-kleru tagħha huwa, fil-biċċa l-kbira

tiegħu, skjerat l-aktar mal-klassi pprivileġġjata u ma' l-Italja. Għal Mamo, il-pjan ta' Nullo biex Malta teħles mill-Ingliżi u tidħol taħt l-umbrella ta' l-Italja mhuwiex biss pjan kontra l-Ingliżi imma wkoll pjan li jagħmel il-ħsara lill-Maltin infushom għax Mamo jara l-preżenza ta' l-Ingliżi bħala vantaġġ għall-poplu ż-żgħir.

Mir-rumanz jidher li l-awtur u l-"imgħallem" tiegħu Manwel Dimech ma kinux jaqblu wisq fuq il-mod kif kienu jħarsu lejn il-ħakma Ingliża. Fl-artiklu (profetiku għal ħafna raġunijiet) bl-isem ta' "Ħsieb" li xandar f'*Il-Bandiera tal-Maltin* tat-28 ta' Marzu 1914, Dimech jistaqsi x'jagħmlu l-Maltin jekk b'xi mod jew ieħor Malta tinfired mill-Ingilterra. L-awtur jikkonsidra wieħed wieħed il-pajjiżi Ewropej li magħhom Malta tkun tista' tingħaqad, mill-Italja sar-Russja, imma jasal għall-konklużjoni li l-aħjar ħaġa tkun li "nibqgħu *tagħna nfusna*, nibqgħu sjied tagħna, jiġifieri ma nkunu ta' ħadd, ħlief tal-Kbir fuq kull kobor, ALLA, u tagħna nfusna." Imma fl-istess ħin Dimech jistqarr b'mod ċar li "aħna mill-Ingilterra ma rridux ninfirdu, għax din għallinqas tagħti lill-fqir il-laħam u l-patata u l-għadam u s-soppa, u min jaf x'iżjed, tant imfaħħrin mill-art tagħna."[39] Jekk l-Ingliżi jitilqu tkun deċiżjoni tagħhom, jgħid Dimech, mhux tagħna l-Maltin. Iżda fis-sena ta' qabel, l-1913, f'*Il-Bandiera tal-Maltin*, kien deher artiklu tiegħu bl-isem, "Għar-Repubblika Maltija. Viva r-Repubblika," bħala parti mis-sensiela "Jekk Terħina l-Ingilterra," li fih insista li Malta ma kellhiex tingħaqad ma' l-Italja jekk jitilqu l-Ingliżi għax "aħna rridu li nkunu li aħna: Maltin, u Maltin biss," "poplu ħieles" mhux "ilsir." Wara r-rebħa kontra l-Franċiżi Dimech jirreferi għall-jasar taħt l-Ingliżi meta jgħid li l-Maltin "marru rħew dirgħajhom u saqajhom f'idejn il-barrani biex jorbtuhomlhom bil-ktajjen." Il-Malti għandu jkun "sħiħ fir-rieda li jkun poplu ħieles, indipendenti, li fuqu ma jaħkem u ma jamar ħadd." Imbagħad, kontra dak li jgħid fl-artiklu "Ħsieb" tas-sena ta' wara, Dimech jawgura li jitilqu l-Ingliżi: "Imorru l-Ingliżi, suldati, baħrin u għammarin, imorru l-bċejjeċ tal-gwerra u kull ħaġa Ingliża li issa drajna biha, sas-soppa, l-għadam u l-qxur tal-patata li l-poplu mġewwaħ dara jixrob u jiekol."[40] Biex jitħejjew għar-"Repubblika Maltija" jeħtieġ li l-Maltin jaħdmu bla hedu; u dan ifisser mhux biss xogħol iebes fl-industriji imma anki li l-kotra tal-Maltin ma jħallux, kif jinsisti Juan Mamo fir-rumanz tiegħu, lil erba' min-nies Maltin jaħkmu u jxiddu "l-madmad tal-jasar" fuq ħuthom stess, fost l-oħrajn billi jżeffnu fin-nofs ir-reliġjon.[41] Fuq il-wasla ta' l-Ingliżi wkoll, Dimech xandar artiklu iebes ħafna f'*Il-Bandiera tal-Maltin* tas-17 ta' Jannar, 1903, li fih kiteb li "flok waqqfu gvern Malti sejħu lil gvern selvaġġ, u flok li ħallew 'l uliedhom meħlusin, ħallewhom ilsiera."[42] Fl-1911 Dimech kiteb

li l-Ingilterra, "Mal-qawwijin dejjem rasha baxxa, maż-żgħir bħalna dejjem b'rasha għolja u ħalqha miftuħ, miftuħ biex turi snienha."[43]

Dawn l-ideat Mamo kien jafhom sew. Ftit xhur qabel ma miet, f'Novembru ta' l-1920, Mamo bagħat ittra ta' Manwel Dimech ma' ittra tiegħu stess, li fiha Dimech, fost l-oħrajn, jgħid hekk: "Haġa stramba hux, tista' tgħid il-ġid u l-qawwa ta' Imperu b'saħħtu kienu mixħuta f'ħoġor ftit qassisin u patrijiet brikkuni biex jeqerduni!"[44] Dimech kien riformatur soċjali imma kien ukoll *"eminently a political agitator"* u *"a ferocious opponent of the British colonial Government,"*[45] ħaġa li Mamo ma kienx u ma kinitx fin-natura tiegħu. Barra minn hekk, Dimech kien *"an uncompromising, undaunted critic of the British colonial system,"*[46] u dan, flimkien mal-fatt li ħadha kontra l-Knisja Kattolika, li skumnikatu fl-1911 (u reġgħet aċċettatu fl-1914) wassal għall-eżilju (fl-1914) u l-mewt tiegħu f'Lixandra fl-1921, mewt bikrija u inġusta li bħal fil-każ ta' wlied in-nanna Venut, kienet ir-riżultat, primarjament, ta' l-oppożizzjoni (u eventwalment in-nuqqas ta' appoġġ) li sab mill-Maltin stess. Mill-ittri li jikteb minn ħdejn Dimech f'Lixandra lid-Dimechjan Salvu Astarita f'Malta,[47] jidher li Mamo ma ħadhiex daqshekk kontra l-Ingliżi fil-każ ta' Dimech għax huma biss setgħu jsalvawh, u dan m'għamluhx aktarx għax il-Maltin ma għafsuhomx biex isalvawh. Irid jingħad ukoll li fiż-żmien li Dimech kien qed imut, Mamo kien impjegat mal-Militar Ingliż fl-istess kamp ta' Sidi Bishr fejn kien Dimech. Dan kien il-kamp li l-kmandant tiegħu, il-Kaptan J. Rowland, kiteb ittra ta' referenza pożittiva fuq Mamo, u li Mamo jiftaħar bih fil-kwistjoni li nqalgħet bejn Mamo u Carmelo Mifsud Bonnici, il-Gross, fl-1933.

## Is-sigrieti tal-Maltin magħsurin

Ix-xena traġika, jew traġikomika, fi tmiem ir-rumanz u li twassal għal tmiem ulied in-nanna taħsad il-burdata komika u ironika ta' l-ewwel 58 kapitlu (jew xenetta). Il-massakru jippjanah "il-kelb u ħajjen Gajton" li darba,[48] meta xi tliet xhur wara li telqu waslet l-aħbar falza li l-emigranti kienu "diġà faru bil-ġid," kien ħalef, fuq iz-zuntier, li jitħallas mill-emigranti li telqu lejn l-Amerika biex isiru nies u lilu ħallewh warajhom għax ma kellux biex iħallas il-vjaġġ. Biex iwettaq dan il-massakru, "dak l-imgħarraq għajjur ta' Gajton" inqeda wkoll bi tnejn minn sħabu li kienu "qishom is-sriep ta' dawk l-inħawi."[49] Gajton u sħabu jisparaw fuq il-vittmi tagħhom waqt li jkunu sejrin it-tieġ ta' wieħed mill-emigranti li ġew lura, Bertu Armaġużarma, lil Ketrin, oħt emigrant ieħor.

Huwa tmiem assurd imma suġġestiv li jirrifletti l-falliment ta' l-ispedizzjoni kollha. Qabel ma jitilqu wlied in-nanna la għandhom preżent u lanqas futur; meta jiġu lura, l-istat tagħhom jerġa' jċaħħadhom mill-ħila u d-dritt li jfasslu l-istorja tagħhom infushom. Wara li tul ir-rumanz iċaħħad lill-karattri (ċatti) tiegħu mill-individwalità, Mamo fl-aħħar jikkundannahom għall-anonimità ta' dejjem, għall-falliment li jissiġilla d-destin tagħhom miktub dejjem minn ħaddieħor u mhux minnhom infushom.

Forsi l-ikbar ironija (traġika) fid-disinn ta' Mamo tinsab fil-fatt li l-poplu maħqur u mneżża' minn kull dinjità mill-klassi pprivileġġjata jispiċċa jinfexx fih innifsu: il-fqar jispiċċaw jeħduha kontra xulxin minflok kontra dawk li kellhom id-dmir li jgħinuhom biex jemanċipaw ruħhom imma m'għamlu xejn ħlief abbużaw minnhom. Fin-novella "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" il-karozza li ttajjar lill-erba' seksieka hija assoċjata mas-sinjuri u l-qtil huwa involontarju, iżda fir-rumanz il-massakru huwa mfassal sew u jkun ilu jinħema żmien twil. Fiż-żewġ kitbiet il-mewt mhux mistennija, anki ta' l-erba' emigranti fir-rumanz li jmutu f'inċidenti separati qabel ma jaslu lura Malta, donnha tikkastigahom tan-nuqqas ta' ħila tagħhom li jemanċipaw irwieħhom (u l-isem ħażin li jagħtu lil ġenshom).

Minkejja l-pożizzjoni differenti ta' Mamo, nistgħu ninterpretaw il-vjolenza assurda ta' tmiem ir-rumanz bħala konsegwenza wkoll tal-vjolenza tal-kolonizzazzjoni, tal-mod kif il-poplu Malti huma mċaħħad mill-ħila li jinħeles mill-poteri kollha li hemm fuqu: il-klassi l-għolja Maltija, il-Knisja u l-Imperu Ingliż li għalih Malta kienet biss fortizza b'portijiet tajbin f'nofs il-Mediterran. Bħall-imperi kollha, il-Gran Brittanja kienet tħares l-interessi tagħha fl-artijiet li ħatfet taħt idejha permezz tas-sistema tad-*"divide and rule,"* tifred l-ikkolonizzati biex tkun tista' taħkimhom aħjar. Nafu wkoll li l-awtoritajiet Brittaniċi f'Malta kienu jagħtu l-ispazju lill-Knisja Kattolika biex permezz tagħha jikkonsolidaw il-preżenza tagħhom. Imma dawn mhumiex konsiderazzjonijiet li jidhru fir-rumanz għax bħala bniedem b'ideat liberali[50] (u progressivi) ġej minn familja fqira, bil-ħakma Ingliża f'Malta, kif jgħid Mamo stess, kien iħossu "ħieles." U għalhekk it-tmiem imdemmi ma tfassalx bħala kundanna tal-vjolenza u l-inġustizzji tal-kolonizzazzjoni, għalkemm dan ma jżommniex milli naqraw lilhinn mill-pożizzjoni magħrufa ta' Mamo, għax it-test, għalkemm kitbu hu, huwa tagħna l-qarrejja wkoll li mingħajrna ma jistax "iseħħ." Il-kundizzjonijiet soċjali fis-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 kienu ħżiena għall-maġġoranza tal-Maltin li ħafna minnhom batew il-ġuħ. Din is-sitwazzjoni mwiegħra kienet titqies bħala konsegwenza tal-politika kolonjali Brittanika, u l-kolonizzaturi ma kienx jinteressahom mill-qagħda ta' l-abitanti.[51]

Mamo ma jappellax għall-ħelsien mill-kolonjaliżmu imma mit-tradiment u l-oppressjoni tas-sinjuri li kien jarahom bħala għedewwa tal-Maltin u l-identità tagħhom, speċjalment il-lingwa. Bħal Manwel Dimech,[52] Mamo kien jemmen li ma setax ikun hemm emanċipazzjoni ta' Malta mingħajr l-emanċipazzjoni tal-kotra tal-Maltin. It-traġedja fratriċida fir-rumanz tikkonferma din il-pożizzjoni imma tikkonferma wkoll, minkejja li dan la Mamo u lanqas il-karattri tiegħu ma jarawh, dik li Homi Bhabha jsejħilha *"the colonial alienation of the person."*[53] Meta n-nies tar-raħal jaqbdu lil Gajton (u jiġru wara l-kompliċi tiegħu) ma jarawx ħlief l-għira ta' individwu "ħajjen," u mhux is-sintomi ta' sitwazzjoni politika u soċjali inġusta kkawżata wkoll mill-mekkaniżmi perversi li ġġib magħha l-kolonizzazzjoni. Forsi Feliċ ma jerġax lura lejn pajjiżu proprju għaliex irid jeħles darba għal dejjem mis-sitwazzjoni perversa ta' poplu maqbud f'morsa bejn l-inġustizzji ta' kolonizzazzjoni li tneżża' lil ulied in-nanna (varjazzjoni negattiva fuq il-metafora romantika ta' Malta-omm) mid-dinjità u d-drittijiet tagħhom f'pajjiżhom stess u l-abbużi ta' klassi indiġena pprivileġġjata. Fl-aħħar tar-rumanz Mamo stess jagħti interpretazzjoni politika ta' l-imġiba tal-"kelb u ħajjen" Gajton billi jaraha bħala "frott tat-tagħlim li tawh dawk li għal mijiet ta' snin żammew dan tagħlim artu biex jisirqulu l-proprjetà ta' l-art, il-fundazzjonijiet, il-patrimonju u legati. Tagħlim li jisrom lin-nies."[54]

Oliver Friggieri jiddeskrivi t-tmiem tar-rumanz bħala anti-climax. "Il-fatt li Mamo jibgħat lill-karattri tiegħu fil-kontinent imbiegħed hu marbut ma' l-anti-climax li jrid jagħlaq bih." Ir-rumanz jibda b'ideal kbir u jispiċċa b'falliment kbir daqsu.[55] M'għandux ikun hemm dubju li hu tmiem maħsub: l-ewwel referenza għal Gajton, fit-tieni kapitlu, tħejjina għal dak li ġej: "U min jaf kemm għad narawh 'il quddiem jagħmel ħsara."[56] Il-preparamenti għat-tmiem imdemmi, bil-komiċità li tibqa' sejra sa l-aħħar tar-rumanz u tixhed il-kontroll tan-narratur fuq in-narrazzjoni, jibdew bil-mewt ta' erbgħa mill-emigranti qabel ir-ritorn f'Malta. L-ewwel ma jmut, f'kapitlu 52, huwa Xmun, li taqa' fuqu qargħa ħamra li hu u Bertu jkunu għadhom kemm qiegħdu fuq siġra taċ-ċawsli, konferma li hu u sħabu moħħhom qargħa.[57] Fil-kapitlu ta' wara, Majsi jinqatel bi żball mid-ditektiv Amerikan McHmairy minħabba l-injoranza tagħhom ilkoll (u minħabba l-ittra "velenuża" ta' Gajton).[58] Ġannikol u Ċikka jegħrqu waqt maltempata fuq il-baħar f'kapitlu 55 matul il-vjaġġ tagħhom lura lejn Malta.[59] Dawn l-imwiet mifruxin fuq erba' kapitli jwittu t-triq, imma mingħajr ma jagħtu fil-għajn, għall-frakass ta' l-aħħar f'kapitlu 59. Madankollu, it-tmiem xorta jaħsad għax fil-qtil ta' l-emigranti li fadal hemm il-malizzja u

l-vendetta ta' bniedem maħkum mill-ħdura tiegħu stess, mhux inċident jew kumbinazzjoni. Gajton ibeżżagħna għax huwa bniedem normali li ħalla l-għira tiegħu tippervertih, u ma batiex wisq biex sab tnejn min-nies biex jgħinuh joqtol għadd ta' nies innoċenti. Il-massakru jikxef l-eżistenza mhux biss ta' bniedem ħażin imma ta' soċjetà profondament ħażina u marida.

Gajton jirvilla għax ma jistax iduq il-frott ta' l-art superjuri "pprojbita" tal-kolonjalisti. "Dan hu r-raħli mħolli hekk: dan hu dak li għandu l-għira għall-classe alta: dan hu dak li għandu dar imħollija minn nannuh għal tant żmien u issa qiegħda għand xi ħadd bla ma jaf min hu."[60] Meta kien żgħir, jgħid Mamo, il-familja tiegħu bagħtitu ftit skola tal-gvern imma mbagħad, xi ħadd "mit-tajbin li għalihom jissemmew it-toroq" ikkonvinċa lil missieru biex joħorġu mill-iskola biex jibda jaħdem u t-tifel Gajton nesa kulma tgħallem. "B'danakollu ħażen ta' malizzja jaf u jgħallem: jimxi ras imb'ras ma' l-avukati."[61] U fil-fatt meta avukat, li jiftaħar li hu Nisrani rett,[62] jipprova jilagħbu, Gajton ipattihielu billi jisraqlu karta. In-narratur jgħid li l-ħtija li ħassar il-kondotta tiegħu mhix tiegħu imma "ta' min mexxa 'l pajjiżu,"[63] fosthom politiċi, qassisin, nutara, u avukati li r-rumanz tant imaqdarhom.

Is-sitwazzjoni ta' Gajton, bl-għira li għandu għall-classe alta (li hu prodott tagħha) u għal dawk li marru l-Amerika, l-art tal-bniedmin superjuri (assoċjati mal-kolonjalisti), tixbah lil dik tal-kolonizzazzjoni: Homi Bhabha jissuġġerixxi li

> *it is not the Colonial Self or the Colonized Other, but the disturbing distance in-between that constitutes the figure of Colonial otherness – the White man's artifice inscribed on the black man's body. It is in relation to this impossible object that emerges the liminal problem of colonial identity and its vicissitudes.*[64]

Gajton huwa maqbud fix-xenqa tiegħu li jkun bħall-Oħrajn, li joħroġ mill-gaġġa tal-fqar u l-ikkolonizzati biex jirnexxi fid-dinja superjuri l-Oħra. Fid-dinja żlugata, jew diżlokata tagħhom, l-ikkolonizzati qatt ma jistgħu jiksbu s-suċċess u l-prosperità li jixtiequ jekk ma jiċċaqalqux: l-uniku ċans li għandhom hu li joħorġu mill-*oikos* tagħhom u jibdew mill-ġdid band'oħra, imorru fuq in-naħa l-Oħra. Gajton ma jirnexxilux joħroġ mill-oikos u għalhekk irid jivvendika ruħu minn dawk li "rnexxielhom."

Ulied in-nanna m'għandhomx kontroll fuq id-destin tagħhom, fuq l-istorja tagħhom, imma Juan Mamo għandu. Il-mod kif juża l-lingwa juri li għandu l-istorja tiegħu f'idejh, li jista' jirrakkontaha kif jixtieq hu mingħajr ma jaqa' fl-iskemi stabbiliti tal-kittieba u l-klassi soċjali, kulturali, u ekonomika

dominanti. L-awtur jirriafferma l-libertà u l-individwalità tiegħu kemm billi jsawwar il-lingwa letterarja unika tiegħu, u permezz tagħha jista' jidħol f'dibattitu mal-poplu ż-żgħir li miegħu jrid jinteraġixxi wkoll, u kemm billi jwaqqa' għaċ-ċajt il-platitudnijiet tal-letteratura "nazzjonalistika" imma mingħajr wisq kuxjenza soċjali.

Anki fejn jidħol it-tiswir tal-lingwa letterarja, it-tmiem traġiku tar-rumanz huwa rrakkontat bis-serjetà imma anki bil-komiċità tipika tar-rumanz kollu, ħila li turi li Mamo jibqa' sa l-aħħar jikkontrolla l-kitba tiegħu. Meta Belen ikun qed jitqabad ma' Gajton li qed jipprova jaħrab mix-xena tal-qtil, jaqbadlu "l-irqiq" tiegħu biex jiddefendi ruħu mis-sikkina tiegħu li biha qed jipprova jagħmih. Gajton, bir-raġun kollu, jibda jagħsar għajnejh bl-uġigħ u jgħajjat: "Ajma l-affori!" imma Belen, fost affarijiet oħrajn iwieġbu: "Mur bis-sigrieti magħsurin, ja P...atrijarka."[65] Ma nafux eżattament kif miet, imma nafu li "l-bravu Belen tagħna," l-eroj li bih jintemm ir-rumanz, jegħleb lill-viljakk ta' l-istorja billi "jaħtaflu kollox." Ir-rumanz jispiċċa bil-mod kważi grottesk (minkejja t-traġiċità) li bih beda, u bl-istess diskors dwar l-abbuż tal-fqar min-naħa tas-sinjuri.

### Is-sogru tal-lingwa

*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika*, li ħareġ faxxiklu faxxiklu bejn id-19 ta' Frar ta' l-1930 u Ottubru ta' l-1931, "kiseb suċċess immens," u meta, fl-1971, ir-rumanz beda joħroġ mill-ġdid, did-darba mal-gazzetta *Ix-Xewka*, il-kotba li kienu llegati minn dawk l-ewwel faxxikli kienu diġà "rari ħafna." Il-persuna li ħadet ħsieb it-tieni edizzjoni stqarret li "ma kinitx ħaġa faċli għalina li nakkwistaw kopja, l-ewwelnett għax il-ftit li baqa' ħadd ma jrid jitlaqhom minn idejh u t-tieninett ħafna mnnhom kienu ntbagħtu lill-emigranti."[66] Għandna ħjiel tajjeb ta' kemm intlaqa' tajjeb ir-rumanz fil-bidu tas-snin tletin anki mill-kummenti li rriproduċa Mamo nnifsu mar-rumanz fl-1931. Dun Karm Psaila, ngħidu aħna, li aktarx li ftit kien jaqbel mal-viżjoni tad-dinja li kellu Mamo, jekk mhux fejn tidħol l-imħabba ta' l-ilsien Malti, kitiblu hekk: "Qegħdin naqraw l-*Ulied in-Nanna Venut* tiegħek fil-Bibljoteka u qegħdin nidħqu tassew bil-qalb. Oriġinali u gustuż kemm jista' jkun. Nixtieq li meta jkun lest kollu terġa' tirregala ieħor lil din il-Bibljoteka (Pubblika) sħiħ u ġdid, għaliex il-kopji li qed tħalli mhumiex ħlief jinqraw u jinqraw u naħseb li sakemm joħroġ kollu jitgħarraq u jitkagħbar."[67]

F'termini ta' kontenut u forma r-rumanz ta' Mamo kien, u sa ċertu punt għadu xogħol verament mhux konvenzjonali. Il-pożizzjoni politika mhux tas-soltu li jieħu r-rumanz hija espressa f'lingwa u strateġija narrattiva mill-aqwa. Fit-taqsima "Kabelxejn" li kiteb fid-19 ta' Frar 1930 u li tidher fl-ewwel edizzjoni tar-rumanz, Mamo jistqarr li r-rumanz jirriproduċi "d-drauuiet nazionali" u f'dan is-sens huwa "biccia Storia fih innifsu." Jistqarr ukoll li l-lingwa tar-rumanz hija dik li jitkellem il-poplu ta' kuljum, u għalhekk "Il chitba m'hix b'dac il Malti safi safi, ghadilli 'ssib x'tomghod ucoll." Juża l-ilsien kif jitkellmu l-poplu biex "jifhem cullhadd, u uiehed icun jista izjed ifisser ruhu fil uisa id-drauua fil cliem biex thoss is-sens tal chelma chif inhi illum." Ir-rumanz ta' Mamo jirrappreżenta rivoluzzjoni fil-kitba narrattiva li fetħet il-lingwa letterarja Maltija u għadha rilevanti.

In-narrazzjoni, ħafna drabi tosta, fl-ewwel persuna, spiss fl-ewwel persuna plural,[68] tfakkar lill-qarrejja (u lill-udjenza ta' żmien Mamo, miġbura fuq l-għetiebi tisma' l-qari) fil-proċess kreattiv innifsu, speċjalment b'kummenti espliċiti, bħal meta n-narratur jgħid li "rumanz, li donnu mn'Alla, mingħajr każi ta' mħabba m'hu xejn."[69] In-narratur eterodijeġetiku imma "li jindaħal" ta' Mamo huwa kemm barra min-narrazzjoni kif ukoll fiha; josserva mill-bogħod u jiddieħaq bl-injoranza straordinarja tal-poplu fqir, u fl-istess ħin jidħol fin-narrazzjoni hu stess kull darba li jirreferi għal Juan Mamo bħallikieku huwa bniedem differenti mill-awtur u billi jirreferi għalih innifsu bħala n-narratur.[70]

Il-lingwa letterarja ħielsa u ġieli awto-ironika, u l-istrateġija narrattiva kollha kemm hi, tixhed li Mamo, bħal Fanon, ma jridx ikun bniedem tal-passat: minkejja li jħobb lil pajjiżu u l-lingwa tiegħu ma jridx jeżalta l-passat u b'dan il-mod jgħarraq il-preżent u l-futur. Il-fatt li jwaqqa' għaċ-ċajt l-eroj kostruwiti tar-rumanzi storiċi mhuwiex sinjal ta' diżrispett lejn dawn il-figuri idealizzati li joħloq kull poplu imma ġest konkret ta' rispett lejn il-poplu magħkus ta' żmienu u stedina lill-kittieba ta' żmienu biex jiffukaw fuq ir-realtajiet tal-preżent u mhux fuq passat mitiċizzat.[71] Fanon jemmen li "*the real* leap," il-qabża ta' vera, "*consists in introducing invention into existence. In the world through which I travel,*" jgħid, "*I am endlessly creating myself. I am a part of Being to the degree that I go beyond it.*"[72] Fanon ma jridx "jinqabad f'dak li ddetermina l-imgħoddi."[73] Il-problema ta' wlied in-nanna hi li ma jistgħux joħolqu lilhom infushom, jew joħolqu lilhom infushom mill-ġdid, fid-dinja li fiha jivvjaġġaw, għax huma maqbudin f'destin li mhuwiex f'idejhom, li ġie esproprjat mingħandhom,

li qatt ma kien f'idejhom. F'dan iċ-ċirku vizzjuż ta' jasar, l-edukazzjoni (li minnha l-klassi ta' fuq ċaħħdithom) u l-ftuħ jew il-ħruġ 'il barra biss jista' tifdihom. Ladarba wlied in-nanna jarmu l-opportunità li jemanċipaw ruħhom meta joħorġu mill-konfini ta' pajjiżhom (imma mhux tal-kultura tagħhom), donnu m'għandhomx dritt għal ċans ieħor: id-destin l-ewwel iċaħħadhom mid-dritt tagħhom fuqu, u mbagħad jikkastigahom talli ma japprofittawx ruħhom mill-opportunità li tiġihom. Jista' jkun li f'għajnejn Mamo, il-qtil ta' l-ulied li fallew ifisser ukoll opportunità ta' bidu ġdid, imma l-fatt li Belen jaqbad lil Gajton u jitħallas minnu f'isem il-komunità kollha qajla jawgura tajjeb għax Belen ma jarax l-aġir pervers ta' Gajton bħala sintomu tar-relazzjoni perversa maħluqa mill-kolonjaliżmu u xhieda ta' inġustizzja bejn klassi soċjali pprivileġġjata u l-kotra sfruttata.

Għalkemm il-ħila narrattiva ta' Mamo tixhed il-kontroll tiegħu fuq l-istorja u fuq id-diskors, kontroll li l-karattri ċatti tiegħu m'għandhomx, l-awtur, mill-pożizzjoni pprivileġġjata tiegħu, jidher li qed jirriproduċi wkoll l-isterjotipi tal-klassi dominanti u tal-kolonjalisti dwar il-maġġoranza tal-Maltin. Għalkemm huwa minnu wkoll li Mamo jwaqqa' għaċ-ċajt tista' tgħid lil kulħadd, inklużi bosta Amerikani, huwa veru wkoll li l-iktar li jaqilgħu fuq rashom f'rappreżentazzjoni grotteska wara l-oħra ta' l-injoranza grassa tagħhom, huma l-Maltin. Jista' jkun li għal Mamo l-maġġoranza tal-Maltin huma, fil-fatt, "karattri ċatti," u xejn iżjed. Wara kollox, "Hija ħaġa magħrufa tajjeb," jikteb l-imgħallem tiegħu Manwel Dimech fl-1913, "li l-biċċa l-kbira tal-Maltin li joħorġu minn Malta flok li jagħmlulha ġieħ aktarx jagħmlu għajb billi bl-imġiba u bil-kliem tagħhom juru li huma nies lura."[74] Imma huwa veru wkoll li Mamo huwa influwenzat mill-opinjoni dwar il-Maltin tal-barranin li jammira. Kif jispjegaw l-istudjużi tal-kolonjaliżmu, sikwit jiġri li l-ikkolonizzati jaddottaw il-perspettivi tal-kolonizzaturi dwarhom biex l-ikkolonizzati iħossuhom bħal dawk li jqisuhom superjuri għalihom.[75] Mingħand il-kolonizzaturi, l-ikkolonizzati, anki dawk li jiħduha kontra l-kolonizzazzjoni, ifittxu l-għarfien.[76] Aktarx li fost in-nies ta' skola, bħal Mamo, li jitħalltu mal-kolonizzaturi, il-kumpless ta' inferjorità quddiem l-Ewropej huwa akbar għax kontinwament iridu jħabbtu wiċċhom ma' l-inferjorità li l-Ewropej għallmuhom jaraw fil-ġens tagħhom, u fihom infushom.[77] "*The colonized is elevated above his jungle status in proportion to his adoption of the mother country's cultural standards.*[78] Ironikament, ir-rikonoxximent min-naħa tal-kolonizzaturi tal-ħila tal-persuna kkolonizzata edukata jsaħħaħ il-fehma tal-persuna li tara lilha nfisha bħala inferjuri.

Albert Memmi jinnota li meta jkunu qed jirkupraw id-destin awtonomu u separat tagħhom, l-ikkolonizzati jmorru lura minnufih għal-lingwa nattiva tagħhom. Il-kolonizzaturi mill-Punent jgħidulhom li l-vokabularju tagħhom huwa limitat, li s-sintassi hija bbastardjata, li għandhom ikomplu jużaw il-lingwi tal-Punent biex jiddeskruvi l-magni u jgħallmu suġġetti astratti.[79] Imma bħal Mamo, l-ikkolonizzati li jitkellem fuqhom Memmi jagħżlu lsienhom xorta waħda kemm għax huwa tagħhom u jissimbolizza uniċità u kemm għax permezz tiegħu jistgħu jilħqu lin-nies komuni, kif jistqarr Mamo fit-taqsima "Kabelxejn" tar-rumanz.

Fil-ħakma straordinarja ta' Mamo tal-lingwa tal-poplu u tal-lingwa letterarja hemm libertà individwali u simboliżmu kollettiv qawwi. Għax *"To speak [...] means above all to assume a culture, to support the weight of a civilization;"*[80] barra minn hekk, *"To speak a language is to take on a world, a culture;"*[81] kull djalett huwa "mod ta' ħsieb."[82] Għax persuna li għandha lingwa għandha wkoll ħakma fuq id-dinja li tesprimi u timplika dik il-lingwa. Mamo jisfrutta bl-aħjar mod possibbli l-potenzjal doppju tal-lingwa li tesprimi identità u tikkomunika. Amin Maalouf isostni li la hu possibbli u lanqas mixtieq li nifirdu l-lingwa mill-identità għax ibassar li l-lingwa se tibqa' l-fonti ewlenija ta' l-identità kulturali u li d-diversità lingwistika se tibqa' l-fonti ewlenija tad-diversitajiet l-oħra kollha.[83] Il-lingwa tagħti lil Mamo l-libertà li l-karattri tiegħu f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* m'għandhomx għax mhumiex kapaċi jirriproduċu l-lingwa standard li tirrifletti u teżerċita poter letterarju, soċjali, politiku, u eventwalment ekonomiku. Minkejja li kapaċi jaddotta l-istil letterarju ta' l-awturi stabbiliti ta' żmienu, kif juri fil-parodiji tagħhom li jagħmel,[84] u minkejja li jaf bosta lingwi Ewropej, Mamo jagħżel li jinħeles mill-irbit ta' l-ordni stabbilit u joħloq il-lingwa letterarja unika tiegħu.

F'idejn Mamo, il-veru protagonist tar-rumanz, il-lingwa taqdi rwol pożittiv u propożittiv; f'idejn ulied in-nanna l-lingwa hija xhieda tan-nuqqasijiet tagħhom u xkiel għall-emanċipazzjoni; f'idejn il-klassi pprivileġġjata l-lingwa tabbuża mill-poter u mill-fiduċja; f'idejn Gajton (u dawk li sawruh) il-lingwa toqtol.

**Noti**

1 Ippubblikata mill-ġdid fi *Storja Tinkiteb*, ed. Adrian Grima (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2006).

2 Juann Mamo, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (Malta: SKS, 1984) 245.

3 Evarist Bartolo, "Jgħinna Nifhmu Mnejn Ġejjin," *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, iii.

4 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 245.

5 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 288.

6 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 17.

7 Ara, ngħidu aħna, siltiet f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* f'paġni 44, 60, 122, u 254.

8 Albert Memmi, *The Colonizer and the Colonized*, trad. Howard Greenfeld (Londra: Earthscan Library, 1990) 205.

9 Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Malta: Associated News, 1983) 73.

10 Francis Galea jirriproduċi t-test ta' din l-ordinanza fil-ktieb tiegħu *Is-Sedizzjoni* (Malta: SKS, 1999) 184–86.

11 John Chircop, *The Left within the Maltese Labour Movement* (Malta: Mireva, 1991) 96.

12 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 229–30.

13 Ara wkoll Chircop 76.

14 Galea 122.

15 Chircop 95.

16 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 229.

17 Chircop 93.

18 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 252–53.

19 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 252. Fir-rumanz hemm bosta referenzi għal Mamo u għall-ħbieb tiegħu li kienu ffissati fil-kotba, bħal f'p. 230.

20 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 256.

21 Juan Mamo, *Obstetricia Illustrata* (Malta: Universal Press, 1939) 1–2. Dawn il-kwotazzjonijiet huma mogħtijin bl-ortografija attwali u mhux kif dehru fix-xogħol oriġinali ta' Mamo.

22 Adrianus Koster, "Regular and Secular Clergy in British Malta," *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society*, ed. Victor Mallia-Milanes (Malta: Mireva, 1988) 85.

23 Dominic Cutajar, "Artistic Crisis and New Ideals -1800–1860," f' Victor Mallia-Milanes, 248.

24 Cutajar 241.

25 Frantz Fanon, *The Wretched of the Earth*, trad. Constance Farrington (Londra: Penguin, 2001) 163-64. Ara wkoll Edward W. Said, *Culture and Imperialism* (London: Vintage, 1993) 323.

26 Oliver Friggieri, *Ġwann Mamo: Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali* (Malta: Mid-Med Bank, 1984) 10–11.

27 Fanon, *Black Skin, White* Masks, trad. Charles Lam Markmann (London: Pluto, 1986) 18.

28 Fanon, *Black Skin, White Masks*, 212–13.

29 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 265.

30 Frantz Fanon jiddiskuti dan it-tip ta' mekkaniżmu mentali fi *Black Skin, White Masks*, 215.

31 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 2.

32 Juan Mamo, "Juann Mamo Jicser is-Schiet," *Il-Berqa*, 29.iii.1933. Ħajr lil Olvin Vella għat-tliet artikli li fihom Mamo ddefenda ruħu minn dan l-attakk ta' Carmelo Mifsud Bonnici. Iż-żewġ artikli l-oħra huma tal-5 u t-12 ta' April 1933.

33 Mamo, "Juann Mamo Jicser is-Schiet."

34 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 269.

35 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 96.

36 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 268.

37 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 270.

38 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 271.

39 Azzopardi, *Għejdut Manwel Dimech*, 156.

40 Azzopardi, *Għejdut Manwel Dimech*, 149.

41 Azzopardi, *Għejdut Manwel Dimech*, 150.

42 Ġeraldu Azzopardi, *X'Ġarrab Manwel Dimech* (Malta: Union Press, 1975) 150.

43 Azzopardi, *Għejdut Manwel Dimech*, 53–4.

44 Azzopardi, *X'Ġarrab Manwel Dimech*, 108. Fl-istess ittra Dimech kiteb ukoll: "INGILTERRA? INGILTERRA? XI ĦTIJA FAĦXIJA U QALILA GHAMILT BIEX TOGĦĠOB LILL-QASSISIN!!!"

45 Oliver Friggieri, "The Search for a National Identity in Maltese Literature," ed. Victor Mallia-Milanes, *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society* (Malta: Mireva, 1988) 297.

46 Mark Montebello, "A Warrior from the Lowest Rungs," *The Sunday Times* [Malta], 15.iv.2001.

47 Ara Azzopardi, *X'Ġarrab Manwel Dimech*. 103–17.

48 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 286.

49 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 284.
50 Kelma li jużaha Manwel Dimech, ngħidu aħna, fl-artiklu "Għar-Repubbblika Maltija. Viva r-Repubbblika," li deher l-ewwel darba fl-1913 f'*Il-Bandiera tal-Maltin* bħala parti mis-sensiela "Jekk Terħina l-Ingilterra" u li Ġeraldu Azzopardi jxandru mill-ġdid f'*Għejdut Manwel Dimech* (Malta: Union Press, 1978) 150.
51 Carmel Cassar, "Everyday Life in Malta in the Nineteenth and Twentieth Centuries," ed. Victor Mallia-Milanes, *The British Colonial Experience 1800-1964*, 101 u 91.
52 Friggieri, *Ġwann Mamo*, 32.
53 Homi Bhabha, x.
54 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 286.
55 Friggieri, *Ġwann Mamo*, 28.
56 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 14.
57 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 264.
58 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 266.
59 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 274.
60 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 129.
61 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 130.
62 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 131.
63 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 130.
64 Homi Bhabha, "Foreword: Remembering Fanon," f'Fanon, *Black Skin, White Masks*, xvi.
65 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 286.
66 *Ix-Xewka*, Jannar 1971, Freedom Press, il-Marsa.
67 Mons. (Prof.) Dun Karm Psaila, Ass. Lib. Bibljoteka, Malta, 5 ta' April 1930
68 Ngħidu aħna, "Inħallu 'l dawn ilabalbu u jħawdu bejniethom u aħna nieqfu nieħdu nifs." *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 5.
69 *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 11.
70 Ara, fost l-oħrajn, paġni 96, 252 u 268.
71 Ngħidu aħna, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, 44.
72 Fanon, *Black Skin, White* Masks, 229.
73 Fanon, *Black Skin, White* Masks, 230.
74 Manwel Dimech, "Il-Maltin Barra minn Malta," 151-52. Ippubblikata l-ewwel f'*Il-Bandiera tal-Maltin*, 18.i.1913.
75 Fuq dan il-punt ara, fost l-oħrajn, Fanon, *Black Skin, White* Masks, 115.
76 Ara, fost l-oħrajn, Fanon, *Black Skin, White* Masks, 218.
77 Fuq hekk ara, fost l-oħrajn, Fanon, *Black Skin, White* Masks, 25.

78 Fanon, *Black Skin, White Masks*, 18.

79 Memmi 200.

80 Fanon, *Black Skin, White Masks*, 17-18.

81 Fanon, *Black Skin, White Masks*, 38.

82 Fanon, *Black Skin, White Masks*, 25.

83 Amin Maalouf, *On Identity*, trad. Barbara Bray (Londra: Harvill, 2000) 109.

84 Bħal f'p. 122.

# Gwerrieri u Sinjorini: Mary Meylak u l-Poeżija tal-Ġisem[1]

Immanuel Mifsud

Diversi huma d-dixxiplini akkademiċi li matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena kkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ġisem uman bħala tema ewlenija.[2] Wisq probabbli kien ix-xogħol ta' Michel Foucault li immotiva diversi studjużi ta' dixxiplini u orjentamenti differenti biex jistudjaw il-ġisem u jħarsu lejh minn angoli differenti.[3] Ix-xogħol ta' Foucault ipprovda l-għodda xjentifika lil numru kbir ta' studjużi biex jiġbdu konklużjonijiet filosofiċi, soċjoloġiċi u storiċi dwar kif il-bniedem ħares lejn il-ġisem uman u lejn il-funzjonijiet tiegħu fi żminijiet differenti.[4] Nistgħu ngħidu wkoll li dawn l-istudji rawmu oħrajn f'oqsma artistiċi diversi, fosthom il-letteratura, l-arti performattiva u dik viżwali, li flimkien sawru korposfera ddettaljata li serviet ta' dokument storiku u soċjali.[5]

Mil-lat soċjali, l-ispirazzjoni Foucaultjana hija evidenti ħafna fl-istudji Femministi, Lesbjani u Gay dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ġisem f'oqsma differenti ta' l-arti. Dawn l-istudji joħolqu argumenti li matul iż-żminijiet il-ġisem intuża sabiex jissaħħu konċentrazzjonijiet ta' poter li wasslu għall-ħolqien ta' proċessi soċjali li min-naħa tagħhom isawru sterjotipi u inugwaljanzi soċjali. L-iktar kunċett ċentrali f'dan id-diskors huwa dak ta' l-alterità: il-ħolqien ta' l-"Ieħor" fuq bażi ta' ġisem u sesswalità, bl-idea ċentrali tkun li dawn huma kostruzzjonijiet soċjali u mhux bijoloġiċi.[6] Il-ġisem, għalhekk, jibda jitqies bħala entità li tmur ħafna lilhinn mill-għadam, il-laħam, u l-ġilda.

Terġa', il-ġisem jittieħed f'abitati differenti. L-aktar abitat ovvju huwa l-erotiku. Il-ġisem minnu nnifsu huwa sors erotiku u din id-dimensjoni hija waħda importanti ħafna fl-istudju tal-letteratura u ta' oqsma oħrajn ta' l-arti. Ir-rappreżentazzjoni tal-ġisem bħala sors ta' erotiżmu ma tintrabatx biss mas-sesswalità imma hija marbuta wkoll mas-sagru u r-reliġjuż.[7] Dan jista' jinftiehem aħjar fix-xbihat ta' figuri reliġjużi u fl-antropomorfizzazzjoni tad-divin.[8]

Trid ukoll tittieħed konsiderazzjoni ta' l-użu metaforiku tal-ġisem, li tvarja mir-rappreżentazzjoni tad-divin u l-ispiritwali, għall-astratt, u anki għal dak kollu li mhuwiex uman. L-istudji dwar il-ġisem jagħtu rendikont iddettaljat ta' kif il-korp uman intuża biex jirrappreżenta ż-żmien, il-politika (permezz tal-*body politic* u anki tal-patrija u kunċetti oħra simili).

L-iskop ta' dan l-artiklu huwa li tiġi studjata l-korposfera li toħroġ mill-poeżija ta' kittieba li ħafna drabi ġiet assoċjata biss mal-ħlewwa, ma' l-innoċenza u s-sabiħ: Mary Meylak. Il-poeżija ta' l-unika poetessa Romantika Maltija toffri għalqa mdaqqsa ta' materjal li minnu nistgħu niskopru dimensjonijiet oħra tal-poeżija ta' din il-mara.

**In-nisa sbieħ, l-irġiel ...**

Harsa mill-qrib lejn il-poeżija ta' Meylak turi l-attenzjoni kbira li tat lill-figura femminili. Fil-fatt, il-karattri prinċipali li tippreżenta Meylak fil-poeżiji narrattivi tagħha huma nisa. Dan l-aspett huwa importanti ħafna għall-fatt li l-kittieba Romantiċi l-oħrajn, fil-maġġoranza assoluta, ippreżentaw eroj irġiel, filwaqt li n-nisa kienu hemm biex iżejnu r-rakkont bi ġmielhom u bl-innoċenza u s-sottomissjoni tagħhom. "Grezz il-Gwerriera", merfugħa mill-ktieb *Album* (1947) hija l-eżempju l-aktar ċelebri ta' dan, fejn bis-saħħa ta' waħda tfajla Malta ssalva minn ħbit mill-Għarab. Sa l-Ħakem ta' Malta jibqa' mgħaġġeb bil-kuraġġ kbir li turi din it-tfajla li waħidha mexxiet kontro-attakk kontra l-aggressuri ta' Malta. Sa hawnhekk, il-poeżija diġà turi ċerta oriġinalità meta mqabbla ma' x'kien jinkiteb mill-kittieba rġiel, iżda (u għall-fini ta' dan l-artiklu huwa aktar interessanti) Meylak tmur lilhinn. Meta tintebaħ bl-attenzjoni 'maskili' li l-Ħakem jagħtiha wara r-rebħa fuq l-għadu, Grezz tgħarrfu li hija għarusa lil ċertu Peppi l-Grillu minn Birkirkara li

Għalkemm fqajjar, smajjar, qsajjar
Isbaħ minnu 'l ħadd ma nara!

"Grezz il-Gwerriera" mhux biss tiddevja min-norma Romantika li tagħti erojina minflok eroj, imma taqleb ir-rwoli li ħoloq l-isterjotip Romantiku. Il-Ħakem jimmeravilja ruħu bil-ġmiel ta' Grezz, l-aktar b' "xuxet is-sbul id-deħ'b", filwaqt li Peppi m'huwiex il-ġuvni sabiħ li jippareġġja mat-tfajla; lanqas m'hu ż-żagħżugħ mibni u immuskolat kif kien l-ideal Romantiku u l-isterjotip tax-xbieha maskili.

L-istess jiġri f'poeżija narrattiva oħra mill-istess ġabra, "Id-Destin ta' St. Clement": il-mara tal-kaptan ta' bastiment tissejjaħ "l-imperatriċi / Ta' l-imperu ikħal nir" u "l-ġenna tal-baħar, / kulħadd fiha jara l-ġmiel". Iżda m'huwiex il-ġmiel li jispikka l-aktar f'din il-mara, imma l-qlubija tagħha. L-istess karatteristika nsibuha f' "Il-Warda Maltija u l-Anġlu tax-Xelter". Hawn ukoll niltaqgħu ma' tfajla mill-isbaħ – Karmena – li waqt ħbit mill-ajru tinġibed lejn Ġorġ li jkun qiegħed jistkenn fl-istess xelter magħha. Aktar 'il quddiem, meta Ġorġ isib ruħu fl-armata jiddefendi lil pajjiżu, Karmena, tilbes ta' raġel biex tkun tista' tmur ħdejh u tkun tista' tipparteċipa fid-difiża tal-pajjiż. U tispiċċa maqtula: erojina oħra li l-kittieba rġiel ftit li xejn ħolqu bħalha.

In-nisa fil-poeżiji ta' Meylak huma kollha sbieħ, u l-poetessa toqgħod attenta ħafna li anki jekk ma tgħidx kategorikament li mara hija sabiħa, tagħmel hekk permezz tad-deskrizzjoni li tagħti tagħha. Fil-poeżiji tagħha l-karattri nisa jew il-karattri femminili huma numerużi: l-erojini li diġà semmejna, sinjorini, ommha, il-Madonna, ix-xemx, ħlejqiet oħrajn li jiġu antropomorfizzati ma' nisa (sbieħ), saħansitra ideat astratti li jieħdu kwalitajiet femminili. Mill-banda l-oħra, il-karattri rġiel jew maskili huma ftit, u waħda mill-affarijiet li jispikkaw f'dan ir-rigward hija t-trattament differenti li Meylak tagħti lill-karattri skond il-ġens tagħhom.

Peppi l-Grillu, dak is-smajjar u qsajjar (u allura ikrah) huwa wieħed minn numru żgħir ta' rġiel imsemmija minn Meylak. Minn din il-lista qasira ta' rġiel, il-Grillu m'huwiex l-uniku ikrah li hemm. Pereżempju fil-poeżija "Monument lil Ġorġ Meylak (Missieri)", merfugħa mill-ġabra *Villa Meylak* (1947), Meylak tiddieħaq bl-istatura ta' missierha:

> Dan kien missieri, raġel tgħidlu mdaqqas,
> Lewn qamħi, qargħi, tgħoddu mal-ħoxnin,
> Għajnejh kannella kbar, mnieħru suffara,
> Mustaċċi 'l fuq bil-ponta, mibrumin.

L-istess bħal fil-każ ta' Grezz u l-Grillu, omm u missier Meylak, għallinqas kif tiddeskrivihom hi f' *Villa Meylak*, huma l-oppost ta' xulxin: il-mara hija sabiħa,

ir-raġel mhux. F'*Villa Meylak* il-poetessa tiddeskrivi 'l ommha fil-poeżija "Monument Mananni Meylak (imwielda) Grech (Ommi)" b'dan il-mod:

Sabiħa għadha llum wiċċha jirkaċċa,
Mur ara meta kellha xi tmintax,
Le mhux għax ommi, imm'hekk jitlob is-sewwa,
Ta' mparha isbaħ minnha ma tarax.

It-trattament differenzjali li Meylak tagħti lil karattri femminili u oħrajn maskili jmiss ukoll lil ħwejjeġ oħrajn li mhumiex umani. Il-ktieb b'poeżija waħda *Dawra Misterjuża* (1947) jirrakkonta vjaġġ fantastiku li Meylak tagħmel, fejn f'xi waqtiet tkun akkumpanjata mix-xemx u f'oħrajn mill-qamar. Ix-xemx tbus lil Meylak fuq xufftejha u min-naħa tagħha l-kittieba tindroduċiha bħala dik li "qatt ma rajt maestuż daqsha / Sabiħa u ħamranija." Malli x-xemx tħabbar lil Meylak li se jkollha titlaq – "Skużani ħafna Mary Meylak, qalbi, / Se nitlaq u nħallik" – il-kittieba tingħafsilha qalbha x'ħin taraha sejra. Lill-qamar ma tagħtihx deskrizzjoni hekk sabiħa, pjuttost timbarazza ruħha xi ftit minnu wara li fi ktieb ieħor tgħid li l-qamar m'huwiex sabiħ bħax-xemx.

Mhux għax ma nsibux irġiel magħquda u b'saħħithom u sbieħ. F'"Il-Warda Maltija u l-Anġlu tax-Xelter", il-ġuvni jitlaqqam "anġlu" u tajjeb li naraw liema huma l-fattizzi li jagħmluh sabiħ: kuntrarju għal Peppi l-Grillu, Ġorġ f' "Il-Warda Maltija u l-Anġlu tax-Xelter" għandu

[...] għajnejh żoroq,
Xuxtu mdeh'ba bħar-raġġi tax-xemx

## Qisha r-reġina

Is-sbieħ, għal Mary Meylak, huma dawk b'għajnejhom żoroq u b'xagħarhom isfar. Hemm diversi poeżiji li fihom il-karattri li tinnamra magħhom għandhom żewġ karatteristiċi komuni: il-kulur blu ta' l-għajnejn, u x-xagħar lewn id-deheb. Imkien daqs kemm fil-poeżija "Why Do You Love Me?", merfugħa mill-ġabra *Songs You Will Like* (1971) ma nsibu dikjarazzjoni hekk ovvja ta' x'inhu s-sabiħ skond Mary Meylak. Miktuba f'sensiela ta' distiċi, Meylak titkellem fuq l-imħabba fiżika u toħroġ forma li fil-fatt hija l-ideal li kienet diġà kitbet dwaru f'diversi poeżiji tagħha:

*I love you for you have a pointed nose*
Your name is like my mother's Mary Rose.

I love you for your mouth is small and sweet
And for your slender waist and tiny feet.

I love you for your golden curly hair
And for your freckled face extraordinary fair.

[...]
*I love you for your eyes and deepest blue*
*And when you speak I can rely on you.*

*I love you for the dimple in your face*
*And for the nicest manners and your ways.*

Filwaqt li hija ovvja li din id-deskrizzjoni hija ta' waħda mara, l-affarijiet li jingħad dwar din il-persuna huma l-figura ideali skond Meylak. F'"Monument Mananni Meylak (imwielda) Grech (Ommi)" lis-sinjura Meylak "taħsibha Ingliża". Għalkemm jeżistu Ingliżi anki suwed, fuq livell popolari ix-xbieha sterjotipata ta' l- "Ingliżi" hija x-xbieha bjonda, b'għajnejn żoroq, u wiċċ mimli nemex; pjuttost ix-xbieha nordika milli xi oħra. Din hija x-xbieha dominanti fl-iġsma sbieħ fil-poeżiji ta' Mary Meylak. Grezz fi "Grezz il-Gwerriera", ix-xbejbiet sbieħ ta' Santa Luċija f' "Santa Luċija" (b'wiċċhom mimli nemex!), is-Sinjura Meylak u Ġorġ ta' "Il-Warda Maltija u l-Anġlu tax-Xelter" għandhom kollha fattizzi Nordiċi.

Wieħed ma jistax jifred il-kitba ta' dawn il-poeżiji mill-perjodu partikolari li nkitbu fih. Filwaqt li d-deskrizzjonijiet l-aktar komuni ta' kif kienu jidhru l-Maltin jiddeskrivu karnaġġjon skur u xagħar iswed, Meylak tikteb fuq Maltin b'dehra Nordika, jew aħjar, ta' dehra "Ingliża". Dan il-punt huwa interessanti meta wieħed iqis li mir-rapporti numerużi ta' vjaġġaturi lejn Malta jew ta' uffiċjali għolja fl-amministrazzjoni ta' l-Ordni jew dik Brittanika, donnu li hemm qbil kważi unanimu li l-ġisem Malti ma kellu ebda ħjiel ta' dehra Nordika; anzi, kien ġisem pjuttost tan-nofsinhar, jekk mhux ukoll Għarbi kif deskritt minn uħud. Domenique Vivant De Non f'ġurnal li kiteb fl-1789 jikkummenta li l-fattizzi tal-Maltin huma "Għarab daqs il-lingwa li jitkellmu".[9] Sa ħamsin sena wara, jidher li l-ġisem Malti kien baqa' l-istess, għallinqas

skond ma jgħid Alphonse de Lamartine, fil-kummentarju tal-vjaġġi tiegħu lejn il-Lvant.[10] Uħud minn dawn il-vjaġġaturi kienu kategoriċi fil-konklużjonijiet li ġibdu: il-Maltin huma Għarab u dan minħabba li huma "qosra, b'saħħithom, imbaċċna, b'xagħarhom innukklat, imneħirhom ċatt, xufftejhom mibrumin 'il fuq, u l-karnaġġjon l-istess bħal dak tan-nies tal-Barberija".[11] Madankollu jidher li mal-miġja ta' l-Ingliżi, jew ftit wara, il-ġisem Malti *beda* jinbidel, tant li fi ktieb ippublikat fl-1938, Eric Brockman jitkellem fuq tfajliet b'xagħarhom "imdieheb daqs tan-Norveġiżi"[12] u oħrajn b'għajnejhom skuri. Fi ktieb ieħor, l-istess awtur jargumenta li l-Maltin bdew jitilfu l-Latinità tagħhom mas-snin għoxrin, iż-żwiġijiet imħallta ma' l-Ingliżi bdew jiżdiedu, it-tfajliet Maltin, l-ewwel tal-bliet imbagħad ta' l-irħula, bdew jaddottaw drawwiet u saħansitra kostumi ta' l-Ingliżi wkoll. Il-"virus Ingliż", kif isejjaħlu Brockman, beda jqum wara li kien ilu rieqed għal seklu sħiħ; f'daqqa waħda tfaċċa anki minħabba reazzjoni kontra l-Italja Faxxista.[13] Mela, fi żmien li kienet qiegħda titkellem fuq is-sinjorini tagħha Mary Meylak, dawn seta' diġà kellhom għajnejn blu u xagħarhom isfar. Madankollu Meylak tagħmel lix-xbieha l-bjonda, jew għallinqas mhux-samra, bħala l-ideali, u dan għaliex il-bjond kien ifakkar fl-"Ieħor" dominanti. Mhux ta' b'xejn, mela, li s-sinjorina Vella, f' "Is-Sinjorina M Antonjetta Vella", għalkemm għandha għajnejha kannella, għandha ħarsa "tixbaħ ħafna 'l tar-Reġina".

### Is-sinjorini sbieħ u safja

Il-predispożizzjoni ta' Dun Karm Psaila lejn it-tfajliet li jaħdmu r-raba tista' tikkonvinċina li r-Romantiċiżmu Malti ħares lejn din il-mara u mhux biss idealizzaha imma wkoll bidilha f'simbolu ta' dak li huwa purament u tipikament Malti. M'huwiex Dun Karm biss li jidealizza lil din ix-xbieha kampanjola, il-mara mibruma li l-ewwelnett tgħix ħaġa waħda ma' l-art li wilditha u t-tieni tistmell il-belt u dak kollu li ħiereġ minnha. Biżżejjed li wieħed isemmi kif il-pitturi 'folkloristiċi' ta' Edward Caruana Dingli jpinġu l-istess tfajla li Dun Karm kiteb dwarha: gustuża, mibruma, b'par wardiet ħomor, u qatt ma tidher bjonda.

Mary Meylak, iżda, timla l-poeżiji tagħha b'nisa differenti ħafna minn dawn. In-nisa l-ħelwin li tikteb dwarhom, tneħħi l-erojini nazzjonali, huma sinjorini petiti u mhux bdiewa. Antonjetta Vella, li għandha "wiċċ sbejjaħ, roża fin qisu tal-kina", taħdem bħala inspectress fl-iskejjel elementari tal-Gvern;

għandha dehra delikata b' "imnieħer mislut, kelmtiha żîna / bi ħlewwa ta' manjieri minn ġol-vina". Is-sinjura Cassar, fil-poeżija "Is-Sinjura Elizabeth Cassar", għandha tbissima bħal tal- "pupi fl-armatura". Aktar milli bidwija, Elizabeth Cassar iddoqq il-pjanu.

L-istess bħall-kittieba l-oħrajn ta' żmienha, Meylak ħarset lejn il-ġisem tal-mara, u mhux tar-raġel, biex tevoka l-ġmiel Malti, u l-istess bħall-awturi Romantiċi l-oħrajn, Meylak iċċelebrat dan il-ġmiel billi tat deskrizzjonijiet pjuttost iddettaljati, ċerti drabi saħansitra erotiċi. Id-differenza bejn Meylak u l-kittieba kontemporanji tagħha hi li n-nisa li tkellmet dwarhom kienu ta' xeħta borgiża u mill-bliet, jiġifieri dawk li kienu qegħdin jimitaw, fi lbieshom u fil-manjieri tagħhom, lis-sinjorini Ingliżi li kienu jkunu Malta.

Kien biss fl-aspett morali li Meylak ittrattat lil dan il-ġisem femminili Malti bl-istess mod kif ittrattawh il-kittieba l-oħra rġiel. F' "Dawra Misterjuża" wara li tkun għamlet il-vjaġġ fantastiku tagħha, Meylak tindirizza lin-nisa ta' Malta u b'ton maternalistiku ħafna tgħidilhom:

U intom nisa, sħabi, agħrfu rabbu,
Għax intom tkunu l-ħtija!
Tellgħulna nies li għajb ma jkunx li jagħmlu
Lill-ġieħ ta' l-art Għawdxija:

Bl-għonnella, żommu s-satra u l-mistħija
U s-sokra ġewwa l-bieb,
Ħa nibqgħu nisa li tgħidilna nisa
U mhux jgħajruna dwieb!

Ilbieskom u drawwietkom żommu xierqa
Il-galbu jżejjen debba,
Mel'aħseb ara kemm il-ġieħ isebbaħ
L-għotjiet li għandha xebba!

Is-safa, bħall-ġmiel, kellha tkun dik il-kwalità tant importanti li bih jissebbaħ il-ġisem femminili Malti. Anki f'dan il-każ, il-ġisem maskili mhux talli huwa inviżibbli, talli donnu huwa lilhinn minn kull possibilità li jitħammeġ: huwa l-ġisem femminili biss li jista' jikkorrompi ruħu. Hawnhekk ukoll, mela, minkejja din l-assenza ovvja tal-ġisem maskili, dak li qiegħda tagħmel Meylak huwa li ssaħħaħ il-kostruzzjonijiet soċjali kontemporanji tal-maskulinità u l-femminilità.

Kif tgħid Garb, is-soċjetà tħalli l-marka tagħha fuq il-ġisem, u timmodifikah skond kif tiħtieġ hi.[14] Naturalment, id-diskors ta' safa u ġmiel se jinkludi wkoll id-diskors reliġjuż. Fil-poeżija ta' Meylak dawn iż-żewġ kwalitajiet jilħqu l-apiċi tagħhom fil-figura tal-Madonna. Din tagħti lill-poetessa lok ideali fejn tista' tiċċelebra l-ġmiel femminili, għaliex minn tant kwalitajiet li kittieba oħrajn taw lill-Madonna, Meylak għażlet il-ġmiel bħala l-aktar importanti. Ġmiel il-Madonna jisboq il-ġmiel li l-poetessa rat fin-nisa l-oħrajn li ltqajna magħhom s'issa. F' *Villa Meylak* hemm numru ta' poeżiji ddedikati lill-Madonna u fost dawn hemm disgħa dwar fjuriet differenti li l-ġmiel tagħhom jixxebbah ma' dak tal-Madonna. Madankollu, filwaqt li n-nisa l-oħrajn huma deskritti b'ċertu dettall, il-fattizzi, il-karnaġġjon, ix-xagħar, l-għajnejn u l-forma tal-Madonna ma narawhom qatt; Meylak ma turihomlna qatt. Li nistgħu ngħidu hu li m'hemm xejn u ħadd isbaħ minnha. Filwaqt li n-nisa l-oħra jidhru tant fiżiċi, tant imlaħħma, il-ġisem tal-Madonna jibqa' moħbi anki f'dak il-waqt li suppost qegħdin narawh quddiemna. F' "Is-Sinjura tal-Villa", fil-fatt, Meylak tagħmilha ċara li lanqas biss se tipprova tagħtina ritratt ta' din il-mara:

Liema id se tfisser x'donnha,
L-isfa tfajla, bint il-ġenna,
Din ix-xbieha tal-Madonna?

L-isbaħ fost is-sbieħ ma nistgħux narawha, daqslikieku ġisimha m'huwiex tal-laħam, m'għandux forma, m'għandux karatteristiċi – għandu biss sensiela ta' effetti, fosthom li kulħadd jitgħaxxaq b'dan il-ġmiel, inkluż is-sema ("Ortensia" u "Kampanella") u Alla ("Dalja"). U huwa permezz ta' dawn l-effetti li Meylak tiddeskrivi l-ġmiel tal-Madonna mingħajr ma tlaħħmu.

### Iż-żmien vs in-nisa

Anki għal Mary Meylak iż-żmien huwa l-ikbar għadu tal-bniedem. Madankollu, għal poetessa li fiha jispikka n-nuqqas ta' niket u malinkonija, iż-żmien ma jittiħidx bħala l-ħabbar tal-mewt eventwali, daqskemm il-qirda tal-ġmiel fiżiku. Wara kollox, anki jekk il-ġmiel korporali huwa ċċelebrat, xorta jidher li hemm element ta' vanità f'dan kollu, tant li, kif rajna, Meylak ukoll trid tgħatti s-sbuħija bl-għonnella. F' "Facing a Mirror", poeżija oħra merfugħa minn *Songs You Will Like*, il-poetessa tagħmel appell ieħor lin-nisa li xi darba kienu sbieħ: tħarsux aktar lejn il-mera. Dawn in-nisa li xi darba ċċelebratilhom ġmielhom,

issa, proprju fl-għatba tax-xjuħija, il-poetessa titħassarhom għaliex il-ġmiel dbiel. Il-wardiet jisparixxu, il-laħam isir pallidu, l-għajnejn jidħlu fil-ħofra u dik il-ħeġġa ta' dari tonqos. In-nisa li jħarsu lejn il-mera u 'jiddislokaw ruħhom' mix-xbieha li tħares lejhom[15] issa jiksbu s-simpatija tal-poetessa hekk kif tarahom jillottaw għall-impossibbli.

Katrin, fil-poeżija "Tliet Ritratti ta' Ħajja" (*Album*) kienet, bħal kull mara oħra li tikteb dwarha Meylak, mara sabiħa b' "wiċċ ta' tuffieħa". Ġanni, żewġha, bħalma titlob in-norma ta' l-isterjotip, kien "f' saħħtu qisu għoqda". Illum, xjieħu t-tnejn – mhux biss xagħarhom bjad imma wiċċhom sar "boroż", u fejn qabel ħarsu lejn xulxin b'ammirazzjoni issa jagħtu " 'l xulxin ħarsa ta' ħniena". "Tliet Ritratti ta' Ħajja" hija poeżija ta' disfemiżmu, fejn id-deskrizzjoni tax-xjuħija hija ddettaljata daqs kull deskrizzjoni tal-ġmiel li tagħti Meylak:

Dak il-ħin, imkerċha, imħattba,
Nanntu tqum togħrok wirikha,
Ġanni jqum skuxxat xejn b'anqas
Jaqbad f'idha ħa jwiżinha.

Minn ġol-but tal-fardal tagħha,
Katarin tatu maktur,
Qaltlu: "Xxotta xufftejk naqra
Għax il-lgħab magħhom idur.

[...]
"Mur u ġib mehries ħa nisħqu,
Il-qubbajt farrku ġulġlien!"
Qaltlu hi: "Ftakar li aħna,
Ħalqna mar u t-tnejn bla snien!"

Id-deskrizzjoni tal-kruha, tad-deterjorament fiżiku, ixxaqleb lejn il-grottesk, anki jekk l-għan ta' Meylak hu li toħloq tbissima u simpatija lejn koppja li xjaħet u baqgħet tinħabb. L-istess bħalma tagħmel fil-każ ta' Peppi l-Grillu, Meylak ma toqgħodx lura milli tagħtina ritratt ta' żewġ iġsma 'koroh'; il-ħarsa tagħha lejn il-ġisem tixħetha anki jekk dan ikun ikrah, kif rajna wkoll f' "Monument Ġorġ Meylak (Missieri)". Dan isaħħaħ il-punt li l-ħarsa tagħha Meylak ma tixħethiex fuq is-sabiħ, iżda fuq il-ġisem: żagħżugħ, b'saħħtu, żnell, sbejjaħ imma wkoll xiħ, iddeterjorat, u ikrah.

Jirriżulta li taħt il-libsa ta' sempliċità li tikkaratterizza l-poeżija ta' Meylak, jitqajmu punti li jikkontradixxu l-innoċenza tat-testi tagħha. L-ewwel nett hemm din il-ħarsa fissa lejn il-ġisem uman li jingħata attenzjoni kbira u huwa ċċelebrat fil-ġmiel u anki fil-kruha tiegħu. Barra minn dan hemm ukoll id-dimensjoni politika li toħroġ minn dan il-ġisem, dimensjoni li tikxef tensjoni bejn it-tradizzjoni u l-isterjotip fuq naħa u d-devjazzjoni fuq oħra. In-nisa libsin l-għonnella, biżlin u ħawtiela, preokkupati b'surithom – hekk kif xtaqet u rrikmandat is-soċjetà –[16] u n-nisa l-eroj li saħansitra jaqdu rwoli tradizzjonalment maskili.

Hemm ukoll il-punt dwar liema forma ta' mara Meylak għażlet biex tikteb dwarha. M'hemmx dubju li, filwaqt li n-nisa bl-għajnejn żoroq u b'xagħarhom imdieheb jimmarkaw devjazzjoni oħra ta' Meylak mit-tradizzjoni Romantika, il-preferenza tagħha għax-xbieha Nordika hija l-effett tal-kolonjaliżmu, fejn l-ieħor dominanti jieħu dimensjoni u valur simboliku tant qawwi li l-kolonjalizzat jibda jidentifika miegħu u jinkorpora fih aspetti u kwalitajiet li 'l barra mill-istorja kolonjali tiegħu kienu jkunu totalment aljeni għalih.[17]

L-inviżibilità (anki jekk mhux l-assenza totali) tal-ġisem maskili fil-poeżija ta' Meylak tkompli tagħti x-xeħta xi ftit devjanti tal-poeżija tagħha: l-iġsma ta' l-irġiel, f'dawk il-każi rari meta jiġu deskritti – huma jew 'koroh' (jew tad-daħq), inkella jidhru bħalma jidhru dejjem u l-poetessa qajla tagħtina dettalji dwarhom. Din l-inviżibilità tmiss ukoll lill-ġisem tal-poetessa nfisha. Id-deskrizzjoni li Meylak tagħti ta' ġisimha fil-poeżija "Monument Mary Meylak" hija minima, anzi tgħid li tixbah lil missierha u ssemmi fatturi li semmiethom fil-poeżija dwaru. Mill-bqija ġisimha jibqa' inviżibbli, bħal xiħadd li qiegħed josserva minn moħba. Fix-xebh tagħha ma' missierha Meylak tieħu l-karatteristiċi 'maskili', jew aħjar karattersticì 'mhux-femminili': kuntrarju għan-nisa l-oħrajn Meylak ma tħarisx lejn il-mera, ma tinħasadx bis-sinjali taż-żmien fuq il-ġilda u lanqas titlef ħin tagħmel l-affarijiet "tan-nisa". Fl-istess poeżija fejn ixxebbah lilha nfisha ma' missierha, tkompli: "m'għandix moħħ niżżejjen, / jew nilgħab ma' persunti, jew mal-libsa". Il-poetessa tiddisassoċja ruħha mill-"femminilità" kif mifhuma soċjalment u tinħeba wara l-ħarsa tagħha, tiskorpora ruħha u ssir inviżibbli. Anki hawn nerġgħu nilmħu t-tensjoni tal-kontradizzjoni, il-għaliex filwaqt li tagħmel dan l-att devjanti, Meylak issaħħaħ l-attitudni tas-soċjetà patrijarkali li tħares lejn is-sess femminili bħala s-sess estetiku: huwa l-ġisem tal-mara li qiegħed hemm biex in-nies iħarsu lejh u mhux tar-raġel u, aktar minn hekk, hija l-identità tal-mara li l-aktar li tiddependi mid-dehra fiżika tagħha u mhux dik tar-raġel, bħallikieku l-ġisem tal-mara qiegħed għal-lest biex jiġi

analizzat, skrutinizzat.[18] Id-dettalji li Meylak tagħti ta' l-iġsma tan-nisa (li wara kollox huma simili għal dawk li kitbu dwarhom il-poeti rġiel) huma frott il-ħarsa klandestina tal-poetessa moħbija wara l-għata li tagħmilha inviżibbli.

**Kotba ta' Mary Meylak imsemmijin fl-artiklu**

*Pleġġ il-Hena* (Malta: Lux Press, 1945)
*Album* (Malta: Lotus Press, 1947)
*Dawra Misterjuża* (Malta: Lotus Press, 1947)
*Villa Meylak* (Malta: Lotus Press, 1947)
*Songs You Will Like* (Malta: Veritas Press, 1971)

**Noti**

1 Dan l-artiklu huwa parti mix-xogħol ta' l-awtur fuq it-teżi tad-dottorat tiegħu dwar il-ġisem fil-poeżija Maltija tas-seklu 20.

2 Nick Crossley, *The Social Body: Habit, Identity and Desire* (Londra: Sage Publications, 2001) 1.

3 Maurizio Calbi, *Approximate Bodies: Gender and Power in Early Modern Drama and Anatomy* (Londra u New York: Routledge, 2005).

4 Michel Foucault, *Surveiller et Punir: Naissance de la Prison* (Pariġi: Editions Gallimard, 1975); *La Volonté de Savoir* (Pariġi: Editions Gallimard, 1976); *L'Usage des Plaisirs* (Pariġi: Editions Gallimard, 1984); *Le Souci de Soi* (Pariġi: Editions Gallimard, 1984).

5 Nicholas Mirzoeff, *Bodyscape: Art, Modernity and the Ideal Figure* (Londra u New York: Routledge, 1995).

6 Judith Butler, *Bodies that Matter: On the Discursive Limits of 'Sex'* (Londra u New York: Routledge, 1993).

7 Georges Bataille, *L'Erotisme* (Pariġi: Les Editions de Minuit, 1957); Agata Dziuban "Spirituality and the Body in Late Modernity," *Religion Compass* 1 (2007) 1–19.

8 Julia Kristeva, *Soleil Noir: Dépression et Mélancolie* (Pariġi: Gallimard, 1987); Nadia Tazi, "Celestial Bodies: a few steps on the way to heaven," u Michael A. Williams, "Divine Image – Prison of Flesh: perceptions of the body in ancient

Gnosticism," *Fragments for a History of the Human Body, Part One,* ed. Michel Feher, et al. (New York: Urzone, 1989).

9 Domenique Vivant De Non, *Travels in Sicily and Malta* (Londra: GGJ & J Robinson, 1789).

10 Alphonse De Lamartine, *Travels in the East, Including a Journey in the Holy Land* (Edinburgu: William & Robert Chambers, 1839) 16.

11 Louis de Boisgelin, *Ancient and Modern Malta* ( Londra: Richard Phillips, 1805) 77.

12 Eric Brockman, *Maltese Memories* (Londra: Rockliff Publishing, 1938) 30.

13 Eric Brockman, *Last Bastion: Sketches of the Maltese Islands* (Londra: Darton, Longman & Todd, 1961) 200.

14 Tamar Garb, *Bodies of Modernity: Figure and Flesh in fin-de-siècle France* (Londra: Thames & Hudson, 1998) 11.

15 Vivian Sobchack, "On Morphological Imagination," ed. Flannagan Mary u Booth Austin, *re:skin* (Massachusetts: Massachusetts Institute of Technology, 2006) 103.

16 Susie Orbach, *Fat is a Feminist Issue*, it-2ni ed. (Londra: Arrow Books, 1988) 30-31.

17 Ara pereżempju Coco Fusco, *The Bodies That Were Not Ours and Other Writings* (Londra u New York: Routledge, 2001).

18 Sylvia K. Blood, *Body Work: The Social Construction of Women's Body Image* (Londra u New York: Routledge, 2005) 101.

# Il-Meraq taż-Żmien:
## Ħarsa lejn ir-Raba' Taqsima ta' *Bil-Varloppa* ta' Louis Briffa

Peter Serracino Inglott

Kieku kont storiku tal-poeżija Maltija, id-deformazzjoni professjonali kienet iġġegħelni ninkwadra lil kull poeta li tmissni x-xorti nikteb dwaru f'każella jew oħra skond il-kanoni stabbiliti mill-professuri tal-letteratura, u naħseb li kont inġarrab tentazzjoni kbira li lil Louis Briffa nittimbrah bħala wieħed mill-ewlenin fost il-bennejja tal-poetika għadha trid titfassal ta' l-epoka bikrija Ewro-Maltija.

Allura kont nistenna l-mistoqsija: liema huma l-karatteristiċi ta' din il-poetika li għadha ma teżistix? It-tweġiba hi: tintgħaraf meta jintlemħu fiha r-riflessi tal-kundizzjonijiet tal-kitba fis-snin meta Malta sewwasew saret parti mill-Unjoni Ewropea. Jiena kelli x-xorti li ngħarbel il-poetika (jew teorija ta' kif tinkiteb il-poeżija) fis-snin ta' minnufih wara l-indipendenza meta l-kuntest ġdid tal-ħajja f'pajjiżna xpruna l-poeti jiktbu "linji godda". L-għamla u l-għaġna tal-versi ħadu suriet ġodda li kienu jirriflettu l-mistoqsijiet dwar l-identità tagħna bħala ġens u nazzjon, il-kriżi tal-"jien" u tal-possibbiltà li s-soġġettività tiġi kkomunikata permezz tal-lingwa anki meħlusa minn kull ilġiem artifiċjali, u d-dubji jifnu dwar il-valuri tradizzjonali u l-istess sens ta' l-eżistenza umana. Bejn wieħed u ieħor, minkejja l-ilħna ġodda li bdew jinstemgħu, l-ideali poetiċi u l-motivazzjoni profonda tal-poeżija Maltija fil-ġeneralità tagħha baqgħu għal ġenerazzjoni sħiħa l-istess – dawk ta' wara l-Indipendenza. Ma' bidla storika li għandha effetti ta' qawwa li ma tistax ma tqabbilhiex ma' dik ta'

l-Indipendenza, tiġi waħedha l-istennija ta' żvilupp poetiku ta' firxa tixbah lil dik ta' tmiem is-snin sittin u tal-bidu tas-snin sebgħin.

L-epoka Ewro-Maltija bdiet kważi flimkien mat-tielet millennju. F'dawn is-snin kien jidher li mad-dinja kollha tal-Punent kien qed iseħħ it-trijonf tal-profezija tal-filosfu tas-seklu dsatax, Hegel: "Il-Mewt ta' l-Arti". Minflok il-pittura u l-iskultura, daħlu l-*installations*. Il-*happenings* u l-movimenti fiżiċi kważi mingħajr kliem xejn ħadu post it-teatru mibni fuq trama minsuġa fuq kollox mill-kliem. Fil-qasam tal-mużika, il-kompożitur forsi l-aktar stmat f'dawn is-snin, John Cage, xandar kompożizzjoni jisimha "Silenzju" li fiha s-semmiegħa fis-sala tal-kunċert ma semgħu xejn ħlief xi ħoss li ġie minbarra ta' xi karozza għaddejja jew it-tqaħqiħ tagħhom stess. Il-poeti l-aktar magħrufin qagħdu jiċċelebraw l-inkapaċità tal-bnedmin li jikkomunikaw bejniethom b'diskors raġunat. Dan kien li ġara fiż-żmien li ssejjaħ l-epoka tal-"post-moderniżmu".

Hekk kif beda joqrob il-bidu tat-tielet millennju, li ħabat l-istess żmien meta l-Ewropa tal-Lvant kienet qed terġa' tingħaqad ma' l-Ewropa tal-Punent, u meta l-Unjoni Ewropea kienet qed tieħu sura ġdida, aktar integrata u bi skambji kulturali aktar sfiqa, reġgħu tfaċċaw fuq ix-xena artisti jħabbru rebbiegħa ġdida tal-pittura u l-iskultura, tal-mużika u tal-poeżija fis-sens awtentiku tagħhom. Ma kinux qed jippruvaw jagħmlu l-impossibbli li l-anqas ma kien mixtieq – jiġifieri li jirritornaw lejn l-imgħoddi qishom ma seħħux la r-rivoluzzjoni modernista u l-anqas il-kważi-rivoluzzjoni post-modernista. Bħal Louis Briffa f'dan il-ktieb, għadd ta' poeti minn kull xaqliba ta' l-Ewropa ippruvaw jerġgħu jintegraw il-kwalitajiet tradizzjonali/essenzjali tal-poeżija bħall-użu tal-kelma b'attenzjoni għal ħoss barra mis-sinifikat, bħax-xbihat mhux mistennija li tarahom joħorgu qishom minn rajhom mill-forġa tal-fantasija u ta' l-istħajjil, u l-bqija; imma mdaħħla f'kuntest immarkat bit-traċċi tat-tifrik u l-frammentazzjoni, ta' l-irmixk u r-rimi mnissel miċ-ċiviltà li l-aktar ipproduċiet skart fl-istorja tal-bniedem, qalb il-frażijiet sterjotipati u d-damdim kważi bla sens tad-*disk jockeys* u xandara oħra bl-istess ħakma ristretta fuq ir-riżorsi tal-lingwa, qalb l-istonaturi u l-vojt li heda u għoxa bihom il-post-strutturaliżmu.

Protagonista ta' l-iprem poeżija ta' l-epoka bikrija Ewro-Maltija bħal Louis Briffa jibda billi jara li l-ħajja, biex tgħixha kif jixirqilha, teżiġi li tiġi tradotta fi kliem. Aħna għandna bżonn nirriproduċu wċuħha kollha, li nantiċipaw il-ġejjieni u niftakru fil-passat, li l-ħajja npinġuha, u anki ximindaqqiet li nidħqu biha. U dan kollu għaliex kull bniedem hu akkanit u ħerqan biex isir jaf aħjar hu min hu. Il-poeta, bħal Pilatu, jerfa' sebgħu l-werrej u jlissen b'leħen miksur bejn il-mogħdrija u l-istmerrija: "Hekk hu l-bniedem!"

Xejn ma nistagħġeb li forsi l-aktar li jispikkaw fost il poeżiji li nixxew mill-esperjenzi tal-ħajja huma dwar imwiet. Aktar għandhom ix-xeħta ta' nekroloġiji milli ta' epitaffji. Il-mewt hawnhekk tidher bħala r-responsabbli tax-xitwa kiefra li minnha għaddiet il-poeżija ta' l-Ewropa u lilhinn minnha fuq l-għatba tat-transizzjoni mill-età moderna għal dik post-moderna. Il-ħajja ġiet qabilha u terġa' tiġi warajha. Dawn l-eleġiji huma kollha personalizzati, imma forsi fejn l-aktar li tinħass profonda u kommoventi n-nota personali hu f'dawk il-poeżiji li fihom jinħass l-eku ta' l-esperjenza personali fl-ambjent ta' l-isptar – metafora naturali għall-kundizzjoni tad-dinja mimlija trawmi psikoloġici minbarra feriti fiżiċi. "Bla Isem" hi poeżija li tispjega dan li qed ngħid:

X'ħoss jagħmel kif jitrambel
dal-ħsieb fl-għammieq ta' moħħi
hekk kif narak tinġarr għal taħt ix-xafra ...

Li tista' tmurli 'l hinn,
taqbeż bi nkejja l-mixja naturali
bla nkun nista' nkantalek għal darb'oħra
u nagħfas fond idejk
u ngħidlek: "saħħa"
jifnini sħiħ ...

Dal-għodu sibtek tara l-aħħar provi
missielta ta' staġun.
Tirrabja għax Kimi tiegħek
inqabad f'ħalba xita
u l-asfalt sar sapun.
"Tibżax, sen'oħra tkun tal-Finlandiż,"
għedtlek imnerveż ...
kif rajt tal-bluża riesqa b'nofs tbissima
tistaqsik intix lesta
għall-waqt tal-verità.

Jiċċirkolaw ġo ngħasi
l-istess tħewdin,
l-istess enimmi jwaħħxu:
Tgħid x'ħoss ser tagħmel din l-orkestra stramba

f'tanbur sfurzat biex jisma'?

Kompożizzjoni sterilizzata tkun
li tiġi esegwita
bi srieraq u pinzetti,
b'suturi, xfafar, labar,
bi mqassijiet tremendi ...
Quddiem tal-baffi msebbla
il-partitura mċarrta
u n-noti jnixxu d-demm ...

Mhux b'għotja tal-passat offrewk, ja marti.
Minn midbaħ mingħajr żfin u fjuri mbierka,
u jdur fuq roti siekta,
niżżluk bil-mod,
itterter ...
feruta terħi l-loppju minn gerżumtek –
ċensier fl-arja tan-niket.
U d-dripp niżel ukoll
mad-dożi ta' morfina kkalkolati
mal-kolpi ta' l-uġigħ,
insopportabbli, kiefra ...

Is-sfura kollha għeja,
tagħfis l-idejn u l-għatx
fis-sejħa kiesħa kiesħa
għat-tfal li ma tnisslux
żarrduli l-kordi fermi tal-kuraġġ
u wqajt ballun tal-borra.

U meta qomt ...
mimlija kompassjoni rrakkuntajtli
dwar sala kollha dawl f'għajnejk maqluba,
dwar kliem ġuġù u għasel
sal-waqt tal-feriment.

Fuq kollox dwar qaddis minn Pietralcina

jassisti lill-kirurgu,
ibus idejk kesħin!

L-istrofi tjur imbiċċra llum,
għażiża marti,
ta' tifel b'moħħ marid
li għex fl-għabex tal-ħajja.

F'żgħoritna ġa żaruna
is-sirda tat-turment
u l-ħolm kollu motiv
għas-suwiċidju.

Bħal oħtha din is-sena
il-bikkerin tan-niket
tisqihulna ...
Imm'aħna ma ngemgmux
dwar l-att ta' dit-tortura.

L-uġigħ,
bħas-solitudni,
waħdek ma tgħixux ...

Kun af,
mhux wara l-barrikati tas-smewwiet
jinsab Ġesù tal-ħniena ...

Iżommlok rasek tqila flok imħadda
u jonfoħ nifsu fuq il-punti mdemmgħa,
Kristu li tgħożż, maħbuba ...
Kristu li tħobb, maħbuba ...

F'dinja fejn kulħadd jitwieled midrub, il-figura tat-tabib jew l-infermier li jbatu huma stess mill-istess marda li l-professjoni tagħhom teżisti biex tfejjaq toqgħod il-ħin kollu fl-isfond. Għelm singolari tal-poeżija ta' Briffa huwa l-empatija li għandu mal-vittmi ta' l-epidemiji li splodew fl-epoka bikrija Ewro-Maltija, bħad-droga, l-alkoħoliżmu, u t-tixqiq fis-swar tal-familja.

Il-forma materjali tal-poeżija hija irregolari bħall-ħajja ta' kuljum, imma hemm minquxa ġewwa fiha l-aspirazzjoni ta' xi versi biex jiddixiplinaw lilhom infushom ħalli jsiru jixbhu xi għamla li minħabba tradizzjoni ftit jew wisq twila tistqarr il-funzjoni tagħha minnha nnifisha. Saħansitra f'żewġ każijiet estremi jidhru l-forom ta' sunett. Imma fuq kollox jippredominaw forom li jidhru li huma werrieta tal-*projective verse* ta' Charles Olson b'mod aktar intimu mill-mimika superfiċjali tiegħu li ġieli osservajt qabel. Il-forma nfisha tħabbar il-preżenza għadha nofsha mistura tar-rebbiegħa l-ġdida li qed tlesti ruħha biex tixref 'il barra u twarrad fuq ix-xefaq ta' l-art f'ħin l-għabex.

Briffa jisboq lilu nnifsu fil-ħila li jiddeskrivi dettalji tal-ġrajja u partikolarijiet tal-postijiet li jiġu taħt għajnejh, inkluzi dawk li jqanqlu tbissima flimkien ma' dawk li jġibu għafsa ta' qalb. Għalkemm, kif turi l-forma tal-biċċa l-kbira tal-poeżiji li qatt ma tilħaq il-perfezzjoni simetrika, imma ġġarrab tgħattin u tfattir 'l hawn u 'l hemm, il-ħajja tal-poeta tiżvolġi ma' tagħna f'dinja mwaqqgħa, jibqa' jinħass dejjem id-dinamiżmu tal-qawmien għal ħajja ġdida.

Il-poeta jixhed li l-epoka bikrija Ewro-Maltija hija dik ukoll tal-proċess li jissejjaħ planetarizzazzjoni jew globalizzazzjoni fost oħrajn bid-dehriet ta' pajjiżi barranin ximindaqqiet eżotiċi. Nifhmu li t-turista kullimkien ikun qed ifittex il-ġenna mitlufa.

Għandu mnejn li l-poeżija ta' l-epoka Ewro-Maltija ma tolqotx bl-istess leħħa ta' novità li kienet is-siġill jingħaraf minn kilometri 'l bogħod tal-poeżija ta' l-epoka bikrija ta' wara l-Indipendenza. Illum hemm inqas xintilli u ġiġġifogu. Imma madankollu jinstemgħu biżżejjed netti l-passi sodi meqjusa jħabbtu fit-triq il-ġdida. Dak li s'issa bilkemm jinħass idoqq fil-widna, jiena żgur li għada jew pitgħada jgħidu fuqna: "Mela kienu torox, biex ma semgħuhx dan it-tanbur?"

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

# Laurent Ropa u l-Maltin ta' l-Alġerija

Dorothy Scerri

Laurent Ropa huwa meqjus bħala "Kittieb Malti fl-eżilju"[1] proprju minħabba l-fatt li fi ċkunitu kellu jemigra lejn l-Alġerija flimkien mal-familja tiegħu. Il-firda nibtet fih imħabba u ammirazzjoni kbira lejn art twelidu tant li ried ixerred isimha b'kull mezz ta' kitba possibbli. Din l-imħabba hija riflessa fit-tliet rumanzi: *Le Chant de la Noria*, *Kâline* u *Bou-Ras*. Dawn ir-rumanzi għandhom xeħta poetika u huma xhieda tat-taħlit tal-letteratura u l-kultura Maltija ma' dik Magrebina.

*Le Chant de la Noria* jiddeskrivi l-ħajja ta' familja Għawdxija li emigrat lejn l-Alġerija bit-tama ta' futur aħjar. Din il-familja tirrappreżenta dik ta' Ropa nnifsu u b'hekk ir-rumanz jieħu xeħta awtobijografika fejn fih jehmeż il-memorji kollha ta' tfulija ħarxa iktar milli nostalġika. *Kâline* huwa rumanz li jnissel il-patrijottiżmu qawwi ta' Ropa permezz tal-protagonista Jacqueline[2], li fil-passat hi kienet tiċħad l-identità Maltija għax kienet tħoss li l-Franċiż kien ta' livell għola. Ma' dan jiżdied l-element adolexxenzjali li fih Jacqueline trid tagħmel il-kontijiet ma' passat żieni li joħolqilha ħafna diffikultajiet. Hija tirrappreżenta l-mara letterata, indipendenti, u emanċipata, li trid tinħeles mill-ktajjen ta' l-impożizzjoni maskili. F'*Bou-Ras*[3], Ropa jillustra t-tema tal-vjaġġ lejn il-verità tal-ħajja li hija rappreżentata minn Alla. Is-sejba t'Alla twassal lill-bniedem biex jegħleb id-dubji eżistenzjali u kull forza ħażina li timplika tentazzjoni biex b'hekk jafda fih u jsib it-triq it-tajba. Huwa l-iktar rumanz

kumpless ta' Laurent Ropa għax jistħarreġ elementi eżistenzjali ferm profondi. F'*Bou-Ras* ftit li xejn tissemma l-emigrazzjoni u l-firda mill-patrija. Għall-kuntrarju taż-żewġ rumanzi l-oħra, dan hu rumanz li jitratta il-jien u mhux il-kotra. Fih il-protagonist huwa Bou-Ras il-vjaġġatur li bħalma jagħmel Dun Karm f'*Il-Jien u Lilhinn Minnu*, jibda jfittex il-jien tiegħu biex sa fl-aħħar isibu proprju permezz ta' Alla nnifsu li hu l-għerf assolut ta' l-umanità kollha.

## In-nostalġija u l-patrijottiżmu

L-emigrazzjoni kienet l-uniku mod li bih il-Maltin setgħu jtejbu ħajjithom u din affettwat lil kull min ġarrabha proprju minħabba l-fatt li kull emigrant iqisha bħala firda furzata. L-iktar elementi li jispikkaw huma bla dubju n-nostalġija u l-patrijottiżmu. Dawn is-sentimenti jurihom permezz ta' l-emigranti Maltin f'Bona fosthom Dora, Lazaro, u Jacqueline. Laurent Ropa hu ta' l-idea li parti minn qalb kull emigrant tibqa' devota għal dejjem lejn art twelidu u min jiċħad lil razztu jkun diżonorat.[4]

F'kull wieħed mit-tliet rumanzi nsibu xi tip ta' element awtobijografiku u dan għaliex Laurent Ropa jqis lilu nnifsu bħala awtur li jikteb b'qalbu mhux b'moħħu[5]. F'*Le Chant de la Noria* l-għan prinċipali tar-rumanz hu l-awtobijografija li permezz tagħha, Ropa jislet episodji minn ħajjet familtu minn mindu ddeċidew li jemigraw. Il-personaġġi prinċipali huma l-membri tal-familja tiegħu stess. Dora tirrappreżenta lil ommu Carmela, Lazaro hu missieru Giuseppe, Luigi hu ħuh il-kbir Antoine, waqt li hu għandu l-parti ta' Pietro, karattru sekondarju li ma tantx jinstema' tul ir-rakkont[6].

Kâline, bħal Ropa kellha l-ħolma li tara lill-emigranti Maltin imxerrda mad-dinja magħqudin flimkien. Permezz ta' dan ir-rumanz, l-awtur ried iniedi l-*Fédération Maltaise Universelle* biex b'hekk l-emigranti Maltin ma jiċħdux razzithom u fl-istess ħin inissel fihom patrijottiżmu qawwi biex ikunu kburin kemm b'art twelidhom kif ukoll bil-lingwa Maltija. B'hekk minn tfajla li tistħi tqis lilha nnifisha Maltija, Kâline issir propagandista prima u lilha Ropa jżewwaqha bl-ideat patrijottiċi tiegħu sabiex issir il-portavuċi tiegħu. Hija kienet magħrufa ma' sħabha ta' l-*École Normale* bħala:

> *... elle, Maltaise cent pour cent*[7]

Barra minn hekk hija kellha l-laqam ta'*Reine de Malte* (Reġina ta' Malta). L-awtur ried iqajjem kuxjenza favur il-kitba bil-Malti kemm fost l-emigranti

kif ukoll fost il-kittieba ta' L-Għaqda tal-Malti bl-għan li jgħollu l-livell ta' lsienna permezz tal-letteratura għax jekk tgħolli l-lingwa omm għal-livell letterarju tkun kapaċi tesprimi, tħaddan u tiżviluppa ruħ nazzjonali.[8] Dan għamlu permezz tal-kitba ta' għadd kbir ta' artikli fuq din il-federazzjoni kemm fil-ġurnal *Mélita* kif ukoll f' ġurnali oħra li kienu jinqraw mill-emigranti Maltin. F' dawn l-artikli huwa esprima bosta mill-ideat li nsibu fit-tliet rumanzi. Għalih, min jiċħad ir-razza Maltija jitbaxxa u mhux jogħla fil-livell[9].

Dora, bħal Jacqueline ukoll turi patrijottiżmu qawwi lejn il-lingwa Maltija u nostalġija lejn art twelidha. Hija probabbilment l-istess nostalġija li Ropa sema' minn fomm ommu u missieru fi tfulitu u li permezz tagħha nibtet l-imħabba tiegħu lejn Malta. Din l-istess imħabba patrijottika hija frott ta' l-influwenza tal-komunità Maltija f'Bona u tal-korrispondenza ma' kittieba Maltin bħal Dun Karm u Ninu Cremona. Min-naħa l-oħra bħalma f'*Bou*-Ras, Mélita hi parti mill-jien tal-protagonist; Malta hija parti intrinsika minn Laurent Ropa. Fil-bidu tar-rumanz hemm allużjoni għal gżira li l-qarrej awtomatikament jassoċjaha ma' Malta. Din il-gżira kellha tkun benniena għal ulied il-prinċipessa – l-istess gżira bennet lill-kittieb għall-ewwel sentejn ta' ħajtu.[10]

### Bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb

Jista' jingħad, li għalkemm il-Maltin tbiegħdu minn xtuthom u baqgħu fl-istess baħar, żgur li affettwathom il-firda minn art twelidhom u x-xewqa tar-ritorn hija dejjem kbira. Madankollu, wieħed ma jistax jissepara l-emigrant mill-għeruq tiegħu għaliex huwa bniedem li għalkemm irid jadatta ruħu f'territtorju ġdid, ma jistax jinsa dak kollu li tatu art twelidu. Fl-Alġerija sabu pajjiż ferm ikbar mill-gżejjer tagħna, fejn il-belt kienet 'il bogħod mill-kampanja, iżda madankollu kemm fil-belt kif ukoll fil-kampanja, il-Maltin ta' l-Alġerija dejjem baqgħu jgħixu f'komunitajiet għalihom.

Għalkemm l-Alġerija mhix wisq 'il bogħod mill-arċipelagu Malti, dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda mezz ta' komunikazzjoni. Dan hu evidenti mill-fatt li Dora ssir taf bl-aħbar tal-mewt t'ommha żmien twil wara u jiddispjaċiha immensament tant li Ropa jagħtina ħjiel li għal Dora kienet waħda mill-ikbar dispjaċiri ta' ħajjitha. Ma' dan, ta' min iżid il-bidla fl-ambjent fejn mill-ambjent kampanjol tax-Xagħra, Lazaro u Dora jsibu rwieħhom fil-belt ta' Bonali bidla immensament kbira. Għalkemm il-Maltin kienu jgħixu fi kwartieri għalihom, kienu jħossuhom bħal ħuta barra mill-ilma. Dan jurih permezz ta' Dora li

għalkemm tammetti li l-belt għandha ċertu vantaġġi, dejjem ippreferiet il-kampanja. Kienet tqis il-belt bħala post ferm korrott li mhux xieraq għat-trobbija tat-tfal. Hi qatt ma kienet kuntenta fil-belt u għaliha kienet bħal eżilju :

*La ville avait été, pour elle un exil odieux*[11]

## It-tradizzjonijiet

Minħabba li l-Maltin ta' l-Alġerija kienu jgħixu f'komunitajiet, ħadu magħhom id-drawwiet u l-kultura tagħhom biex b'hekk il-Maltin ta' l-Alġerija okkupaw kwartieri għalihom. Dan narawh biċ-ċar f'*Le Chant de la Noria*, meta fil-bidu tar-rumanz, Dora tkun fi triqitha minn Bona għall-Aâlig u ħlief Maltin ma tarax. Ropa jurina biċ-ċar li l-Maltin kollha kienu jafu lil xulxin. L-istess jiġri fl-Aâlig, fejn f'dan il-qasam ma kontx issib ħlief ġenniena Maltin u dan tinduna bih mill-ismijiet, kunjomijiet u laqmijiet tagħhom.

Xena tipika Maltija hija dik tal-familja miġbura flimkien għall-ikla ta' fil-għaxija. Dora kienet tagħti ħafna attenzjoni anke lit-talb ta' qabel u wara l-ikel. Din l-għaqda fil-familja hija simbolu tal-familja tipika Maltija u bla dubju hija drawwa li ġarrew magħhom minn art twelidhom. F'din ix-xena Ropa jsemmi platt tipiku Malti, il- *menestra*[12] (minestra), platt assoċjat mar-raħħala Maltin. L-għożża tal-familja kienet waħda mill-iktar affarijiet nostalġiċi għal Ropa iżda hi wkoll karatteristika tal-familji Maltin. Minkejja l-konflitti kollha li wieħed seta' jsib fil-familja ta' Lazaro, naraw li fl-aħħar mill-aħħar f'mumenti kritiċi, kienu jingħaqdu biex jippruvaw isolvu l-problemi flimkien għall-ġid tal-familja kollha.

Ropa jsemmi l-kultura tal-kostum Malti kif ukoll Alġerin u dan minħabba l-għan li jillustra l-fużjoni tal-kultura Maltija u Alġerina li hi evidenti fir-rumanzi kollha. F'*Le Chant de la Noria* jalludi għall-ilbies tipiku tal-Kabili msejjaħ *gandoura* waqt li f'saqajhom kienu jilbsu l-ġild tal-mogħoż bis-suf u ma' spallejhom kien ikollhom ġewlaq bil-għatu fejn kienu jaħżnu t-tin imqadded ta' pajjiżhom. F'*Kâline* jiddeskrivi lil Jacqueline, il-patrijotta eterna, liebsa l-faldetta jew aħjar l-għonnella biss meta din tiġi Malta. Dan jagħtina x'naħsbu li n-nisa Maltin ma kinux jilbsu l-għonnella fl-Alġerija.

**Is-superstizzjoni**

Il-Maltin ta' l-Alġerija kienu ferm superstizzjużi u fil-medda ta' l-Aâlig kienu jemmnu li kien jeżisti l-Waħx. L-element superstizzjuż hu enfasizzat permezz ta' l-emigranta Maltija El-Bekaya, li tkun temmen li kull għawġ li jseħħ fil-ġonna tal-Maltin ikun frott is-saħta ta' Clement Et-Tsop (Klement iz-Zopp), li xi darba kien jaħdem l-artijiet tal-medda fejn kienu jgħixu l-Maltin. Ropa jsemmi wkoll xi dehriet ta' dan ix-xwejjaħ li kien jidher taħt suriet differenti. Jingħad li hu kien jidher biss lill-Insara, ħafna drabi bħala xwejjaħ b'leħja bajda jpejjep il-pipa. B'hekk kien magħruf bħala *Le Vieillard-à-la-pipe* (ix-Xiħ tal-pipa), *El Ouahach* (il-Waħx) u *Bou-Lakhia* (Bu Leħja). El-Bekaya tant timpressjona ruħha minn din is-saħta li, hekk kif Lazaro u Dora marru joqogħdu l-Aâlig hi tgħidilhom li din il-medda kienet misħuta minn Alla u li l-leġġenda ta' Clément kienet realtà. Il-leġġendi tal-Waħx kienu simbolu tas-seħer tat-tfulija għal Luigi u Pietro, li bil-lejl kienu jmorru jgħassu s-swieni ma' l-Akli u kien jirrakkontalhom l-istejjer u l-ħrejjef tal-Waħx li kien jagħmel ħsara biss lil min kien isib waħdu. L-Akli huwa Kabili li ma jimpressjonax ruħu mill-figuri superstizzjużi għax ma kienx Nisrani, iżda Belkacem kien jibża' mhux ftit mill-Waħx tant li waqt l-għassa kien jinstema' jevoka l-isem t'Alla biex ma jidhirlux il-Waħx. Laurent Ropa jenfasizza l-element tas-superstizzjoni permezz tad-dehra tal-Waħx lil Dora, li minn meta hi tara l-Waħx timrad sa ma fl-aħħar tmut u li, għal El-Bekaya dan ukoll ikun sinjal tas-saħta.

**Il-kliem ta' nisel Malti**

Minkejja li r-rumanzi huma miktuba bil-lingwa Franċiża, il-kliem ta' nisel Malti ma jonqosx u permezz ta' dan, ir-rumanzi jieħdu xejra aktar Maltija u jissimbolizzaw ukoll il-fużjoni tat-tliet kulturi fi ħdan l-istess awtur. F'*Le Chant de la Noria* jagħti kliem bħal *menestra*, li tissimbolizza ikla tipika Maltija u li kienu jieklu familji kemxejn fqar li ġejjin minn ambjent agrikolu. Hemm ukoll il-kliem *kanoun* (kanun), *Ouahach* (Waħx), *Naâdja* (Nagħġa), *Fartas* u *Larbi* (L-Għarbi) li jintużaw bħala laqmijiet. Il-Kabili Akli, li kien jgħasses is-sienja bil-lejl, kien isejjaħ lix-Xiħ tal-Pipa, *Bou-Lakhia* għaliex dan kellu leħja twila ħafna F'*Kâline* jagħtina aktar kliem li huma *blatt* (blat) u *daïsa* (dgħajsa). Filwaqt li l-kliem *kahba* (qaħba) u *dgiffa* (ġifa), jagħti d-definizzjonijiet tagħhom fl-istess rumanz. F'*Bou-Ras,* imbagħad, isemmi lil

Karmenou u Karmena, il-Maltin li jkunu rabbew lil Bou-Ras li jitwieled fuq il-gżira ta' Malta. Ropa jagħti spjegazzjoni għall-fatt li jsemmu l-protagonist *Bou-Ras* għaliex huwa jkollu rasu kbira. L-isem *Bin-L'Arth* ukoll juri l-vera funzjoni tal-karattru; Bin-L'Arth kien bniedem li ma riedx jaf bi skola iżda kien kuntent jgħin lil missieru fix-xogħol tar-raba'. Għal aktar minn darba, fl-istess rumanz, jissemma wkoll il-kliem *Rouh* (Ruħ) u *Ruhi* (Ruħi).

## L-element reliġjuż

L-element reliġjuż huwa wkoll parti intrinsika mill-folklor Malti u fil-fatt, Laurent Ropa jagħmel referenzi kontinwi għal dan l-element. Huwa juri kif il-bniedem juża r-reliġjon kemm fil-mumenti sbieħ biex jagħti ġieħ lil Alla kif ukoll fil-mumenti koroh, meta bnedmin bħal Lazaro jeħduha kontra Alla meta jinqala' xi għawġ.

Dora hija mara ferm reliġjuża u tkun devota ħafna lejn il-Madonna ta' Pinu, waqt li Lazaro ma jkunx jipprattika r-reliġjon. Lil Dora narawha tqis il-kampanja bħala post li jbegħedha mill-fidi waqt li fil-belt kienet tmur il-quddies ta' kuljum. Hija tagħti ħafna attenzjoni anke għat-talb ta' qabel u wara l-ikla ta' fil-għaxija u kienet tirrabja ma' kull min jorqod waqt it-talb għax għaliha dan kien mument ferm importanti:

*Mais enfin, achevons notre prière... Lazaro ! Lazaro !...*[13]

Bħal Lazaro Jacqueline ma tkunx tipprattika r-reliġjon imma jkollha devozzjoni kbira lejn Sant Westin tant li hija tkun qrat il-kitbiet tiegħu ta' *Les Confessions* u turi interess kbir fil-ħajja ta' dan il-qaddis.

F'*Bou-Ras* teżisti implikazzjoni għall-kultura tat-tempji f'pajjiżna. Jibda billi jsemmi l-mawra ta' Karmenou għand l-oraklu li jgħidlu li Bou-Ras se jivjaġġa permezz tal-ħmar u b'hekk jaħrab mis-serp. Imbagħad tissemma l-kultura megalitika permezz ta' l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Skond Cunen, Ropa jara lil Malta bħala sit megalitiku ideali għall-kontemplazzjoni tal-ħassieba bħal Bou-Ras[14]. Jiddeskrivi wkoll il-qima lejn l-Alla tal-Fertilità li tkun irrappreżentata minn Mélita. Din tkun il-prinċipessa li tqum mir-raqda kull Rebbiegħa u għal din l-okkażjoni, f'dan l-istaġun jiċċelebraw permezz tar-riti tan-nies tal-ħaġar.

Min-naħa l-oħra f'*Kâline* insibu wkoll l-element tar-relazzjonijiet klandestini, aspett li f'*Le Chant de la Noria* ma jidhirx. Huwa aspett li Ropa jorbot

ma' l-adolexxenza u l-fażijiet problematiċi li ż-żgħażagħ jgħaddu minnhom f'ċertu punt ta' ħajjithom. Ta' sittax-il sena, Jaqueline jkollha relazzjoni ma' żewġ studenti li jattendu l-*École Normale* u li fl-istess ħin ikunu ħbieb. Hija sitwazzjoni li Séraphin qatt ma fehem minħabba li kien ġej minn familja konservattiva u tradizzjonali. Jacqueline mititilha ommha meta kienet għadha tarbija u Ropa jgħid li missierha kellu relazzjoni klandestina ma' l-imreddgħa tagħha wkoll. Ropa lanqas jaħbi l-fatt li anke Santu Wistin kellu relazzjoni barra ż-żwieġ u jgħid ukoll li hu fired lil ibnu minn m'ommu.

## Il-figuri tal-mara u r-raġel

Laurent Ropa qatt ma jiġġudika lill-mara iżda juri kif din iġġib ruħha fi ħdan is-soċjetà u kif l-istess soċjetà titrattaha. Huwa juri kuntrasti u xebh bejn nisa b'karattri differenti ta' ġenerazzjonijiet differenti, imma fl-aħħar mill-aħħar naraw li s-soċjetà ħafna drabi tikkundanna lill-mara. Dan jidher l-iktar f' *Le Chant de La Noria* u *Kâline,* fejn permezz ta' Dora u Jaqueline naraw kuntrasti kbar. Dora hija mara tal-familja li dejjem kibret f'kultura patrijarkali, kemm fi tfulitha kif ukoll meta żżewġet. L-unika ħaġa li tatha l-ħeġġa temigra kienet l-imħabba lejn żewġha. Hija mara illetterata li dejjem għexet fil-kampanja. Meta sabet ruħha fil-belt ta' Bona kienet tħossha qisha ħuta barra mill-ilma. Hija mara li batiet ħafna f'ħajjitha u Laurent Ropa juri anke ċertu ħasra lejn dan il-karattru, anke fil-mod kif jippreżentaha u jiddeskriviha.

Jacqueline, min-naħa tagħha, hi s-simbolu tan-nisa emanċipati iżda fl-istess ħin meta ssib il-vera mħabba permezz ta' Séraphin, trid tagħmel il-kontijiet ma' passat kemxejn libertin li xtaqet tħassar issa li nbidlet u qed tindem minn dak kollu li għamlet. Minħabba dan il-passat hi jkollha ħafna rimorsi u sħabha ta' l-iskola jqisuha bħala tfajla baxxa u bla valuri. Dora hi ppreżentata bħala mara li għalkemm hi totalment maħkuma minn din il-kultura patrijarkali, hija l-pedament tal-familja u l-ambizzjonijiet tal-familja jmutu mal-mewta tagħha[15]. Hija mara tassew reliġjuża u devota kbira tal-Madonna ta' Pinu. Biż-żmien anke f'Jacqueline tikber devozzjoni kbira lejn Santu Wistin. Hi tissimpatizza ma' dan il-qaddis minħabba li għex ħajja żienja bħalha u kellu relazzjoni ma' mara li minnha kellu wkoll tarbija barra ż-żwieġ. Kif diġà ntqal qabel, iż-żewġ nisa kienu wkoll ferm patrijottiċi u t-tnejn li huma kellhom għal qalbhom lil Malta u l-lingwa Maltija. Fil-konfront ta' Séraphin, Jacqueline hija deskritta bħala mara dominanti jew aħjar alla li bil-poter tagħha saħħritu. Fl-istess ħin,

permezz ta' Séraphin jurina wkoll l-ostakli li mara żienja tiltaqa' magħhom meta hi tasal f'punt f'ħajjitha meta tisħet dan l-istess passat. Jacqueline mhix it-tip ta' mara li tippermetti lir-raġel jiddettalha ħajjitha bħalma kienet l-imreddgħa tagħha Aïcha. Din kellha mentalità tradizzjonali minkejja l-fatt li għal xi żmien kellha relazzjoni klandestina ma' missier Jacqueline. Aïcha, bħal Dora kienet tal-fehma li l-mara għandha toqgħod għar-rieda tar-raġel:

*La femme est faite pour être l'esclave d'un maître jaloux*[16]

Bla dubju l-element edukattiv fi ħdan id-dinja femminili ta kontribut siewi fl-emanċipazzjoni tal-mara tul is-snin. L-unika darba li Dora rribellat kontra d-dominanza ta' Lazaro kienet meta kien hemm battibekk bejnu u binhom Luigi. Bħala omm hi dejjem tat prijorità lil uliedha u b'hekk hi rribellat biss biex taqbeż għal binha Luigi li kienet tqisu bħala d-dawl t'għajnejha peress illi kien jaqsam kemm is-sabiħ kif ukoll l-għawġ ta' ħajjtihom fl-Aâlig. Lazaro wasal biex refa' idu fuq martu billi taha daqqa fuq rasha talli qabżet għal binha Luigi u tawlet ilsienha miegħu, meta skond hi, binha m'għamel xejn ħażin. Lazaro ddispjaċih ħafna ta' dan il-ġest u kien iqis lilu nnifsu bħala mostru talli għamel ħaġa simili lil martu li meta kien jismagħha bil-lejl kien jinkedd għaliha. Dora ma tifhimx għala hi kellha tbati tant u għala ma kellhiex il-jedd li tittama f'ħajja alternattiva li ma twassalhiex għall-mewt. Minn meta ġiet l-Alġerija dejjem tinkedd fuq il-flus u dejjem tgħodd il-flus:

*Elle n'a pas cessé de compter depuis vingt ans qu'elle est en Afrique.*[17]

Anke fil-konfront tal-figura maskili, Ropa jippreżenta kuntrast bejn il-karattru illetterat ta' Lazaro u dak letterat ta' Luigi. Lazaro huwa karattru b'moħħ magħluq u kien jaħseb li hu kien l-uniku wieħed li jaf kollox. Il-pariri siewja ta' ħaddieħor qatt m'aċċetthom u b'hekk naraw li l-injoranza għaddsitu minflok tejbet il-qagħda tiegħu fl-Aâlig. Dan juri biċ-ċar li, bħalma jgħid Aquilina: *L-edukazzjoni hija setgħa, l-injoranza hija jasar.*[18] Lazaro għandu wkoll ir-rwol ta' missier li juri mħabbtu lejn uliedu biss meta jkunu tfal iżda meta jibdew jitfarfru jarawh bħala għadu għax kien jagħtihom kastigi ħorox. B'hekk minħabba d-dominanza tiegħu ikollhom ibaxxu rashom. Luigi kien il-wild il-kbir tal-familja u b'hekk kien iħoss li kellu responsabbiltà kbira fuq il-familja. Fattur li lil Lazaro qatt m'għoġbu kien il-fatt li Luigi kien imur l-iskola għaliex għalih kien mod kif jaħli l-ħin u jiskarta biex jiffranka t-tabtija ta' l-għelieqi. Aktar tard ħa post missieru s-suq fejn kien jieħu ħsieb il-bejgħa. Hu kien josserva x'inhuma l-aħjar prodotti li setgħu jaqilgħu lira

minnhom iżda meta kien imur jagħti l-pariri lil missieru, dan kien jinjorah u kienu jispiċċaw jiġġieldu. B'riżultat ta' dan, Luigi qatt ma kien jara futur sabiħ għall-familja tagħhom fl-Aâlig u barra dan, id-dejn u l-għaks kienu qed jakkumulaw ma' kull jum li jgħaddi.

Séraphin u Bou-Ras huma żewġ protagonisti ħassieba li jistaqsu ħafna domandi eżistenzjali u huma ppreżentati bħala rġiel ferm sensittivi fil-konfront ta' dak kollu li jiġri madwarhom. Séraphin ma jkunx jista' jifhem kif nisa bħal Jacqueline jaslu biex ikollhom ħafna taħwid f'ħajjithom u meta hi tgħidlu l-verità fuq il-passat tagħha jibda jiddispjaċih li kien qabeż għaliha quddiem sħabu ta' l-*École Normale*. Séraphin huwa l-ħassieb li josserva u jsaqsi domandi ezistenzjali dwar is-soċjetà. It-tnejn li huma jikkritikaw il-gwerra u l-atroċitajiet li din iġġib magħha iżda Séraphin iżid il-kritika tiegħu kontra dawk in-nisa li jispiċċaw jipprostitwixxu ruħhom biex jaqilgħu x'jieklu. *Bou-Ras* hu bbażat fuq vjaġġ ta' tama għall-kisba ta' l-għarfien. Huwa kien ta' l-opinjoni li l-bniedem bla għerf ma jkollu ebda tama fil-ħajja għax ikun bniedem mejjet. Hu qatt ma kien jaqta' qalbu miċ-ċirkostanzi tal-ħajja u dejjem baqa' jittama li fl-aħħar isib dak li kien qed ifittex. Kien iqis lilu nniffsu għarriex li ma jafx fejn hu dirett u ma kienx jaf fejn se jasal tant li xi drabi qabbel lilu nniffsu ma' pellegrin. Jgħid li kien hemm vuċi tiddettalu dak li għandu jagħmel u hu kien jafdaha – din l-istess vuċi, fl-aħħar twasslu fil-grotta ta' Betlem.

### Il-Maltin u ta' madwarhom

Fejn fl-istorja konna mdorrijin naraw lill-barrani jaħkem gżiritna, fl-istorja ta' l-emigrazzjoni naraw lill-Malti imbiegħed minn art twelidu u bi problema kbira: il-barriera tal-lingwa.

Din il-problema qatt ma setgħet ittejjeb ir-relazzjoni bejn il-Maltin u s-sidien tagħhom Franċiżi. F'*Le Chant de la Noria* naraw lil Dora tqis lis-sidien Franċiżi bħala sinjuri u li tisma' b'aħbarhom biss meta jkunu jridu jiġbru l-flus tal-qbiela. Barra minn hekk kienu lkoll konxji li mingħajr lingwa komuni, qatt ma setgħu itejbu l-qagħda tagħhom. B'hekk Dora riedet lit-tfal tagħha jitgħallmu l-Franċiż għax il-futur tagħhom issa kien fl-Alġerija. L-uniku mezz biex jikkomunikaw ma' sid il-ġnien kien binhom Luigi, li kien tgħallem il-Fraċiż l-iskola. B'hekk narawh iservi ta' pont lingwistiku bejn il-familja tiegħu u sid il-ġnien. Mill-banda l-oħra, il-Maltin kellhom relazzjoni tajba mal-Kabili, li kienu jmorru jaħdmu 'l bogħod minn djarhom biex jaqilgħu

x'jieklu. Sa ċertu punt nistgħu ngħidu li minħabba dan il-fatt, hemm ċertu xebh bejn iż-żewġ popli. Kienu jieklu fuq l-istess mejda u maż-żmien tant kienu jidrawhom li kienu jsiru parti mill-familja. F'*Kâline* is-sitwazzjoni hi differenti. Jacqueline twieldet l-Alġerija u kien missierha li emigra minn Malta. Hawnhekk Jacqueline kellha l-fama ta' prostituta ma' l-istudenti ta' l-*École Normale*, li kienu jafu bil-ħajja mħarbta li kienet tgħix fil-passat. Minn dan il-punt naraw li Kâline ma kellhiex relazzjoni tajba ma' sħabha l-Franċiżi iżda kellha relazzjoni tajba mal-Maltin.

Mill-banda l-oħra l-Maltin emigranti kienu jbatu mis-sistema ta' ġerarkija tal-klassijiet soċjali. Il-Maltin li kienu sinjuri kabbru rashom u bdew jagħmluha ma' dawk li huma jqisu bħala nies tal-klassi tagħhom u b'hekk tbiegħdu minn sħabhom il-ġenniena Maltin. Changio bena kappella fl-Aâlig biex b'hekk kulħadd ikun jaf kemm kien sinjur. Dan f'kuntrast ma' Lazaro li bilkemm kellu biex iħallas il-qbiela tal-ġnien. Għat-tieġ ta' binthom, Changio u Changia stiednu biss nies tal-livell tagħhom. F'dan l-episodju naraw li El-Bekaya ħaditha ferm bi kbira li ma ġietx mistiedna għat-tieġ u tibda tilmenta għax taf li m'għandha xejn inqas minn dawn in-nies. Bintha Giuseppa kienet aktar realista u meta titkellem ma' Rosine, tammetti li ommijiethom kienu tant sempliċi li lanqas qatt ma setgħu jimmaġinawhom bil-kappell. Hawnhekk il-kappell jimplika klassi għolja, iżda fl-aħħar mill-aħħar, billi tilbes il-kappell u tagħmilha man-nies tal-belt ma jfissirx li hi bħalhom. Changia tidher bħala mara li tippretendi li hi superjuri għal sħabha l-Maltin minkejja li wħud minnhom bħal El-Bekaya kellhom dak kollu li għandha hi. Dan juri għal darb'oħra li l-Malti hu assoċjat mill-Maltin stess ma' poplu baxx, waqt li lill-Franċiżi kienu jqisuhom bħala poplu ta' klassi ogħla. L-istess ħsieb ġie espress minn Jacqueline meta hi kienet tiċħad l-oriġini Maltin tagħha.

## Il-laqmijiet

Skond Gilmore, il-laqmijiet huma parti intrinsika mill-irħula ż-żgħar li nsibu fil-Mediterran u n-nofsinhar ta' l-Ewropa.[19] Ropa jurih b'mod ċar fir-rumanzi tiegħu speċjalment f'*Le Chant de la Noria*.

Peress li jissemmew l-emigranti Maltin ta' Bona, hemm referenzi għal ismijiet u laqmijiet ta' nisel Malti bħal *Paolo ta' Baïda* u *Ed-Diamante*. Anke lill-Kabili kienu jagħtuhom laqmijiet Maltin u fost dawn hemm *El-Fartas* (Il-Fartas) u *Larbi* (L-Għarbi). Lil Lazaro, kulħadd kien jafu bħala *Es-Signor*

u dan il-laqam tahulu missieru meta kien jibagħtu jittallab u hu qatt ma kien jilqa' idu għall-flus tan-nies. Dan hu element qawwi ta' unur u mistħija u minn ċkunitu, f'Lazaro trawmet ċerta kburija li lanqas jekk ikun se jmut bil-ġuħ ma jasal qatt biex jaċċetta l-għajnuna ta' ħaddieħor, aħseb u ara kemm jittallab. Huwa laqam kemxejn sarkastiku imma għal missieru, la Lazaro ma riedx jittallab sinjal li ħaseb li kien sinjur. Huwa laqam li jġegħelna naħsbu: forsi Ropa użah bi skop ironiku għax *Es-Signor* qatt ma sar sinjur fl-Alġerija, minkejja li ħafna mlewlu rasu li biż-żmien għad isir sinjur! Ħafna nisa kienu jieħdu l-laqam femminili ta' żwieġhom. B'hekk Dora saret *Es-Signora*. Fost il-laqmijiet tal-koppji emigranti l-oħra nsibu: *El-Bekaye, El-Bekaya, Zeppo, Zeppa, Changio,* u *Changia.*

Luigi kien magħruf bħala *Echkéikène* (iċ-ċkejken) mal-komunità tas-suq. Il-laqmijiet kienu komuni anke fost il-Maltin li kienu jgħixu fil-belt ta' Bona. Lil Changio kulħadd jafu bħala *Bou-Zak* għaliex hekk kif beda jistagħna, ħxien. Il-Kabili Akli, li kien jgħasses mas-sienja bil-lejl kien isejjaħ lix-Xiħ tal-Pipa, *Bou-Lakhia* għaliex kellu leħja twila ħafna. Jacqueline, li hi wkoll protagonista ta' nisel Malti, tista' titqies bħala patrijotta eterna. Dan għaliex permezz ta' l-entużjażmu patrijottiku tagħha giet imlaqqma *Reine de Malte.* Ropa jiddeskrivi lil *Bou-Ras* bħala l-individwu ta' rasu kbira, waqt li *Bin-L'Arth* bniedem li ma riedx jaf bi skola iżda kien kuntent jgħin lil missieru fix-xogħol tar-raba' – f'kelma waħda, iben l-art.

**L-għajdut**

John Haviland saqsa lil xi ħbieb tiegħu x'jaħsbu fuq l-għajdut tan-nies u dawn kollha qablu li s-seksik jagħti iktar informazzjoni fuq il-motivi tal-persuna li tkun qed tgħidu milli fuq il-protagonist li x'aktarx ikun vittma.[20]

L-għajdut hu bla dubju sinonimu mal-Maltin u naħseb li dan hu passatemp li ilu jeżisti fil-Maltin minn żmien żemżem. F'ċertu sens narah forma ta' injoranza speċjalment meta ġġib quddiem għajnejk is-sindikajra li joqogħdu wara xi tieqa jew antiporta jittantaw lix-xemx għaddejja u kif jaraw xi ħaġa mhux tas-soltu jaħtfu l-opportunità biex iseksku fuq dak li jkun!

F'*Le Chant de la Noria* u *Kâline*, l-awtur juri kif l-għira tista' twassal lis-soċjetà biex taqla' x-xnigħat minn żniedha biex tagħmel ħsara fost in-nies tal-komunità. Meta jmut Tas-Sara, s-suq tinqala' x-xniegħa li Lazaro kien se jitlaq mill-ġnien f'Ottubru iżda dan ma kienx minnu. Séraphin jidher bħala

bniedem li jinfluwenza ħafna ruħu mill-għajdut tan-nies tant li jistqarr li wara li sar jaf bil-passat ta' Jacqueline, beda jistmerrha u ma kellux kuraġġ jaqbeż għaliha għax l-imġiba tagħha ma kinitx korretta. Biss wara jisgħobbih ta' dan l-aġir tant li bejnu u bejn ruħu jibda jitlobha taħfirlu talli ma qabiżx għaliha. Tzia Spéranza, iz-zija ta' Jacqueline, ukoll tkun kaġun ta' l-għajdut tan-nies meta tiżżewweġ lil Barbara, raġel bla sold li jkun iħobb ħafna lin-nisa. Jacqueline ma tkunx togħġobha l-imġiba tiegħu għaliex skond hi, Barbara ried biss jinqeda biz-zija u ma kienx iħobbha. Meta Spéranza żżewġitu nqala' skandlu kbir fir-raħal anke minħabba li hu kien ferm iżgħar minnha.

**Laurent Ropa u l-element Mediterranju**

Għalija Laurent Ropa hu vjaġġatur Mediterranju pur anke minħabba li emigra l-Alġerija ta' età żgħira u meta żżewweġ, ħalla l-Alġerija u mar joqgħod Franza. Hu stess iqis lilu nniffsu bħala bniedem internazzjonali għax twieled f'pajjiż li qatt ma reġa' żar (Malta jew aħjar Għawdex), trabba f'pajjiż sekondarju (l-Alġerija) u għex il-ħajja ta' wara ż-żwieġ fi Franza, il-pajjiż fejn ġie naturalizzat u li hu jqis bħala pajjiżu.[21] F'Ropa nsibu taħlita ta' kulturi għax bla dubju it-tliet kulturi affettwawh b'xi mod. L-element ta' taħlit ta' kulturi hu karatteristika prinċipali tar-reġjun Mediterranju. Madankollu Malta u Għawdex dejjem baqgħu fiċ-ċentru ta' ħsibijietu u xhieda ċara ta' dan huma dawn ir-rumanzi. Meta jitkellem fuq il-vjaġġ ta' Lazaro u Dora lejn l-Alġerija hu jagħmel żewġ referenzi għall- baħar Mediterran :

*Malta, Gozo... Au cœur de la Méditerranée [...]*[22]

Huwa jirreferi għall-gżejjer Maltin bħala żewġ blatiet maħkuma mill-baħar u r-raġġi tax-xemx Afrikana. Barra minn hekk Ropa jiddeskrivi lil Malta bħala gżira sagra fil-Mediterran:

*[...] Malte, île sacrée de la Méditerranée, fut foyer de religion [...]*[23]

Is-soċjetà hija l-qofol ta' ħafna mit-temi ta' Ropa, fejn juri kif għandha ġġib ruħha f'sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja. Mill-komunità magħquda jislet ukoll il-battibekki u x-xnigħat. Fost il-ħafna elementi li bihom isawwar lis-soċjetà hemm il-figura tal-mara u r-raġel, il-konflitti u d-differenzi soċjali, l-emigrazzjoni u l-edukazzjoni. Il-preġudizzji qatt ma jonqsu fis-soċjetà u lanqas ix-xnigħat li jaqilgħu ħafna drabi tensjoni kbira bejn il-membri ta' l-

istess soċjetà. L-element Mediterranju wkoll huwa evidenti u bla dubju l-fatt li għalkemm emigra baqa' fl-istess reġjun tagħti kontribut xieraq. Hafna fatturi juruna li, għalkemm il-Maltin emigraw, baqgħu jgħixu f'komunitajiet u b'hekk jagħtuna l-impressjoni li f'Bona ġew trapjantati l-irħula Maltin. Ir-rumanzi ta' Laurent Ropa ma jistgħux jintrabtu ma' epoka waħda għax jesprimu qagħdiet li l-bniedem irid jiffaċċja fil-ħajja ta' kuljum. Dan juri li bosta mill-messaġġi li jrid iwassal l-istess kittieb huma universali u japplikaw għal kull żmien u epoka. In-nisġiet tagħhom mhumiex sempliċiment ivvintati imma juru l-ħajja mġarrba mill-bniedem fil-ħajja ta' kuljum.

**Noti**

1 Pavloviċ, "Laurent Ropa: 'Kittieb Malti fl-Eżilju'," *Leħen is-Sewwa* (10.x. 1987) 5.

2 Fir-rumanz, Laurent Ropa jirreferi għaliha wkoll bħala Kâline.

3 Laurent Ropa, *Bou-Ras* (Pariġi: Le Nef Editions, 1961).

4 Laurent Ropa, "Les Propos du Maltais de France, Au besoin: FRANCE D'ABORD !", *Mélita, Organe Maltais d'Informations* (5.ii.1937) 1.

5 Pierre Leplumey, "Poète d'origine maltaise Laurent ROPA l'auteur du "chant de la Noria" a trouvé à Piacé l'atmosphère propice à une profonde méditation," *Ouest France* (6.iv.1961). Hajr lil Aurore Vérié Cassar li bagħtitli dan l-artiklu.

6 Ara Dorothy Scerri, "Temi Ewlwnin fir-Rumanzi ta' Laurent Ropa," teżi B.A. (Unuri), U ta' Malta, 2006, Taqsima 1.1.

7 Laurent Ropa, *Kâline* (Pariġi: Messein, 1936) 66-67.

8 Laurent Ropa, "Les Propos du Maltais de France, Lord Strickland ou l'honneur d'être maltais," *Mélita - Organe Maltais d'Informations* (4.ii.1938) 1.

9 Laurent Ropa, "Les Propos du Maltais de France, Au besoin: FRANCE D'ABORD," *Mélita, Organe Maltais d'Informations* (5.xi.1937) 1.

10 Ara Scerri, Taqsima 3.1.

11 Laurent Ropa, *Le Chant de la Noria* (Pariġi: Messein, 1932) 17.

12 Ropa, *Le Chant de la Noria*, 59.

13 Ropa, *Le Chant de la Noria*, 61.

14 F. Cunen, "Bou Ras de Laurent Ropa," *Journal of Faculty of Arts*, vol. III, n. 4 (1968) 323.

15 Ara Marc Donato, "Dora la Maltaise - analyse du personnage du roman de

Laurent Ropa," *L'Algérianiste*, n. 105 (Marzu 2004) 99-104; n. 106 (Ġunju 2004) 98–103.

16 Ropa, *Kâline*, 42.

17 Ropa, *Le Chant de la Noria*, 170.

18 Ġ. Aquilina, "L-Injoranza," *Madwar il-Ħajja - It-Tmien Ġabra* (Malta: Lux Press 1973) 31.

19 David D. Gilmore, *Aggression and Community: Paradoxes of Andalusian Culture* (New York: Yale University Press, 1987) 77.

20 Gilmore 57. Din hija kwotazzjoni li Gilmore jieħu minn John B. Haviland, *Gossip, Reputation, and Knowledge in Zinacantán* (Chicago: University of Chicago Press, 1977).

21 Laurent Ropa, "Précieux Encouragement, Hommage à Jean Vella patriote maltais," *Mélita, Organe Maltais d'Informations* (20.viii.1937) 3.

22 Ropa, *Le Chant de la Noria*, 23.

23 Ropa, *LeChant de la Noria*, 27.

# Tieqa Mbexxqa fuq is-Semantika Lessikali[1]

Michael Spagnol

Dan l-artiklu hu maħsub bħala introduzzjoni għas-Semantika Lessikali (SL). Permezz tiegħu se nitfgħu qatra jew tnejn fil-ġarra ta' dan il-qasam li ftit li xejn irċieva l-attenzjoni ta' l-istudjużi tal-Malti minn perspettiva lingwistika. Aħna u mmissu wħud mill-metodoloġiji u l-kunċetti ewlenin tas-SL, 'l hemm u 'l hawn inżerżqu eżempji mill-Malti.

Minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom meta niġu biex niddefinixxuha, il-kelma ħafna drabi titqies l-unità bażi tal-vokabolarju.[2] Fl-ewwel taqsima se naraw li l-kliem mhux maqtugħ għalih waħdu, iżda qiegħed f'relazzjonijiet varji mal-kliem l-ieħor. M'hemmx deskrizzjoni semantika waħda li tkopri dawn ir-relazzjonijiet kollha. Fost il-metodi tradizzjonali nsibu d-dizzjunarju li jelenka l-kliem f'ordni alfabetiku u jagħti t-tifsir bażiku u sekondarju ta' kull kelma. Fil-kumplament ta' l-artiklu nidħlu fl-oqsma prinċipali tas-SL, jiġifieri x-xebh semantiku inawgurat minn Jost Trier li fuqu hi msejsa l-analiżi ta' l-għelieqi semantiċi (it-tieni taqsima), ir-relazzjonijiet lessikali tas-sinonimija, l-antonimija, u l-iponimija li għażilhom sistematikament għall-ewwel darba John Lyons (it-tielet taqsima), u r-relazzjonijiet lessikali sintagmatiċi ta' Walter Porzig, l-aktar il-kollokazzjoni (ir-raba' taqsima). Fl-aħħar taqsima nagħtu daqqa t'għajn lejn metodi alternattivi għall-għelieqi semantiċi.

**Relazzjonijiet semantiċi**

Mill-era klassika sa żmienna, kienu ħafna l-ħassieba li b'modi differenti osservaw li l-valur tal-kelma jvarja skond jekk tkunx waħedha jew ma' kliem ieħor. "Meħud waħdu," jgħid Ċiċerun, "[il-kliem] irid jingħażel bir-reqqa; meħud ma' ieħor, irid jitqiegħed bir-reqqa."[3] Aktar qrib tagħna, Crystal joħroġ bl-aforiżmu "No lexeme exists in splendid isolation."[4] Il-qofol ta' dan il-ħsieb hu li t-tifsir tal-kliem nistgħu nagħrfuh fid-dawl ta' l-assoċjazzjoni tiegħu ma' kliem ieħor.

Jekk, bħal Ferdinand de Saussure, inħarsu lejn il-lingwa bħala logħba ċess, nistgħu ngħidu li l-lessema hija pedina. Lilhinn mill-għamla u mill-materjal li minnu tkun magħmula l-pedina,[5] li hemm bżonn hu li jiġu identifikati l-mossi li l-pedina tista' tagħmel skond ir-regoli tal-logħba. Palmer iqegħedha hekk: "żiemel fuq l-iskakkiera huwa żiemel mhux għal xi kwalità inerenti fih" imma "għal dak li jista' jagħmel f'relazzjoni mal-bqija tal-pedini fuq l-iskakkiera."[6]

Kif jifhimha Lyons, fil-qalba ta' din il-viżjoni strutturalista tal-vokabolarju hemm il-kelmiet muftieħ *sistema* u *relazzjoni*.[7] Trier jiżviluppa l-idea li ebda kelma fl-għarfien tal-kelliem mhi maqtugħa għaliha waħedha, imma li kull waħda qiegħda f'relazzjoni qawwija mal-bqija tal-kliem. Għalih, "The value of a word can only be determined by defining it in relation to the value of neighbouring and contrasting words." B'hekk, il-vokabolarju ta' lingwa jsir sistema integrata ta' lessemi interrelatati fis-sens.[8]

F'din is-sistema, kull unità lingwistika tidħol f'relazzjoni ta' sens ta' żewġ xejriet differenti: kombinatorja u sostituttiva jew, f'termini Saussurjani, sintagmatika u paradigmatika. Saussure jikteb:

> *Minn banda, fid-diskors, il-kliem bejnietu, minħabba li jissensel ma' xulxin bħall-ħoloq ta' katina, jibni relazzjonijiet ibbażati fuq in-natura lineari tal-lingwa, li teskludilek il-possibilità li tlissen żewġ elementi f'daqqa [...] Mill-banda l-oħra, lilhinn mid-diskors, il-kliem li jkollu xi ħaġa in komuni jassoċja ruħu ma' xulxin fil-memorja, u b'hekk jiġu ffurmati gruppi li fi ħdanhom jirrenjaw relazzjonijiet tabilħaqq differenti.*[9]

Ir-relazzjonijiet sintagmatiċi, mela, huma fuq pjan orizzontali għaliex jinħolqu bejn unitajiet lingwistiċi għas-sempliċi raġuni li jikkookkorru ta' sikwit fl-istess sintagma. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidhru bħala relazzjonijiet esklużivament sintattiċi, iżda, kif se naraw aktar 'il quddiem, fil-biċċa l-

kbira tal-każi, il-kollokazzjoni ripetuta ta' kliem fl-istess sintagma jkollha riperkussjonijiet semantiċi. Ir-relazzjonijiet paradigmatiċi, jew ta' fuq il-pjan vertikali, huma dawk li jseħħu meta unitajiet jiġu kkuntrastati jew issostitwiti ma' unitajiet oħra simili. Biex nieħdu eżempju sempliċi, fil-frażijiet 'bieb aħmar' u 'bieb aħdar', *aħmar* u *aħdar* qegħdin f'relazzjoni paradigmatika ma' xulxin, waqt li kull waħda minnhom qiegħda f'relazzjoni sintagmatika ma' *bieb*. Lyons jistqarr li l-perspettiva tas-semantika strutturali hi li "t-tifsira ta' unità lingwistika nistgħu niddeterminawha mir-relazzjonijiet paradigmatiċi u sintagmatiċi li hemm bejn dik l-unità u l-unitajiet lingwistiċi l-oħra f'sistema lingwistika."[10]

## L-għelieqi semantiċi

Tajjeb li nagħmlu xi osservazzjonijiet fuq it-terminoloġija użata f'din it-taqsima. Fil-Malti, it-terminu '(*lexical*, *semantic*, *conceptual*, eċċ.) *field*' ġie tradott 'għalqa', speċjalment fi ħdan il-kritika letterarja.[11] Għalkemm x'aktarx kien ikun aktar preċiż kieku nqaleb f''kamp semantiku' jew 'qasam semantiku',[12] f'dan ix-xogħol nużaw 'għalqa' f'dan is-sens.

Minbarra għalqa semantika, f'ħafna kitbiet jintuża t-terminu 'għalqa lessikali', bħala sinonimu tiegħu.[13] Lyons, iżda, jiddistingwi bejniethom skond jekk il-grupp ta' espressjonijiet koperti minn għalqa kunċettwali[14] partikolari jħaddanx lessemi biss (f'dak il-każ isejjaħlu 'għalqa lessikali') jew jekk mal-lessemi jinkludix unitajiet oħra bħal idjomi (f'dak il-każ isejjaħlu 'għalqa semantika'). F'dan ix-xogħol mhux qed inżommu ma' din id-distinzjoni sottili u ż-żewġ termini jintużaw minflok xulxin.[15]

## Introduzzjoni

L-istrutturaliżmu Amerikan, taħt l-influwenza ta' Bloomfield, ittraskura l-istudju tal-lessiku għaliex kien jarah ftit jew wisq bla struttura, jew strutturat b'mod laxk ħafna.[16] Kien fit-tieni u t-tielet deċennju tas-seklu 20 li studjużi Ġermaniżi u Żvizzeri, fosthom Ipsen, Jolles, Porzig, u fuq kollox Trier, għarfu struttura fil-vokabolarju tal-lingwa.[17] Bħalma fil-grammatika u l-fonoloġija ta' lingwa hemm struttura, hekk ukoll assumew li l-kliem ta' lingwa jista' jiġi kkategorizzat fi gruppi relatati ma' l-għelieqi kunċettwali.

Grupp ta' lessemi li jkopru għalqa konċettwali flimkien ngħidu li jgħaqqdu 'għalqa lessikali'. Skond it-teorija ta' l-għelieqi semantiċi, fil-fatt, il-lessiku jista' jiġi organizzat fi gruppi ta' lessemi li jixxiebhu jew jiġu minn xulxin abbażi tat-tifsiriet tagħhom. Bi kliem sempliċi, Lehrer tispjega għalqa semantika bħala "a group of words closely related in meaning, often subsumed under a general term",[18] mentri Clark taraha bħala mod li bih il-lessiku jista' jinqasam permezz ta' linji semantiċi sabiex jinġabru flimkien il-lessemi li huma relatati ma' xulxin b'diversi modi.[19]

Fl-ewwel studju empiriku li żviluppa l-idea ta' l-għalqa semantika, *Sprachliches Feld*, Trier jgħid hekk dwar dawn l-istrutturi:

> *L-għelieqi huma r-realtajiet lingwistiċi ħajjin ta' bejn il-kelmiet singoli u l-lessiku fit-totalità tiegħu; bħala partijiet mis-sħiħ għandhom l-istess karatteristika tal-kelma, dik li jkunu strutturati f'unitajiet akbar, u bħall-vokabolarju, il-karatteristika li jkunu strutturati f'unitajiet iżgħar.*[20]

Trier kien tal-fehma li ebda għalqa mhi iżolata u li, flimkien ma' l-oħrajn, tibni għelieqi akbar, sa ma fihom jiġi inkluż il-vokabolarju fis-sħuħija tiegħu. Kif jinnota Geeraerts, din il-perspettiva ta' "kompartimentalizzazzjoni tal-lessiku" tara l-vokabolarju bħala "supergħalqa enormi."[21] Bejn għalqa u oħra nsibu diversi konnessjonijiet u nistgħu nistabbilixxu, per eżempju, għalqa ta' l-impjiegi, oħra tar-rikreazzjonijiet, oħra tat-tagħlim, u niggruppawhom flimkien ġo għalqa daqsiex ta' l-attivitajiet umani.[22] Hemm każi fejn għalqa teskludi lil oħra, bħal dik ta' l-annimali u dik ta' l-artefatti: jekk ħaġa taqa' taħt il-kategorija ta' l-annimali mhix artefatt u viċe versa; dejjem jekk neskludu kontro-eżempji bħal *kelb ġugarell* jew każi li jaqgħu bejn għalqa u oħra bħal *għasafar ibbalzmati*.[23]

**Id-diffikultajiet**

It-teorija ta' l-għelieqi kellha tħabbat wiċċha ma' ħafna kritika. Biex jispjega li l-kelma qiegħda f'xibka ta' relazzjonijiet ta' tifsir, Trier juża x-xbieha tal-mużajk mislufa mingħand Ipsen.[24] Ix-xbieha ma kinitx waħda feliċi għaliex timplika li l-wiċċ ta' għalqa hu miksi kollu kemm hu u ma fihx 'vojt lessikali' wieħed[25] u li kull għalqa hija ddelinjata b'mod ċar, meta mhux faċli tindika bl-eżatt fejn tibda u fejn tispiċċa. Kif jirrapporta Geeraerts, daqs tletin sena wara Trier innifsu juri d-dispjaċir tiegħu li x-xbieha ma kkoreġihiex. Ikun

aktar xieraq mudell forma ta' stilla b'ponot ħirġin mill-qalba tagħha, u li t-tarf tal-ponot jista' jerġa' jservi bħala l-qalba għal għalqa oħra.[26]

Meta wieħed imidd idu għall-analiżi ta' għalqa semantika, il-problemi tipiċi li jiltaqa' magħhom huma li jiddetermina liema għelieqi semantiċi jeżistu u liema vuċijiet lessikali jappartjenu għal kull waħda minnhom. Ladarba jiġu stabbiliti dawn, il-pass li jmiss ikun li jiġu identifikati l-lessemi bażiċi u l-lessemi periferiċi.[27] Berlin u Kay jelenkaw tmien kriterji li użaw fl-analiżi ta' l-għalqa semantika tal-kuluri fi 98 lingwa differenti biex ikunu jistgħu jagħżlu t-termini bażiċi tal-kuluri minn dawk li m'humiex.[28]

Uħud minnhom jistgħu jservu ta' kriterji għal għelieqi semantiċi oħra. Fosthom hemm li kelma bażika tkun "monolessema" (i.e. it-tifsira tagħha ma tistax tasal għaliha mit-tifsiriet tal-partijiet tagħha), li ma tintużax biss għal kategorija dejqa ta' oġġetti (eż. il-*qastni* li tintuża għax-xagħar u għal ftit ħwejjeġ oħra), li l-informaturi jqisuha "psikoloġikament saljenti" (fis-sens li meta jintalbu lista ta' termini, tkun fost dawk li jelenkaw; li tkun preżenti fl-idjoletti kollha tagħhom; eċċ.), u li ma tkunx missellfa reċentement fil-lingwa (għax inkella aktarx tkun periferika).

Palmer josserva li ġeneralment il-lessemi jkunu "bla ordni".[29] F'dak li għandu x'jaqsam mat-tifsir tagħhom, m'hemmx manjiera naturali kif jiġu organizzati f'xi għamla ta' ordni. "Huwa minnu", iżid jgħid, "li x-xjentist ikollu qafas għall-klassifikar tal-metalli jew tal-mammiferi [...] imma m'hemmx mod li bih, f'termini ta' xi karatteristika ċara ta' tifsir, nistgħu norganizzaw *iljunfant*, *ġiraffa*, *rinoċeronte*." Mill-banda l-oħra, gruppi ta' lessemi bħall-ġranet tal-ġimgħa u x-xhur (li għandhom ċerta sekwenza: *il-Ħadd* hu l-jum eżatt qabel *it-Tnejn*, *Mejju* x-xahar eżatt qabel *Ġunju*) kif ukoll l-unitajiet ta' kejl u n-numri (fil-Malti) nistgħu nagħmluhom f'ordni (tibda mill-iżgħar u tibqa' tiela' *pulzier*, *xiber*, *pied*..., *wieħed*, *tnejn*, *tlieta*...).[30]

Diffikultà oħra tirrigwarda l-aspett formali ta' l-għelieqi semantiċi. Hartmann u James jgħidu li l-analiżi paradigmatika tal-lessema ssir fl-għelieqi semantiċi waqt li l-analiżi sintagmatika ssir fil-kollokazzjonijiet (ara r-raba' taqsima).[31] Fuq naħa, għal Lehrer u għal studjużi oħra, l-għelieqi lessikali huma bbażati fuq relazzjonijiet paradigmatiċi biss, u fuq l-oħra, Lyons jemmen li fil-kwadru kollu għandhom jitqiegħdu r-relazzjonijiet sintagmatiċi wkoll.[32] Fil-fatt, Lyons jafferma li "syntagmatic relations, no less than paradigmatic relations of sense, determine the structure of a lexical field."[33] Il-perspettiva ta' Trier u r-relazzjonijiet paradigmatiċi u dik ta' Porzig u r-relazzjonijiet sintagmatiċi (ara r-raba' taqsima), li waħda kienet donnha l-maqlub ta' l-oħra, fis-sewwa jikkumplimentaw lil xulxin.[34]

F'evalwazzjoni ħafifa ta' l-għelieqi semantiċi, Lyons juri kif it-teorija xxerrdet fi sferi oħra, fosthom ix-xjenzi soċjali, bħall-antropoloġija, li nqdiet biha biex stħarrġet il-vokabolarju tal-parentela, tal-pjanti, tal-mard, u ta' aspetti kulturali oħra; is-semjotika, l-analiżi stilistika tat-testi minn studjużi bħal Roland Barthes u Algirdas Julien Greimas; u f'għadd ta' studji interdixxiplinarji bejniethom.[35] Għad li hi mfassla b'mod vag, Lyons isostni li "field-theory has proved its worth as a general guide for research in descriptive semantics over the last forty years; and it has undoubtedly increased our understanding of the way the lexemes of a language are interrelated in sense."[36] Aktar minn hekk, fil-paġna ta' wara jgħid li m'għandniex "[an] alternative theory of the structure of vocabulary which has been formalized and which has been tested against an equal amount of empiric evidence."[37]

## Ir-relazzjonijiet ta' sens

Għal Trier, għalqa semantika kienet tissejjes fuq ir-relazzjonijiet paradigmatiċi, li fil-letteratura kemm-il darba jissejħu 'relazzjonijiet ta' sens'.[38] Il-lessemi f'relazzjoni paradigmatika jistgħu ma jkunux relatati semantikament (eż. *xiħ* u *twil* f'sintagmi bħal 'raġel xiħ' u 'raġel twil') jew jistgħu jkunu relatati b'diversi modi. Is-sensi tagħhom jistgħu jkunu inkompatibbli (eż. *blu* u *aħdar*) jew antonimi (eż. *ħafif* u *tqil* f'ċerti sintagmi, u *ħafif* u *artab* f'oħrajn). Waħda tista' tkun l-iponimu ta' oħra (eż. *qattus* u *annimal*) jew il-maqlub ta' oħra (eż. *ġenitur* u *wild*). F'din it-taqsima se mmissu fuq fuq tlieta mir-relazzjonijiet ta' sens ewlenin: is-sinonimija, l-antonimija, u l-iponimija, li huma fil-qalba tat-teorija ta' l-għelieqi semantiċi.

## Is-sinonimija

Fuq wiċċ tal-munita jista' jkollna kelma b'aktar minn tifsira waħda, u f'dan il-każ nitħaddtu dwar il-polisemija u l-omonimija.[39] Fuq il-wiċċ l-ieħor jista' jkollna diversi forom bl-istess tifsira. Is-sinonimi huma sewwasew "espressjonijiet bl-istess tifsira." Għażilt id-definizzjoni ta' Lyons għaliex ma tillimitax ir-relazzjoni tas-sinonimija għal-lessemi biss, imma tħaddan fiha espressjonijiet lessikalment komposti wkoll.[40]

Hija mifruxa sew id-distinzjoni bejn sinonimija parzjali u sinonimija

assoluta.[41] Din ta' l-aħħar hija estremament diffiċli. Skond Gottfried Wilhelm Leibniz, fin-natura ma jistax ikollok żewġ oġġetti li għandhom il-karatteristiċi kollha in komuni, jiġifieri li huma identiċi: "m'int qatt se ssib żewġ bajdiet, jew werqiet, jew żewġ ħaxixiet fi ġnien li huma eżattament l-istess bħal xulxin."[42] Lyons isostni li żewġ espressjonijiet jistgħu jkunu sinonimi assoluti jekk, u biss jekk, jissodisfaw tliet kundizzjonijiet: (i) it-tifsiriet kollha tagħhom huma identiċi; (ii) huma sinonimi f'kull kuntest; (iii) huma semantikament ekwivalenti (i.e. it-tifsiriet tagħhom huma identiċi) fid-dimensjonijiet kollha ta' tifsir (deskrittiv u mhux-deskrittiv).[43]

Li kieku kellna nieħdu *żgħir* u *ċkejken*, żewġ lessemi polisemiċi, f'sentenza bħall-[1] li turi waħda biss mit-tifsiriet tagħhom, ġeneralment iż-żewġ kelmiet jitqiesu sinonimi.

Għandha lapes żgħir / ċkejken. [1]

Imma faċilment naraw li m'humiex sinonimi fit-tifsiriet kollha tagħhom, tant li sentenza bħat-[2] tista' tkun lessikalment ambigwa (frott il-polisemija ta' *żgħir*, fis-sens ta' età u daqs) b'mod li s-sentenza [3] mhijiex (għax tindika d-daqs biss).

Dak ir-raġel żgħir. [2]
Dak ir-raġel ċkejken. [3]

B'hekk rajna li ż-żewġ kelmiet ma jissodisfawx l-ewwel kundizzjoni għaliex *żgħir* għandha mill-inqas tifsira waħda li *ċkejken* m'għandhiex. It-tieni kundizzjoni tikkonċerna l-'medda kollokazzjonali' ta' espressjoni, jiġifieri l-kuntesti li fihom tista' tokkorri (ara r-raba' taqsima). Hemm diversi kuntesti fejn *ċkejken* ma tistax titpartat ma' *żgħir*, għaliex l-espressjoni ma tibqax idjomatika jew ma ssirx aċċettabbli mil-lat ta' kollokazzjoni, eżempju:

Ħaġa żgħira biex jaqbad u ma jiġix. [4]

It-tielet kundizzjoni żżeffen fin-nofs żewġ tipi ta' tifsir. Żewġ kelmiet huma sinonimi jekk ikollhom l-istess 'tifsira deskrittiva' (*żgħir* u *ċkejken*, f'waħda mit-tifsiriet tagħhom, huma sinonimi għaliex wieħed ma jistax fl-istess nifs jasserixxi mingħajr ma jikkontradixxi lilu nnifsu li xi ħadd għandu lapes żgħir u jiċħad li dak ix-xi ħadd għandu lapes ċkejken) u l-istess 'tifsira soċjo-espressiva'

(il-kelmiet tal-koppji *qawwi* u *oħxon*, *ekonomiku* u *qammiel*, *issellef* u *iddejjen*, għandhom l-istess denotazzjoni imma huma differenti stilistikament u l-użu ta' waħda minflok l-oħra jesprimi l-attitudni ta' min jużaha lejn is-suġġett).[44]

Perspettiva oħra li minnha s-sinonimija ġiet diskussa hija dik ta' W.E. Collinson li wasal għal disa' differenzi tipiċi bejn is-sinonimi.[45] Friggieri jaqlibhom għall-Malti u jagħti xi eżempji:

> *(1) kelma hi aktar ġenerali minn oħra, eż., 'karab' – 'beka'; (2) kelma hi aktar intensa minn oħra, eż., 'wissa' – 'widdeb'; (3) kelma hi aktar emottiva minn oħra, eż., 'parpar' – 'telaq'; (4) kelma tista' timplika ċensura jew approvazzjoni morali, eż., 'berbaq' – 'nefaq'; (5) kelma hi aktar professjonali jew teknika minn oħra, eż., 'omiċidju' – 'qtil'; (6) kelma hi aktar letterarja minn oħra, eż., 'ħajr' – 'ringrazzjament'; (7) kelma hi aktar kurrenti jew diskursiva minn oħra, eż., 'xagħar' – 'dliel'; (8) kelma hi aktar djalettali jew lokali minn oħra, eż., 'manoċċa' – 'tajra'; (9) waħda mis-sinonimi hi meħuda mit-taħdit tat-tfal, eż., 'pappa' – 'ikel'.*[46]

Il-biċċa l-kbira ta' l-istudjużi tas-semantika jaqblu li ħafna drabi jkollna sinonimi parzjali, jew kważi-sinonimi, u li s-sinonimi assoluti huma estremament rari. Ullmann huwa tal-fehma li s-sinonimija assoluta tista' tokkorri f'varjetajiet tal-lingwa bħal-lingwaġġ tekniku, li n-nomenklaturi tiegħu jkunu mimlija termini definiti b'mod preċiż u mingħajr sfumaturi emottivi.[47]

**L-antonimija**

Minn fost ir-relazzjonijiet ta' sens proposti fis-semantika, għal Cruse, l-oppożizzjoni hija l-aktar waħda li l-bniedem jifhem, sa minn ċkunitu.[48] Minn Eraklitu sa Jung, bosta lemħu l-opposti fl-univers. It-tipi differenti ta' oppożizzjoni lessikali ħafna drabi jinġabru taħt l-'antonimija'; terminu li twieled fis-seklu 19 biex jiddeskrivi l-oppożizzjoni fit-tifsir u li kien mifhum bħala l-oppost tas-sinonimija. Kien Lyons li dejjaq is-sens tat-terminu 'antonimija'.[49] Minfloku, beda jintuża 'oppożizzjoni semantika' (u ġieli 'kuntrast semantiku') bħala t-terminu l-aktar ġenerali. L-oppożizzjoni semantika tinqasam qabelxejn f'oppożizzjoni 'binarja' u 'mhux-binarja' skond jekk il-lessemi involuti fl-oppożizzjoni humiex tnejn (eż. *lemin* : *xellug*) jew aktar (eż. *wasal*: *baqa'*: *telaq*).[50]

L-oppożizzjoni binarja tħaddan fiha:

i il-komplementarjetà: b'mod eżawrjenti, koppja ta' lessemi taqsam dominju konċettwali f'żewġ kompartimenti li jeskludu lil xulxin, u dak li ma jaqax taħt waħda, jaqa' bilfors taħt l-oħra; bħal *veru* : *falz*, *mejjet* : *ħaj*, *żewġ* : *fard*, *għadda* : *weħel* (minn eżami), li ma jħallux lok għal xi tielet terminu newtrali bejniethom.

ii l-antonimija: lessemi, bħal *twil* : *qasir*, *kiesaħ* : *sħun*, *tajjeb* : *ħażin*, li (a) huma għalkollox 'gradabbli'[51], (b) bħala koppja jiddenotaw grad f'xi proprjetà varjabbli bħat-tul, it-temperatura, il-piż, eċċ., (ċ) meta tintensifikahom, il-membri tal-koppja donnhom jimxu f'żewġ direzzjonijiet opposti tul l-iskala li tirrappreżenta l-proprjetà varjabbli (eż. tul l-iskala tal-piż, *vera tqil* u *vera ħafif* huma aktar imbegħdin minn xulxin milli huma *kemxejn tqil* u *kemxejn ħafif*), u li (d) bħala koppja ma jtebbqux dominju eżattament fi tnejn: peress li hemm għadd ta' valuri bejn it-termini opposti, stqarrija bħal *Dak twil* ma tikkontradiċix lil *Dak qasir* (tant li *Dak la hu twil u lanqas qasir* mhijiex paradossali), imma t-tnejn huma l-'kuntrarji' ta' xulxin.[52]

iii l-oppożizzjoni perspettivali: żewġ lessemi bħal *ħu* : *oħt*, li f'sentenza bħal '*x* hu ħu *y*' jesprimu propożizzjoni li l-kuntrarju tagħha tesprimih '*x* hi oħt *y*', u b'hekk huma komuni fil-biċċiet mil-lessiku fejn hemm rwoli soċjali reċiproċi bħal *tabib* : *pazjent*, *sid* : *qaddej*, relazzjonijiet ta' parentela *omm* / *missier* : *iben* / *bint*, *żewġ* : *mart*, u relazzjonijet temporali u spazjali *qabel*: *wara*.

iv l-oppożizzjoni direzzjonali: lessemi li jinvolvu tipi differenti ta' orjentazzjoni spazjali relattiva għal xi punt ta' riferiment, li tista' tkun f'sens statiku bħal *taħt* : *fuq*, jew f'sens dinamiku bħal *ġie* : *mar* (li jista' jkun anke metaforiku, eż. *saqsa* : *wieġeb* nistgħu noħduha li hemm messaġġ għaddej minn persuna għall-oħra u messaġġ ieħor għaddej lura).

L-oppożizzjoni mhux-binarja tinqasam fi tnejn skond kemm-il dimensjoni semantika hi involuta. L-'oppożizzjoni unidimensjonali' tinvolvi lessemi (i) fi skala, bħal dik tat-temperatura (*sħun* : *fietel* : *biered* : *frisk* : *kiesaħ*), li huma gradabbli, (ii) f'rank, bħal dak militari (*ġeneral* : *kurunell* : *maġġur* : *kaptan* : *logutenent*), li huma diskontinwi, u (iii) f'ċiklu, bħall-jiem tal-ġimgħa li, għalkemm qegħdin fuq dimensjoni waħda (dik taż-żmien), l-istruttura tad-dimensjoni mhix polari għaliex ma fihiex żewġ estremi bħal *kiesaħ* u *sħun*.

L-'oppożizzjoni multidimensjonali' tista' tkun (iv) direzzjonali, jiġifieri opposti bħal *tramuntana* : *nofsinhar* : *punent* : *lvant*[53] jew dawk li jieħdu l-ġisem tal-bniedem bħala punt ta' riferiment, *lemin* : *xellug*, *quddiem* : *wara*,

jew (v) inkompatibbli, li huwa terminu ġenerali li jirreferi għall-kuntrasti ta' bejn lessemi f'għalqa semantika, li l-kliem fi ħdanha jista' jiġi analizzat skond diversi dimensjonijiet (eż. *tiġieġa*, *serduq* u *fellus* jistgħu jiġu analizzati mill-anqas fid-dimensjoni ta' l-età u tas-sess).

**L-iponimija**

Ir-relazzjoni ta' inklużjoni semantika li nsibu bejn kelma aktar ġenerali, bħal *ħuta*, u kelma aktar speċifika bħal, *denċi*, tissejjaħ 'iponimija'. Eżempji tagħha huma koppji bħal *annimal* : *qattus*, *għodda* : *martell*, *virtù* : *onestà*, u *moviment* : *ġiri*. Mil-lat ta' terminoloġija, il-kelma ġenerali hi l-iperonimu filwaqt li l-kelma speċifika hi l-iponimu; u b'hekk, *burqax*, *skorfna* u *denċi* huma ko-iponimi ta' *ħuta*.

L-iponimija hija relazzjoni tranżittiva: jekk *x* hu iponimu ta' *y* u *y* hu iponimu ta' *z*, *x* hu iponimu ta' *z*. Mela, la *qattus* hu iponimu ta' *mammiferu* u *mammiferu* hu iponimu ta' *annimal*, mela *qattus* hu iponimu ta' *annimal*. Pittàno l-iponimija jiddeskriviha bħala unilaterali, asimetrika u mhux-reċiproka għaliex *warda* hi l-iponimu ta' *fjura* imma mhux bil-maqlub, *fjura* mhix l-iponimu ta' *warda*.[54] Crystal isostni li l-iponimija hi importanti ħafna għal-lingwisti għaliex mod mill-aqwa kif lessema tiġi definita hu li jingħata l-iperonimu tagħha, eżempju l-*ġobon* hu tip ta' *ikel*. Ta' min jinnota li ħafna lessemi m'għandhomx iperonimu u, agħar minn hekk, ġieli jkun diffiċli tgħid liema lessema hi l-iperonimu u liema hi l-iponimu, bħal fil-każ ta' *storbju* u *ħoss*. L-istorbju hu tip ta' ħoss jew il-ħoss tip ta' storbju?[55]

Bħala relazzjoni, l-iponimija timponi struttura ġerarkika fuq il-vokabolarju u fuq l-għelieqi lessikali fi ħdanu.[56] L-iponimija trid tinżamm distinta mill-'meronimija' jew ir-'relazzjoni sehem-sħiħ' li toħroġ f'eżempji bħal *sieq* : *ġisem*, *pum* : *bieb*, *stering* : *karozza*. Filwaqt li fil-każ ta' *ġobon* stajna ngħidu li hu tip ta' *ikel* jew li *warda* hi tip ta' *fjura*, fil-każ ta' *sieq*, ma jreġix jekk ngħidu li hi tip ta' *ġisem*, għaliex hija parti tal-ġisem. Saret ħafna diskussjoni fuq jekk il-meronimija hix relazzjoni tranżittiva bħall-iponimija jew le.[57] L-analiżi komponenzjali, li se nittrattaw fl-aħħar taqsima, tibda mill-arċilessema li hi simili ta' l-iperonimu.

**Relazzjonijiet sintagmatiċi**

F'kuntrast mat-teoriji mressqa minn Trier fl-għoxrinijiet tas-seklu 20, Porzig fassal l-idea ta' l-għelieqi semantiċi, *Bedeutungsfelder*, ibbażata fuq ir-relazzjonijiet ta' sens li hemm bejn koppji ta' lessemi marbuta ma' xulxin sintagmatikament. It-teorija ta' Porzig tqis is-sintagma mibnija minn żewġ elementi (jiġifieri 'kollokazzjoni' li tipikament hi komposta minn nom u verb jew nom u aġġettiv) f'relazzjoni li torbot iż-żewġ kostitwenti flimkien f'dik li hu sejjaħ relazzjoni ta' tifsir essenzjali (*wesenhafte Bedeutungsbeziehung*). In-natura ta' dawn ir-relazzjonijiet ifissirha hekk:

> *What does one bite with? With the teeth, of course. What does one lick with? With the tongue, obviously. What is it that barks? A dog. What does one fell? Trees. What is it that is blond? Human hair. The fact is here illustrated by means of a few examples is so banal that we are inclined to overlook it and above all to underestimate its importance.*[58]

Skond Crystal, dan il-kunċett ta' kollokazzjoni jiġbed l-attenzjoni tagħna fuq jekk lessema toqgħodx ħdejn oħra b'kumbinazzjoni jew b'regolarità li nistgħu nbassruha.[59] Fil-biċċa l-kbira tal-każi, lessema toqgħod ħdejn oħrajn skond l-għażliet tal-kelliem individwali: qabel jew wara lessema bħal *inħobb*, *tajjeb* jew *ħażin* tista' toqgħod kważi kull lessema oħra. Sekwenzi ta' din ix-xorta huma lkoll każi ta' <u>kumbinazzjoni ħielsa</u> għaliex, meta naraw lessema, magħha ma nistennewx li nsibu xi lessema oħra partikolari.

Għall-kuntrarju, kelliem nattiv matur juża *ħaddan il-fidi (Kattolika)* (u mhux *għannaq il-fidi*, anke jekk iż-żewġ verbi huma tant qrib fis-sens), *injoranza grassa* (u mhux *bravura grassa*), *agħma iżraq* (mhux *agħma ċelesti*), *bajda mitruħa*, *żamm id-dixxiplina*, u l-bqija. Dawn huma lkoll eżempji ta' <u>kollokazzjoni</u> għaliex, sa ċertu punt, lessema minnhom iġġib quddiem għajnejn il-kelliem il-lessema l-oħra. Kemm dan jiġri jiddependi mill-qawwa kollokazzjonali tal-lessemi in kwistjoni. B'dan il-mod, *ġelat tajjeb* nistgħu nsejħulha 'kollokazzjoni dgħajfa' għaliex ma' *tajjeb* setgħu qagħdu ħafna lessemi oħra, waqt li *xejn affattu* 'kollokazzjoni qawwija' għaliex ma' *affattu* tikkolloka *xejn* kważi b'mod eskluživ.

> *"You shall know a word by the company it keeps" jargumenta Firth.*[60] *F'xogħol ieħor, jagħti din id-definizzjoni famuża: "Collocations of a given word are statements of the habitual or customary places of that word."*[61] *Fl-ambitu tal-lessikografija, Aquilina jgħid "I explain words not only in isolation as lexemes but*

*also in collocation with other words, because with the meaning thereof supported, conditioned and borne out more specifically by the other words in juxtaposition with them." Fl-istess paġna jżid "The words of a language are situationally conditioned; hence the need for illustrating their meaning by a process of collocations through copious examples of words in movement in idiomatic usages."*[62]

Issir distinzjoni bejn kollokazzjoni grammatikali u kollokazzjoni lessikali. L-ewwel waħda hi binja sintagmatika magħmula minn ras (verb, nom, aġġettiv) u prepożizzjoni (eż. *ħati ta'*, *rikba fuq*, *mar ma'*, *ferħan bi*), jew minn kelma li taqa' taħt klassi ta' kliem miftuħa u minn oħra li tagħmel ma' klassi magħluqa. It-tieni waħda hi binja sintagmatika b'żewġ elementi li tipikament ikunu nom, verb, aġġettiv jew avverb:

| | |
|---|---|
| nom à aġġettiv | *inċident fatali*, *għira bażwija* |
| nom à verb | *il-ġelat inħall*, *is-serduq jidden* |
| verb à nom | *faqqgħet gwerra*, *għamel progess* |
| nom à nom | *grokk wiski*, *qatra ilma* [63] |

Kull waħda miż-żewġ kategoriji, imbagħad, tista' terġa' tinqasam f'sottokategoriji.

Minn banda, insibu lessemi bħal *triq* li magħhom jistgħu jikkollokaw ħafna oħrajn (*watja*, *dejqa*, *imħarbta*, *prinċipali*, *dritta*).[64] Mill-banda l-oħra, xi lessemi jagħmluha biss ma' numru żgħir ta' lessemi oħra, tant li fejn naraw waħda donna nistennew lill-oħra; eżempju *ixheb* tikkolloka ma' *xagħar*, *daqna*, *suf* u xi ftit oħra, *miżż* tikkolloka l-aktar ma' *laħam*,[65] *most* ma' *nbid*, *ibblakka* ma' *żarbun* u *għajn*, *baqta* ma' *ħalib*, *baħar* u xi ftit oħra.[66] Hawnhekk qed nitkellmu dwar l-hekk imsejħa 'restrizzjonijiet kollokazzjonali'. Żewġ lessemi flimkien jistgħu jkunu kontradittorji (*ċirku kwadru*) jew anomali (*tuffieħa vjola*). Lessema tista' tintuża biss ma' grupp ta' lessemi li jkollhom xi komponenti semantiċi in komuni (*ħalliena*, 'miet', x'aktarx ma tintużax ma' annimali jew pjanti, imma ma' bnedmin; *ċlona* tintuża ma' persuni tas-sess femminili biss).[67] Xi lessemi jkollhom tendenza joqogħdu f'ambjent semantiku partikolari; pereżempju, *safa* hi assoċjata ma' diżgrazzji u esperjenzi koroh bħal *midrub*, *maqtul*, *misruq*.[68] Restrizzjoni sintattika fil-Malti nsibuha fil-binja komparattiva b'*iżjed/aktar/inqas* à aġġettiv inkella b'aġġettiv fis-suriet [v12v3] (*idjaq*, *eqreb*, *ifjen*) jew [v12v] (*oħla*, *aqwa*, *ogħla*) li warajha jrid ikollha *minn*.[69]

Sa ċertu punt, in-natura stess tad-dinja ta' madwarna tiġi riflessa fil-lingwa li nużaw.[70] B'hekk, ħwejjeġ li jokkorru flimkien fiżikament għandek ċans akbar li jissemmew qrib xulxin. Minkejja kollox, fehma mifruxa mhux ħażin tqis il-kollokazzjoni aktar minn sempliċi kwistjoni ta' assoċjazzjoni ta' ideat; ma tistax tgħid liema kumbinazzjonijiet ta' kliem se jkollna mill-għarfien li għandna tad-dinja. L-*inbid*, per eżempju, ħafna drabi jidher safrani lewn id-deheb imma ngħidu li hu *abjad*. Hekk ukoll, il-ħalib huwa abjad (tant li ngħidu 'abjad ħalib') imma mhux soltu ngħidu *ħalib abjad*, bħalma ngħidu *krejon abjad*.

Meta lessema tintuża f'kollokazzjoni ma' numru ristrett ta' lessemi jew frażijiet, is-sens tagħhom ġieli jitlaħħam fil-lessema nfisha.[71] Hekk ġara, per eżempju, lil *saq* li, frott il-kollokazzjoni frekwenti ma' *karozza*, f'espressjonijiet bħal 'Inti ssuq?' u 'Saq mill-post sa l-iskola', id-diskors ikun qed isir dwar il-karozza u mhux, ngħidu aħna, dwar lessemi oħra li wkoll jikkollokaw miegħu bħal *rota*, *vapur*, *ajruplan*. F'dawn il-każi ta' l-aħħar, *saq* ikollu tifsira aktar ġenerali. Skond qawl Ċiniż, 'Min joqgħod ħdejn l-aħmar jiħmar, u min joqgħod ħdejn l-iswed jiswied'. Jekk kelma tikkolloka ma' kliem b'xi tifsira affettiva, jista' jkun li tieħu din l-istess tifsira affettiva anke meta titqiegħed ħdejn kliem li mhux soltu tikkolloka miegħu. Kelma li tagħmilha ma' "kumpanija ħażina" meta tintuża waħedha tista' tiġi tindika xi ħaġa negattiva.[72]

Mhux dejjem faċli tagħżel kollokazzjoni minn kumbinazzjonijiet oħra ta' kliem. Nesselhauf issemmi l-kriterju tas-sostituzzjoni li tkun restritta b'mod arbitrarju. Meta s-sostituzzjoni ta' l-elementi għandha restrizzjoni semantika (**xorob il-gazzetta*, **qara l-ħalib*, għaliex *xorob* jitlob nom bil-kwalità semantika ta' 'likwidu' u *qara* jitlob nom bil-kwalità semantika ta' 'li fih il-lingwa miktuba'), ikollna każ ta' kumbinazzjoni ħielsa. Għall-kuntrarju, meta s-sostituzzjoni ta' wieħed mill-elementi ma tistax issir minħabba l-konvenzjoni arbitrarja tal-lingwa (*ħadet idea*, *ħadet impressjoni*, imma mhux **ħadet fehma*), ikollna każ ta' kollokazzjoni.[73]

Il-kollokazzjoni hija aktar fissa mill-kumbinazzjoni ħielsa u anqas fissa mill-idjoma. Espressjonijiet bħal *għamel il-bsaten fir-roti*, *dahru mal-ħajt*, *rasu iebsa*, *ġibidlu siequ*, *faħam miblul* insejħulhom <u>idjomi</u>. Definizzjoni tradizzjonali tgħid li l-idjoma hi espressjoni li t-tifsira tagħha ma nistgħux niddeduċuha mit-tifsiriet tal-partijiet tagħha.[74] L-espressjoni trid tkun fissa kemm grammatikalment u kemm lessikalment, tant li ma nistgħux inbiddlu kelma waħda minn idjoma bħal *għamel il-bsaten fir-roti* u nibqgħu bl-istess tifsira ta' 'xekkel u ostakola', imqar jekk is-sens tal-lessema li nintroduċu jkun qrib ħafna ta' dik li ndaħħlu. Espressjonijiet bħal *għamel iz-zkuk fir-roti*

jew *għamel il-bsaten mar-roti* jitilfu l-idjomatiċità tagħhom u, m'hemmx mod ieħor kif ninterpretawhom jekk mhux b'mod letterali.

Skond Cruse, biex tissejjaħ idjoma, espressjoni trid tkun (i) "lessikalment kumplessa, jiġifieri jrid ikun fiha aktar minn kostitwent lessikali wieħed" u (ii) "trid tkun kostitwent semantiku minimali wieħed."[75] Għalkemm tikkonsisti f'aktar minn kelma waħda, ikompli jargumenta, sa ċertu punt l-idjoma tixbah lill-kelma għaliex tipikament tiflaħ għall-interruzzjoni (eż. *ġie dahru, kif taqbad tgħid, mal-ħajt*) u l-partijiet tagħha xi kultant tista' tinbidlilhom l-ordni (eż. *ġibidhielha 'l oħtu sieqha*). Il-partijiet ta' xi idjomi jistgħu jġarrbu riformulazzjoni grammatikali, bħal fil-każ ta' *webbes rasu*, *ġbid is-saqajn*. B'dankollu, Cruse jikkonkludi li ma jixraqx li l-idjoma nqegħduha fl-istess keffa mal-kelma.

Hafna mill-idjomi huma omofoniċi ma' espressjonijiet oħra trasparenti fil-lingwa; *ras iebsa* u *faħam miblul*, ngħidu aħna, jaħbtu ma' espressjonijiet mhux-idjomatiċi li ma nsibuhomx elenkati fid-dizzjunarju. Meta jiġri dan, x'aktarx ngħidu li waħda għandha tifsira letterali u l-oħra tifsira idjomatika, metaforika, jew figurattiva.[76] L-idjoma għandha ħafna minn dik li nafuha bħala metafora mejta. Għalkemm il-biċċa l-kbira ta' l-idjomi, għall-bidu x'aktarx kienu metafori, Cruse jemmen li għandhom jinżammu mifruda minn xulxin.[77]

Relazzjoni sintagmatika li ma rċevietx l-attenzjoni ta' wisq studjużi hija dik li Crystal isejjaħ frażi lessikali.[78] Din tinvolvi sekwenzi ta' lessemi li qishom "prefabricated components used in building a house or a computer".[79] Jistgħu jkunu ta' tul differenti, bħal *mela darba waħda*, *sa fejn naf jien*, *mill-banda l-oħra*, jew kultant qishom formuli, bħal:

| | |
|---|---|
| *aktar ma* x, *aktar* y | aktar ma *tiekol*, aktar *teħxien* |
| *kemm* x, *kif ukoll* y | kemm *ħuh*, kif ukoll *missieru* |
| x *tiela' u* x *nieżel* | *xoping* tiela' u *xoping* nieżel[80] |
| x *fejn* x | *tħares* fejn *tħares*. |

Uħud minnhom, bħal *terġa' u tgħid*, *f'kelma waħda*, *biex tgħaxxaqha*, *ma nagħmlux mod*, huma frażijiet qosra li jaħdmu bħala lessema individwali, tant li l-ordni tagħhom ma tvarjax u ma jistgħux jiġu interrotti. Oħrajn jistgħu jservu biex jibnu l-qafas ta' sentenza sħiħa bħal *Mhux biss ..., imma wkoll / anke....* Dawn huma frażjiet li nużawhom il-ħin kollu, partikolarment f'konverżazzjoni għaliex jaqduna b'diversi modi. Bihom nesprimu qbil, indawru d-diskors, nintroduċu eżempju, u l-bqija.

## L-analiżi komponenzjali

L-analiżi ta' Trier kellha n-nuqqas li toffri deskrizzjonijiet u definizzjonijiet informali u imprecizi tas-sustanza ta' l-għelieqi. Bħala riżultat ta' dan, saru għadd ta' tentattivi biex il-lessemi ta' għalqa jiġu deskritti b'mod aktar preċiż. Fosthom kien hemm l-'analiżi komponenzjali'. Bħalma jikxef isimha stess, fiha, is-sens ta' lessema jiġi analizzat skond il-partijiet li jikkomponuha. It-tifsira ta' lessema niddefinuha b'elementi semantici aktar semplici u bażici, il-'komponenti semantiċi',[81] li Geeraerts isejħilhom "the elementary building-blocks of definitions."[82]

L-analiżi komponenzjali ilha tiġi diskussa fl-ambitu tal-filosofija għal żmien twil imma dan l-aħħar intużat fuq li ntużat mil-lingwisti. Dan il-metodu għandu mil-lessikografija tradizzjonali għaliex jiddefinixxi l-kunċetti b'mod analitiku billi jaqsamhom f'kunċetti aktar bażiċi,[83] u għandu mill-fonoloġija strutturali li rnexxielha tiddeskrivi l-inventarju tal-ħsejjes fil-lingwaġġi naturali permezz ta' numru ta' oppożizzjonijiet, bir-rappreżentazzjoni à/- (valur pożittiv u ieħor negattiv), li l-analiżi komponenzjali ssellfet biex tidentifika l-komponenti tagħha.

L-eżempju tipiku hu dak tal-kelmiet *tifel*, *tifla*, *raġel* u *mara*, li lkoll jiddenotaw bnedmin. Minnhom nistgħu nieħdu l-fattur komuni BNIEDEM.[84] Bl-istess mod, minn *tifel* u *raġel* nistgħu noħorġu l-fattur komuni (SESS) MASKILI, u minn *tifla* u *mara* l-fattur FEMMINILI. Wieħed mill-fatturi ta' *raġel* u *mara* huwa ADULT, f'kuntrast ma' *tifel* u *tifla* li m'għandhomx ADULT, jew li għandhom -ADULT.[85]

L-erbgħa li huma jistgħu jiġu rrappreżentati bħala ekwazzjoni matematika li fiha, numru bħal 30, jitqejjes fil-fatturi 2 x 3 x 5, u allura:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *raġel* | = | [àBNIEDEM] | x | [ÀMASKILI] | x | [àADULT] |
| *mara* | = | [àBNIEDEM] | x | [-MASKILI] | x | [àADULT] |
| *tifel* | = | [àBNIEDEM] | x | [ÀMASKILI] | x | [-ADULT] |
| *tifla* | = | [àBNIEDEM] | x | [-MASKILI] | x | [-ADULT] [86] |

Fit-teorija, l-analiżi komponenzjali ssir b'komponenti li nassumu li huma universali, u tipprovdi mezz sistematiku u ekonomiku kif nirrappreżentaw ir-relazzjonijiet ta' sens. Iżda l-validità empirika ta' dan il-metodu kienet ikkontestata. Lyons juri kif komponent bħal ADULT jista' joħloq ċerti diffikultajiet. B'dan il-kategorizzar, propożizzjoni bħal 'Iż-żgħir m'għadux tifel, issa sar adult'

tiġi tidher anomala, u l-kriterji bijoloġiċi u kulturali ta' l-adultezza li huma aktar ovvji u relattivament aktar oġġettivi (bħal li tkun matur sesswalment, li jkollok l-età legali u l-indipendenza soċjali, ekonomika, eċċ.) ma jibqgħux rilevanti.[87]

L-analiżi komponenzjali ħabbtet wiċċha ma' oġġezzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatus ontoloġiku tal-komponenti u ma' l-universalità tagħhom, meta wieħed iqis li hemm l-influwenza ta' fatturi kulturali u ġieli anke personali.[88] Lehrer issostni li f'każ ta' termini fi skala, bħal *iffriżat*, *kiesaħ*, *biered*, *fietel*, *sħun*, *ibaqbaq*, l-analiżi wkoll tkun waħda problematika.[89]

La dan il-metodu huwa difettuż teorikament u empirikament, mela għala ngħata tant attenzjoni? Hemm erba' raġunijiet skond Lehrer għala bosta lingwisti ħadmu bl-analiżi komponenzjali. Hu metodu li joffrilna: (i) il-potenzjalità li jkollna metalingwaġġ universali li jkun jista' jintuża biex niddefinixxu l-vokabolarju tal-lingwi kollha, (ii) għamla ta' pedament għal teorija tat-traduzzjoni, (iii) mezz deskrittiv għal-lessikografija komparattiva li jippermetti li jitqabblu għelieqi semantiċi f'lingwi differenti, u (iv) il-possibilità li jingħarfu mudelli fl-istruttura lessikali.[90] Lyons huwa tal-fehma li permezz ta' din l-analiżi saret ħafna riċerka siewja.[91]

Bosta ħarsu lejn l-analiżi komponenzjali bħala estensjoni tat-teorija ta' l-għelieqi semantiċi, jew tentattiv biex l-istess teorija titqiegħed fuq bażi teorika u metodoloġika aktar soda. Għalkemm l-għelieqi semantiċi u l-analiżi komponenzjali huma relatati mill-qrib ma' xulxin,[92] Lyons ifisser kif l-ebda wieħed mill-metodi ma jippresupponi lill-ieħor.[93] Rajna kif it-tifsir lessikali ġie deskritt permezz tat-teorija ta' l-għelieqi semantiċi u ta' l-analiżi komponenzjali, u ħallejna barra dik li l-lingwisti rawha bħala alternattiva għat-tieni metodu, l-użu ta' l-hekk imsejħa 'postulati tat-tifsir'.[94]

Geeraerts jiddefinixxi postulat tat-tifsir (jew assjoma semantika) bħala "a logical formula (in the form of a universally quantified expression) that captures the semantic relations between predicates."[95] Il-vantaġġ tagħhom, meta mqabbla ma' verżjoni standard ta' l-analiżi komponenzjali, huwa li s-sens tal-lessema ma jridx jiġi skompost b'mod eżawrjenti f'numru ta' komponenti universali.[96] Lyons isostni li, għalkemm huma ppreżentati bħala triqat differenti li jwasslu għat-tifsir lessikali, it-tliet metodi (i.e. l-għelieqi semantiċi, l-analiżi komponenzjali u l-postulat tat-tifsir) "fil-prinċipju m'humiex inkompatibbli".[97]

**Noti**

1 Dan ix-xogħol deher għall-ewwel darba b'xi bidliet żgħar f'Michael Spagnol, "Muftieħ għall-Vokabolarju Malti," teżi tal-B.A. (Unuri), U ta' Malta, 2006.

2 Għal diskussjoni dwar l-ambigwità tat-terminu u d-definizzjoni formali li permezz tagħha nsibu tarf din il-kobba mħabbla, ara Spagnol, Kap.2.

3 Tzvetan Todorov, *Symbolism and Interpretation* (Londra: Routledge u Kegan Paul, 1983) 10.

4 David Crystal, *The Cambridge Encyclopedia of the English Language*, it-2ni ed. (Ruma: Cambridge University Press, 2003) 156.

5 John Lyons, *Introduction to Theoretical Linguistics* (Cambridge: Cambridge University Press, 1968) 59. B'intelliġenza jirrimarka li l-istabilità fiżika tal-materjal għandha ċerta importanza għaliex pedini magħmulin mis-silġ ma jservux wisq jekk il-logħba tintlagħab f'kamra sħuna.

6 F.R. Palmer, *Semantics*, it-2ni ed. (Londra: Cambridge University Press, 1981) 67.

7 Lyons, *Introduction to Theoretical Libguistics*, 59.

8 John Lyons, *Semantics*, 2 vol. (Londra u New York: Cambridge University Press, 1977) 251, 525.

9 F'kapitlu 5 tal-*Cours de Linguistique Générale*, 1922, hekk kif jagħtiha Alfio Gliozzo, "Ruolo dei campi semantici nella struttura di un lessico computazionale: utilizzo per la disambiguazione automatica di senso," teżi tal-B.A., U ta' Bolonja, 2001, 31.

10 Lyons, *Semantics*, 268.

11 Ara, ngħidu aħna, Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (Malta: PEG, 2000) 280.

12 Kif qalbuh Robert Sammut u John Zerafa, "It-Tagħlim tal-Vokabularju Permezz ta' Damma ta' Sinonimi," teżi tal-B.Ed. (Unuri), U ta' Malta, 1998, 18.

13 Dirk Geeraets, "Lexical Field," ed. Ronald E. Asher, *The Encyclopedia of Language and Linguistics 4*, (Oxford: Pergamon Press, 1994).

14 B'għalqa konċettwali nifhmu t-totalità ta' kunċetti li tkopri għalqa partikolari. Mela, jekk nieħdu l-eżempju klassiku tal-kuluri fil-lingwa, il-ġabra sħiħa ta' l-għarfien li għandna tal-kunċetti tal-kuluri jiffurmaw l-għalqa kunċettwali tal-kuluri. Il-kunċetti, mill-banda l-oħra, nidentifikawhom b'lessemi.

15 Lyons, *Semantics*, 268.

16 Adrienne Lehrer, *Semantic Fields and Lexical Structure* (Amsterdam u Londra: North-Holland, 1974) 15.

17 Lyons, *Semantics*, 250. Huwa jgħid li din il-viżjoni aktarx taf il-bidu tagħha fl-ideat żviluppati minn Herder fit-tieni nofs tas-seklu 18 u minn Humboldt fl-ewwel nofs tas-seklu 19.

18 Lehrer 1.

19 Eve V. Clark, *The Lexicon in Acquisiton* (Cambridge: Cambridge University Press, 1993) 9.

20 Ikkowtata f'Lyons, *Semantics*, 253 u fi Gliozzo 111.

21 Geeraerts 2145.

22 Lehrer 17.

23 Din il-karatteristika li l-lessemi jieħdu deskrizzjoni u mhux oħra fl-istess waqt Palmer, 69, isejħilha l-"inkompatibilità" tal-kliem.

24 Dwar ix-xbieha tal-mużajk, ara Gliozzo, 123-24.

25 Vojt lessikali huwa dak li l-istrutturalisti metaforikament jiddeskrivu bħala "*hole in the pattern*"; in-nuqqas ta' lessema f'post partikolari fl-istruttura ta' għalqa lessikali. Lehrer, Kap.5, tittratta fit-tul il-vojt lessikali fonoloġiku, morfoloġiku, sintattiku, u semantiku. Iżid magħha Lyons, *Semantics*, 301-5.

26 Geeraerts 2146.

27 Lehrer 10, tosserva li l-lessemi fi ħdan għalqa partikolari m'għandhomx l-istess status u titkellem fuq skala, mil-lessemi li l-aktar jiddeterminaw il-kuntrasti semantiċi ewlenin f'għalqa (il-bażiċi) sa l-anqas (il-periferiċi).

28 Brent Berlin u Paul Kay, *Basic Colour Terms: Their Universality and Evolution* (Berkeley u Los Angeles: University of California Press, 1969) 6–7.

29 Palmer 70.

30 Għal Eugene A. Nida, *Componential Analysis of Meaning: an intoduction to semantic structures* (Pariġi: Mouton, 1975) 189–93, il-problemi ewlenin huma sitta: kif tirrelata l-lessemi mnissla mat-tifsira bażi tagħhom, kif tittratta d-differenzi inflettivi, kif jidħlu l-lessemi polisemiċi, kif timxi meta għalqa partikolari ma jkollhiex "arċilessema" li tkopri t-termini, kif tirrappreżenta l-klassifikar fi struttura (bidimensjonali jew tridimensjonali), u kif tagħraf il-konfini ta' bejn għalqa u oħra.

31 R.R.K Hartmann u Gregory James, *Dictionary of Lexicography*, (New York: Routledge, 1998) 83.

32 Geeraerts 2146.

33 Lyons, *Semantics*, 264.

34 Lyons, *Semantics*, 266-67.

35 John Lyons, *Linguistic Semantics. An Introduction* (Cambridge: Cambridge University Press, 1995) 103-4.

36 Lyons, *Semantics*, 267.

37 Għal trattament aktar komprensiv tat-teorija ta' l-għelieqi semantiċi, ara, ngħidu aħna, Lehrer, Lyons, *Semantics*, Kap. 8, u Gliozzo, Kap.2. Ara wkoll Spagnol għal analiżi ta' żewġ għelieqi semantiċi fil-Malti, waħda tat-temp, l-oħra tal-partijiet tal-ġisem.

38 Huma magħrufa wkoll bħala 'relazzjonijiet semantiċi' jew 'relazzjonijiet lessikali'.

39 Ara Spagnol 26-7 għal diskussjoni qasira dwarhom.

40 Lyons, *Linguistic Semantics*, 60.

41 Is-sinonimija assoluta ġieli tkun ikkwalifikata b'aġġettivi oħra bħal 'reali', 'totali' u 'integrali'. Friggieri, 726, juża 'proprja'. John Lyons, *Language and Linguistics. An Introduction* (Londra: Cambrige University Press, 1981) 148-89, jiddistingwi bejn "*absolute*" u "*complete synonymy*" in kwantu t-tieni waħda hija ristretta mill-kuntest u b'hekk issibha aktar mill-oħra.

42 Louis Couturat, *Opuscules et fragments inédits de Leibniz* (1903) kif jagħtiha Gliozzo, 2001, 34.

43 Lyons, *Linguistic Semantics*, 61.

44 Lyons, *Linguistic Semantics*, 63-5.

45 Stephen Ullmann, *Semantics. An introduction to the science of meaning* (Oxford: Basil Blackwell, 1962) Kap. 6.

46 Friggieri 726.

47 Ullmann 141-42.

48 D.A. Cruse, *Lexical Semantics*, (Cambridge u New York: Cambridge University Press, 1986) 197.

49 Lyons, *Introduction to Theoretical Linguistics*, 463-64.

50 L-argumentazzjoni se tinbena l-aktar minn fuq Lyons, *Semantics*, Kap. 9, u Cruse, Kap. 9-11.

51 Il-kunċett tal-gradabilità japplika għal opposti bħal *kbir* : *żgħir* li jistgħu jitqiegħdu f'paragun; ħaġa tista' tkun *kbira ħafna* jew *pjuttost żgħira* għal ħdejn xi ħaġa oħra, inkella tista' tkun *akbar* jew *iżgħar* minn xi ħaġa oħra. Opposti bħal *missier* : *omm* m'humiex gradabbli għax normalment ma ngħidux li persuna hija *aktar omm* minn oħra jew li xi ħadd hu *missier ħafna*. Ara Lyons, *Semantics*, 271-73.

52 Dawn kienu l-erba' karatteristiċi li Cruse, 204, jgħid li għandhom l-antonimi. Fil-paġni ta' wara, 205-14, jagħraf numru ta' sottokategoriji fi ħdan l-antonimija nfisha.

53 Kull waħda minn dawn l-erbgħa Lyons, *Semantics*, 282-86, jaraha f'oppożizzjoni ortogonali (i.e. b'mod perpendikolari) ma' tnejn oħra, eżempju l-lvant hu oppost

għat-tramuntana u n-nofsinhar, u lkoll kemm huma qegħdin f'oppożizzjoni antipodali ma' xulxin; fi kliem ieħor, it-tramuntana hu oppost għan-nofsinhar u l-lvant għall-punent.

54 Giuseppe Pittàno, *Sinonimi e Contrari*, it-2ni ed. (Bolonja: Zanichelli, 1997) 4.

55 Crystal 166.

56 Din tissejjaħ 'tassonomija'. Għal diskussjoni dwarha, ara Cruse, Kap. 6.

57 Ara Lyons, *Semantics*, 312-17.

58 F'*Das Wunder der Sprache*, 1950, kif tidher f'Lyons, *Semantics*, 261.

59 Crystal 162.

60 J.R. Firth, *Papers in Linguistics, 1934-1951* (Londra: Oxford University Press, 1957).

61 J.R. Firth, "A Synopsis of Linguistic Theory 1930–1955," ed. F.R. Palmer, *Selected Papers of J. R. Firth 1952–59* (Londra: Longman, 1968).

62 Joseph Aquilina, "The Problems of Maltese Lexicography," *offprint* mill-*Oriental Studies,* ed. R.Y. Ebied u M.J.L. Young (Leiden: Brill, 1980) 159-71, 166.

63 Għal analiżi ta' għadd ġmielu ta' kollokazzjonijiet li jduru madwar nomi mill-għalqa semantika tat-temp u tal-partijiet tal-ġisem, ara Spagnol Kap. 5 u 6.

64 Lessema bħal *triq* li titqiegħed fiċ-ċentru ta' analiżi ta' kollokazzjonijiet nistgħu nsejħulha ż-'żokra'.

65 Dawn iż-żewġ eżempji jagħtihom George Doublesin, "Aspects of Maltese Semantics," teżi ta' l-M.A., U ta' Malta, 1980, 14.

66 Meta wieħed mill-koppja li tifforma kollokazzjoni jqanqal b'mod qawwi (jew, ġieli, unikament) lill-element l-ieħor, ma nistgħux ngħidu li t-tnejn huma reċiproċi. Għalkemm *most* tikkolloka kważi biss ma' *nbid*, l-istess ma japplikax għal *nbid*.

67 Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, vol. 1 (Malta, Midsea Books, 1987) 185.

68 Huwa interessanti li l-aġġettiv *kbir* jikkolloka ma' ħafna mill-grupp semantiku li jesprimi kwantità u daqs bħal *ammont*, *somma*, *numru*, *għadd*, *biċċa*, *parti*, u l-istess *kwantità* u *daqs*.

69 Dwar tipi differenti ta' restrizzjonijiet, ara Lehrer, Kap.9, u D. J. Allerton, "Three (or Four) Levels of Word Cooccurrence Restriction," f'*Lingua* 63 (1984) 17-40.

70 John Sinclair, *Corpus, Concordance, Collocation* (Oxford: Oxford University Press, 1991) 110.

71 Lyons, *Semantics*, 266.

72 Crystal 163, jitkellem ukoll dwar il-'kollokazzjoni kreattiva' li jiddefiniha

bħala "*a deliberate breaking of collocational conventions*". Issir għall-effett ta' komiċità (*merħla gwardjani lokali*) kif ukoll għal skop ta' defamiljarizzazzjoni fil-letteratura (eż. il-poeżija *Ħamra w Kaħla* ta' Mario Azzopardi, *Monokordi Poeżiji 1979-1984* (Malta: PEG, 1984) fil-qasam ġurnalistiku, pubbliċitarju u l-bqija.

73 Nadja Nesselhauf, "The use of collocations by advanced learners of English and some implications for teaching," f'*Applied Linguistics*, 24: 2 (2003) 225.

74 Ara, ngħidu aħna, Cruse 37, Crystal 163, u Lehrer, 184.

75 Cruse 24-5, ilaqqam 'kostitwent semantiku' lil dak il-kostitwent ta' sentenza mgħobbi b'tifsira li, meta jingħaqad mat-tifsiriet tal-kostitwenti l-oħra, jagħti t-tifsira globali tas-sentenza. Kostitwent semantiku li ma jistax jinqasam f'aktar kostitwenti elementari jsejjaħlu 'kostitwent semantiku minimali'.

76 Lyons, *Language and Linguistics*, 145.

77 Cruse 41-45.

78 Crystal 163. Ġieli ssejħu '*sentence stems*', '*composite forms*' u '*institutionalised expressions*'.

79 Crystal 163.

80 Waqt li l-elementi stabbli fil-frażijiet lessikali l-oħra ma jiġux inflessi, f'dan l-eżempju *tiela'* u *nieżel* jinbidlu skond il-ġens u l-għadd tal-lessemi introdotti, eż. *kaċċa tielgħa u kaċċa nieżla*, *karozzi telgħin u karozzi neżlin*.

81 Fil-letteratura tal-lingwistika bl-Ingliż jissejħu b'modi differenti; daqqa '*semantic components*', daqqa '*semantic features*'. Ġieli jissejħu '*semantic primitives*' minħabba li huma (intwittivament) primittivi, għaliex huma aktar bażiċi mill-kunċetti li jiddefinixxu.

82 Dirk Geeraerts, "Semantic Primitives," ed. Ronald E. Asher *The Encyclopedia of Language and Linguistics 7*, (Oxford: Pergamon Press, 1994).

83 F'ċertu sens, tgħid Lehrer, 46, definizzjoni tad-dizzjunarju qisha analiżi komponenzjali informali. Kull biċċa mid-definizzjoni hija komponent, imma l-biċċiet m'humiex organizzati sistematikament. Aktar minn hekk, il-metalingwaġġ użat fil-komponenti huwa l-istess lingwa li l-kliem tagħha qed jiġi ddefinit; u għalhekk l-aspett ċirkolari tad-dizzjunarju jerġa' jidher fihom.

84 B'konvenzjoni tipografika, nużaw ittri kapitali żgħar u parentesi kwadri biex nirreferu għall-allegati komponenti universali li minnhom hu mibni s-sens ta' espressjonijiet f'lingwaġġi naturali partikolari. Dawn il-kunċetti universali jistgħu jkunu lessikalizzati f'lingwa partikolari jew le.

85 Hekk kif il-komponent ADULT hu kkumplimentat minn -ADULT, hekk ukoll il-komponenti MASKILI u FEMMINILI jikkumplimentaw lil xulxin. Iżda xejn mhu

faċli nagħżlu liema wieħed minnhom hu l-aktar bażiku (fin-natura jew fil-kultura) u li minnu jifforma l-ieħor f'din is-sistema ta' negazzjoni. Fil-vokabolarju Malti, normalment il-MASKILI hu ttrattat bħala l-aktar ġenerali u f'ċertu sens l-aktar bażiku. Din l-assunzjoni qed tiġi riflessa fl-għażla stess ta' BNIEDEM u ADULT. Ma ntgħażlux BNIEDMA u ADULTA għaliex, bħalma għax-xadini aktarx nużaw rappreżentant femminili (*ix-xadina annimal sufi*) u għall-klieb aktarx nużaw rappreżentant maskili (*il-kelb l-akbar ħabib tal-bniedem*), hekk ukoll, f'ħafna każi, għall-bnedmin u għall-adulti nużaw rappreżentant maskili (*il-bniedem minn dejjem jadura 'l-allat*; *minn adult tistenna ċerta mġiba*) bħala l-forma 'mhux-immarkata'. Ara Lyons, *Semantics*, 305-11.

86 Nida 64-67, isemmi erba' proċeduri lingwistiċi użati fl-analiżi komponenzjali; jiġifieri, billi tirreferi għal xi ħaġa b'isimha, bil-parafrażi (ziju: *ħu missieri* jew *ħu ommi*), bid-definizzjoni bħala għamla speċjalizzata ta' parafrażi (ziju: *ħu l-missier/l-omm jew ir-raġel ta' zija*) u bil-klassifikazzjoni (tiġbor flimkien l-unitajiet li għandhom komponenti in komuni, tifred kull unità li hi distinta minn oħra, u tiddetermina r-raġunijiet għal din ix-xorta ta' ggruppar).

87 Lyons, *Linguistic Semantics*, 115.

88 Adrienne Lehrer, "Componential Analysis," ed. William Bright, *International Encyclopedia of Linguistics 1* (New York: Oxford University Press, 1992) 285, turi kif l-affarijiet jiġu interpretati b'modi differenti bl-eżempju taċ-ċikwejra: min għandu ġardina jqisha ħaxixa ħażina, mentri min ikabbarha għall-insalata jħares lejha bħala waħda mill-ħxejjex.

89 Lehrer, *Componential Analysis*, 285.

90 Lehrer, *Componential Analysis*, 285..

91 Lyons, *Linguistic Semantics*, 116.

92 Fis-SL, l-analiżi komponenzjali hija doppjament strutturalista għaliex tiddefinixxi t-tifsir tal-kliem f'termini ta' strutturi relazzjonali (i) esterni u inter-lessikali (ċoè l-għelieqi semantiċi) u (ii) interni u intra-lessikali (ara Lyons, *Linguistic Semantics*, 107).

93 Għal diskussjoni itwal fuq l-analiżi komponenzjali, ara Lehrer, *Semantic Fields and Lexical Structure*, Kap. 3, u Lyons, *Semantics*, 317-35.

94 Dwar il-postulati tat-tifsir, ara fost l-oħrajn, Dirk Geeraerts, "Meaning Postulates," ed. Ronald E. Asher, *The Encyclopedia of Language and Linguistics 5* (Oxford: Pergamon Press, 1994).

95 Dirk Geeraerts, "Meaning Postulates," ed. Ronald E. Asher, *The Encyclopedia of Language and Linguistics 5* (Oxford: Pergamon Press, 1994).

96 Lyons, *Linguistic Semantics*, 126.

97 Lyons, *Linguistic Semantics*, 103.

# Ktejjeb Rari ta' Cannolo

Olvin Vella

Ġużeppi Martin Cannolo kien wieħed mit-tradutturi Maltin li ħadmu għaċ-*Church Missionary Society* (CMS), l-għaqda Anglikana li kienet attiva f'Malta fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Kienet qabbditu jaqilbilha bil-Malti t-Testment l-Antik, il-Vanġelu ta' San Ġwann u *L-Imitazzjoni ta' Kristu* tal-Kempis.[1] Hu u Grabiel Vassalli, bin Mikiel Anton, kienu għenu lir-Reverendu Christopher Frederick Schlienz jaqleb il-Katekiżmu tal-Ġeografija ta' William Pinnock.[2] Jingħad li Cannolo kien kiteb ukoll grammatika Maltija.[3] Minn dawn ix-xogħlijiet iċ-CMS kienet stampatlu l-Vanġelu ta' San Ġwann biss.[4]

Madankollu fil-British Library hemm ktejjeb ieħor ta' Cannolo,[5] imma stampat għal idejn il-Kattoliċi. Jismu *Il Via Sagra, u it-triex ghaziza li ghamel Sidna u Mulejna Gesu Cristu* (bil-Malti modern, *Il-Via Sagra, jew it-triq għażiża li għamel Sidna u Mulejna Ġesù Kristu*).[6] Fih sittax-il paġna u ġie ppubblikat fl-istamperija ta' l-Ordni fl-1796. Fih 155 x 93mm, huwa bla qoxra, u fuq l-ewwel folja m'hemm stampat xejn (la wara u lanqas quddiem). Fuq dahar l-ewwel folja xi ħadd ħalla din in-nota miktuba bl-idejn: *"This little Book is particularly curious, as being printed in the Maltese Language, the only one of the kind I ever saw. [firma] 1817."*

Fl-1822 ir-Reverendu William Jowett, huwa u jsemmi l-ftit pubblikazzjonijiet bil-Malti li kienu ħarġu sa dak iż-żmien, kien irrefera għal dan il-ktejjeb bħala *"a little book, consisting of very few pages, entitled the 'Fourteen Stations;' being a book of Devotions relating to the sufferings of our Lord ..."*[7]

Kopja oħra ta' dan il-ktejjeb kienet tinsab fil-kollezzjoni sabiħa tat-tabib Ġużè Galea. Madankollu l-kopja li kellu ma kinitx iġġib isem l-awtur għax kieku kienu jsemmuh Ġużè Gatt u Ġużè Cassar Pullicino li ssellfuha biex jiktbu dwarha. Hawnhekk irid jingħad li l-kopja ta' Ġużè Galea ma sibthiex meta fittixtha fil-kollezzjoni tiegħu.[8] Hekk fil-British Library jista' jkun li fadal l-unika kopja. Bil-ħsieb li dan il-ktejjeb jiġi apprezzat minn min tinteressah l-istorja tal-ktieb Malti u l-istorja ta' lsienna, fi tmiem din il-kitba qed nirriproduċi l-ktejjeb bil-permess tal-British Library.

## Ġużeppi Martin Cannolo

Skond kif inhu stampat fil-ktieb, isem Cannolo kien Ġużeppi Martin, mhux Ġużeppi Marin (kif kien jiktbu Ninu Cremona) jew Ġużeppi Maria (kif kien jiktbu Dun Karm Sant).

Cannolo twieled il-Belt fl-1756[9] imma ma nafux meta miet. Żgur li sa Jannar ta' l-1838 kien għadu ħaj għax kien mar iżuru l-Kanonku Fortunat Panzavecchia.[10]

Skond Jowett, Cannolo kien qatta' xi żmien student ta' professur mill-aqwa ta' l-Għarbi u fi żmien il-Kavallieri kien għamilha ta' interpretu ma' l-ilsiera Għarab.[11] Skond Schlienz, "Peppu Cannolo kien isinn is-skieken, tgħallem waħdu u għal dak li hu tagħrif ta' ilsna orjentali kien jisboq aktarx lill-pajżani tiegħu kollha."[12]

Jidher li Cannolo għalkemm kien ħadem ma' l-Anglikani, kien baqa' Kattoliku.[13]

## Il-valur lingwistiku tal-ktejjeb

Barra l-valur storiku l-ktejjeb għandu wkoll valur lingwistiku. Cannolo ma ivvintax alfabett ġdid imma għażel l-alfabett li kien deher għall-ewwel darba fit-tielet edizzjoni tal-katekiżmu ta' Wzzinu (1780). Din it-tielet edizzjoni kienet l-ewwel waħda li ġiet stampata hawn Malta għax it-tnejn ta' qabilha kienu ġew stampati Ruma (1752, 1768).

Karatteristika ewlenija ta' l-edizzjonijiet Maltin tal-katekiżmu (1780, 1786, 1789 u 1795) meta nqabbluhom maż-żewġ edizzjonijiet Rumani hija n-nuqqas tat-tipi bis-sinjali dijakritiċi. Jidher li l-istamperija ta' l-Ordni ma kellhiex tipi

b'dawn is-sinjali u għalhekk la jidhru fil-katekiżmi stampati hawn Malta u lanqas fil-ktejjeb ta' Cannolo. Nistgħu ngħidu li din id-diffikultà teknika min-naħa ta' l-istamperija ta' l-Ordni influwenzat l-għażla ta' l-alfabett li l-Knisja xtaqet tħaddem fil-pubblikazzjonijiet tagħha bil-Malti.

## Kliem qadim u tifsiriet qodma

Kif kien irrimarka Cassar Pullicino, f'dan il-ktejjeb "'l hawn u 'l hinn naqraw xi kliem qadim ta' interess lessikali".[14] Ngħidu aħna:

| | *Cannolo* | *Malti Modern* |
|---|---|---|
| a. | *wettaqli* l-fidi (p. 5) | *żomm soda* l-fidi tiegħi |
| b. | *nitma'* fik (5) | *nittama* fik |
| c. | agħtini vera sogħba *tassewwa*(5) | agħtini sogħba verament *ġenwina* |
| d. | bi *tbatitek* (7) | bit-*tbatija tiegħek* |
| e. | fl-ewwel *stazzjoni* (7) | fl-ewwel *stazzjon* |
| f. | mar bih *għall-montanja* tal-Kalvarju (8) | mar bih *fuq l-għolja* tal-Kalvarju |
| g. | *ikun il-ħeffa għal* dnubietna (8) | *iħaffef it-toqol ta'* dnubietna |
| h. | kienet kollha *mħassra* (9) | kienet *qiegħda titħassar* ħafna |
| i. | *rwejħa* (9) | *ruħ żgħira* |
| j. | jħalli *s-sura* (10) | jħalli *l-forma* |
| k. | *għall-ħlas* tar-rwejħa tagħna (11) | *biex tinħeles* ruħna |
| l. | *bidded* demmu (11) | *xerred* demmu |
| m. | *minn ġdid* (11) | *mill-ġdid* |
| n. | *jagħtina ħasra ta'* dnubietna (15) | *iħassrilna* dnubietna |

Fil-ktejjeb insibu wkoll xi binjiet sintattiċi li jixhdu l-influwenza tat-Taljan. Ngħidu aħna:

a. lil Sidna Ġesù *l-kefrin il-Lhud* għabbewh bil-għuda l-ħarxa (7)
b. biex aħna ma naqgħux taħt it-toqol *tal-misħut dnub* (8)
c. Nitolbu lil Ġesù, li jagħtina ħasra ta' dnubietna kbira f'qalbna, u *vera ndiema* (15)

Element stilistiku ieħor li hu marbut mad-diskors reliġjuż, hekk li nsibuh fl-eqdem katekiżmu u fil-priedki bikrin, huwa l-użu ta' sinonimi Semitiċi u

Rumanzi wara xulxin:[15]

a. wara li kien flaġellat, imsawwat (7)
b. ħalla l-impronta u x-xbieha ta' Wiċċu (10)
c. jħalli s-sura u l-impronta ta' Wiċċu (10)
d. Nirreċtaw, u ngħidu (16)

*Nirringrazzja lil Anna Borg Cardona talli ġabitli fotokopja tal-ktejjeb minn Londra, lil Dr William Zammit talli wrieni l-valur tal-ktejjeb fil-ġrajja ta' l-istampar lokali, u speċjalment lill-Prof. Manwel Mifsud tan-noti lingwistiċi li għaddieli u li jien daħħalthom f'din il-kitba.*

**Noti**

1 Christopher Frederick Schlienz, *Views on the improvement of the Maltese Language* (Malta: 1838) 40.
2 University of Birmingham, CMS, *Mission Book 3 (1829-1832)* 8.
3 Schlienz 40.
4 [Gioseppe Martino Cannolo], *Il Vangelo di Nostro Signore Gesù Cristo, secondo San Giovanni; tradotto in lingua italiana e maltese, secondo la Volgata* (Londra: CMS, 1822).
5 Ir-referenza tiegħu hija T.993.(11.).
6 Nirringrazzja lill-Mons. Lawrenz Cachia talli għarrafni bis-suġġeriment tiegħu li fit-titlu tal-ktejjeb l-ewwel konġunzjoni *u* aktarx trid tinqara *[a]u* (i.e. *jew*).
7 William Jowett, *Christian researches in the Mediterranean from 1815 to 1820, in furtherance of the objects of the Church Missionary Society* (Londra: CMS, 1822) 302.
8 Olvin Vella, "Il-Via Sagra ta' Cannolo," *Il-Ġens illum* (8.iv.2006) 22.
9 Lawrenz Cachia, *Ħabbew l-Ilsien Malti* (Malta: l-awtur, 2000) 140.
10 AKM, Pan 100, f. 321r; nirringrazzja lil David Agius Muscat tat-tagħrifa.
11 Karm Sant, "Ġużeppi Maria Canolo: l-ewwel traduttur Malti tal-Vanġelu ta' San Ġwann," *Sijon* 6.5 (1973–1974) 8.
12 Schlienz 38. It-traduzzjoni hi ta' Anton Cremona, *Vassalli u Żminijietu* (Malta: KKM, 1975) 61.

13 Frans Ciappara, "Vassalli, his children and Protestantism," *Dawl Ġdid fuq Vassalli*, ed. Olvin Vella (Malta: L-Għaqda tal-Malti [Università] & L-Istitut tal-Lingwistika, 2004) 137.

14 Ġużè Cassar Pullicino, "Priedki, Kotba tal-Knisja, u Kitba Oħra Morali," *Kitbiet Oħra tas-Seklu Dsatax* (Malta: PIN, 2002) 35–36.

15 Ngħidu aħna, "regħixtek u offendejtek": Franciscu Wzzinu, *Taġhlim Nisrani* (Ruma, 1752) 117; "mill-għira, mill-invidja": Franġisku Saverju Baldacchino kkwotat f'Oliver Friggieri, "Aktar Priedki bil-Malti ta' Franġisku Saverju Baldacchino (1774-1860)," *Symposia Melitensia* 3 (2006) 32.

# LA VIA SAGRA

*TRADOTTA IN MALTESE*

D A

GIOSEPPE MARTINO

CANNOLO.

# IL VIA SAGRA,

## U IT-TRIEX GHAZIZA

*Li ghamel Sidna u Mulejna*

# GESU CRISTU,

*Fiz-zmien tal passioni, u it-tbatia, il bharscia tighu-ghal fidua tar-rubb taghna; migiuba fil malti ghal git tad-devoti tal passioni ta Sidna* GESU CRISTU.

F' MALTA

*Bissentia tas-Superiuri.*

1796.

5

*FLISEM TAL MISSIER, U TA L'IBEN, U TA LIS-SPIRITU SANTU.*

Amen.

Mulejja, jena nemmen Fich, uettakli il fidi tighi.

Mulejja, jena nitma fich, igbidni leich bittama.

Mulejja, jena nhhobboch fuk chollosc, imlieni blimhhabba tighach.

Mulejja, jena nindem ghaliesc bidnubieti offendeitech, atini vera soghba tasseuua, geuua kalbi.

A 3 LEUEL

7

## LEUUEL STAZIONI.

*Nadurauch o Criftu, nizzuchhair, u imberchuc, ghaljefc Pfalibech lim-mkades, u bi tbaticcech inti fdeit id-digna.*

NIcconfiderau lil Gesù fleuuel Stazioni, li uara li chien flagellat, mfauuat, u incurunat bifceuch, icchondannauhh ghal meut, min ghair hhtia.

Nitolbu lil Gesù, li iffentenza tal meut tighu, tcun il mahhfra tal hhtijet, u taddnubjet taghna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IT-TIENI STAZIONI.

*Nadurauch o Criftu, ecc.*

NIcconfiderau ittieni Stazioni, mieta lil Sidna Gesù il chefrin il-l'hut ghabbeuhh bil ghuda il hharfcia, u tkila taf-

A 4 Salib;

8

Salib; u mat bihh ghal montagna tal Calvariu ghal fidua tar-Ruhh taghna.

Nitolbu lil Gesù, li ittokol ta Saliba ichun il hheffa ghal dnubjetna, u il mahhfra. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IT-TIELET STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fittjelet Stazioni, mita Sidna Gesù, uaka leuuel darba tahht ittokol tas-Salib; u fiha ciarciar demmu il ghaziz ghal fidua taghna.

Nitolbu lil Gesù, li jatina il ghajnuna bjeſc ahhna manakghuſc tahht ittokol tal mishhut dnub. Amen.

*Pater, Ave. Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

IR-

9

## IR-RABA STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fir-raba Stazioni, meta Sidna Gesù iltaka m' Ommu Sittna Marìa lim-mkazza, li chjenet cholha mhhaſſra u ſoghbjena ghalieſc rat lil binha f'dich il mizeria, u Gesù behhleuua hhanina heunjeba.

Nitolbu lil Gesù, u lil l'Ommu li jeltakghu maghna, bieſc jhennuna fir-Ruejhhà taghna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IL HHAMES STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fil hhames Stazioni, meta Sidna Gesù chien meghiun min Sc-muni Cireneu jarfa is-Salib.

Ni-

10

Nitolbu lil Gesù li jghinna bil grazia tighu, biesc nerfghu bis-sárba is-Salib tal penitenza, u ittbatia li jibaghatinna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IS-SITT STAZIONI.

*Nadurauch o Cristu, ecc.*

Nicconsiderau fis-sitt Stazioni, meta Sidna Gesù iltaka mal Veronica l'immkazza, u meshhitlu il gharak tad-dem min Uicciu, u Gesù hhalla l'impronta u isc-biha ta Uicciu fil velu tahha, ghat-tifchira taghna lejhh.

Nitolbu lil Gesù li jiltaka maghna, u jhhalli is-sura u limpronta ta Uicciu stampata fil klub taghna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

IS-

11

## IS-SEBA STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fiſ ſeba Stazioni, il uakgha li uaka ittieni darba Sidna Gesù limbierech, ghal hhlas ta rueihha taghna u fiha biddet demmu minghit.

Nitolbu lil Gesù li jatina il grazia, li manakghuſc fiddnubjet li fihom dari nakghu. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IT-TMIEN STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fit tmien Stazioni, mita Sidna Gesù henna l'innisa ta Geruſalem li chjenu jipchu ghalihh, u Gesù pſa bar chbir ſabbarhom, u kalilhom, o nisa ta Geruſalem, la tibchuſc fuki le, inima ipchu fukom, o fuk ulietchom.

12

Nitolbu lil Gesù hhanin, li jatina il bichi u-ilfik ghal dnubjetna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## ID-DISA STAZIONI.

*Nadurauch o Cristu, ecc.*

NIcconsiderau fid-disa Stazioni, mità Sidna Gesù uaka it-tjelet darba tahht ittokol taſ-Salib, u fiha ragia biddet demmu il ghaziz min gdit ghal l'imhhabba, li gebinna.

Nitolbu lil Gesù, li jatina il ghajnuna bjeſc kat iz-zjet man zidu nakghu u ma nergighu n'offenduhh. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

H

## IL GHASCIAR STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fil ghaſciar Stazioni, mita lil Sidna Gesù nezghuhh mil hhuejecc li chellu fuku, u geddulu il piaghi tighu min gidit, u skeuhh il hhal mhhallat bil mor.

Nitolbu lil Gesù, li inazzaghna mil l'ibſa ta dnub il mejet, ut ilibbiſna bil l'ibſa nadifeſa tal Grazia. Amën.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IL HHDASC STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fil hhdaſc Stazioni, lil Sidna Gesù, mnazza fuk il Monti Calvariu, o il l'hut chefrin middeuhh fuk is-Salib, u fihh ſamruhh u Salbuhh, u uak-

uakfuhh fil kocciata ta dich il muntagna ghatturia ta dauch li chienu hem jarau.

Nitolbu lil Gesù, li jatina il grazia l'inchunu dejjem imhhadnin mas-Salib fa lahhar ta hhajtna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## IT-TNASC STAZIONI.

*Nadurauch o Criftu, ecc.*

NIcconfiderau fit-tnafc Stazioni lil Gesù mislub fis-Salib, agonizant, u uara tliet feghat ta l'agunia fejjahh lil Miffier tighu etern, u kaflu Miffier fideich n' irracomanda, u nati Ruhhi, u miet.

Nitolbu lil Gesù, u l' Omma li fuakt l'agunia taghna jaffiftu mar-ruhh taghna. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

IT-

15

## IT-TLITTASC STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau fittlittaſc Stazioni, il Gesù Sidna mejjet u Giuſeppi ta Arimatea mar ghant Pilatu talbu il giſem ta Gesù, u Pilatu ichmanda li jatuhulu, u Giuſeppi nizzlu miſ Salib, u ghamlu flizar abbjat u nadif, u tahh l'Ommu fi hhdanha. Nitolbu lil Gesù, li jatina hhaſra ta dnubjetna chbira fkalbna, u vera indjema.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

## L'ERBATASC STAZIONI.

*Nadurauch o Criſtu, ecc.*

NIcconſiderau flahhar Stazioni, meta il Giſem ta Gesù, hhaduhh il Marijet, u Id-diſcipuli li chellu fein il kabar, li chjen kabar gidit, ut hem fil preſenza ta Giuſeppi

ta

ta Arimatea id-Discipuli, u il Marijet disfnuhh schont l'azu tal-l'Hut, u Giuseppi ichmanda li irghatta bi blata dach il kabar.

Nitolbu lil Gesù, li il meut, u id-disna tighu, icunu il ferhh taghna geuua il gloria tal Genna fein ingauduhh ghalleternità cholha. Amen.

*Pater, Ave, Gloria.*

Hhin ghalina o Signur, hhin ghalina.

*Nirrecitau, u inghidu issa hhames Paternostrijet, u hhames Avemarijet bdirghaina misstuhha fgiehh il Passioni, u il Piaghi ta Sidna Gesù Cristu.*

TARF IL CHTIEB U L'ALLA GJEHH

B L

# Wiċċ Malta Qabel Ma Ġie l-Ordni

Godfrey Wettinger

Minn żmien Bosio, il-kittieb magħruf ta' l-istorja ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-biċċa l-kbira ta' dawk li kitbu fuq l-istorja ta' Malta stqarrew is-sogħba tagħhom li ma setgħux isibu dak li kitbet fuq Malta l-kummissjoni ta' kavallieri li ġew hawn lejn is-sena 1524, sitt snin qabel il-wasla ta' l-Ordni, biex jitkixxfu fuq il-gżejjer ta' Malta u Għawdex, fuq id-daqs, is-sura, l-għana jew il-faqar tagħhom, u dak kollu li kellhom il-gżejjer. Ġew biex jaraw kienx jaqblilha l-Ordni taċċetta l-offerta tal-gżejjer li kien bi ħsiebu jagħmlilha l-Imperatur Karlu V. Apparti Quintinus, li ma kienx tassew storiku, Bosio kien l-ewwel u l-aħħar kittieb ta' l-istorja li ra r-rapport tagħhom.[1] Tassew kien ikun interessanti li kellna nkunu nafu kif kienet Malta dak iż-żmien. Għal ħafna nies, qisu li mingħajr dan ir-rapport se nibqgħu sajmin minn kull tagħrif fuq il-gżejjer tagħna qabel ma ntlaqtu mit-tibdil kbir li kien hawn ftit wara l-Assedju ta' Malta ta' l-1565. Hawn jien se nuri li anke mingħajr ir-rapport tal-kummissarji hemm ħafna iżjed minn biżżejjed tagħrif biex inkunu nafu kważi kulma rridu fuq suret artna, kif u fejn kienu jgħixu n-nies, liema xogħol kellhom, u x'sura kellhom dak iż-żmien kemm Malta u kemm Għawdex. Hawn se nuża biss it-tagħrif meħud mill-ismijiet ta' l-inħawi taż-żewġ gżejjer kif inhuma magħrufa fid-dokumenti. Barra minnhom hemm bosta għejun oħra ta' tagħrif li l-istoriku jista' jgħarbel biex ix-xogħol tiegħu jagħmlu bl-ikbar reqqa.

Niftiehmu. Hemm żewġ tipi ta' ismijiet, dawk deskrittivi u dawk li jsemmulek xi ħadd b'ismu, laqmu, il-kunjom jew manjiera oħra, xi ħadd li kellu x'jaqsam

mal-lokalità. Ta' l-aħħar għandhom l-akbar interess storiku, kulturali u soċjali, għax fosthom issib ħjiel tal-kulturi li saltnu fuq il-poplu Malti tul is-sekli. Ta' Tabrija u Ta' Ġurdan kienu ismijiet ta' nies fost l-Insara fi żmien il-kruċjati u xi snin ta' wara. Magħhom wieħed jista' jżid il-kunjomijiet Saliba u Busalib li kienu t-tnejn jeżistu fis-seklu ħmistax u jieħdu tifsira mill-kruċjati medjevali, waqt li ismijiet ta' għelieqi bħal Tal-Fasi u Ta' Halab, li juru ismijiet jew laqmijiet ta' nies juru t-tnejn li huma rabtiet maż-żewġt itruf tad-dinja Għarbija taż-Żmien Nofsani. Għajxa, Ġagħfar u Bingħisa huma wkoll ismijiet ta' nies marbuta wkoll ma' żmien l-Iżlam, u magħhom hemm mijiet oħra, inkluż Muġahid, li huwa ta' kontra l-kruċjata Nisranija. Ismijiet bħal Xutu, Xorella u oħrajn ifakkruna fil-kultura ta' Sqallija medjevali. Bħal dawn ukoll hemm l-eluf. Iżda llum hawnhekk għażilt li nitħaddet biss fuq l-ismijiet deskrittivi tal-kampanja tagħna, li minnhom m'hemmx iktar minn xi mitejn, iżda xorta għandek issibhom ripetuti eluf ta' drabi. Bejniethom jagħtuna deskrizzjoni sħiħa ta' wiċċ Malta kif kienet qabel it-taqlib li l-miġja ta' l-Ordni ġabet magħha, taqlib u tibdil li għadu jiġri daż-żmien iktar minn qatt qabel.

### Kif kienu mxerrda n-nies f'Malta u f'Għawdex

Nafu mil-listi tad-dejma liema rħula kienu mgħammra fis-seklu ħmistax. Hekk insibu li f'Malta lejn l-1419 kien hawn xi ħamsa u ħamsin raħal bin-nies fihom imxerrda kważi kullimkien iżda l-iktar mit-tarġa li taqsam Malta bejn Fomm ir-Riħ u Baħar iċ-Ċagħak 'l hemm lejn it-tramuntana u l-lvant. Iktar lejn San Pawl il-Baħar kulma kellek kienu l-irħula Marikatu, Ġebel Għażala u Ħal Dragu. Marikatu kien magħruf bħala raħal kbir f'portulan Taljan ta' nofs is-seklu ħmistax, iżda dan bilfors juri li aktarx hu kopja ta' portulan ħafna eqdem, għax il-lista tad-dejma ta' l-1419 turi li Marikatu f'dik is-sena kien raħal tassew żgħir.[2] Mill-bqija, l-irħula l-kbar kienu Ħal Qormi, Birkirkara, is-Siġġiewi, iż-Żurrieq, Ħaż-Żebbuġ, it-tliet irħula li wara sawru r-raħal taż-Żejtun, in-Naxxar, u l-Gudja. L-Imdina kienet il-belt ta' Malta qabel il-Belt Valletta, u r-Rabat kien tassew ir-rabat jew subborg tagħha. Mill-bqija kellek il-Birgu ħdejn is-swar tal-Kastell ta' Sant'Anġlu. Kellek imbagħad geġwiġija ta' rħula żgħar oħra mxerrda ma' kullimkien kif ġa għedt.[3] F'Għawdex kollox juri li n-nies kienet kollha mgeddsa fil-Kastell t'Għawdex u fir-rabat jew subborg tiegħu. F'Malta kellek il-gżira maqsuma f'għaxar parroċċi barra mill-katidral u r-Rabat, u l-Birgu li kien parroċċa għalih.[4] F'Għawdex kellek

il-parroċċa tal-matriċi fil-kastell u tliet parroċċi fir-Rabat: Santa Savina, San Ġakbu, u San Ġorġ, u l-ebda parroċċa fil-kampanja.

## Qabel il-Belt u l-Furjana

L-inħawi tal-Belt u l-Furjana jissemmew xi drabi żmien qabel ma nbnew u saru bliet. Għandek il-Wardija fl-inħawi ta' Sant'Elmu, minn fejn kienet tgħasses id-dejma Maltija għal xi nżul ta' l-għedewwa Misilmin jew Insara.[5] Hemm kien hemm kappella ta' Sant'Iermu magħrufa bħala *Sancti Elmi de la punta* jew, bil-Malti tagħna, Ras Sant'Iermu. Ras Sant'Iermu kienet bejn iż-żewġ portijiet jew l-imrasi tal-gżira.[6] Fil-qrib kellek għalqa magħrufa bħala Ta' Rufinel. L-inħawi kollha kienu magħrufin ukoll bħala Ta' Xiberras għalkemm l-isem Ġebel Xiberras ma ltqajtx miegħu fid-dokumenti, kif ma ltqajtx lanqas ma' Xagħret Mewwija. Minħabba fir-rabta mal-familja Xiberras li kienet sidt l-art, il-Wardija ta' Sant'Iermu kienet xi kultant tissejjaħ ukoll il-Wardija ta' Xiberras. Ikolli ngħid li l-inħawi ta' Santa Luċija tal-Wardija kienu fil-qrib, u li kien għalhekk li l-Belt spiċċat b'isem ta' triq għal dik il-qaddisa. F'din in-naħa kien hemm għalqa msejħa Ta' Rħajjel, jew razzett żgħir. Fil-Wardija ta' Sant'Iermu kien hemm ukoll latnija, jiġifieri qisha barriera kbira fejn fi żmien ir-Rumani jew ftit qabel jew wara kienu jaqtgħu l-ġebel għall-bini. Kien hemm għalqa magħrufa bħala Ta' Beraq jew Ta' l-Iswed, kif ukoll ta' Bin l-Iswed, oħra magħrufa bħala Tal-Bir u oħrajn magħrufin bħala Ta' l-Imħasel u Ta' Vassald, kif ukoll tnejn imsejħa Ta' Farfar u Ta' Għar Ilma, għalkemm dawn it-tnejn ta' l-aħħar setgħu kienu aktarx iżjed 'il barra lejn Tal-Braqxija. L-għalqa ta' l-Imwieżeb kienet f'Tal-Braqxija jew il-Wardija ta' Sant'Iermu, lanqas in-nutar innifsu ma kien ċert f'liema minnhom. Erba' għelieqi kienu magħrufin bħala Tal-Gudja. Ta' Xiberras kienu mlaqqma Ta' Paraċ jew Ta' Beraq u għalhekk insibu dak il-laqam fl-ismijiet ta' din in-naħa ta' Malta. Iktar lejn fejn issa hemm il-Furjana fuq ix-xaqliba ta' Marsamxett kien hemm Ġorf id-Dell, inħawi li skond il-Konti Ciantar li għex fis-seklu tmintax kienu mimlija siġar, kif ukoll l-għalqa Tax-Xtut lejn Daħlet il-Qasab, daħla tal-baħar illum magħrufa bħala Tal-Pjetà. U fejn issa hemm iċ-ċimiterju Ta' Braxia, isem li qajjem ħafna taħwid fost l-istudjużi, kien magħruf bħala l-Braqxija. Ma nafx kemm kienu kbar l-inħawi Tal-Braqxija, iżda kellhom fihom għelieqi b'ismijiet tagħhom bħal: Ta' Barrada, Tal-Borġ, Tal-Gorboġ, il-Ħbula tal-Braqxija, Tal-Mifteħ, Tal-Miżrut, u Ta' l-Imwieżeb. Kien hemm ukoll knisja msejħa San

Niklaw tal-Braqxija. U x-xaqliba l-oħra tal-Furjana, fejn hemm il-Kapuċċini, kienet imsemmija d-Dukkara. Wieħed jista' jibqa' sejjer hekk għal madwar il-port kollu, iżda ntawlu wisq.

**L-irħula**

Nafu wkoll li waqt li f'Malta kien hemm ħafna iżjed minn mitt raħal, minn barra rħula li ma kinux jissemmew hekk bħas-Siġġiewi u n-Naxxar, f'Għawdex ma kienx hemm naħa waħda biss li kienet tissemma bħala raħal. U waqt li f'Malta l-irħula kollha li kellhom in-nies jgħixu fihom kienu jissemmew bit-Taljan bħala *casale*, f'Għawdex din il-kelma *casale* qatt ma tidher qabel ħafna żmien wara l-Assedju ta' l-1565. U la ġejna f'dil-ħaġa ta' min jgħid li l-għadd kbir ta' rħula f'Malta li wieħed isib fid-dokumenti – irħula li ma jissemmewx fil-lista tad-dejma ta' l-1419 – juri li diġà xi wħud minnhom kienu tilfu n-nies tagħhom sa dik is-sena, jiġifieri li f'Malta kellek tibdil qed jiġri fil-firxa tan-nies fuq l-art. Għawdex in-nies kienet iktar miġbura f'nofs il-gżira minħabba fit-theddida tal-furbani min-naħa tal-baħar. Ħadd ma seta' jorqod fil-kampanja matul il-lejl: kull min kien jagħmel hekk, anki biex iħares ġidu mill-ħallelin tal-post stess, kien ikun qed jikser il-liġi. F'Malta ma kellhomx l-istess indħil. Biss anki hawn jidher mill-eżami dettaljat tad-dokumenti li tul is-seklu ħmistax in-nies bdiet titbiegħed mix-xtut tal-gżira. Irħula bħal Raħal Ħarrat, ħdejn Raħal Tmin, fit-tarf tal-lvant, Marikatu, Dragu u Ġebel Għażara fit-tramuntana, Ħal Tabuni u Ħal Masur lejn Għar Lapsi, kollha tilfu nieshom għal kollox u ma baqgħux jissemmew iktar bħala nħawi fejn kienu jgħixu n-nies. U dil-ħaġa baqgħet tiġri fis-snin ta' wara u sal-miġja ta' l-Ordni u l-Assedju ta' Malta għadd kbir ieħor minnhom sfaw ukoll bla nies.

**Ħerba**

Napuljun Tagliaferro lejn l-1914 kien stqarr li fil-mappi ta' Malta tal-militar Ingliż li kien għadu kemm fela b'reqqa kbira ma kienx sab ismijiet ta' nħawi li kienu jixhdu li kien hemm bini mħarbat u mwaqqa'. Madankollu fid-dokumenti li fittixt fihom jien sibt kemm ridt ismijiet ta' din is-sura. Hekk kien hemm inħawi magħrufa bħala Tal-Ħerba jew il-Ħerba f'Wied il-Knejjes, f'Għadir Bir Ferħa, f'Ħal Ħarrat, f'Ħal Luqa, Santa Liena, f'Tal-Qoffa, Wied il-Bużbież, u

Tas-Swieqi. Kellek imbagħad il-Ħerba l-Barranija f'Ħal Mula, il-Ħerba tal-Bir f'Ta' Xerrek, il-Ħerba l-Kbira f'Ħas-Saptan, u tibqa' sejjer hekk. Kien hemm inħawi b'isem bħal Ħirbit Baġar, Ħirbit il-Baqqari, Ħirbit l-Isqar, u Ħirbit il-Ħmar. Ħirbit il-Ħamiem, jiġifieri l-ħerba tal-banju jew maħsel pubbliku, kien jinsab f'xi tliet inħawi: Ta' Binnieri, Tal-Knejjes, u Tal-Branes. U kien hemm għadd kbir sewwa ta' nħawi magħrufa bħala l-Ħirib jew Tal-Ħirib, wisq biex insemmuhom kollha hawn. Il-biċċa l-kbira minn dawn kienu fi rħula li tbattlu min-nies jew qrib tagħhom: Ħal Qadim, Ħal Saflieni, l-Imsida, il-Ħlantun, Ħal Pissa, Ħal Ħarrat u bnadi oħra. Bejniethom jixhdu t-tibdil li kienet għaddejja minnhom Malta anki mitt sena qabel il-wasla ta' l-Ordni.

## Trobbija tal-bhejjem

Hawn irridu naraw din il-kelma raħal x'kienet tfisser, u x'kienet tfisser mhux dan l-aħħar meta ġiet tfisser post fejn jgħixu l-eluf tan-nies, iżda fil-bidu ta' l-użu tal-kelma. Sewwasew irridu niftakru l-ewwelnett li l-kelma tinsab użata fi Sqallija fi żmien l-Għarab u għal mijiet ta' snin wara, fil-gżejjer Baleariċi fejn issib mijiet ta' postijiet imsejħa rħula fiż-Żmien Nofsani, kif ukoll fl-Andalusija, kif kienet magħrufa Spanja sakemm l-Insara Spanjoli reġgħu ħaduha taħt idejhom. Wieħed irid ukoll jiftakar li mkien ieħor fid-dinja Għarbija ma ssibha, lanqas biss fl-Afrika ta' Fuq. Jidher li fil-bidu tagħha l-kelma hija marbuta mat-tifsira ta' ċaqliq minn post għal ieħor, u iżjed minn hekk ukoll maż-żamma tal-bhejjem, l-iktar ngħaġ u mogħoż.[7] Dan minkejja fid-differenza li hemm bejn raħli u raħħal, li b'għaġeb kbir tiegħi hawn min ma jagħrafx. Jidher li l-irħula fil-bidu tagħhom kienu marbuta mat-trobbija tal-bhejjem. Hekk ukoll kienu postijiet imsejħa l-Merħla jew l-Imrieħel. Hemm ukoll inħawi magħrufa bħala Mnajdra, mhux biss dik magħrufa minna lkoll iżda oħra lejn Ħal Għargħur. Kellek il-Mandra ta' Bella fl-inħawi ta' Bir Għattar, Mandra ta' Bieb id-Djar aktarx ħdejn ir-Rabat, u l-Mandra tal-Ħarruba xi mkien ieħor. Qrib il-Birgu kien hemm xi mkien magħruf bħala Merħlet il-Mogħoż, xi mkien mhux magħruf kien hemm il-Merħla l-Qadima u l-Merħla tax-Xagħra waqt li ħdejn Ħal Niklus qrib il-Qrendi kien hemm il-Merħla ta' Ħal Niklus. Mhux 'il bogħod mill-Buskett kien hemm post ieħor imsejjaħ Ta' l-Imrejħliet. Fix-xitwa l-bhejjem kienu jinżammu fil-mixta, pl. imxiet: Il-Mixta, imfissra bħala *antrum cum mandrettis et clausunculis et petiis terrae in contrata hain habdun,* Għawdex, fejn kellek ukoll il-Mixta ta' fuq l-Irdum iż-Żgħir u l-Mixta ta' Kalment. F'Malta kellek

Wied il-Mixta u Marsa Mxett innifsu, jiġifieri l-marsa jew port ħdejn l-irziezet tax-xitwa għall-bhejjem. Fl-inħawi ta' Santa Sofija kellek l-Irqajja' l-Mixta. Kien hemm ukoll żewġ inħawi magħrufin bħala l-Istabar, li kienu l-istalel, u ieħor ir-Ruwa, fejn kienu jinżammu ż-żwiemel.

**Għelieqi**

Jekk trid tara xogħol ieħor tal-biedja fil-kampanja tagħna kif jidher mill-ismijiet ta' l-inħawi ssib kemm trid tagħrif, ħlief li m'għandekx tistenna wisq ismijiet ta' prodotti tar-raba' għar-raġuni li kienu komuni wisq u ma setgħux għalhekk iservu biex tintgħaraf għalqa minn oħra. Għalhekk m'għandekx tistenna li ssib ismijiet bħall-Għalqa tal-Qoton, għax kien hemm kemm trid għelieqi kullimkien fejn kien jikber il-qoton. Issib firda ċara bejn għelieqi maħduma u xagħri. Dawn ta' l-aħħar hemm minnhom kemm trid, kollha b'xi isem biex jintgħarfu: Xagħra ta' l-Armla, Xagħra tad-Dahar, Xagħra ta' Dar il-Ħamra, Xagħra l-Fuqanija, Xagħra l-Fuqanija ta' San Lawrenz, Xagħra tal-Griebeġ, Xagħra tal-Gwiedi, Xagħra ta' l-Għadir, Xagħra ta' Għajn Rabib, Xagħra ta' Għammar, u tibqa' sejjer hekk għal ma nafx kemm -il wieħed. Imbagħad għandek Xagħret il-Brolli, Xagħret il-Far, Xagħret il-Għar, Xagħret Għonq jekk mhux Għonoq, Xagħret il-Klieb, kif ukoll Xagħri ta' Bir Ħerba, Xagħri ta' Dejr l-Imara, u x-Xagħri ta' San Ġwann. Nistgħu nkunu żguri li dawn kienu l-inħawi fejn ir-raħħala kienu jieħdu n-nagħaġ u l-mogħoż tagħhom biex jirgħu.

L-art maħduma sikwit kienet tissemma għal sidha, u tant kien hemm minnha li ma kinux jużawha wisq il-kelma għalqa għax ħafna drabi din kienu jħalluha tinftiehem waħedha bla ma jleħħnuha. Hekk għandek għadd bla qies ta' għelieqi msemmija biss bħala tat-tali u ta' l-ieħor: Ta' Ħallas, Ta' Ħalluf, Ta' Ħamed, Ta' Ħamis, Tal-Ħamra. Hemm kemm trid jisimhom Tal-Ħamrija, Tat-Tafal, Tal-Bajjad, Tal-Ħawli, jew il-Ħamrija tad-Dahar, il-Ħamrija ta' Buħaġar, il-Ħamrija ta' Għar Barka, il-Ħamrija ta' Taħt il-Ħariq. Għandek ukoll mijiet ta' ħabel dan u ħabel l-ieħor: Ħabel Galjott, Ħabel il-Gudja, Ħabel il-Ġewwieni, Ħabel Ġifna, Ħabel Għafrid, Ħabel Għarib, Ħabel l-Għansal, Ħabel Għammar, Ħabel l-Għarnuq, Ħabel Għisa, Ħabel l-Għorab, Ħabel ta' l-Għodor. Nista' ma nispiċċa qatt. Għandek ukoll l-irqajja' tar-raba': Irqajja' ta' l-Andar il-Qadim, Irqajja' tal-Brolli, Irqajja' Baħar, Irqajja' tal-Baqqari, Irqajja' tal-Barrani, Irqajja' ta' Bir it-Twil, Irqajja' l-Għaram, Irqajja' Ħabel Ħemsija, Irqajja' Ħanex, Irqajja' ta' l-Iblaq, Irqajja' ta' Kajlun. Hemm Qajjarun

li ħaddieħor dam qatigħ jitħasseb x'tista' tkun, iżda jien sibtha kultant miktuba Rqajja' r-Rum, li tinftiehem waħedha. U jekk tkun roqgħa waħda għandek fost ħafna oħra: Roqgħa l-Bajjada l-Fuqanija, Roqgħa ta' Bieb il-Gżira, Roqgħa ta' Bir iż-Żebbuġa, Roqgħa ta' Dabrani, Roqgħa ta' Fuq il-Ġnien, Roqgħa ta' Fuq l-Għajn. Ir-raba' jista' jkun fuq ġenb ta' għolja. Għalhekk għandek imħaddma kliem bħal wilġa u wileġ kif ukoll ulejġa: il-Wilġa tal-Baħar (ħdejn Dellimara), il-Wilġa ta' Bjar Ximbir, il-Wilġa ta' Bonanno (Ħal Luqa), il-Wilġa tal-Borġ (Dellimara), il-Wilġa ta' Debbus (il-Qabbieża, Għawdex), il-Wilġa ta' Dejr Handun, il-Wilġa ta' Dinas, u l-bqija; hemm il-Wileġ ta' Benwerrad, il-Wileġ ta' Bir Għattar, il-Wileġ tal-Qalgħa, il-Wileġ tas-Siġġiewi, u l-Ulejġiet ħdejn il-Ħofra. L-iktar f'Għawdex imbagħad għandek is-sined: is-Sined ta' Barak, tal-Belliegħa, ta' Caxaro, ta' Dar il-Ħmar, ta' Darmanno, ta' Dbieġi, ta' Gadwara, ta' Galmas, ta' Ġebel l-Aħmar, ta' Għajn Ħosna, ta' Kuljat, u oħrajn. Għad-dris kellek l-andar kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex; hekk f'Malta kellek: Andar tal-Berqax, Andar tal-Bidni, Andar ta' Bieb Xagħra, Andar tal-Bir, Andar ta' Bir Nieġa, Andar il-Blat, Andar ta' Demen, Andar ta' Dukkara, Andar ta' Dukkiena, u tibqa' sejjer; f'Għawdex: Andar Xewk, Andar ix-Xagħra, Andar tal-Marġ, Andar ta' Qabbieża.

Fejn kien hemm l-ilma kellek il-ġnien fiż-żewġ gżejjer: Ġnien ta' l-Imżewwaq, Ġnien l-Iħfar, Ġnien il-Kbir, Ġnien ta' Lanġasa, Ġnien l-Istas, Ġnien tar-Rħieb, Ġnien ta' Raħal Tabuni, Ġnien tal-Qinċ. Minn dawn għandek 'il fuq minn sebgħin f'Malta u xi tnax f'Għawdex. Magħhom trid iżżid l-ismijiet ta' ġonna, ġnejna u ġnejjen. Hemm imbagħad l-għejun, għadd imdaqqas ġmielu kemm f'Malta kemm f'Għawdex, ismijiet bħal: Għajn Ballut, Għajn Btejtes, Għajn Damma, Għajn Fekruna, Għajn Filep (fejn hemm il-*power station* tal-Marsa), Għajn Futni, Għajn Għabdun, Għajn Ħadit, Għajn Ħamiem. Il-biċċa l-kbira jistgħu jintgħarfu u jitqiegħdu f'mappa biex naraw li, meta wasal l-Ordni hawn, il-gżejjer tagħna setgħu ħaddru ma' kullimkien, li ma kienx li kienu diġà qegħdin ikabbru aktarx wisq qoton u jeqirdu s-siġar.

### Iktar fuq l-ilma

Mill-ġonna u l-għejun naraw, kif għedna, li Malta u Għawdex kellhom ilma ftit mhux ħażin għall-użu tar-raba'. Għalhekk setgħu jkabbru dak il-qoton kollu u jbigħuh barra minn Malta bi qligħ kbir tagħhom. Kellek widien ma' kullimkien, l-ebda wieħed mimli bil-bini u magħluq bil-ħitan bħal daż-żmien.

Kull wied kellu isem kważi għal kull mitt metru, aktarx tifkira ta' isem jew laqam xi sid l-art jew xi ħadd li għex hemmhekk jew ħadem l-art fil-qrib: Wied Bufula, Wied il-Buni, Wied ta' Bursa, Wied Busewdien, Wied il-Bużbież, Wied Dalmaw, Wied Danjiel, Wied ta' Dejr il-Baqar, Wied id-Demus, u l-oħrajn, iżjed minn mija u sittin wieħed, xi wħud minnhom għadhom magħrufa hekk sa llum, oħrajn inqatgħu u ntesew. Hemm imbagħad iżjed minn miġra waħda kif ukoll xi mġarr jew tnejn, pl. ta' miġra. Għandek nixxigħat f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll iktar minn fawwara waħda. U għaż-żamma ta' l-ilma kellhom il-bir jew il-bjar: hemm xi mija u sittin isem ta' bir u xi għoxrin bjar, l-ebda wieħed minnhom f'Għawdex. Barra minn dawn kellek il-ġiebja u ġwiebi, u l-ġibjun. Ikbar minn dawn kien hemm il-meġil jew meġin u, meta kien hemm iżjed minn wieħed, l-imwieġen. F'Marsalforn kien hemm Meġil Baħar, jiġifieri meġil ħdejn il-baħar, li wara, meta l-kelma ma baqgħetx tinftiehem iktar, tbiddlet u saret Mewġ il-Baħar u Nagħaġ il-Baħar. Kellek il-menqa, menqat, u l-imnejjeq, kollha bl-ilma fihom fejn kienu jgħaddsu z-zkuk tax-xitla tal-kittien biex jitherrew u joħorġu l-ħjut jew għażel minnhom biex jagħmlu d-drapp ta' l-għażel. Kellek ukoll il-ħawt. U f'ħafna mkejjen kellek l-ilma jistagħdar, imkejjen għalhekk magħrufa minn kulħadd bħala l-Għadir, l-Għadira, u Għodor – tidher f'Andar ta' l-Għodor lejn Ħaż-Żebbuġ – kif ukoll in-Noqra f'Bengħisa, Hal Mann u f'Wied il-Bużbież. Fir-Rindieħ ħdejn Ħaż-Żabbar kien hemm in-Noqra tal-Wileġ, u f'Hal Farruġ, f'nofs Malta, kien hemm tliet għelieqi magħrufa bħala Noqret Ilma, isem ta' għalqa wkoll f'Ħirbit il-Forn. Kellek ukoll Sebħa u Sebħat, l-aħħar tnejn aktarx fejn l-ilma kien salmastru ħafna. Minn dawn kellek fit-tarf ta' ġewwa tal-bajjiet kważi kollha. F'Marsaxlokk u f'Marsaskala kellek il-Magħluq fejn l-ilma baħar kien qisu baħar mejjet fejn kien jitrabba l-ħut. F'Għadir il-Bordi, illum Tal-Mirakli, kien forsi jikber il-bordi, ix-xitla li minnha ssir il-karta tal-papiru. Ir-raba' li kellu forsi ilma żejjed u għalhekk ma kienx jinħadem kien jissejjaħ bur, u minn dawn kellek ħafna. Fejn l-ilma kien jinġabar wisq u l-art tinfaqa' bih forsi mhux fix-xitwa biss kellek il-marġ jew marġa, bħal Marġet Mewwija. Imbagħad għall-ħasil kien hemm Għajn Ħamiem ħdejn l-Imdina, Bir Ħamiem, iż-Żejtun, Ta' Ħamiem f'Wied il-Għasel, Ta' Ħamimiet, Għawdex, kollha juru li darba kien hemm il-ħammâm, jew banju pubbliku kif kellhom ir-Rumani u nies oħra. Kien hemm ukoll il-maħsel jew l-Imħasel aktarx għall-kittien. U l-għelieqi Tal-Qadus u ta' Miġbid l-Għajn ukoll kellhom x'jaqsmu ma' l-ilma għax il-qadus kien il-barmil tas-sienja, u l-miġbid ta' l-għajn kien it-travu tas-sienja. Kien hemm is-sieqja li minnha l-bidwi kien jgħaddi l-ilma għar-raba' tiegħu,

u s-swieqi jekk kien hemm iżjed minn waħda, iżda ma nafx il-għaliex il-kelma sienja jiena domt ħafna ma sibtha. Kemm f'Malta u f'Għawdex ukoll kellek is-Saqqajja minn fejn issaqqi jew tisqi. Kien hemm xi għalqa Tas-Saqwi jew is-Saqwi. L-Imġarr, Malta, kellek iċ-Ċurċara u mhux 'il bogħod mill-Imdina ta' Malta kif ukoll fid-Dwejra t'Għawdex kien hemm naħa msejħa l-Qattara. Kellek ukoll, u għad għandek, il-Miżieb u l-Imwieżeb.

## Djar u bini ieħor

Minbarra d-djar fl-irħula, fil-Birgu, fir-Rabat u l-Imdina, xi nies kellhom darhom fil-kampanja. Għalhekk kellek inħawi msejħa għal xi dar, ngħidu aħna Dar il-Bajda, Dar iż-Żgħira, Dar il-Ħamra. Din kienet mibnija aktarx tal-ġebel mhux bilfors minġur u maqtugħ kantuni kif nafuhom illum. Jekk kienet żgħira kienet tissejjaħ Dwejra. U m'huwiex korrett min jaħseb li l-eremiti aktarx kienu jgħixu f'xi għamajra msejħa dejr li minnhom xi tnax baqgħu jissemmew sa l-1565 għax għall-eremiti hemm kliem ieħor fil-Għarbi u għalhekk fil-Malti qadim.[8] Din il-kelma dejr jidher li fil-każ ta' Malta kienet tfisser razzett għall-bhejjem, mhux monasterju. L-għorfa kienet kamra fis-sular ta' fuq, iżda fi Sqallija kienet aktarx kamra mibnija ġo għar. Kellek bini ieħor iktar sempliċi, l-għarix. Dan kien aktarx mibni u msaqqaf bil-qasab. Kien hawn ukoll, kif jidher minn għadd ta' ismijiet f'Malta, in-newwiela li bħall-għarix kienet mibnija b'materjal ħafif, aktarx qasab u weraq. Id-demus kien aktarx taħt l-art, wieħed mill-oqbra Feniċi jew Rumani. Fiż-Żmien Nofsani l-kelma kienet tfisser ħabs fid-dinja Għarbija. Ħal Saflieni kellek l-Imtamar jew l-imħażen tal-qamħ taħt l-art. U l-għerien kollha kellhom isem u kienu jgħixu n-nies f'ħafna minnhom. Għar il-Kbir, is-Siġġiewi kien wasal biex jissejjaħ raħal lejn il-bidu tas-seklu sittax. Bini ieħor kien magħruf bħala Gorboġ jew Griebeġ. Il-Borġ u l-Ibraġ setgħu kienu kmamar fir-raba' li kien isir l-istess użu minnhom bħalma jsir illum mill-girna li nafu aħna, u forsi kienu jixbhuha f'kollox. Madankollu fi Sqallija lejn is-sena 1182 il-kelma Burg kienet titfisser bħala *turris* bil-Latin; u fit-Tuneżija skond S. Gsell bħala *maison solide, residence ou magasin*, kif ukoll bħala *maison de campagne, villa*. Kien hemm inħawi magħrufa bħala l-Borġ jew Tal-Borġ fil-Bidni, f'Tal-Baqqari, Ta' Bingħisa, Tal-Braqxija, Tal-Ħandaq, Ta' Buħaġar f'Malta, u Tal-Qalgħa f'Għawdex. Kien hemm ukoll il-Borġ ta' Għajn Tuffieħa. F'Għar Qożżajta kien hemm għar magħruf bħala Dar il-Borġ. Il-Pwales kien hemm Ġnien il-Borġ. Ħal Saflieni kien hemm tliet għelieqi

magħrufa bħala Rqajja' l-Borġ u kien hemm għalqa żgħira Dellimara magħrufa bħala l-Wilġa tal-Borġ. Barra dawn kellek imbagħad għelieqi msemmijin Ta' l-Ibraġ, jiġifieri iktar minn borġ wieħed, f'Andar il-Blat (il-Mosta), Bieb Saliba, Ħax-Xluq, il-Hemsija, il-Magħtab, Misraħ il-Wardija u s-Swieqi, u xi għelieqi żgħar f'Wied il-Kbir kienu msejħin l-Ibraġ ta' Xaħtan. Il-kelma girna nnifisha jien għadni ma sibthiex, la l-giren tad-dokumenti aktarx trid tinqara għerien. Il-Qalgħa, aktarx fil-għoli jew imbiegħda mill-baħar, kienet fortizza żgħira, torri. Għalhekk għal snin twal dejjem ħsibt li l-Qala t'Għawdex m'għandhiex x'taqsam mal-kelma l-oħra 'qala' li tfisser bajja tal-baħar; wara kollox qiegħda l-mijiet ta' piedi iżjed fil-għoli minn wiċċ il-baħar. Iżda Ras il-Qala tixhed li n-nies kienu qed jagħtu kont l-iktar għall-qala jew port ta' dik il-gżira, u li l-port kien jinfirex mill-Imġarr sa Ras il-Qala, u għalhekk jista' jkun li l-Qala nnifisha, li dejjem inkitbet mingħajr l-'għ', kienet qed tirriferi għall-port mhux għal xi torri. Hawn Malta kellek Qala f'Marsaskala li kienet tissejjaħ dejjem Marsa Qala qabel ma ġiet Marsaskala. Lejn il-punent ta' Burmarrad kellek Qalgħet il-Għabid, u bejn l-Imdina u l-Mosta kellek il-Qlejgħa jew il-Qalgħa ż-Żgħira. Dawn kienu jew xi torri qadim taż-żmien nofsani, jew quċċata ta' għolja qisha torri. Kien hemm ukoll Qasar lejn Dejr l-Imara u ieħor lejn il-Baqqari u lejn Ħal Far. Lejn Santa Sofija kellek l-Andar tal-Qasar. Il-kelma torri tibda tintuża wkoll. Kellek wieħed fil-port ta' Benwarrad jew is-Salini kif nafuh illum, u ieħor lejn l-Imġarr ta' Malta. Inħawi mnejn kienu jħarsu x-xtut għal xi nżul ta' l-għedewwa, kienu Nsara jew Misilmin, kien hemm ma' kullimkien, magħrufa l-eqdem fosthom bħala nadur u wara bħala l-wardija. Hekk f'Malta kellek Nadur f'Qortin Sammat f'tarf Buġibba, Ħas-Saptan u Ta' Ċalpas, u Għawdex f'Ta' Ħida u Nadur il-Kelb kif ukoll fejn issa hemm ir-raħal bl-istess isem. Barra minn dawn kellek f'Malta Nadur il-Gudja, Nadur Għajxa fil-Hlantun, Nadur il-Għass jew għassa f'San Tumas, Nadur il-Kelba, Nadur il-Knejjes, Nadur Qalel f'Bingħisa, Nadur il-Qattan u Nadur Żurrieq. Minbarra l-Wardija ta' Sant'Iermu u dik ta' San Pawl, f'Malta kellek ukoll il-Wardija ta' Bingħisa, il-Wardija ta' l-Imħażen u l-Wardija tal-Mellieħa kif ukoll oħra f'Ħal Mula. Inħawi oħra fejn kienet tistenna d-dejma kienu magħrufa bħala l-Għassiewi: l-Għassiewi ta' Ħal Tarxien u l-Għassiewi tal-Lup biex ma nsemmux l-Għassiewi ħdejn is-Siġġiewi, u fi nħawi oħra, b'ismijiet bħall-Ħerba ta' l-Għassiewi u l-Wilġa ta' l-Għassiewi. Imtieħen tal-miexi kellek tista' tgħid kullimkien. Għalhekk issib inħawi magħrufa bħala Tal-Mitħna, Misraħ il-Mitħna u Wara l-Mitħna. F'xi nħawi kellek kalkara: waħda ħdejn bir tat isimha lil raħal mill-ikbar ta' Malta: Birkalkara. Qabel ma daħlet il-kelma

'kalkara' kellek il-kliem 'forn il-ġir'. Għalhekk kellek inħawi msemmija Forn il-Ġir kemm Malta u kemm Ghawdex. Dak t'Għawdex kien ħdejn marsa li għalhekk issemma Marsalforn, jiġifieri l-marsa ta' ħdejn forn il-ġir. Knejjes żgħar kien hawn bil-mijiet ma' kullimkien, u dawn sikwit ħallew isimhom anki meta waqgħu u baqgħu ma reġgħux inbnew.

## Mnejn tgħaddi

Dawn kienu ta' iktar minn sura waħda. Kellek it-triq: Triq il-Kbira, Triq ta' Għajn Sinder, Triq Xulantar. Kien hemm l-isqaq: Sqaq id-Dis, Sqaq l-Għargħar, Sqaq l-Għadira, Sqaq ta' Ras Żagħrura, Sqaq il-Wilġa. Kellek Sqajjaq it-Tiġieġ. L-Imdina kien hemm Ħârit l-Imwieli. Fil-Kastell t'Għawdex kellek Bieb l-Imdina. Qalb ir-raba' kellek Bieb l-Andar lejn Burmarrad, Bieb l-Andar taż-Żebbiegħ, ismu miegħu, Bieb il-Baħrija, Bieb id-Dar, Bieb id-Dejr, Bieb il-Gżira, Bieb il-Knejjes, Bieb l-Irdum, Bieb San Pawl il-Baħar, Bieb Żejtun, u ħafna ħafna oħra. F'Tal-Baqqari f'Malta u Wied il-Mielaħ, Għawdex, kien hemm għalqa magħrufa bħala Tad-Daħla u lejn Ħad-Dingli kien hemm naħa msemmija d-Daħla ta' Dejr il-Bniet. Daħlet il-Qasab u Daħlet Qorrot kienu daħliet tal-baħar. Minn irdum kont tinżel billi tgħaddi minn tarġa: it-Tarġa ta' Għajn Riħana, it-Tarġa l-Ħamra, Tarġet Għomor, Tarġet in-Naxxar. Il-passaġġ bil-baħar bejn Malta u Għawdex kien imsemmi l-magħdija sa mis-seklu tlettax, kif nafu mill-isem tat-taxxa li kienet titħallas għall-bhejjem li kienu jinġarru bejn il-gżejjer sa nofs is-seklu tmintax. U fejn tistrieħ, l-eqreb li kellna għall-*village green* ta' l-Ingilterra, kellna l-misraħ jew l-imsieraħ: Misraħ tal-Bidnija, Misraħ Birkirkara, Misraħ tal-Ftajjar, Misraħ l-Għadira, Misraħ ta' l-Għaqba, Misraħ l-Għorab, Misraħ Ħalima, Misraħ il-Knisja, Misraħ il-Mitħna, u ħafna oħrajn. Din il-kelma misraħ fl-Għarbi jidher li tinsab biss f'dokumenti Għarbin ta' Sqallija, fejn lejn l-1182 fl-għadd imkattar kienet tinftiehem bħala artijiet fejn setgħu jirgħu l-bhejjem, *pascua*. F'Malta nistgħu ngħidu b'ċertezza li kienet dlonk tfisser pjazza: hekk kellek il-*miserach sive platea* f'Ħal Luqa fis-sena 1521. Kellek ukoll l-Imsejraħ, għall-misraħ żgħir, u l-Imsieraħ, fejn kellek iktar minn wieħed qrib xulxin.

**Għoli u sura ta' l-art**

M'għedna xejn fuq l-ismijiet ta' l-għoljiet tagħna: Ġebel l-Abjad, Ġebel l-Aħmar, Ġebel ta' Barak (?), Ġebel tal-Barrani, Ġebel ta' Bir Għawejna, Ġebel Bixer, Ġebel Ċantar, Ġebel l-Għelieqi, Ġebel ta' Filfla, Ġebel Forn, u tibqa' sejjer xi tlieta u tletin oħra. Hemm imbagħad il-kelma 'għaqba' li tfisser 'għolja żgħira', iżda tista' forsi tkun isem ta' bniedem: Għaqba ta' Ġebel Ġakobb, Għaqba Ħamra, Għaqba tan-Naxxar, Għaqba ta' Żellek, Għaqbet il-Ħandaq, Għaqbet iż-Żiju, Għaqbet Żurrieq. Kellek ukoll il-ħotba kif ukoll il-kelma 'għolja', li jidhru t-tnejn li huma fl-ismijiet ximindaqqiet. F'Għawdex hemm il-Qolla s-Safra ta' Marsalforn, il-Qolla l-Bajda u l-Qolla ta' Merżuq. Ma' ras l-għoljiet kien hemm is-sidra jew sdieri. Waħda mill-kelmiet l-iktar interessanti hija l-kelma 'qortin', li minnhom hemm għadd ġmielu kemm Malta kif ukoll Għawdex. Din il-kelma jidher li ġejja mil-Latin mhux mill-Għarbi safi, iżda daħlet f'dak l-ilsien qabel ma nġiebet Malta. Irdajjem ukoll kellek kemm trid għalkemm il-kuntratti tan-nutara rari jsemmuhom għax ma tantx kienu jingħataw bi qbiela: Irdum ta' Ġebel Ċantar, Irdum ta' Għar Berbri, Irdum il-Kbir, Irdum tal-Madliena, Irdum Majjiesa, u oħrajn. U ras l-art tissemma ta' sikwit: Ras il-Bajjada, Ras ta' Bilbla, Ras ta' Dellimara, Ras il-Fuqanija, Ras tal-Ġbejjel, Ras Ġuljana, u l-bqija. 'L hawn u 'l hemm kellek il-ħofra, bħal Ħofret ir-Rizz biex turi ta' min kienet. Kellek latnija, jew ħofra li ssawret bil-qtugħ tal-ġebel fi żmien ir-Rumani, bil-plural tagħha litami. Kellek xi ħondoq jew forsi anki ħandaq. U fejn l-art kienet maqsuma kont issib l-ixquq jew xi ħarq. Wieħed minn ta' l-aħħar kien qrib il-baħar fejn setgħu jgħumu n-nies; forsi għalhekk issemma Ħarq Ħamiem, il-ħarq tal-banjijiet.

**Xtieli, ħaxix, u siġar**

M'għandniex naħsbu li nistgħu nqiegħdu fuq mappa tal-gżejjer tagħna kull referenza għas-siġar, ħaxix, u xtieli u hekk ikollna stampa ta' kif dawn kienu mxerrda. Dak li għedna għall-prodotti tar-raba' jgħodd ukoll għalihom: iżjed ma kien hawn mit-tali xitla jew siġra inqas setgħu jużawhom biex juru liema għalqa, bir, wied jew x'kien, riedu jfissru. Li nistgħu nagħmlu hu li nuru liema kienu x-xtieli u s-siġar li n-nies kienu jaraw dlonk madwarhom mingħajr ma nidħlu biex ngħidu bl-eżatt kif kienu mxerrda. Jekk nibdew bis-siġar, insibu Wied il-Ballut u Għar Ballut, Ta' l-Għargħar mhux biss bejn in-Naxxar u San

Ġwann iżda wkoll għalqa b'dak l-isem iż-Żurrieq, Ħabel Raba' ta' l-Għargħar fl-inħawi ta' Forn il-Ġir f'nofs Malta, u medda art f'Ta' Ħlas, kellek Wied Żnuber u Għajn Żnuber. Kont issib biċċa art imsejħa Tal-Ħarrub fl-inħawi Tal-Ħandaq, u għelieqi magħrufa bħala Tal-Ħarruba f'Ħal Għaxaq, Ħal Safi, il-Baqqari, Bubaqra, Wied il-Għabid, Ta' Ġebel Selim, l-Imsida, Ħ'Attard u Ġebel Għażara ħdejn Burmarrad. F'Wied Ħarruba kellek l-għalqa Tal-Ħarrubat ta' Wied Ħarruba. Kien hemm Għar il-Ħarruba u Ġnien il-Ħarrub jew il-Ħarruba, ix-Xwieki mhux 'il bogħod min-Naxxar. Ħafna xtieli oħra kienu wkoll jissemmew ta' kultant. Kont issib fuq ir-riħ ta' San Pawl il-Baħar taħt il-Wardija Wied is-Safsaf, xitla, *willow* bl-Ingliż. Jista' jkun li Dejr is-Safsaf kien hemm f'dawk l-istess inħawi. Ħal Tarxien kien hemm għalqa msejħa Ta' Denb il-Ħaruf. Wied Għollieq kulħadd sema' bih. Il-Pwales u Birżebbuġa kien hemm l-inħawi Tas-Simar, u Ħabel Simar fil-Magħtab. Wied il-Ħesri kien imsemmi għax-xitla li minnha jsiru t-twapet tal-ħasira, u Ġnien il-Ħosri aktarx kellu l-istess rabta. F'nofs Malta kellek Għajn Qasab kemm f'Malta u kien hemm ieħor Għawdex, Bir il-Qasab fil-Laqxija, Ħal Għargħur, Malta, u Wied Qannotta lejn il-Wardija ta' San Pawl il-Baħar. Kien hemm ukoll Wied il-Qasab Ħelu, jiġifieri tal-kannamieli, li ħallewlna żewġ inħawi f'Malta u ieħor f'Għawdex imsemmija għalihom, il-Fiddien. Għadir il-Bordi ssemma għax-xitla magħrufa fl-Ewropa bħala tal-papiru. Il-Ħemsija kienet qrib l-Imdina, u l-għalqa Tal-Ħemmes aktarx qrib Birkirkara. Kien hemm għalqa magħrufa bħala tat-Tin ta' Ras il-Ħmar, u ġnien imsemmi Ġnien ta' Lanġasa f'Malta u Ġnien tal-Lanġasiet f'Għawdex, kif ukoll Ġnien il-Larinġ u Ġnien il-Lewż. Kellek Għajn Tuta (Għawdex u l-Mellieħa), Għar Tuta, Għajn Tuffieħa, Għajn Żejtuna, Bir Żebbuġa u Għajn il-Kittien. F'Ħal Bisqallin kien hemm l-Għalqa ta' Dulliegħa. Kien hemm l-Andar ta' l-Għansal, Andar Xewk f'Għajn Riħana, Għawdex, u l-Andar tad-Dukkara, f'Ħal Balzan u d-Dukkara fejn hemm il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Kien hemm għelieqi msejħa l-Għansilija f'Bingħisa, il-Qrendi, Tat-Taqtigħa, u Bir Għabdalla. Magħhom trid iżżid Bur ta' l-Għansalija u Ħabel l-Għansal. Għelieqi oħra kienu magħrufa bħala l-Fulija, il-Karwija, u l-Baslija.

**Fwieħa**

Ħxejjex ifuħu kellek kemm trid li ħallew isimhom fuq wiċċ Malta jew Għawdex kemm forsi minħabba li kotru wisq f'xi naħa jew oħra kif ukoll għax sikwit

servew ta' laqam lil xi sid ta' l-art. Għalhekk Malta kellek Ta' Riħan, Ħandaq ir-Riħan u Għajn Riħana u Għawdex kien hemm naħa magħrufa bħala Wied ir-Riħanija. Malta kellek Wied il-Bużbież u l-Biżbiżija. Ħdejn Bingħisa kif ukoll f'Wied Tabrija u f'Għawdex kien hemm fejn kienu jsejħulu Ranġisija. Niftiehmu, jien naħseb li hemm ċans qawwi li din il-kelma kienet taħsira ta' Narcisia, isem ta' mara.

F'Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, kien hemm għalqa żgħira msejħa Ħabel Ranġiż. Kellek Ħabel Sagħtar fl-inħawi ta' Qajjarum jew Irqajja' r-Rum, kif ukoll Bir is-Sagħtar u Wied is-Sagħtar naħiet oħra, u fil-Marsa kien hemm għalqa magħrufa bħala Ta' Sgħajtra. F'Għar Tiben ħdejn Ħal Millieri u f'Tal-Baqqari kellek għelieqi jgħidulhom Tal-Ħlewwa u ħdejn Ħal Millieri kien hemm ukoll l-għalqa Tal-Kosbor. Ħdejn Ħal Qdieri kien hemm Wied iż-Żembuq. F'Ta' Sannat, Għawdex, kien hemm għalqa jgħidulha Ta' Bebunaq, jiġifieri tal-gamomilla.

## Intejjen

Mhux kollox kien sabiħ f'wiċċ Malta lanqas dak iż-żmien. Kellek għadd ġmielu ta' nħawi li ma setgħux ħlief jgħarrqu l-ambjent. Hekk kellek għelieqi għad-demel magħrufa bħala Tad-Demen f'Bir Għattar, f'Ta' Latmit ir-Rizz, f'Ħal Lija, f'Ħax-Xluq, f'Ħal Kbir, f'Ta' Vinċi, f'Ta' Qadus, f'Ħaż-Żabbar u f'Ta' Ċantar. F'Ħal Ġwann, f'Ta' Wied Kosta u Ħax-Xluq kellek għelieqi magħrufa bħala Ta' Demna. Kellek l-Andar ta' Demna f'Ħal Balzan u Ħabel id-Demen f'Bir Għattar li diġà sibna taħt sura oħra. Fis-Swieqi kien hemm Ħabel id-Dimna. Milli jidher ħdejn is-Siġġiewi kien hemm għalqa msemmija bħala Ta' Bieb id-Demen. F'Ħ'Attard u f'naħa msejħa Ħammieri jew Għammieri f'Malta kif ukoll taħt is-swar tal-Kastell t'Għawdex kien hemm xi għalqa msejħa d-Demnija. F'Ħal Tartarni kien hemm demla żgħira msejħa Tad-Dmejjen, u xi mkien mhux magħruf kien hemm għalqa żgħira magħrufa Tad-Dmejniet. Għandi ngħid ukoll li fit-Tuneżija dimna kien l-isem ta' lokal fejn kienu jitħallew jgħixu dawk li kienu morda bil-ġdiem.[9] Madankollu, fi Sqallija Għarbija dan l-isem insibuh fis-sena 1182.[10]

Kellek imbagħad il-Miżbliet: għalqa r-Rabat, Malta. Xi mkien mhux magħruf kien hemm l-Imżiebel Semna u xi mkien ieħor għalqa magħrufa bħala l-Miżbla. Ir-Rabat kien hemm il-Miżbla tas-Saqqajja. Kien hemm l-Imżiebel barra l-Birgu u barra Bieb l-Għarreqin qrib ħafna taċ-ċimiterju tal-Misilmin

jekk mhux eżattament fih. Bormla kellek l-Imżejbla. F'Ġebel Ċantar kellek ġnien magħruf bħala Għar Żibla, ikolli ngħid laqam xi ħadd. U bejn l-Imqabba u l-Qrendi kellek u għad għandek post jgħidulu l-Mentna. Kien hemm Mentna ta' Rqajja' Sejba, u Mentna oħra ż-Żebbiegħ.

## Tibdil mgħaġġel ta' llum

F'dan l-istudju ħafif, neħħi dak li għedna fuq l-ilma, l-għoljiet, l-irdajjem u ras l-art, flejna l-iktar is-sura ta' wiċċ Malta sa fejn tbiddlet u nħadmet min-nies tagħha. Wara kollox anki qabel il-wasla tal-kavallieri, wiċċ Malta ma kien jixbah xejn lil kif kien qabel il-wasla ta' l-ewwel nies eluf ta' snin qabel. Il-bniedem ħadem l-art, rabba' l-bhejjem tiegħu, bena djaru u l-imqades tiegħu, u fetaħ triqat jew mogħdijiet biex jgħaddi minnhom minn naħa għal oħra. Bena ħitan bejn l-għelieqi u l-oqsma tiegħu kemm biex juri sa fejn kien sid l-art hu u fejn kien ta' ħaddieħor, kif ukoll biex jirfed u jerfa' l-ħamrija tiegħu li ma jiġux l-ilmijiet u jkaxkruhielu kollha. Ħafna minn dan ix-xogħol tiegħu issa tbiddel u ntradam taħt ix-xogħol ta' nies li ġew warajh, bil-bini ta' rħula ikbar u bliet sħaħ, oqsma ta' djar u fabbriki, ajruport, triqat wisgħin, u ħela ta' vilel ma' kullimkien. Ix-xogħol tar-raba' tbiddel, u l-għodda mekkanizzati ta' dażżmien żiedu tagħhom fil-qerda ta' wiċċ Malta. Ma nafx nistgħux inwaqqfu dan it-tibdil mgħaġġel li qed jaħkimna, iżda nittama li talinqas għandna nagħmlu ħilitna biex l-ismijiet minsija ta' l-inħawi kollha f'Malta għandna ngħożżuhom qabel ma nitilfu anki t-tifkira tagħhom.

UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

**Noti**

1 Iacomo Bosio, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gerosolimitano, III* (Ruma, 1683) 29–31.

2 Agostino Pertusi, "Le Isole Maltesi dall'Epoca Bizantina al Periodo Normanno e Svevo, Secc. VI-XIII, e Descrizioni di esse dal Sec. XII al Sec. XVI," *Byzantinische Forschungen,* v (1977) 300. Irrid ngħid li fil-fatt isem ir-raħal hu mogħti bħala *Gibilmaritach* u kien jaħbat xi mil mill-port ta' San Pawl il-Baħar fuq għolja li tidher li kienet il-Wardija.

3 Ara Godfrey Wettinger, "The Lost Villages and Hamlets of Malta," *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights,* ed. A. Luttrell (Londra, 1975); Brian W. Blouet, "The Impact of Armed Conflict on the Rural Settlement Pattern of Malta (A.D. 1400–1800)," *Transactions of the Institute of British Geographers*, n.s. vol. 3, n. 3 (1978) 367–80.

4 Anthony Luttrell, "Le origini della parrocchia a Malta," *Pievi e Parrocchie in Italia nel Basso Medioevo* (Sec. XIII-XV), II (Ruma, 1984) 187–198.

5 Godfrey Wettinger, "The Militia Roster of 1417," *The Armed Forces of Malta Journal*, n. 13: 35.

6 Il-Port il-Kbir kien imsejjaħ *Marsachibir*, "il-Marsa l-Kbir", fil-portulan tas-seklu ħmistax, *Chompasso de tuta la starea della marina.*

7 Ara C. F. Seybold, *Glossarium Latino-Arabicum* (Berlin, 1900), p. 342: obile, jiġifieri 'ovile'. Iżda fis-sena 1182 kienet diġà qiegħda tinqaleb bil-Latin mill-Għarbi fi Sqallija bħala *casale*.

8 Ngħidu aħna, sawmagħa, mansak, kirħ: Elias A. Elias u Edward E. Elias, *Elias' Modern Dictionary English Arabic*, taħt il-kelma *hermitage*.

9 Robert Brunschvig, *La Berbérie orientale sous les Hafsides des origines à la fin du xv^e^ siècle,* I (Pariġi, 1940–47) 368: "sous les Aglabides le quartier de la Dimna [f'Qajrwan] au nord-ouest, qui renferment, près d'ûne leproserie, un asile pour aveugles indigentes"; Mohamed Talbi, *L'Emirat Aghlabide* (Pariġi, 1966) 252: 'à la lèproserie (ad-dimna)'; Hadi Roger Idris, *La Berbérie orientale sous les Zirides, Xe-XIIe Siècles*, II (Pariġi, 1962) 607: 'une dimna (leproserie)'.

10 Salvatore Cusa, *I diplomi greci ed arabi di Sicilia* (Palermo, 1868-1882) 240/200.

# Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku bl-Ilsien Malti: *Taġhlim Nisrani* (1752) ta' Franġisku Wzzinu[1]

William Zammit

Bħala persuna affaxxinata mill-kotba u li qbadt l-istorja tal-ktieb bħala linja ewlenija tar-riċerka tiegħi, it-traduzzjoni tal-katekiżmu ta' Franġisku Wzzinu dejjem interessatni mill-qrib. Ili snin niġbor materjal dwaru, iżda kif jiġri ta' spiss lil bosta, qatt ma' sibt iż-żmien li naħdem fuqu. Meta saritli l-istedina sabiex nagħmel taħdita dwaru rajt li kien wasal il-waqt li jien ukoll – bħal oħrajn qabli – naqsam xi tagħrif ġdid dwar dan il-ktieb sabiex issir aktar magħrufa l-importanza tiegħu. Għal din l-opportunità nirringrazzja lill-Akkademja tal-Malti li b'doża qawwija ta' demm żagħżugħ qed taħdem b'ħeġġa favur l-akbar wirt li ħallewlna missirijietna.

Jiena nikkunsidra t-traduzzjoni ta' Wzzinu bħala fost l-aktar kotba influwenti – u għaldaqstant importanti – li qatt ġew stampati b'relazzjoni ma' Malta. Huwa naturali li ktieb jiġi evalwat fuq il-bażi tal-kontenut tiegħu. F'dan il-każ m'għandniex pubblikazzjoni b'xi kontenut spettakolari – altru minn hekk – il-kontenut huwa l-aktar wieħed ortodoss u konvenzjonali possibbli: il-katekiżmu Kattoliku tal-Kardinal Bellarmino.[2] Żgur li ma qanqalx ideat ġodda jew ikkritika l-kuntest reliġjuż, soċjali, jew politiku ta' żmienu. L-importanza tal-kontenut, iżda, toħrog mill-fatt li dan kien l-ewwel ktieb stampat bil-Malti. Dan il-fatt jagħti lill-ktieb importanza ewlenija fejn tidħol l-istorja lingwistika.

Is-sinifikat tal-ktieb, iżda, imur iżjed 'il bogħod minn hekk. Dak li jagħmel ktieb importanti ma jiddependix biss mill-kontenut tiegħu iżda – forsi aktar minn

hekk – kemm dak il-ktieb ikun ħalla effett – kien x'kien dak l-effett – fuq l-udjenza ta' żmienu u fuq il-ġenerazzjonijiet ta' wara. Dan l-aspett tal-ktieb jirrikjedi ferm iżjed milli li wieħed jillimita ruħu għall-istudju tal-kontenut. Bosta drabi huwa wkoll diffiċli li dak li jkun jasal għalih: hemm diversi pubblikazzjonijiet b'kontenut ta' importanza kbira marbuta ma' gżiritna, iżda x'nafu dwar kemm kienu mxerrda dawn il-kotba, f'idejn min kienu jaslu, kemm saru edizzjonijiet u kemm kienet it-tiratura tagħhom? X'nafu dwar l-effett li dawn il-kotba ħallew fuq il-perċezzjonijiet u l-iżvilupp intellettwali tan-nies ta' żmienhom? F'dan il-kuntest nikkwota dak li jgħid Robert Darnton, wieħed mill-istoriċi moderni ewlenin tal-ktieb:

> L-istoriċi moderni tal-ktieb għamlu s-suġġett wieħed mit-temi studjati mill-moviment magħruf bħala *Annales* li kkonċentra fuq l-istorja soċjo-ekonomika. Huma ppruvaw jiskopru t-tendenzi ġenerali tal-produzzjoni u tat-tixrid tal-ktieb fuq medda twila ta' żmien ... kotba rari u edizzjonijiet lussużi ma kellhom ebda interess għal dawn l-istoriċi. Huma kkonċentraw fuq il-kotba l-iżjed aċċessibbli għaliex riedu jiskopru l-esperjenza letterarja tal-qarrejja komuni.[3]

Huwa appuntu f'dan il-kuntest li x-xogħol ta' Wzzinu jikseb sinifikat partikulari. Huma bosta il-ħjilijiet li għadna dwar l-impatt qawwi u permanenti li t-traduzzjoni tal-katekiżmu ħalliet fuq il-ġenerazzjonijiet kollha tal-Maltin f'dawn il-mitejn u ħamsin sena mill-ewwel edizzjoni tagħha. Impatt reliġjuż, lingwistiku, iżda fuq kollox wieħed li ċertament ikkontribwixxa għal ċerta omoġenjità u konformiżmu fil-mentalità Maltija. Bħal f'pajjiżi oħra, l-enfasi fuq it-tagħlim tad-duttrina wara l-Konċilju ta' Trentu ma kienx biss isaħħaħ il-konformità Kattolika, iżda kien ukoll ta' benefiċċju għall-Istat dejjem aktar b'saħħtu u ċentralizzat. Fi kliem l-istoriku Paul Grendler, il-klassijiet tad-duttrina kienu magħrufa li jħallu dan l-effett, peress illi "poplu mgħallem sewwa d-duttrina Kristjana huwa poplu kwiet, ubbidjenti, ġust, u difensur konsistenti ta' pajjiżu."[4]

Tista' tgħid li kull Malti u Maltija min-nofs is-seklu tmintax sa prattikament żmienna ġie wiċċ imb'wiċċ mat-traduzzjoni ta' Wzzinu, jew billi qraha huwa stess jew – aktar spiss – b'mod orali waqt il-lezzjonijiet tal-katekiżmu. Filwaqt li żgur miniex kompetenti sabiex nagħmel analiżi ta' l-impatt strettament lingwistiku tal-katekiżmu, m'hemmx dubju li dan ħalla effett qawwi fuq l-iżvolġiment ta' l-użu ta' l-ilsien Malti, l-aktar fejn jidħol it-talb. Għadni niftakar bħala tifel nipprova nifhem eżattament it-tifsira ta' ċertu kliem stramb bħal 'batal', 'regħextek', 'weġġaħ' u 'nitniehdu' aħna u nirrepetuhom waqt il-lezzjonijiet tal-Mużew. Kien biss ħafna snin wara li skoprejt li altru minn kelmiet strambi, dawn huma ġawhar salvati biss fl-ilsien tagħna minħabba li ġew użati minn Wzzinu fl-1752.

**Tagħrif bijografiku dwar Wzzinu**

Bħal fil-każ ta' bosta Maltin oħra li taw kontribut anki sostanzjali għall-iżvilupp ta' l-identità nazzjonali Maltija b'modi diversi, il-bijografija ta' Wzzinu għad trid tinkiteb. L-aktar tagħrif iddettaljat dwar ħajtu jidher li kien dak pubblikat mill-mibki Ġużè Cassar Pullicino fl-1962.[5] Ma' dan it-tagħrif sa nżid xi ieħor li s'issa ma ġiex ippubblikat. Franġisku Wzzinu kien mgħammed fl-Isla f'Diċembru ta' l-1708.[6] Nafu żgur li kien għadu ħaj sa l-1773 peress li f'dik is-sena huwa ħallas għall-istampar ta' ktieb devozzjonali.[7]

Sa minn kmieni Wzzinu ddistingwa ruħu bħala qassis impenjat fit-twassil tal-fidi permezz ta' kitbiet kif ukoll tal-predikazzjoni. Il-ħeġġa tiegħu li jwassal it-tagħlim reliġjuż lill-poplu fi lsienu dehret sa mill-1730 meta kiteb kurunella bil-Malti ddedikata lil San Mikiel Arkanġlu. Kurunella oħra f'ġieħ Sant'Anna ġiet miktuba minnu fl-1741.[8] Kważi immedjatament mat-twaqqif ta' l-istamperija f'Malta f'Ġunju 1756 Wzzinu beda jutilizza din il-faċilità sabiex jistampa xogħlijiet devozzjonali oriġinali kif ukoll oħrajn miktubin minn ħaddieħor.

Tabella I
Xogħlijiet stampati f'Malta minn Wzzinu

| DATA | DESKRIZZJONI | AWTUR/KLIJENT | TIRATURA | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|
| 28.10.1756 | *Offerta da farsi più volte al giorno, e da affiggersi nelle porte delle proprie cammere* | F.Wzzinu/ Kanonku Portughes | 500 | ebda kopja misjuba |
| 8.12.1759 | *La coronella delle Sante Anime del Purgatorio* | awtur mhux magħruf/ F.Wzzinu | 3,050 | ebda kopja misjuba |
| 2.8.1767 | *Il Purgatorio aperto all Pietà de' Viventi ...* | F. Wzzinu/P. Reitano | mhux magħrufa | BNM (b'isem Wzzinu miktub fuq il-qoxra) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5.1.1769 | *Libretto di Devozione* | awtur mhux magħruf/F. Wzzinu | 150 | ebda kopja misjuba |
| 25.3.1770 | *Libretto del Santissimo Nome di Gesù* | awtur mhux magħruf/F. Wzzinu | 500 | ebda kopja misjuba |
| 3.5.1773 | *L'Anno Consacrato al Sacro Cuor di Gesù ...* | awtur mhux magħruf/F. Wzzinu | 500 | kopja fil-kollezzjoni Albert Ganado |

Minbarra xogħlijiet stampati, nafu wkoll b'għadd ta' kitbiet oħra tiegħu manuskritti. Fost dawn wieħed isib diskors li kien għamel dwar ir-rewwixta ppjanata mill-ilsiera fl-1749.[9] Aktar importanti minn dan kien il-manwal tiegħu dwar ir-responsabbiltajiet tal-kurati fil-parroċċi Maltin u Għawdxin.[10] L-intenzjoni ta' dan ix-xogħol kienet li joffri pariri prattiċi u li jiftaħ għajnejn il-kurati mill-abbużi li setgħu jaqgħu fihom fit-tmexxija tal-parroċċa. Huwa xogħol qasir imma prattiku li jixħet dawl prezzjuż fuq il-qagħda tat-tmexxija parrokkjali fil-gżejjer Maltin matul is-seklu tmintax. Il-manwal – li mhux iddatat – jidher li nkiteb qabel l-1756. Fih, fost affarijiet oħra, Wzzinu rrikmanda li kellu jsir it-tagħlim tad-duttrina fil-Ħdud u fil-festi, kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa, dejjem fi klassijiet separati għas-subien u l-bniet.

Minbarra l-kitba, Wzzinu kien predikatur magħruf ferm u mfittex fil-gżejjer Maltin. Biżżejjed wieħed jgħid li fl-1732 – fl-età ta' 24 sena – huwa kien ġie mqabbad jippriedka matul l-Avvent fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Li Malti kien jitqabbad jippriedka f'San Ġwann kienet ħaġa rari u dan seħħ biss peress li l-predikatur barrani li kien mistieden mill-Ordni ma tfaċċax.[11] Fost il-ħafna priedki, xi wħud minnhom bil-Malti, ta' Wzzinu wieħed isib dik li saret fl-okkażjoni tat-translazzjoni tal-ġisem ta' San Kalċidonju.[12] Deskrizzjoni tajba tal-ħeġġa ta' Wzzinu biex ixerred it-tagħlim Kattoliku saret mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan (1728–57) f'Ottubru 1753 meta dan irrikmanda lil Wzzinu lil Papa sabiex jinħatar kanonku tal-Katidral. Fl-ittra tiegħu lil Benedettu XIV, Alpheran, filwaqt li jfaħħar lil Wzzinu u jiddiskrivih bħala l-konfessur tiegħu, sostna li l-Papa ma kellux jagħti l-kanonikat lil daqsxejn ta' tifel ta' erbatax-il sena, iben l-uditur tal-Gran Mastru Pinto, Fabrizio Grech u li kien diġà ġie rrakomandat lill-Papa biex jingħata l-kanonikat vakanti.[13]

**Katekiżmi oħra f'Malta qabel dak ta' Wzzinu**

It-teżi ta' Annibale Preca li Mons Dusina kien ippubblika traduzzjoni tal-katekiżmu bil-Malti f'Ruma fl-1570 ilha li xxejnet minn Cassar Pullicino.[14] L-enfasi tal-Knisja, iżda, wara l-Konċilju ta' Trentu (1545–63) fuq l-obbligu tat-tagħlim tad-duttrina fil-parroċċi beda jinħass f'Malta wkoll. Dusina nnifsu saħaq dwar il-ħtieġa ta' dan it-tagħlim – ħtieġa li baqgħet tissemma fis-sinodi li tlaqqgħu fid-djoċesi Maltija.[15] Fl-1680 l-Isqof Molina stqarr li l-katekiżmu kien qed jiġi mgħallem b'mod regolari.[16] Fl-aħħar sinodu li sar fi żmien l-Ordni, dak ta' l-1703, ġie stabbilit li kellu jiġi użat biss il-katekiżmu tal-Kardinal Bellarmino.

F'Lulju ta' l-1743 il-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju f'Ruma staqsiet lill-inkwiżitur dwar il-qagħda tat-tagħlim tad-duttrina f'Malta. Ir-risposta mibgħuta mill-inkwiżitur tipprovdi informazzjoni fundamentali dwar is-sitwazzjoni – informazzjoni li s'issa qatt ma' kienet magħrufa u ppubblikata. Filwaqt li jaċċenna għad-deċiżjoni ta' l-1703 li jintuża biss il-katekiżmu ta' Bellarmino, l-Inkwiżitur ta' Malta Gualterio Gualtieri (1739–43) stqarr li l-kappillani kienu jgħallmu dan il-katekiżmu bil-Malti sabiex ikun jista' jinftiehem mill-poplu. Gualtieri qal ukoll li bosta kappillani kienu qed jinqdew bi traduzzjoni bil-Malti li tagħha huwa kien qed jibgħat kopja lis-Sant'Uffizzju. Kappillani oħra kienu jittraduċu 'l Bellarmino huma stess. Gualtieri kien ġie mgħarraf ukoll li fi żmien l-Isqof Gaspare Gori Mancini (1722–28) kienet saret traduzzjoni bil-Malti tal-Bellarmino bil-ħsieb li din tkun stampata wara li tiġi approvata mill-Kongregazzjoni tal-Propaganda. Il-mewt ta' l-Isqof Mancini, fl-1728 iżda, ġabet dan il-pjan fix-xejn. L-inkwiżitur isemmi wkoll kotba barranin għat-tagħlim tal-katekiżmu li kienu jintużaw lokalment.

Ir-referenza ta' Gualtieri għal żewġ verżjonijiet tal-katekiżmu bil-Malti qabel dik ta'Wzzinu hija tassew interessanti u tqanqal għadd ta' mistoqsijiet. X'sar minnhom iz-żewg traduzzjonijiet? F'riċerka li għamilt fl-arkivju tas-Sant'Uffizzju f'Ruma ma ltqajtx mal-kopja li bagħat Gualtieri fl-1743. It-traduzzjoni li saret fi żmien Gori Mancini għadha teżisti, forsi midfuna fl-arkivju tal-Propaganda tal-Fidi? Il-fatt li kienu jeżistu dawn il-katekiżmi manuskritti bil-Malti qabel l-1752 jagħti dimensjoni ġdida lix-xogħol ta'Wzzinu. Dan ta' l-aħħar kemm kien influwenzat minn dawn it-traduzzjonijiet ta' qablu? U fil-każ tad-traduzzjoni ta' żmien l-Isqof Gori Mancini, Wzzinu kien involut fiha? Kemm hi differenti il-verżjoni pubblikata fl-1752 minn dik li nkitbet madwar ħamsa u għoxrin sena qabel? Hija biss aktar riċerka, u idealment

is-sejba ta' dawn il-katekiżmi manuskritti Maltin li jistgħu jwieġbu dawn il-mistoqsijiet.

Matul l-istess żmien kienu qed isiru katekiżmi oħra li għalkemm mhux bil-Malti għandhom l-importanza tagħhom. L-Ordni ta' San Ġwann kien jippubblika edizzjonijiet tal-katekiżmu sabiex jintużaw għat-tagħlim tas-sudditi tiegħu, inklużi l-ħabsin u l-*buonavoglie* fuq il-galeri.[17] Dan l-aħħar jiena ppubblikajt tagħrif dwar traduzzjoni tal-katekiżmu tal-Bellarmino bl-Ingliż u li saret f'Malta fl-1740 għall-benefiċċju ta' dawk l-Ingliżi li riedu jsiru Kattoliċi waqt li kienu f'Malta.[18] B'kuntrast mal-katekiżmu Malti ta' żmien Gori Mancini, irnexxieli nsib dan il-katekiżmu bl-Ingliż fl-arkivju tas-Sant'Uffizzju f'Ruma. Dak li kien qed iseħħ f'Malta f'dan ir-rigward lanqas ma kien uniku: fi Sqallija, madwar nofs is-seklu tmintax, bdew jidhru l-ewwel testi tal-Bellarmino stampati bl-Isqalli fuq inizjattiva ta' l-isqfijiet Sqallin.[19]

## Il-pubblikazzjoni ta' l-ewwel edizzjoni tat-*Tagħlim Nisrani* (1752)

M'huwiex possibbili li f'taħdita wieħed jitkellem dwar dokumentazzjoni fuq il-pubblikazzjoni ta' Wzzinu li diġà hi magħrufa jew li ġiet ippubblikata mqar parzjalment. Għaldaqstant jien se nillimita ruħi għal tagħrif li safejn naf jien huwa ġdid, u għal diskussjoni ta' punti li ftit li xejn ġew ittrattati qabel. Fil-qosor ngħidu biss li Wzzinu kien tqabbad mill-Isqof Alpheran sabiex jagħmel it-traduzzjoni mill-verżjoni Għarbija ta' Bellarmino madwar is-sena 1750, appuntu fl-istess sena li de Soldanis ippubblika l-ewwel grammatika tal-Malti. It-traduzzjoni ta' Wzzinu – bħall-oħrajn kollha – kellha tgħaddi mill-għarbiel tal-kongregazzjoni tal-*Propaganda Fide* f'Ruma. Kien biss wara l-approvazzjoni ta' din li t-traduzzjoni ġiet mgħoddija biex tiġi stampata minn Generoso Salomoni *fis-suk ta' Sant Ignaziu* fl-1752.[20] Salomoni kien l-istess wieħed li kien tqabbad jistampa l-grammatika ta' de Soldanis fl-1750, liema grammatika serviet bħala bażi għat-traduzzjoni Maltija ta' Wzzinu.[21]

Iżda x'użu sar mit-traduzzjoni meta din waslet Malta? Nafu li t-tiratura ta' l-ewwel edizzjoni, dik ta' l-1752 kellha tkun ta' bejn 400 u 500 kopja,[22] tiratura li kienet pjuttost komuni għal materjal stampat f'Malta wara l-1756.[23] Il-kopji stampati kienu waslu Malta żgur sal-15 ta' Lulju 1752. Dakinhar l-Isqof Alpheran, permezz ta' ittra ċirkulari, informa lill-arċiprieti, kappillani, u kurati f'Malta bil-wasla tal-kopji u bl-importanza li d-duttrina issa kellha tiġi mgħallma b'mod uniformi. Barra minn dan, iżda, dan id-dokument ġdid

jipprovdi tagħrif dwar it-tqassim tal-kopji ta' l-ewwel edizzjoni lill-parroċċi Maltin. Kull kappillan jew arċipriet ġie mgħoddi għadd ta' kopji tat-traduzzjoni u dan kellu jiffirma għalihom. B'hekk mhux anqas minn 143 kopja tqassmu lid-diversi parroċċi u istituzzjonijiet reliġjużi oħra f'Malta.[24] Id-dokument ma jinkludix lil Għawdex, imma huwa probabbli li kopji oħra ntbagħtu hemmhekk sabiex jitqassmu bl-istess mod.

Tabella II
Tqassim tal-kopji tat-*Tagħlim Nisrani* ta' l-1752

| Lokalità | Kopji | Lokalità | Kopji |
|---|---|---|---|
| Ħal Qormi | 6 | Ħal Kirkop | 3 |
| Ħaż-Żebbuġ | 6 | Ħal Safi | 2 |
| Is-Siġġiewi | 6 | Iż-Żurrieq | 6 |
| Ħaż-Żabbar | 6 | L-Imqabba | 4 |
| Iż-Żejtun | 6 | Il-Qrendi | 4 |
| Ħal Għaxaq | 6 | Ħal Luqa | 4 |
| Ħal Tarxien | 4 | Il-Gudja | 4 |
| Birkirkara | 6 | Il-Katidral u San Pawl barra s-swar | 6 |
| | | Ħad-Dingli | 2 |
| Ħal Balzan | 4 | San Pawl tal-Belt u l-knejjes ta' S. Rokku u S. Publiju barra s-swar | 6 [iżda forsi aktar] |
| Ħal Lija | 4 | Il-Portu Salvu | 6 |
| Ħ'Attard | 4 | Bormla | 6 |
| Il-Għargħur | 4 | Il-Birgu | 6 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Mosta | 4 | L-Isla | 6 |
| In-Naxxar | 6 | L-Oratorju ta' l-Isla | 3 |
| | | San Filippu Neri, il-Birgu | 3 |
| TOTAL | TA' | KOPJI | 143 |

## It-tieni stampa tat-*Taġhlim Nisrani* (1768)

Jidher li sa l-1768 l-ewwel stampa tad-duttrina ta' Wzzinu kienet ġiet eżawrita u beda jinħass il-bżonn li terġa' tigi stampata. Dan fil-fatt seħħ appuntu f'dik is-sena. L-edizzjoni ta' l-1768 – bħall-ewwel waħda – ġiet stampata Ruma, iżda din id-darba mhux għand Generoso Salomoni imma għand Archangelo Casaletti *fis-suk ta' Minerva*.

Interessanti l-fatt li din it-tieni stampa tad-duttrina saret b'mod li tkun kważi identika għall-ewwel waħda. Mhux talli ma nbidel xejn mit-test, iżda talli anki l-Malti huwa miktub bl-istess sinjali dijakritiċi, filwaqt li t-tipa hija ta' l-istess daqs. Minbarra dan, it-test baqa' jaqbel mal-paġinazzjoni ta' l-edizzjoni ta' qabel b'mod li fl-istess paġna taż-żewġ edizzjonijiet differenti jidher preċiżament l-istess test. Saħansitra l-blokki dekorattivi użati fiż-żewġ edizzjonijiet, l-aktar dawk fuq il-qoxra, huma simili ferm. Dan kollu jidher li sar sabiex ikunu jistgħu jiġu użati ż-żewġ edizzjonijiet anki flimkien mingħajr varjanza ta' xejn. Avolja bla tibdil, din it-tieni stampa reġgħet ġiet eżaminata mill-awtoritajiet f'Ruma u fil-fatt iġġib fuqha *imprimatur* differenti minn dik ta' l-1752.

L-element dekorattiv ewlieni, kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni edizzjoni, jikkonsisti f'inċiżjoni tax-xbieha ta' San Pawl jippriedka bi sfond tipiku Malti warajh. M'hemmx dubju li kienet użata l-istess blokka fiż-żewġ edizzjonijiet u li allura din il-blokka kienet miżmuma f'Malta. Dettall li sa issa ma kienx ġie nnutat huwa li l-blokka ġġib fuqha l-inizjali *F.Z.* fin-naħa t'isfel tagħha. Spjegazzjoni plawsibbli għal dawn l-inizjali hija li l-blokka saret mill-artist Malti Francesco Zahra li kellu bosta kummissjoniet mill-Knisja f'Malta. Din l-ispjegazzjoni tfisser ukoll li l-inċizjoni saret f'Malta stess u ntbagħtet Ruma mat-test manuskritt sabiex tiġi stampata bħala frontispizju.[25] Fl-1756 kienet

reġgħet twaqqfet stamperija f'Malta wara nuqqas ta' mitt sena, u r-raġuni għaliex l-edizzjoni ta' l-1768 ma ġietx stampata lokalment m'hijiex magħrufa. Il-fatt li l-istamperija Maltija ma kellhiex it-tipi neċessarji kif użati fl-ewwel stampa, u d-determinazzjoni li t-tieni stampa tkun kemm jista' jkun identika għall-ewwel waħda, setgħet kienet ir-raġuni ewlenija għal dan. Wieħed ma jistax jeskludi, madankollu, li l-istampar ma sarx fl-istamperija lokali, li kienet waħda statali, sabiex il-Knisja ma jkollhiex tissottometti t-test għall-approvazzjoni, anki jekk formali ta' l-Istat, speċjalment fi żmien meta kienu għadhom qed jinqalgħu kwistjonijiet dwar iċ-ċensura tal-materjal stampat lokalment.[26] L-edizzjoni ta' l-1768 tidher li hi kemxejn aktar skarsa minn dik ta' qabilha. Il-kopja fil-biblijoteka ta' l-Università ta' Malta hija ta' interess partikulari minħabba li fuq il-paġna tat-titlu hemm *ex libris* miktub bl-idejn. Iddatat 1775, ċertament li dan huwa fost l-eqdem *ex libris* miktuba bil-Malti li jeżistu.[27]

L-isqfijiet baqgħu jisħqu li t-tagħlim tal-katekiżmu kellu jsegwi t-test ta' Wzzinu anki wara Alpheran. Hekk wieħed isib lill-Isqof Pellerano jwissi lill-kappillani sabiex jgħallmu: "lit-tfal, subien u bniet il-prinċipji tal-Fidi Mqaddsa bil-metodu tal-katekiżmu stampat b'ordni tal-mibki Isqof Alpheran, kif huwa stess kien ordna fid-digriet tiegħu tal-15 ta' Lulju 1752."[28]

Matul il-viżti pastorali l-kappillani kienu wkoll jagħtu struzzjonijiet sabiex it-tagħlim isir bl-ilsien Malti.[29]

## L-ewwel edizzjonijiet stampati f'Malta: 1780–1803

L-ewwel edizzjoni tal-katekiżmu stampata f'Malta kienet dik ta' l-1780. Minn hawn 'il quddiem l-edizzjonijiet stampati b'mod regolari f'Malta beda jkollhom xi differenzi żgħar minn dik oriġinali ta' Wzzinu. Fi żmien l-Isqof Labini, il-katekiżmu ġie stampat ħames darbiet u sa mill-ewwel stampa, dik ta' l-1780, iġib fuqu li kien *stampat u corret min gidit*. Fost it-tibdil wieħed isib li isem Wzzinu kif ukoll l-inċiżjoni ta' San Pawl, flimkien ma'dekorazzjonijiet oħra żgħar jgħosfru. L-introduzzjoni oriġinali, l-*imprimatur,* u l-ispjega ta' l-ortografija użata tneħħew ukoll u l-paġinazzjoni tvarja minn dik ta' l-edizzjonijiet stampati f'Ruma. Mil-lat lingwistiku, is-sinjali dijakritiċi jispiċċaw peress li l-istamperija Maltija ma kellhiex minnhom. Apparti dan it-tibdil it-test baqa' essenzjalment dak ta' Wzzinu. L-edizzjonijiet sussegwenti ta' żmien l-Isqof Labini lanqas ma huma identiċi għal xulxin. Il-paġinazzjoni tvarja u jiżdied jew jitneħħa xi materjal. Fl-edizzjoni ta' l-1786 tiżdied il-litanija tal-Madonna,

filwaqt li dik ta' l-1803 la fiha l-litanija u lanqas l-indiċi. Dan kollu seta' ħoloq xi diffikultajiet meta kienu jiġu użati edizzjonijiet differenti fl-istess parroċċa. M'għandniex tagħrif dwar it-tiratura ta' dawn l-edizzjonijiet.[30]

Għalkemm l-ewwel edizzjoni tal-katekiżmu f'Malta saret fl-1780, l-ewwel materjal stampat lokalment bil-Malti jmur iżjed lura. Fl-1757 kien ġie stampat f'Malta manwal liturġiku biex jintuża għal dawk li jkunu agunija fl-isptar ta' l-Ordni.[31] L-aħħar tliet paġni ta' dan il-manwal fihom l-Atti tal-Fidi, tat-Tama, ta' l-Imħabba, u ta' l-Indiema bil-Malti, meħuda minn Wzzinu. Minbarra dawn l-Atti, il-ktieb fih ukoll talb ieħor bil-Malti li jidher li kien stampat għall-ewwel darba. Dan jinkludi verżjonijiet imqassra ħafna ta' l-Atti, presumibbilment biex ikunu jistgħu jingħadu minn dawk viċin il-mewt. Barra dawn, il-ktieb iġib ukoll żewġ talbiet oħra bil-Malti, waħda ta' wara t-tqarbin u l-oħra għal meta l-moribond ikun fl-aħħar mumenti tiegħu.[32]

Żvilupp importanti f'dan ir-rigward kien is-sejba minn Olvin Vella ta' kopja tal-*Via Sagra* bil-Malti li wkoll kienet stampata f'Malta fl-1796.[33] It-talb fil-manwal liturgiku ta' l-1757, l-erba' edizzjonijiet tal-katekiżmu u l-*Via Sagra* ta' Cannolo huma l-uniċi eżemplari ta' stampar bil-Malti li huma magħrufa sa issa li ħargu mill-istamperija ta' l-Ordni u għaldaqstant l-importanza tagħhom m'hijiex żgħira.[34] Id-dominanza assoluta tat-test ta' Wzzinu fejn jidħol il-Malti stampat kienet malajr innutata mill-missjunarji Protestanti f'Malta fl-ewwel deċennji tal-ħakma Ingliża. Wieħed minnhom, l-Amerikan Fisk, fl-1823 kiteb li: "Ma rajt l-ebda ktieb bil-Malti għajr katekiżmu Papista, il-Vanġelu ta' San Ġwann, grammatika, u dizzjunarju."[35]

## Edizzjonijiet sussegwenti tal-katekiżmu sa l-1911

Għada qatt ma saret analiżi komparattiva u ddettaljata ta' l-edizzjonijet magħrufa tal-katekiżmu bil-Malti sa żmienna, biċċa xogħol ċertament siewja imma li teħtieġ studju separat, idealment f'livell ta' *Masters* jew dottorat. Konvint li l-ġabra ta' katekiżmi Maltin li dwarhom sibt tagħrif sa l-1911 altru milli m'hijiex kompluta, nemmen li sservi bħala punt ta' tluq. Bejn is-snin 1752 u 1911 ħarġu mhux anqas minn tlieta u għoxrin edizzjoni tal-katekiżmu bil-Malti. Dawn joffru opportunità, forsi unika, sabiex issir analiżi kemm ta' l-iżvilupp fit-tagħlim kateketiku kif ukoll fil-mod tal-kitba tal-Malti bejn nofs is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Filwaqt li dejjem b'xi tibdil 'l hawn u 'l hemm, l-ewwel test li tbiegħed minn dak ta' Wzzinu kien dak

stampat fl-1908 u li kien ibbażat fuq il-katekiżmu l-ġdid tal-Papa Piju X, maħruġ tliet snin qabel.

Tabella III
Edizzjonijiet magħrufa tal-katekiżmu bil-Malti:
Isqfijiet Paolo Alpheran sa Pietru Pace[36]

| Sena | Isqof | Rimarki |
|---|---|---|
| 1752 | Alpheran | stampat Ruma |
| 1768 | Rull | stampat Ruma |
| 1780 | Labini | stampat Malta b'xi tibdil |
| 1786 | Labini | it-tieni stampa |
| 1789 | Labini | it-tielet stampa |
| 1795 | Labini | ir-raba' stampa |
| 1803 | Labini | il-ħames stampa |
| 1809 | Mattei | titlu bit-Taljan biss |
| 1811 | Mattei | l-istess |
| 1816 | Mattei | jinbiegħ minn Gioachino Calleja, ta' taħt il-bibljoteka |
| 1823 | Mattei | titlu bit-Taljan biss |
| 1839 | Caruana | st[amperija] L. Tonna |
| 1843 | Caruana | st. Stocker |
| 1850 | Sant | st. Anglo-Maltese |
| 1871 | Pace Forno | st. Strada Levante No. 38 |
| 1874 | Pace Forno | st. Z. Micallef. Bit-Taljan biss. Noti għall-katekiżmu għall-użu fl-iskejjel. |
| 1875 | Scicluna | st. C. Busuttil |
| 1882 | Scicluna | st. G. Mifsud |
| 1889 | Pace | st. A. Aquilina |
| 1901 | Pace | st. tal-Gvern; 50,000 kopja. Bil-Malti u bl-Ingliż |
| 1904 | Pace | st. tal-Gvern. Bil-Malti u bl-Ingliż |

| | | |
|---|---|---|
| 1908 | Pace | st. San Ġużepp. Żewġ ediz-zjonijiet, bil-Malti biss |
| 1911 | Pace | st. mhux magħrufa. Bil-Malti u bl-Ingliż |

Daqstant iehor ikun utli studju dwar il-metodi użati biex tiġi mgħallma d-duttrina u kemm kien imxerred f'idejn il-poplu t-test stampat tal-katekiżmu li għal bosta snin kien l-uniku materjal stampat fi lsien artu. Il-klassijiet tal-katekiżmu kienu jikkostitwixxu f'Malta, bħal f'bosta pajjiżi oħra, l-aktar forma bikrija ta' edukazzjoni formali li tilħaq lill-massa. Għal ġenerazzjonijiet sħaħ ta' żgħażagħ Maltin il-klassi tal-katekiżmu kienet l-unika laqgħa tagħhom ma' test stampat, aktar u aktar ma' test stampat bil-Malti. Anki jekk moqri u spjegat mill-qassis, dan il-fatt żgur ikkontribwixxa sabiex il-Malti rrealizza li lsienu seta' jiġi miktub u li l-qari jiftaħ il-bibien għat-tagħlim.

Minbarra t-tagħlim tal-katekiżmu fil-parroċċa, kienu jkunu organizzati b'mod regolari 'missjonijiet' sabiex matulhom jinġabru t-tfal sabiex jiġu mgħallma u fl-istess ħin ma jitħallewx jiġru barra. Hekk wieħed isib li fl-1750 kienu jsiru sessjonijiet tal-katekiżmu f'San Pawl, il-Belt u wara t-tfal jittieħdu fi ġnien *per farli divertire fuor del pericolo carnevalesco*. Kultant dawn il-missjonijiet kienu jilħqu proporzjon u fervur inkredibbli. Ma flahtx hawnhekk ma nagħtix traduzzjoni ta' waħda minn dawn il-manifestazzjonijiet ferm drammatiċi u impressjonanti li kienet saret f'Mejju 1714:

> Ġiet fi tmiemha lbieraħ is-Santa Missjoni fil-Belt Valletta bi tqarbina għal 14,000 ruħ li saret fil-Knisja tal-Ġiżwiti. Wara nofsinhar saret il-purċissjoni penitenzjali, fejn deher l-isqof liebes kuruna tax-xewk u b'ħabel ma' għonqu waqt li beda jġorr salib. Huwa kien imdawwar mill-kleru u mill-kjeriċi, kollha lebsin kuruna tax-xewk u ħbula m'għonqhom. Quddiemhom imxew l-għaqdiet tal-lajċi, ħafjin u jsawtu lilhom infushom bid-dixxiplini. Malli waslu fil-pjazza ta' quddiem Sant'Iermu għamel priedka twila l-patri missjunarju Kostanzu. Dan ħeġġeġ lil dawk preżenti sabiex jgħixu ħajja qaddisa u jitilqu d-dnub. Il-folla tremenda kompliet miegħu b'sinjali ta' ndiema u biki. Saru ħafna konverżjonijiet dakinhar u 15-il mara tad-dinja nġabru fil-monasteru tal-konvertiti biex jagħtu lilhom infushom lil Alla. Inġabru 500 skud u saru bosta konverżjonijiet oħra filwaqt li ngħataw lura ħwejjeġ misruqa. Wara l-priedka ġew maħruqa bosta kotba profani u karti tal-logħob li kienu ġew mogħtija lill-konfessuri minn dawk li marru jqerru. Fl-aħħar ingħatat il-Barka Papali.[37]

Matul is-snin tmenin tas-seklu tmintax l-Ordni ta' San Ġwann kien iħallas lill-patrijiet kapuċċini sabiex jgħallmu d-duttrina bil-Malti kif ukoll għat-tqassim ta' santi lit-tfal li kienu jattendu. Fl-1820 twaqqfet il-*Confraternità della Dottrina Cristiana* fil-Kolleġġjata ta' Santa Liena f'Birkirkara mill-Isqof Mattei bl-għan speċifiku li tgħallem id-duttrina lit-tfal.

## Konklużjoni

Sinċerament inħoss li t-test Malti tal-katekiżmu għadu ma ngħatax l-importanza, kemm lingwistika kif ukoll storika, li tixraqlu fil-kuntest lokali. Għexieren ta' snin qabel l-ewwel ġurnali, qabel l-ewwel letteratura stampata u qabel l-ewwel traduzzjonijiet tal-leġislazzjoni bil-Malti, il-katekiżmu kien jikkostitwixxi l-aktar esperjenza bikrija tal-Malti stampat għall-massa tal-poplu u fuq kollox l-ewwel pass fit-triq twila u iebsa biex ilsien il-poplu jiġi magħruf u apprezzat.

**Appendiċi**

**Dokument I**
**Ittra ta' l-Isqof Alpehran lill-Mons. Lercari, Segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Propaganda tal-Fidi dwar *Tagħlim Nisrani***

Illustrissimo etc. Mi dò l'onore di ricorrere alle solite bontà di V[ostra] S[ignoria] Illustrissima per un affare di grandissima importanza per il bene spirituale di cotesta Diocesi e d'informarla, che avendo osservato che nell'insegnare i Parochi la dottrina cristiana vi si era nel modo introdotto qualche piccolo divario, ho stimato di mio sommo e preciso dovere per rendere a tutti i Parochi uniforme il metodo di far tradurre in idioma maltese la dottrina cristiana ad uso de fedeli orientali stampata d'ordine della S. Congragazione di Propaganda Fide. Si è usato per lo spazio di due anni la maggior diligenza per far quella traduzione con averla fatta disaminare dai più dotti et intendenti Parochi di questa Diocesi e con averla fatta leggere a tutti gli altri, essendo stata da tutti approvata e lodata: Sicche per dar l'ultima mano ad un'opera si santa viene presentemente necessaria l'approvazione della S. Congregazione, che mi lusingo d'ottenere per il potente mezzo di V.S. Illustrissima, e del Signor Cardinale Portocarrero, affinche tutte le pecorelle alla mia cura commesse, ricevino uniforme il pane spirituale.

Il mio agente avrà l'onore di presentare a' V.S. Illustrissima questa mia riverente lettera unitamente colli due piccoli libri l'uno della dottrina christiana ad uso dell'orientali nuovamente ristampato d'ordine della S. Congregazione, e l'altro della traduzione in genuino idioma maltese dall'italiano dell'istessa dottrina di Propaganda Fide, senza esserne ne pur il menomo punto allontanato, siccome si degnerà osservare V.S. Illustrissima eccettuato nei precetti della Chiesa che in vece di sei si sono sempre qui in Malta insegnati cinque, perche de due comandamenti della confessione una volta l'anno e della communione nella Pasqua, non sene fa che un comandamento, e circa il digiuno si è tolto ciò che riguarda l'orientali.

Si è aggionto alla dottrina che deve servire per questa Diocesi la Salve Regina e i primi rudimenti per i figlioli prima d'esser mandati nelle classi, l'instruzione per li cresimandi, l'instruzione per la confessione e per la Santissima comunione con l'atti di Fede, Speranza e Carità in lingua Italiana tradotta in vero maltese che per esser arabo corrotto, e non litterale non può essere sentito con caratteri arabici, perche da niun maltese potrebbe esser letto, e per tal'effetto

si è prevaluto chi ha fatto la traduzione di caratteri italiani con la maniera di pronunciare le sei consonanti che hanno la forza et il sono di vocali.

Rimane adesso a me di supplicare V.S. Illustrissima quanto devo e posso per ottenere dalla S. Congregazione la licenza di far stampare la sopracennata Dottrina, e che la stampa siegua nella stamperia di Propaganda. Mi riprometto questo gran favore dalla gentil benignità di V.S. Illustrissima verso di me, mentre ambizioso de suoi venerati comandi con costante ossequio mi rassegno.

9 ottobre 1751. a Mons. Lercari Secretario della S. Congregazione de Propaganda Fide.

Sors: AKM Misc. 24, ff. $504^{v}$-$505^{v}$.

**Dokument II**
**Ittra ta' l-Isqof Alpheran lill-Abbati Bartolomeo Sartori dwar l-istess suġġett**

Sarrà rimesso a V.S. da Pron. Maruzzo Sciortino un piego, che contiene due piccoli libri della dottrina Cristiana, uno ad uso de fedeli orientali nuovamente ristampato per ordine della S. Congregazione di Propaganda Fide, e l'altro la traduzione della medesima fatta in lingua maltese e vedrà Lei nella lettera che scrivo a Mons. Lercari, Segretario della stessa Congregazione il rilevantissimo motivo, che mi ha indotto per il ben spirituale di questa mia Diocesi di far fare questa traduzione. Si è lavorato per il corso di due anni per farla essendosi tenuti molti congressi de primari e più intendenti Parochi per disaminarla, finalmente è stata da tutti approvata e lodata. Si tratta adesso di darla alle stampe, e perciò è necessario che se ne ottenga la permissione di cotesta S. Congregazione per il presente mezzo del Cardinale Portocarrero, a'cui mi dò l'onore di supplicare per la pronta spedizione d'un si importante affare, e di Mons. Lercari, dal quale spero tutti i più validi uffici per compire quest'opera. Prima di renderli la mia lettera bisogna aspettare il ritorno da Parma del Signor Cardinale Portocarrero, potrà bensi lei communicare a D. Vincenzo l'affare con dirgli di parlare a mio nome al S. D. Felice De Marco, e D. Luigi Habeier come molto eruditi, et intendenti della lingua maltese, affinche ambidue potessero se s'incontrasse qualche difficoltà, spianarla a'suo tempo a Mons. Lercari. Se si otterrà la permissione della stampa, come non dubito, nella stamperia di Propaganda secondo il mio desiderio, sene farrà fare quattro in cinque cento esemplari dell'istessa carta, e grandezza della Dottrina che trasmetto stampata nella stessa stamperia di Propaganda, delli quali due soli

farrà legare con marochino roscio, tre tozzine in carta pecora della migliore in conformità della ligatura dell'Istoria di S. Paolo, che lui mi ha regalata, cento in carta pecora più ordinaria, e tutto il rimanente con un semplice cartone. V.S. e D. Vincenzo avranno la cura d'invigilare alla stampa, e di uniformasi a quanto le scrivo. Per la spesa scriverò al Signor Abbate Arieti di somministrare l'importante. Intanto con raccommandare questa Sant'opera che mi è tanto a'cuore, mi confermo per sempre etc.

9. ottobre 1751.

Sors: AKM Misc. 24, ff. $505^{v}$-506.

**Dokument III**
**Ittra ta' l-Isqof Alpheran lill-Abbati Arieti dwar l-istess suġġett**

Essendomi determinato per il ben spirituale di questa mia Diocesi da far stampare a mie proprie spese nella stamperia della Congregazione di Propaganda il Chatechismo tradotto in lingua maltese dall'Italiano da quello di Propaganda per l'orientali, prego V.S. Illustrissima di somministrare all'Abbate Sartori mio Agente il denaro le sarrà richiesto dal medesimo per la stampa di detta opera; Spero che V.S. Illustrissima mi continuerà in ciò i suoi favori con assicurarla che sarrò pronto a rimborzare a chi mi indicherà lei il denaro avanzato, mentre ambizioso de suoi venerati comandi con distinta stima mi rassegno inviolabilmente.

9. ottobre 1751.

Al Signor Abbate Arieti in Roma.

Sors: AKM Misc. 24, f. 506.

**Dokument IV**
**Iċ-ċirkulari ta' l-Isqof Alpheran dwar it-tqassim u l-użu tat-*Tagħlim Nisrani***

A Reverendi Archipreti, Parochi, e Curati

È così necessaria, e d'utile l'uniformità nell'apprendere ed insegnare la Dottrina Cristiana, che senza questa perfetta uniformità non vi può esser mai buon ordine, ma sempre più crescere la confusione con la varietà delle frasi, parole, e proposizioni tradotte da ogn'uno a modo suo, imperoche se l'Instruttori non saranno uniformi nell'insegnare saranno l'instruendi instrutti con diversità di parole, ed espressioni in materia si importante della nostra Santissima Religione.

Anzi i Parochiani, mutando d'Instruttore, o con il domicilio cambiando di Parochia, se non ritroveranno l'istesso metodo di Dottrina, rimarranno sempre confusi nell'imparare l'eterne verità della nostra Santa Fede.

Quindi il Signor Gesù Cristo a quo omne datum optimum ci mosse nell'anni scorsi di spedire un editto generale per promovere sempre più la Dottrina Cristiana ma poi per stabilire meglio, e perpetuare questa Sant'opera ordiniamo la sua traduzione in maltese quale essendosi fatta, ed avendola mostrata a'Parochi, ed altre persone intendenti, che possiedono perfettamente la lingua maltese, e doppo d'averla ben esaminata, corretta, e ricorretta qui in Malta la trasmessimo in Roma alla Sac. Congregatione di Propaganda Fide, che si degno approvarla, e l'abbiamo fatta ivi stampare coll'approvazione del Reverendissimo Padre Maestro del Sagro Palazzo Apostolico per arricchire la nostra Diocesi d'un si prezioso, e Spirituale Tesoro.

Adesso dunque, che abbiamo ricevuti con sommo nostro piacere i libretti della medesima traduzione come potevano desiderarsi li spediamo con questa lettera circolare alla vostra pietà e zelo per insegnarla secondo il tenore della traduzione e per adempire l'obligo vostro con fedeltà, fervore, e puntualità e speriamo di poter dire quello ... [jaghlaq bi kwotazzjoni mill-Iskrittura].

xv mensis Julii 1752.
Fr Paulus Arch. Epis. Melitensis.

[Id-dokument huwa segwit bil-lista tal-parroċċi u knejjes oħra li ġew mgħoddija kopji u bil-firma tal-kappillan jew qassis li rċeviehom; ara Tabella II, fuq.]

Sors: AAM *Editti Vescovili*, 1750-1757, ff. 95-103.

Ħajr: Nixtieq nirringrazzja lil Mario Cassar, M.A., talli għoġbu jaqra dan ix-xogħol u jgħinni permezz ta' suġġerimenti u korrezzjonijiet.

## L-ILLUSTRAZZJONIJIET



TAĠHLIM
NISRANI
Migiub Fil Gharbi bl'ordini ta ſant. mem. ta Paulu V. Min gdid ſtampat fit-Talian mis Sacra Congregazioni tal Propaganda Fidi,
U' MIGIUB ISSA FIL MALTI
Mir-Reverendu Caſſis
DON FRANCISCU WZZINU
Bl'Ordini tall'Illmu, u' Rmu Monſignur
F. PAULU ALPHERAN
DI BUSSAN
Arciviſcuvu ta Damiata, u' Iskof ta Malta
In uno Spiritu unanimes. Ad Philip. 2. 2.
IHS
F' RUMA, MDCCLII.
GHANT GENEROSU SALOMONJ
FISUK TA SANT IGNAZIU
BIL-LSENSIA TA SUPERIURI.

DOTTRINA
CRISTIANA
Tradotta in Lingua Arabica d'ordine della ſanta memoria di Paolo V. Riſtampata in Lingua Italiana dalla Sagra Congregazione de Propaganda Fide,
E TRASPORTATA ADESSO IN MALTESE
Dal Reverendo Sacerdote
DON FRANCESCO WZZINO
Per ordine dell'Illmo, e Rmo Monſignore
FR. PAOLO ALPHERAN
DE BUSSAN
Arciveſcovo di Damiata, e Veſcovo di Malta.
Unanimes uno ore honorificetis Deum. Ad Rom. 15. 6.
IHS
IN ROMA, MDCCLII.
PER GENEROSO SALOMONJ
ALLA PIAZZA DI S. IGNAZIO
CON LICENZA DE' SUPERIORI.

1. Il-frontispizju ta' l-ewwel edizzjoni
*(Ħajr, Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta)*




2. L-inċiżjoni ta' San Pawl bl-ittri *F.Z.* fuq in-naħa tal-lemin
*(Ħajr, Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta)*


TAGĦLIM NISRANI
Migiub Fil Għarbi bl' ordini ta sant. mem. ta Paulu V. Min gdid stampat fit-Talian mis Sacra Congregazioni tal Propaganda Fidi,
U' MIGIUB ISSA FIL MALTI
Mir-Reverendu Cassis
DON FRANCISCU WZZINU
Bl'Ordini tall' Illmu, u' Rmu Monsignur
FR. PAULU ALPHERAN
DI BUSSAN
Arcivisciuvu ta Damiata, u' Iskof ta Malta.
In uno Spiritu unanimes, Ad Phil. 2. 2.
F' RUMA, MDCCLXVIII.
GĦAND ARCANGELU CASALETTI
FIS [illegible] K. TAL MINERVA
BIS [illegible] TA SUPERIURI.

DOTTRINA CRISTIANA
Tradotta in Lingua Arabica, d' ordine della santa memoria di Paolo V. Ristampata in Lingua Italiana dalla Sagra Congregazione de Propaganda Fide;
E TRASPORTATA ADESSO IN MALTESE
Dal Reverendo Sacerdote
DON FRANCESCO WZZINO
Per ordine dell' Illmo, e Rmo Monsignore
FR. PAOLO ALPHERAN
DE BUSSAN
Arcivescovo di Damiata, e Vescovo di Malta.
Unanimes uno ore honorificetis Deum.
Ad Rom. 15. 6.
IN ROMA, MDCCLXVIII.
PER ARCANGELO CASALETTI
ALLA PIAZZA DELLA MINERVA
CON LICENZA DE' SUPERIORI.

3. Il-frontispizju tat-tieni edizzjoni bl-*ex libris* bil-Malti datat 1775 *(Ħajr, Biblijoteka ta' L-Università ta' Malta)*



76

SIEGUONO ALCUNI ATTI

IN LINGUA MALTESE,

*Ricavati dalla Dottrina Cristiana del Sacerdote*

D. FRANCESCO UZZINO.

ATTO DI FEDE.

Muleja iena nemmen fich, u nemmen colma inti ir-revelait, u gharraft lil Chnisia Imkazza, u il Chnisia ghallimtu lili, u nemmen fuch collosc culma' jinsap fil Credo, u f' hedina il fidi irrit inghisc, u immut.

*Atto simile ma più breve.*

Muleja nemmen fich colloch verità.

ATTO DI SPERANZA.

Muleja ghaliesc inti tista collosc, u cholloch tieba, u h' hniena jena nitma fich, u il Genna Minnech nittenna, ghal grazia tighagh, u ghal ghamil it-tajep li bil grazia tighach jena naghmel.

*Simile Atto più breve.*

Muleja nitma fich colloch Hhniena.

ATTO DI CARITA'.

Muleja ghaliesc inti tieba bla tarff, u bla fini, jena inhhobboch fuch collosc, u inhhob il proscimu tighi phhali innifsi imhhabba fich,

Più

4. Talb mid-duttrina ta' Wzzinu stampat f' Malta fl-1757
*(Ħajr, Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta)*

**Noti**

1 Test ta' taħdita organizzata mill-Akkademja tal-Malti fit-2 ta' Mejju 2006. Il-verżjoni tal-kunjom "Wzzinu" hija dik riprodotta fit-traduzzjoni Maltija tat-*Taġlim Nisrani* ta' l-1752. Bnadi oħra l-kunjom jidher bhala Wizzino, Wzzino jew Uzzino.

2 It-teologu Ġizwita Roberto Bellarmino (1542–1621), ħabib ta' Galileo Galilei, kien ikkanonizzat fl-1930.

3 Tradotta mill-oriġinal ta' Robert Darnton, f'"What is the History of Books?", *Books and Society in History*, ed. Ken E. Carpenter (New York u Londra, 1983) 4.

4 Paul F. Grendler, *Schooling in Renaissance Italy: Literacy and Learning, 1300–1600* (Baltimore: Johns Hopkins, 1991).

5 Ġ. Cassar Pullicino, *Kitba w Kittieba tal-Malti* (Malta, 1962) 15–16. Fid-*Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (Malta, 1960) R. Mifsud Bonnici jagħti tagħrif dwar patri Franġisku Wzzinu ta' l-Ordni tal-Minuri Konventwali, meħud mill-ktieb ta' B. Fiorini, *I Frati Minori Conventuali a Malta (c.1370–1965)*, (Ruma 1965) 27. Mifsud Bonnici, iżda, ma jsemmix lil Wzzinu, it-traduttur tal-katekiżmu.

6 *Liber Baptizatorum Senglea*, *microfilm* fil-Mużew tal-Katidral, fl-Imdina.

7 Dwar il-pubblikazzjonijiet imħallsa minn Wzzinu ara Tabella I, taħt.

8 Cassar Pullicino 14–21, li jikkonsistu fi studju u traskrizzjoni taż-żewġ kurunelli.

9 BNM, Ms. Lib. 1221, "Breve discorso di Francesco Wzzino ... nella Chiesa dell'Anime del Purgatorio."

10 BNM, Ms. Lib. 22, ff. 127–132.

11 Gaetano Reboul, *Giornale de' successi dell'isole di Malta e Gozo dall'anno 1729 all'anno 1750, scritto da Gaetano Reboul, compendiato da Ignazio Saverio Mifsud, pubblicato a cura di Vincenzo Laurenza* (Malta, 1935) 22.

12 Cassar Pullicino 15.

13 AKM, *Misc.* 24, f. 519, ittra Alpheran-Benedittu XIV, iddatata 22.x.1753.

14 Cassar Pullicino 49–53. Ara wkoll Joseph Vella, "L-Iżvilupp tal-Katekiżmu Malti," teżi ta' B.A., U ta' Malta, 1964, 1–5.

15 Dwar dan ara fil-qosor Arthur Bonnici, *History of the Church in Malta* (Malta, 1968) 48–50.

16 Bonnici.

17 Eżempju ewlieni iżda mhux uniku ta' dawn kien *Breve Compendio della Dottrina Cristiana ad uso de' sudditi della Sacra Religione Gerosolimitana*, b'edizzjonijiet

stampati f'Ruma u f'Palermo fl-1714 u qabel.

18 William Zammit, "English-Language Books in Malta during the Knights' Time: Part 1," *Treasures of Malta*, 12.1 (Malta, 2005) 26–27.

19 Ara Giuseppe Resta, "I catechismi in lingua siciliana nel settecento," kapitlu 3 f'*La Sicilia del Settecento* (Palermo, 1986).

20 Dwar dan kollu ara Cassar Pullicino, 47-59.

21 Dwar l-istampar tax-xogħol ta' de Soldanis ara Albert Ganado, "Bibliographical Notes on Melitensia –1," *Melita Historica*, 13.4 (Malta, 2003) 365–368.

22 AKM *Misc*. 24, ff. 505v-506, ittra ta' l-Isqof Alpheran lill-aġent tiegħu f'Ruma, iddatata 9.10.1751. L-isqof ta wkoll struzzjonijiet dwar il-materjal li kellu jiġi użat għall-kopertina tal-kopji, kif ġej: żewġ kopji b'gilda ħamra ta' l-aqwa kwalità, tliet tużżani b'parċima mill-aħjar, mija b'parċmina aktar ordinarja u l-kumplament bil-kartun.

23 Dwar dan ara William Zammit, "Printing and Its Cultural Role in Malta during the Rule of the Order of St John," teżi ta' l-M.A., U ta' Malta, 1995.

24 AAM, *Editti Vescovili*, vol. 1750-1757, ff. 98-103.

25 Dwar Francesco Zahra ara John Azzopardi, ed., *Francesco Zahra, 1710–1773* (Malta, 1986).

26 Dwar iċ-ċensura ta' materjal stampat fl-istamperija ta' l-Ordni ara Zammit 1995.

27 Il-verżjoni Maltija hija miktuba kif ġej: *Uieħet mil Cotba / ta Giuseppi Pace / Miz Zeitun. Fis-sena tal / Fidwa tagħna / elf seba mia / u hamsa u seb- / għin.*

28 AAM *Editti* 1770–1780, vol. 11, ff. 11v, 17.

29 Tagħrif ġentilment mgħoddi mis-Sur Karmenu Bonavia.

30 Dwar l-edizzjoni stampata fl-1780 ara AOM 2061, p. 10, numru 40. L-edizzjonijiet ta' l-1786, l-1789, u l-1795 m'humiex iddokumentati peress li r-reġistri ta' l-istamperija li jkopru dawk is-snin huma nieqsa.

31 Antonio Gaffori, *Modus Juvandi Morientes, ex Rituali Rom. Pauli V. P.M. Excerptus* ... (Malta, 1757). Wara paġna 49 tal-manwal hemm frontispizju ieħor, bit-titlu *Memoriale al sacerdote che assiste a ben morire, di D. Francesco Gaffori, ristampato in Malta per ordine del medesimo Serenissimo Gran Maestro* ... F'paġni 76 sa 78 hemm it-talb bil-Malti, bit-titlu: *Sieguono alcuni atti in lingua maltese, ricavati dalla Dottrina Cristiana del Sacerdote D. Francesco Uzzino.*

32 L-Atti kif miġjuba fil-katekiżmu huma mogħtija wkoll fil-verżjoni mqassra fil-ktieb ta' Gaffori, kif ġej: *Muleja nemmen fich colloch verità ; Muleja nitma fich colloch Hhniena ; Muleja inhhobboch fuch collosc colloch imhhabba ; Muleja nindem ghasc reghisctech colloch tieba.*, kif ukoll *Muleja ghasc reghisctech*

*jisghobbia, chelma natik li kat izziet ma n'offendich.*

Gaffori 77: *Orazione da dirsi dopo la Santa Comunione.*

*Ruhh ta'Ssignur Gesù Christu kaddisni.*

Gesem ta Christu salvani.
Dem ta Christu faccharni.
Elma li charec min gembech naddaffni.
Passioni ta Christu uettachni.
O tuajep Gesù esmaghni.
Thallinisc ninghazel minnech.
Mil ghadu charisni.
F'uacht meuti sejachli.
Cheghedni, Muleja, chdeich.
Biesc nil-laudach ma l'Angeli.
Issa u ghal dejjem.
Hhec ichun.

78: *Giaculatorie da suggerire all'infermo vicino a morte.*

*GESÙ, GESÙ, GESÙ,*
*F Ideich, Signur jena nirrachmanda ruhi, u nitolboch li tirceviha bil hhniena tighac.*
*Ftachar li inti fdeitni, o Signur Alla t'asseuua, u t'attie-* ba colha, b'iddèm emchaddes tighac.
Signur Gesù Christu ircievi geuua chandech irrueicha tighi.
Signura emchazza, u Regina ta l'Angeli itlop l'Alla ghalia.
Maria om tal hhniena, hharisni mil ghadu u'ilcha fideich emberchin, irruhh tighi.
Angelu emchaddes t'Alla, li ghal hniena tighu charistni, u t'eddefendini; jechaff mighi fdana il Pont tal meut tighi.
Kaddisin collha t'Assema ghinuni b'ittalp taghchom biesc ensalva èrrueihha tighi.

33 Ara f'dan il-volum Olvin Vella, "Ktejjeb Rari ta' Cannolo."

34 Il-fatt li r-reġistri ta' l-istamperija ta' l-Ordni għas-snin 1782 sa 1790 u 1794 sa 1798 huma nieqsa jħalli l-possibbiltà li materjal ieħor bil-Malti kien stampat matul dawk is-snin.

35 Robert Attard, "American Missionary Societies in 19th Century Malta," *The Sunday Times* (26.5.2002): 56.

36 Tagħrif miġbur minn kollezzjonijiet pubbliċi u privati u minn bibljografiji, partikularment minn dik ta' Karmenu Bonavia, *A Bibliography of Maltese Textbooks, 1651–1979* (Malta, 1979).

37 ASVSS 63, f. 471$^{r-v}$, Inkwiżitur d'Elci-Segretarju ta' l-Istat, iddatata 12.v.1714.

# Dokumentazzjoni:
# Id-"Dar" ta' l-Għaqda/Akkademja

Anton Agius Muscat

Il-lum id-"dar" ta' l-"Għaqda" tinsab ġewwa kamra mezzana u seħbitha iżgħar iħarsu fuq it-taraġ ewlieni ta' Palazzo Carafa, 94 Triq il-Fran, Valletta.

Inqala' min f'dawn l-aħħar snin kemmex wiċċu u lissen kliem ta' tmaqdir għax iż-żewġ kmamar (flimkien ma' oħra ċkejkuna tinqafel għaliha taqdi għal ħtiġijiet personali u taqbel għal kif matul iż-żmien spetturi sanitarji raw kif fi żmien l-Ingliżi għarfu jbiddlu l-bini barokk ta' żmien il-Kavallieri għal ħteġijiet sanitarji billi jżidu attrezzaturi ta' ndafa pubblika li tkun tixraq għal kif jaqblu ma' ideat ta' iġjene pubblika li bdew iseħħu wara nofs is-snin 1850) u li dawn il-kmamar qajla jixirqu bħala "dar" ta' l-Għaqda/Akkademja.

Wieħed jeħtieġlu jħares lejn xi trodd l-istorja qabel jgħaddi ġudizzju serju u xieraq.

Ibda biex, il-Belt Valletta kienet iffullata tgħidx kemm fil-bidu tas-snin 1900. Minkejja li minn dawk is-snin sal-lum, aktar u aktar wara l-ħerba tat-Tieni Gwerra 1939–1945, il-Belt Valletta ma baqgħetx tilqa' fiha dak il-għadd kbir ta' nies u dik il-ħajja ta' qabel, xorta għad hawn il-lum min iqisha bħala belt tiġbor fiha dak li huwa ewlieni għall-ħajja Maltija u jeħtiġilha tkun ħajja wara nżul ix-xemx daqskemm bi nhar bħalma raw is-snin l-imgħoddija.

Hemm ħwejjeġ oħra. In-nies li ħasbu jwelldu l-"Għaqda" fis-snin 1920 ma kellhomx għajr iħarsu lejn il-Belt meta din kien għad kellha t-togħma tal-ħajja fl-aqwa tagħha. Mhux biss ħadd ma newlilhom daqqa ta' id talli,

jeħteġilna niftakru, sabu ruħhom fl-eqqel tat-tiswir tal-Kwistjoni tal-Lingwa li fi żmienha firdet u ħakmet lil Malta. Kellhom jistrieħu fuqhom infushom. Ried ikollhom xi mkien fejn ideffsu rashom. U jekk dal-ħsieb għadu jagħfas sal-lum fuq min jitwebbel irawwem xi tqanqila kulturali, aħseb u ara fis-snin 1921 meta Malta kienet għaddejja minn żmien ta' taqlib politiku-kulturali bis-sħanat liema bħalhom tal-Kwistjoni tal-Lingwa, u li ma qatgħetx għal kollox sa ma l-mixja ta' l-istorja qatgħet il-verdett tagħha fl-1964 meta l-politiċi Maltin waslu għall-Kostituzzjoni ta' Malta Indipendenti.

Għalkemm kien hemm politiċi għajnejhom fuq il-"Għaqda", kemm Ġużè Muscat-Azzopardi u kemm Dun Karm Psaila li ħa r-riedni warajh, qagħdu b'seba' għajnejn li ma jinbarmux mill-għawġ politiku huma u jmexxu l-"Għaqda", imqar jekk ta' l-ewwel kien ta' xeħta battaljier u t-tieni kien jistabar u jaħrab jeħodha wiċċ imb'wiċċ ma' min jinbxu.

Matul daż-żmien ħadmu minn qalbhom u ħabbew il-"Għaqda" kemm Franġisk Saver Caruana u kemm Ninu Cremona. Qdew ta' żewġ forċini mill-isħeħ, imqar jekk it-tilwim politiku ħabat jifxilhom xi daqqiet għal dik li għandha tkun l-aħjar strateġija b'riżq il-Malti.

Hekk kif il-gwerra ta' l-1939/45 għamlet tagħha, Malta għaddiet minn taqliba sħiħa. Dak li huwa Malti sab aktar min iwieżnu u jerfgħu 'l fuq. Iżda l-imseħbin ta' l-"Għaqda" xorta waħda kellhom jaqdfu għal rashom, ukoll jekk l-awtoritajiet tal-Gvern flimkien ma' l-aqwa ilħna tal-gazzetti Maltin bdew jidfnu l-Kwistjoni tal-Lingwa.

Dun Karm laħaq kiber u reħa t-tmexxija f'idejn it-tabib Ġużè Galea li wera ruħu l-bniedem ideali ta' żmienu sabiex jieħu fuq spallejh it-tmexxija. Miegħu xxierek Ninu Cremona bħalma kien għamel sa mit-twelid ta' l-Għaqda u kull tliet xhur issuktaw joħorġu l-qari *Il-Malti.* Dawn iż-żewġ irġiel kienu l-pern ta' żmienhom, ukoll jekk ħaddieħor għen.

Wieħed irid jiftakar li mas-snin 1940 feġġ iż-żmien meta l-Prof. Ġużè Aquilina wkoll beda jħalli d-diwi tiegħu kemm fl-Università Rjali ta' Malta, kemm bil-kitba tiegħu bil-Malti u bl-Ingliż, u kemm bit-taħditiet tiegħu kulturali hawn u hinn: f'kelma, il-Prof. Aquilina ried li l-Professur tal-Malti jorbot ruħu mal-ħajja kontemporanja Maltija. Għażel idawwar ħarstu lejn it-tabib Ġużè Galea u Ninu Cremona sabiex dawn jagħtu sehemhom fl-eżami tal-matrikola tal-Malti. Inħoloq trijumvirat li fassal triq li maż-żmien indrat u bdiet tagħti frott tajjeb, aktar u aktar li Ninu Cremona kien il-ħin kollu jorqom dak li bena bħala grammatika għall-Malti u t-tabib Ġużè Galea baqa' ħawtiel fis-sura ta' rumanzi-storiċi mogħnija b'kelma Maltija tajba.

Fi kliem ieħor, il-Għaqda daħlet fi żmien li fih issaħħet fil-kwiet, ukoll jekk inqala' min raha bħala xi għaqda magħluqa fiha nfisha. Iż-żmien kien li ladarba kollox kien miexi sew, mela ma hemmx ħtieġa ta' tibdil. Meta ġie t-tibdil, għax inqala' min malli feġġew is-snin sittin (żmien l-Indipendenza) beda jqis l-ewwel u l-aqwa post jistħoqq lilu nnifsu u mhux lil dawk li għalih żmienhom qieshom li kien għadda u mar! Bdiet tranja oħra li l-istorja għad trid tgħid tagħha fuq dak li ġara warajhom.

Sa ma l-Għaqda rnexxielha ssib kenn ġewwa Palazzo Carafa, il-Belt, kellha l-wens tad-dar ta' *L'Unione Cattolica San Giuseppe* li wkoll qdiet għall-Empire Press fi Strada San Paolo, il-Belt. Malli feġġet it-Tieni Gwerra beda l-gwaj tat-tħarbit fil-ħajja f'Malta. Ħteġilhom jaraw fejn imiddu rashom, u l-kunsill (il-kumitat amministratur) għamel laqgħat fil-Belt, Santa Venera u l-Furjana!

Ix-xewqa li l-Għaqda jkollha fejn tmidd rasha baqgħet ewlenija fi ħsieb l-imseħbin. Sa fl-aħħar il-Għaqda sabet l-ewwel dar tagħha fin-numru 10b, Triq l-Iskoċċiżi, illum nafuha Triq M.A. Vassalli, u li sa fejn nista' niftakar kienet tiġi max-xellug int u tħares 'l isfel minn salib it-toroq Triq M.A. Vassalli u Triq Nofs in-Nhar. L-ewwel laqgħa hinn saret is-Sibt, 17 ta' Frar 1951. Ta' min jgħid li wkoll sa żmien wara t-Tieni Gwerra, in-nies fil-Belt baqgħet tirreferi għat-triqat bl-isem bit-Taljan għax hekk drat tafhom matul snin sħaħ. L-aħħar laqgħa fid-dar li kienet tal-proprjetarji tal-Lukanda Osborne (Triq Nofs in-Nhar) saret il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju 1961 fis-6.00pm.

Ġara li ħin bla waqt ħteġilhom jaraw x'jagħmlu għax is-sid kien jeħtieġ il-post. Fl-aħħar laqgħa tad-9 ta' Ġunju 1961 it-tabib Ġużè Galea ħabbar li sabu kenn f'Palazzo Carafa, il-Belt, b'kera ta' tletin lira sterlina fis-sena, u "li setgħu jservu mqar sakemm jinstab lokal ieħor b'bieb ta' barra għalih." Il-kunsill iltaqa' f'Palazzo Carafa għall-ewwel darba fil-5 ta' Novembru 1961.

Għalkem fl-aħħar snin inqala' min qal, b'xeħta ta' tmaqdir, li d-"dar" ta' l-Għaqda tokkupa l-kmamar tal-"bidello" ta' meta Palazzo Carafa qeda bħala sede ta' l-Iskola Umberto Primo, jeħtieġ niftakru li kien bil-għaqal ta' nies ta' żmien il-Prof. Ġużè Galea li l-Għaqda sabet fejn tmidd rasha u dan bi ħlas fis-sena ta' Lm 30. Irridu niftakru li l-Għaqda Letterarja Maltija, is-Soċjetà ta' l-Istorja ta' Malta (Malta Historical Society) u oħrajn bħas-Soċjetà Maltija tal-Folklor (Malta Folklore Society) għadhom mingħajr "dar" tagħhom.

Meta l-Għaqda sabet kenn ġewwa Palazzo Carafa, kienet ġrajja li wieħed iqisha ta' ġid. Palazzo Carafa ta' wara l-gwerra kien fih il-ħajja kemm għax kien jilqa' fih uffiċċji ta' ħidma ta' ġid mill-Knisja Kattolika Maltija, bħal dawk ta'

Caritas u l-Kummissjoni Emigranti, u kemm bħala sede ta' l-Azzjoni Kattolika li baqgħet iżżomm l-isem tradizzjonali bit-Taljan "Gioventù Cattolica" ta' qabel il-gwerra. Il-għadd ta' żgħażagħ u rġiel kien imdaqqas sew għax il-Belt ma bdietx issofri bil-kbir it-tluq ta' nies, negozji, rappreżentanti kummerċjali, għeluq ta' ħwienet u, min jista' u jrid, erħilu jfittex il-ġdid u l-wisa' barra mill-Belt. U waqgħet il-għafja tal-mewt fuq il-Belt hekk kif il-flotta Ingliża bdiet ftit ftit titlaq minn Malta.

Kemm dam president il-Prof. Ġużè Galea, id-"dar" ta' l-Għaqda kienet tkun nadifa xummiema, kif ukoll il-qari *Il-Malti* kien dejjem miżmum bil-galbu kollu f'pakketti jew fuq xkafef jew f'librerija. Meta kien meħtieġ, ġieli għint "lill-Profs" li, għalkemm Kap ta' Dipartiment tal-Gvern, ma kienx isibha bi tqila jmidd idejh ħalli *Il-Malti* jkun miżmum kif jixraq.

Sa ma baqa' president il-Prof. Galea, id-"dar" ġewwa Palazzo Carafa kienet fl-aqwa tagħha għax il-bqija ta' Palazzo Carafa bħala sede ta' l-Azzjoni Kattolika kien beda jwennes il-Kummissjoni Emigranti u Caritas Malta (sa ma ta' l-ewwel ħarġet għax bniet Dar l-Emigranti ħdejn il-Barrakka ta' Fuq, u Caritas Malta ġarret għall-Kurja Arċiveskovili, Casa Madonna di Manresa, il-Furjana), kif ukoll billi l-Belt kien għad kellha għadd ġmielu ta' tfal, żgħażagħ u rġiel bħala membri ta' l-Azzjoni Kattolika (Gioventù Cattolica) għall-Belt. Barra tagħlim Nisrani kien hemm nies ħabrieka bħal Dun Salv Laspina (f'ħajtu għallem l-Istorja fil-Liċeo, il-Belt) li mhux biss kien jixxiegħel iħeġġeġ attivitajiet soċjo-kulturali f'Palazzo Carafa fejn kien hemm sala mgħammra b'palk u taqdi wkoll ta' ċinema, talli kien magħruf sew għall-gwida morali ta' films li jidħlu Malta fis-swali pubbliċi.

Kien żmien ta' ħidma sfiqa ġewwa Palazzo Carafa. Iżda ż-żmien jgħaddi u jbiddel xturu. Il-Belt bdiet ftit ftit titmewwet hekk kif in-nies bdiet tagħżel tgħammar barra mis-swar. Raqad il-Port il-Kbir u tbattal Marsamxett. Dan ġab miegħu tranja. Palazzo Carafa wkoll naqqas mill-ilħna ferrieħa ta' tfal u żgħażagħ, għalkemm baqgħu xi nies ħawtiela jaraw kif jiġbru madwarhom tfal u żgħażagħ għat-tagħlim Nisrani. Is-Sur Joe Tonna baqa' sal-lum ixerred il-kelma Nisranija mal-Belt u barra minnha billi jsawwar kotba ta' sura reliġjuża. B'hekk dak li xxettel il-bieraħ jgħix illum f'sura "moderna". Miegħu jixraq jiżdied isem Michael Zammit li taha jikteb kull ġimgħa ħannieqa ħsibijiet qsar u jolqtuk sabiex bihom iressaq il-qarrej tal-gazzetta *Leħen is-Sewwa* jifhem xeħtiet ta' tagħlim Nisrani.

Il-Prof. tabib Ġużè Galea fl-24 ta' Frar 1974 għarraf lil-Laqgħa Ġenerali ta' l-Għaqda/Akkademja li kien wasal iż-żmien li jċedi s-siġġu wara 35 sena

jżommu. Għalkemm huwa reħa l-presidenza minn idejh, baqa' jattendi kemm jista' jkun regolarment il-laqgħat tal-kunsill u li ġieli kienu jdewmu sa qrib it-8.00pm. Ġieli kien ikun ma jiflaħx u ma jattendix. Għal-laqgħa tal-kunsill tat-Tnejn 20 ta' Marzu 1978 il-"Profs" tniżżel bħala marid. Huwa ħalla dil-ħajja fil-Għid il-Kbir, 26 ta' Marzu 1978. Min kien jafu sewwa, bkieh.

Wara Ġużè Chetcuti, Godfrey Zarb Adami qeda bħala segretarju onorarju għal snin twal. Bejnu u bejn il-Prof. tabib Galea twieldet rabta ta' wieħed jifhem lill-ieħor. Għal qrib April 1972 is-Sur Zarb Adami beda jħossu ma jiflaħx. Meta għadda għall-aħjar qeda għal xi żmien bħala membru fil-kunsill ta' l-Akkademja. Kiteb tagħrif dwar l-istorja ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u li stampah il-Moviment Azzjoni Soċjali, Valletta, bħala pubblikazzjoni tagħhom. Miet fl-1984.

Il-persuna l-oħra, Antonio Cremona, magħruf popolarment bħala "s-Sur Nin", u li kien ilu marbut ma' l-Għaqda/Akkademja sa mit-twelid tagħha, ħadem minn qalbu u bla hedu b'riżq l-Għaqda/Akkademja kif jixhed sew il-qari *Il-Malti* sa mill-bidu tiegħu. Fil-laqgħa tat-18 ta' Mejju 1969 il-kunsill ta' l-Akkademja tkellem dwar li "s-Sur Nin" wasal biex jagħlaq 89 sena u kien jinsab Għawdex. F'Settembru huwa wera x-xewqa li jħalli minn Viċi-President. F'Novembru 1969 ħatruh unanimament President Onorarju ta' l-Akkademja. Il-bidu tas-sena 1972 xehdet il-mewt tiegħu.

Bdiet tintemm storja episodika ta' nies li ħadmu annuna flimkien għal ideal lingwistiku-kulturali li l-istorja maż-żmien għarfet u wettqet. It-trijumvirat li jixhed il-qari *Il-Malti* għal għexieren ta' snin ħalla trijonf ta' wirt karatterizzat minn mixja serja, ordinata, determinata u patrijottika li bħalha u daqsha ma deherx warajhom, minkejja li t-tlieta li kienu, flimkien ma' oħrajn, iltaqgħu u ħadmu mingħajr ħsieb li jitħallsu għax-xogħol li taw lill-pajjiż.

Wara l-Prof. tabib Ġużè Galea, l-avukat Wallace Ph. Gulia ħa r-riedni f'idejh. Meta niftakru li, apparagun kmieni f'ħajtu ħakmitu marda tal-qalb li mewtitlu nofs il-korp tal-persuna tiegħu u ġagħlitu jistrieħ fuq bastun fil-mixi, u li baqa' jissielet mal-ħajja ta' kull jum kemm bħala Avukat tar-Repubblika u kemm meta laħaq Imħallef kif ukoll meta temm dan l-inkarigu, għandna għax tabilħaqq nammirawh. Għen l-Akkademja u soċjetajiet benefiċjarji mill-aħjar li sata' u xi daqqiet wisq aqwa minn dak li jitlob id-dmir.

Il-ħajja ġewwa l-Belt u Palazzo Carafa fi Triq il-Fran, kif ukoll ma' Malta kollha, bdiet titbiddel. Fehmiet ġodda xxettlu u nisslu tqanqiliet ġodda. Il-ħajja ma baqgħetx li kienet. L-istorja ħadet xejra magħżula wisq minn dik ta' qabel.

Wara l-avukat Wallace Ph. Gulia laħqu oħrajn. L-istorja għad trid tgħid tagħha għal meta reħa t-tmexxija l-avukat Gulia.

Ġewwa Palazzo Carafa baqgħu biss it-tifkiriet l-imgħoddija ta' meta l-ħajja kienet ta' binja oħra: ta' meta l-membri tal-kunsill kienu jmorru l-laqgħat lebsin formalment il-ġlekk matul is-sena kollha, kelma jqisuha tajjeb qabel ilissnuha u kull min inħatar sabiex jgħin fit-tmexxija ta' l-Għaqda/Akkademja jixraqlu r-rispett ta' ħaddieħor u li huwa wkoll irid juri rispett u sens ta' responsabbiltà lejn l-imseħbin bl-aqwa u l-aħjar imġiba personali. Dawn it-tifkiriet jgħixu bħal meta t-tabib Galea laqagħni tajjeb u mill-aħjar fl-uffiċċju tiegħu bħala t-Tabib Ewlieni tal-Gvern, Kap ta' Dipartiment, f'dik il-għodwa tas-Sibt meta tarraftlu kellux il-pjaċir jagħmilha ta' xhud għalija fiż-żwieġ tiegħi f'Diċembru 1958 u li kien qiegħed joqrob. Il-ġrajjiet għaddew: it-tifkiriet għadhom ħajjin.

# il-malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Michael **Spagnol** Olvin
Godfrey **Wettinger** Wi
**Zammit** Anton **Agius Mu**
Marco **Galea** David **A**
**Muscat** Mario **Cassar** C
**Friggieri** Sergio **Gr**
Adrian **Grima** Imma
**Mifsud** Peter **Serra**
**Inglott** Dorothy **Sc**


Michael **Spagnol** Olvin
Godfrey **Wettinger** Wi
**Zammit** Anton **Agius Mu**
Marco **Galea** David **A**
**Muscat** Mario **Cassar** C
**Friggieri** Sergio **Gr**
Adrian **Grima** Imma
**Mifsud** Peter **Serra**
**Inglott** Dorothy **Sc**
Michael **Spagnol** Olvin
Godfrey **Wettinger** Wi
**Zammit** Anton **Agius Mu**
Marco **Galea** David **A**
**Muscat** Mario **Cassar** C
**Friggieri** Sergio **Gr**
Adrian **Grima** Imma
**Mifsud** Peter **Serra**
**Inglott** Dorothy **Sc**
Michael **Spagnol** Olvin
Godfrey **Wettinger** Wi
**Zammit** Anton **Agius Mu**
Marco **Galea** David **A**
**Muscat** Mario **Cassar** C




*Lil Hinn*
*mixed media* fuq l-injam, 2003, 95 x 60ċm
Joseph L. Mallia


ISBN 978-99932-7-178-9

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI